Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2025/2239(INI)

15.12.2025

EMENDI
1 - 763

Abbozz ta' rapport
Konstantinos Arvanitis
(PE779.664v01-00)

Ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt 2025 – rapport annwali 2025
(2025/2239(INI))

Emenda 1
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari ***l-Artikolu 2, l-Artikolu 3(1), l-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 4(3) u*** l-Artikoli ***5, 6, 7, 11, 19*** u 49 tiegħu,	— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), ***u*** b'mod partikolari l-Artikoli ***2, 4, 5, 7*** u 49 tiegħu,

Or. sk

Emenda 2
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari ***l-artikoli tiegħu rigward ir-rispett u l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-Unjoni, inklużi*** l-Artikoli ***70,*** 258, 259, 260, 263, 265 u 267,	— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), b'mod partikolari l-Artikoli 258, 259, 260, 263, 265 u 267 ***tiegħu***,

Or. sk

Emenda 3
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea	— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni

(il-Karta),	Ewropea***, b'mod partikolari l-Artikolu 51 tagħha***,

Or. sk

Emenda 4
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	— wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 30 dwar l-applikazzjoni limitata tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali għall-Polonja u għar-Renju Unit (il-"Protokoll tar-Renju Unit"),

Or. pl

Emenda 5
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viża[2] (ir-Regolament	***imħassar***

dwar Dispożizzjonijiet Komuni),

---

[2] ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj.

Or. sk

Emenda 6
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[3] (Regolament Finanzjarju), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tiegħu,	***imħassar***

---

[3] ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

Or. en

Emenda 7
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[3] (Regolament Finanzjarju), u	***imħassar***

b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tiegħu,

---

[3] ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

Or. sk

Emenda 8
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014[4],	***imħassar***

---

[4] ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/692/oj.

Or. sk

Emenda 9
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-pakkett ta' proposti tal-Kummissjoni għal Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034,	***imħassar***

Or. sk

Emenda 10
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 10a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Istatus tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali (Il-Prinċipji ta' Pariġi), adottati bir-riżoluzzjoni 48/134 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-20 ta' Diċembru 1993,

Or. en

Emenda 11
Nicolas Bay, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-istrumenti tan-NU dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, bħad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (CERD), il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD), id-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni li jagħmlu parti minn Minoranzi Nazzjonali, Etniċi, Reliġjuż u Lingwistiċi, ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Forum tan-NU dwar il-Kwistjonijiet tal-Minoranzi, u	***imħassar***

r-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tal-Eżami Perjodiku Universali tan-NU, kif ukoll il-ġurisprudenza tal-korpi tat-trattati tan-NU u l-proċeduri speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU,

Or. en

Emenda 12
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-istrumenti tan-NU dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, bħad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (CERD), il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD), id-Dikjarazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni li jagħmlu parti minn Minoranzi Nazzjonali, Etniċi, Reliġjużi u Lingwistiċi, ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Forum tan-NU dwar il-Kwistjonijiet tal-Minoranzi, u r-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tal-Eżami Perjodiku Universali tan-NU, kif ukoll il-ġurisprudenza tal-korpi tat-trattati tan-NU u l-proċeduri speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU,	***imħassar***

Or. sk

Emenda 13

Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB), il-Karta Soċjali Ewropea, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) u l-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u l-konvenzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, ir-riżoluzzjonijiet, l-opinjonijiet u r-rapporti tal-Assemblea Parlamentari, tal-Kumitat tal-Ministri, tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza, tal-Kumitat ta' Tmexxija dwar il-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni u dwar id-Diversità u l-Inklużjoni, tal-Kummissjoni ta' Venezja u ta' korpi oħra tal-Kunsill tal-Ewropa,	***imħassar***

Or. en

Emenda 14
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB), il-Karta Soċjali Ewropea, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) u l-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u l-konvenzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, ir-riżoluzzjonijiet, l-opinjonijiet u r-rapporti tal-Assemblea Parlamentari, tal-Kumitat tal-Ministri,	***imħassar***

tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza, tal-Kumitat ta' Tmexxija dwar il-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni u dwar id-Diversità u l-Inklużjoni, tal-Kummissjoni ta' Venezja u ta' korpi oħra tal-Kunsill tal-Ewropa,

Or. sk

Emenda 15
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB), il-Karta Soċjali Ewropea, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) u l-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u l-konvenzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, ir-riżoluzzjonijiet, l-opinjonijiet u r-rapporti tal-Assemblea Parlamentari, tal-Kumitat tal-Ministri, tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem, ***tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza, tal-Kumitat ta' Tmexxija dwar il-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni u dwar id-Diversità u l-Inklużjoni,*** tal-Kummissjoni ta' Venezja u ta' korpi oħra tal-Kunsill tal-Ewropa,	— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB), il-Karta Soċjali Ewropea, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) u l-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u l-konvenzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, ir-riżoluzzjonijiet, l-opinjonijiet u r-rapporti tal-Assemblea Parlamentari, tal-Kumitat tal-Ministri, tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-Kummissjoni ta' Venezja u ta' korpi oħra tal-Kunsill tal-Ewropa,

Or. fi

Emenda 16
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika,	***imħassar***

Or. sk

Emenda 17
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji u l-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali tal-Kunsill tal-Ewropa,	***imħassar***

Or. sk

Emenda 18
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-memorandum ta' qbil bejn il-Kunsill tal-Ewropa u l-Unjoni Ewropea tat-23 ta' Mejju 2007 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2024 dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa fl-2025-2026,	***imħassar***

Or. sk

Emenda 19
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2017 għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-determinazzjoni ta' riskju ċar ta' ksur gravi tal-istat tad-dritt mir-Repubblika tal-Polonja (COM(2017)0835), maħruġa f'konformità mal-Artikolu 7(1) tat-TUE,	***imħassar***

Or. en

Emenda 20
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2017 għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-determinazzjoni ta' riskju ċar ta' ksur gravi tal-istat tad-dritt mir-Repubblika tal-Polonja (COM(2017)0835), maħruġa f'konformità mal-Artikolu 7(1) tat-TUE,	***imħassar***

Or. en

Emenda 21
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2017 għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-determinazzjoni ta' riskju ċar ta' ksur gravi tal-istat tad-dritt mir-Repubblika tal-Polonja (COM(2017)0835), maħruġa f'konformità mal-Artikolu 7(1) tat-TUE,	***imħassar***

Or. pl

Emenda 22
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali[5],	***imħassar***

[5] ĠU C 215, 19.6.2018, p. 162.

Or. en

Emenda 23
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-	***imħassar***

UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali[5]*,*

[5] *ĠU C 215, 19.6.2018, p. 162.*

Or. fi

Emenda 24
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport interim tat-13 ta' Novembru 2025 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni (C9-0000/2022 – 2018/0902R(NLE)), li jisħaq li, għalkemm is-sett ta' għodod tal-Unjoni biex tiddefendi l-valuri tagħha ġie estiż b'mod sinifikanti, l-effettività tiegħu tibbaża fuq applikazzjoni koerenti u konsistenti fl-istituzzjonijiet kollha, u jappella għall-istabbiliment ta' Semestru Ewropew tal-Istat tad-Dritt bi stadji importanti fissi u involviment istituzzjonali attiv, imfassal biex jiġi estiż progressivament għall-valuri kollha minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u bbażat fuq indikaturi oġġettivi, li jiżgura li kwalunkwe sejba ta' tħassib twassal għal konsegwenzi reali b'mod simili għall-mekkaniżmu tas-Semestru Ewropew,

Or. en

Emenda 25

Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 17a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali, [6a]
	[6a] ĠU L 65, 11.3.2016, pp. 1, http://data.europa.eu/eli/dir/2016/343/oj.

Or. en

Emenda 26
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2018 dwar il-protezzjoni u n-nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-minoranzi fl-Istati Membri tal-UE[6],	***imħassar***
[6] ĠU C 463, 21.12.2018, p. 21.	

Or. en

Emenda 27
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2018 dwar il-protezzjoni u n-nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-minoranzi fl-Istati Membri tal-UE[6],	***imħassar***

[6] ĠU C 463, 21.12.2018, p. 21.

Or. fi

Emenda 28
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2018 dwar il-protezzjoni u n-nondiskriminazzjoni fir-rigward tal-minoranzi fl-Istati Membri tal-UE[6],	***imħassar***

6 ĠU C 463, 21.12.2018, p. 21.

Or. sk

Emenda 29
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Marzu 2018 dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex jiġi attivat l-Artikolu 7(1) tat-TUE minħabba s-sitwazzjoni fil-Polonja[7],	***imħassar***

[7] ĠU C 129, 5.4.2019, p. 13.

Or. en

Emenda 30
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Marzu 2018 dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex jiġi attivat l-Artikolu 7(1) tat-TUE minħabba s-sitwazzjoni fil-Polonja[7],	***imħassar***

[7] ĠU C 129, 5.4.2019, p. 13.

Or. en

Emenda 31
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Marzu 2018 dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex jiġi attivat l-Artikolu 7(1) tat-TUE minħabba s-sitwazzjoni fil-Polonja[7],	***imħassar***

[7] ĠU C 129, 5.4.2019, p. 13.

Or. pl

Emenda 32
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' April 2018 dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit Strument għall-Valuri Ewropej biex jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu l-valuri fundamentali fl-Unjoni Ewropea fil-livell lokali u nazzjonali[8],	***imħassar***

[8] ĠU C 390, 18.11.2019, p. 117.

Or. fi

Emenda 33
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' April 2018 dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit Strument għall-Valuri Ewropej biex jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu l-valuri fundamentali fl-Unjoni Ewropea fil-livell lokali u	***imħassar***

nazzjonali[8],

[8] ĠU C 390, 18.11.2019, p. 117.

Or. en

Emenda 34
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' April 2018 dwar il-ħtieġa li jiġi stabbilit Strument għall-Valuri Ewropej biex jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu l-valuri fundamentali fl-Unjoni Ewropea fil-livell lokali u nazzjonali[8],	***imħassar***

8 ĠU C 390, 18.11.2019, p. 117.

Or. sk

Emenda 35
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2018 dwar proposta li titlob lill-Kunsill jiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni[9],	***imħassar***

[9] ĠU C 433, 23.12.2019, p. 66.

Or. en

Emenda 36
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2018 dwar proposta li titlob lill-Kunsill jiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni[9] ,	***imħassar***

[9] ĠU C 433, 23.12.2019, p. 66.

Or. en

Emenda 37
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Novembru 2018 dwar standards minimi għall-minoranzi fl-UE[10],	***imħassar***

[10] ĠU C 363, 28.10.2020, p. 13.

Or. fi

Emenda 38
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Novembru 2018 dwar standards minimi għall-minoranzi fl-UE[10],	***imħassar***

[10] ĠU C 363, 28.10.2020, p. 13.

Or. en

Emenda 39
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Novembru 2018 dwar standards minimi għall-minoranzi fl-UE[10],	***imħassar***

10 ĠU C 363, 28.10.2020, p. 13.

Or. sk

Emenda 40
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2018 dwar il-ħtieġa ta' mekkaniżmu komprensiv tal-UE għall-protezzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali[11],	***imħassar***

[11] ĠU C 363, 28.10.2020, p. 45.

Or. en

Emenda 41
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni ppubblikati fis-17 ta' Lulju 2019, bit-titolu "It-tisħiħ tal-istat tad-dritt fl-Unjoni – Pjan ta' azzjoni" (COM(2019) 343 final), u fit-3 ta' April 2019, "It-tisħiħ ulterjuri tal-Istat tad-Dritt fi ħdan l-Unjoni – Is-sitwazzjoni bħalissa u l-passi li jmiss li jistgħu jittieħdu" (COM(2019) 163 final),

Or. en

Emenda 42
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu tal-UE dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali[12],	***imħassar***

[12] ĠU C 395, 29.9.2021, p. 2.

Or. en

Emenda 43
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu tal-UE dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali[12],	***imħassar***

[12] ĠU C 395, 29.9.2021, p. 2.

Or. en

Emenda 44
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-Bulgarija[13],	***imħassar***

[13] ĠU C 395, 29.9.2021, p. 63.

Or. en

Emenda 45
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský, Emil Radev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-Bulgarija[13],	***imħassar***

[13] ĠU C 395, 29.9.2021, p. 63.

Or. en

Emenda 46
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 26a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità),

Or. en

Emenda 47

Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 26b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni),

Or. en

Emenda 48
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Minority SafePack – miljun firma għad-diversità fl-Ewropa"[15],	***imħassar***

[15] ĠU C 445, 29.10.2021, p. 70.

Or. en

Emenda 49
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Minority SafePack –miljun firma għad-diversità fl-Ewropa"[15],	***imħassar***

[15] ĠU C 445, 29.10.2021, p. 70.

Or. sk

Emenda 50
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 27a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014,

Or. en

Emenda 51

Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar is-sitwazzjoni tal-Istat tad-Dritt fl-Unjoni Ewropea u l-applikazzjoni tar-Regolament 2020/2092 (UE, Euratom) dwar il-Kundizzjonalità[16],	***imħassar***

[16] ĠU C 67, 8.2.2022, p. 86.

Or. en

Emenda 52
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar is-sitwazzjoni tal-Istat tad-Dritt fl-Unjoni Ewropea u l-applikazzjoni tar-Regolament 2020/2092 (UE, Euratom) dwar il-Kundizzjonalità[16],	***imħassar***

[16] ĠU C 67, 8.2.2022, p. 86.

Or. en

Emenda 53
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar ir-Rapport tal-2020 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt[17],	***imħassar***

[17] ĠU C 81, 18.2.2022, p. 27.

Or. en

Emenda 54
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2021 dwar it-tfassil ta' linji gwida għall-applikazzjoni tar-reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni[18],	***imħassar***

[18] ĠU C 99, 1.3.2022, p. 146.

Or. en

Emenda 55
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2021 dwar it-tfassil ta' linji gwida għall-applikazzjoni tar-reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni[18],	***imħassar***

[18] ĠU C 99, 1.3.2022, p. 146.

Or. en

Emenda 56
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-identifikazzjoni ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala qasam ġdid ta' kriminalità elenkat fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE[19],	***imħassar***

[19] ĠU C 117, 11.3.2022, p. 88.

Or. fi

Emenda 57
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-	***imħassar***

Kummissjoni dwar l-identifikazzjoni ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala qasam ġdid ta' kriminalità elenkat fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE[19],

[19] ĠU C 117, 11.3.2022, p. 88.

Or. en

Emenda 58
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-identifikazzjoni ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala qasam ġdid ta' kriminalità elenkat fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE[19],	***imħassar***

19 ĠU C 117, 11.3.2022, p. 88.

Or. sk

Emenda 59
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2021 bit-titolu "dwar it-tisħiħ tad-demokrazija u tal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja fl-UE: l-użu indebitu ta' azzjonijiet fl-ambitu tad-dritt ċivili u kriminali biex jissikktu l-	***imħassar***

ġurnalisti, l-NGOs u s-soċjetà ċivili”[20],

[20] ĠU C 205, 20.5.2022, p. 2.

Or. sk

Emenda 60
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta’ Marzu 2022 dwar l-ispazju jiċkien tas-soċjetà ċivili fl-Ewropa[22],	***imħassar***

[22] ĠU C 347, 9.9.2022, p. 2.

Or. sk

Emenda 61
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta’ Marzu 2022 dwar l-ispazju jiċkien tas-soċjetà ċivili fl-Ewropa[22],	***imħassar***

[22] ĠU C 347, 9.9.2022, p. 2.

Or. en

Emenda 62

Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2022 dwar l-ispazju jiċkien tas-soċjetà ċivili fl-Ewropa[22],	***imħassar***

[22] ĠU C 347, 9.9.2022, p. 2.

Or. en

Emenda 63
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2022 dwar l-ispazju jiċkien tas-soċjetà ċivili fl-Ewropa[22],	***imħassar***

[22] ĠU C 347, 9.9.2022, p. 2.

Or. en

Emenda 64
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2021 dwar il-proklamazzjoni tal-UE bħala Żona ta' Libertà LGBTIQ[24],	***imħassar***

[24] ĠU C 474, 24.11.2021, p. 140.

Or. en

Emenda 65
Milan Uhrík

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2021 dwar il-proklamazzjoni tal-UE bħala Żona ta' Libertà LGBTIQ[24],	***imħassar***

[24] ĠU C 474, 24.11.2021, p. 140.

Or. en

Emenda 66
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský, Emil Radev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2021 dwar il-proklamazzjoni tal-UE bħala Żona ta' Libertà LGBTIQ[24],	***imħassar***

[24] ĠU C 474, 24.11.2021, p. 140.

Or. en

Emenda 67
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2021 dwar il-proklamazzjoni tal-UE bħala Żona ta' Libertà LGBTIQ[24],	***imħassar***

[24] ĠU C 474, 24.11.2021, p. 140.

Or. sk

Emenda 68
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istat tad-dritt u l-approvazzjoni potenzjali tal-Pjan Nazzjonali ta' Rkupru (RRF) tal-Polonja[26],	***imħassar***

[26] ĠU C 493, 27.12.2022, p. 108.

Or. pl

Emenda 69
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istat tad-dritt u l-approvazzjoni potenzjali tal-Pjan Nazzjonali ta' Rkupru (RRF) tal-Polonja[26],	***imħassar***

[26] ĠU C 493, 27.12.2022, p. 108.

Or. en

Emenda 70
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-istat tad-dritt u l-approvazzjoni potenzjali tal-Pjan Nazzjonali ta' Rkupru (RRF) tal-Polonja[26],	***imħassar***

[26] ĠU C 493, 27.12.2022, p. 108.

Or. en

Emenda 71
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2022 dwar is-	***imħassar***

sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea fl-2020 u l-2021[27],

---

[27] ĠU C 125, 5.4.2023, p. 80.

Or. en

Emenda 72
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni[28],	***imħassar***

---

[28] ĠU C 125, 5.4.2023, p. 463.

Or. en

Emenda 73
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2022 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-	***imħassar***

eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni[28],

---

[28] ĠU C 125, 5.4.2023, p. 463.

Or. en

Emenda 74
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2022 dwar iż-żieda fir-reati ta' mibegħda kontra persuni LGBTIQ+ fl-Ewropa kollha fid-dawl tal-qtil omofobiku reċenti fis-Slovakkja[30],	***imħassar***

---

[30] ĠU C 149, 28.4.2023, p. 22.

Or. sk

Emenda 75
Milan Uhrík

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2022 dwar iż-żieda fir-reati ta' mibegħda kontra persuni LGBTIQ+ fl-Ewropa kollha fid-dawl tal-qtil omofobiku reċenti fis-Slovakkja[30],	***imħassar***

---

[30] ĠU C 149, 28.4.2023, p. 22.

Or. en

Emenda 76
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2022 dwar iż-żieda fir-reati ta' mibegħda kontra persuni LGBTIQ+ fl-Ewropa kollha fid-dawl tal-qtil omofobiku ***reċenti*** fis-Slovakkja[30],	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2022 dwar iż-żieda fir-reati ta' mibegħda kontra persuni LGBTIQ+ fl-Ewropa kollha fid-dawl tal-qtil omofobiku ***tal-istess sena*** fis-Slovakkja[30],
[30] ĠU C 149, 28.4.2023, p. 22.	[30] ĠU C 149, 28.4.2023, p. 22.

Or. en

Emenda 77
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Novembru 2022 dwar il-ġustizzja razzjali, in-nondiskriminazzjoni u l-ġlieda kontra r-razziżmu fl-UE[31],	***imħassar***
[31] ĠU C 161, 5.5.2023, p. 10.	

Or. fi

Emenda 78
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Novembru 2022 dwar il-ġustizzja razzjali, in-nondiskriminazzjoni u l-ġlieda kontra r-razziżmu fl-UE[31],	***imħassar***

[31] ĠU C 161, 5.5.2023, p. 10.

Or. en

Emenda 79
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Novembru 2022 dwar il-ġustizzja razzjali, in-nondiskriminazzjoni u l-ġlieda kontra r-razziżmu fl-UE[31],	***imħassar***

[31] ĠU C 161, 5.5.2023, p. 10.

Or. en

Emenda 80
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Novembru 2022 dwar il-valutazzjoni tal-konformità tal-Ungerija mal-kundizzjonijiet tal-istat tad-dritt skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità u s-sitwazzjoni attwali tal-RRP Ungeriż[32],	***imħassar***

[32] ĠU C 167, 11.5.2023, p. 74.

Or. en

Emenda 81
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Novembru 2022 dwar il-valutazzjoni tal-konformità tal-Ungerija mal-kundizzjonijiet tal-istat tad-dritt skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità u s-sitwazzjoni attwali tal-RRP Ungeriż[32],	***imħassar***

[32] ĠU C 167, 11.5.2023, p. 74.

Or. en

Emenda 82
Emma Rafowicz, Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Murielle Laurent, Hannes Heide, Chloé Ridel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 46a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Professjoni ta' Avukat (CETS Nru 226),

Or. en

Emenda 83
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský, Emil Radev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 47

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2024 dwar l-istat tad-dritt u l-libertà tal-media fil-Greċja[35],	***imħassar***

[35] ĠU C, C/2024/6334, 7.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6334/oj.

Or. en

Emenda 84
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-ksur tal-Istat tad-Dritt u tad-drittijiet fundamentali fl-Ungerija u l-fondi ffriżati tal-UE[38],	***imħassar***

[38] ĠU C, C/2023/1223, 21.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/1223/oj.

Or. en

Emenda 85
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 50

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-ksur tal-Istat tad-Dritt u tad-drittijiet fundamentali fl-Ungerija u l-fondi ffriżati tal-UE[38],	***imħassar***

[38] ĠU C, C/2023/1223, 21.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/1223/oj.

Or. en

Emenda 86
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 51

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat ta' Inkjesta għall-investigazzjoni tal-użu ta' Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti (PEGA) u r-rakkomandazzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2023 lill-Kunsill Ewropew u lill-Kummissjoni wara l-investigazzjoni ta' allegati kontravvenzjonijiet u amministrazzjoni ħażina fl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti[39],	***imħassar***

[39] ĠU C, C/2024/494, 23.1.2024, ELI:

http://data.europa.eu/eli/C/2024/494/oj.

Or. en

Emenda 87
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Lulju 2023 dwar il-liġi elettorali, il-kumitat investigattiv u l-istat tad-dritt fil-Polonja[40],	***imħassar***

[40] ĠU C, C/2024/3995, 17.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/3995/oj.

Or. en

Emenda 88
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Lulju 2023 dwar il-liġi elettorali, il-kumitat investigattiv u l-istat tad-dritt fil-Polonja[40],	***imħassar***

[40] ĠU C, C/2024/3995, 17.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/3995/oj.

Or. en

Emenda 89
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 52

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Lulju 2023 dwar il-liġi elettorali, il-kumitat investigattiv u l-istat tad-dritt fil-Polonja[40],	***imħassar***

[40] ĠU C, C/2025/3995, 17.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/3995/oj.

Or. pl

Emenda 90
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-6 ta' Diċembru 2023 bit-titolu "Ma hemmx post għall-mibegħda: Ewropa magħquda kontra l-mibegħda" (JOIN(2023)0051),	***imħassar***

Or. en

Emenda 91
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 54

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-6 ta' Diċembru 2023 bit-titolu "Ma hemmx post għall-mibegħda: Ewropa magħquda kontra l-mibegħda" (JOIN(2023)0051),	***imħassar***

Or. fi

Emenda 92
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2024 dwar l-estensjoni tal-lista ta' reati fl-UE għad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda[43],	***imħassar***
[43] ĠU C, C/2025/5733, 17.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5733/oj.	

Or. sk

Emenda 93
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2024 dwar l-estensjoni tal-lista ta' reati fl-UE għad-	***imħassar***

diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda[43],

43 ĠU C, C/2025/5733, 17.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5733/oj.

Or. fi

Emenda 94
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2024 dwar l-estensjoni tal-lista ta' reati fl-UE għad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda[43],	***imħassar***

43 ĠU C, C/2024/5733, 17.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5733/oj.

Or. en

Emenda 95
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 56

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2024 dwar l-estensjoni tal-lista ta' reati fl-UE għad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda[43],	***imħassar***

[43] ĠU C, C/2024/5733, 17.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5733/oj.

Or. en

Emenda 96
Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 56a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' April 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern u li temenda d-Direttiva 2010/13/UE (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media)[45a],
	[45a] ĠU L, 2024/1083, 17.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1083/oj

Or. en

Emenda 97
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2024 dwar is-seduti ta' smigħ li għaddejjin skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE rigward l-Ungerija biex jissaħħaħ l-istat tad-dritt u l-implikazzjonijiet baġitarji tiegħu[44],	***imħassar***

[44] ĠU C, C/2025/3705, 17.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3705/oj.

Or. en

Emenda 98
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Jadwiga Wiśniewska, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 57

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2024 dwar is-seduti ta' smigħ li għaddejjin skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE rigward l-Ungerija biex jissaħħaħ l-istat tad-dritt u l-implikazzjonijiet baġitarji tiegħu[44],	***imħassar***

[44] ĠU C, C/2025/3705, 17.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3705/oj.

Or. en

Emenda 99
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-konklużjoni tal-proċedura tal-Artikolu 7(1) tat-TUE fir-rigward tal-Polonja, kif imħabbar mill-Kummissjoni fid-29 ta' Mejju 2024, wara l-passi meħuda mill-Polonja biex terġa' tiġi rrispettata l-konformità mal-istandards tal-UE fejn jidħol l-istat tad-dritt,	***imħassar***

Or. pl

Emenda 100
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 58

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-konklużjoni tal-proċedura tal-Artikolu 7(1) tat-TUE fir-rigward tal-Polonja, kif imħabbar mill-Kummissjoni fid-29 ta' Mejju 2024, wara l-passi meħuda mill-Polonja biex terġa' tiġi rrispettata l-konformità mal-istandards tal-UE fejn jidħol l-istat tad-dritt,	***imħassar***

Or. en

Emenda 101
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 59

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 2262 (2019) tal-24 ta' Jannar 2019 tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-promozzjoni tad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi nazzjonali,	***imħassar***

Or. sk

Emenda 102
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 60a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Ewrobarometru ppubblikat f'Lulju 2024 li jindika li 72 % tal-Ewropej iqisu li l-Unjoni Ewropea tiżvolġi rwol importanti biex tgħin tiddefendi l-istat tad-dritt f'pajjiżhom, 89 % jemmnu li huwa importanti li l-Istati Membri kollha jirrispettaw il-valuri ewlenin tal-Unjoni, inkluż id-drittijiet fundamentali, l-istat tad-dritt u d-demokrazija, u 86 % iqisu li huwa essenzjali li l-media u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Istati Membri l-oħra kollha jkunu jistgħu joperaw liberament u mingħajr pressjoni, anke meta jkunu kritiċi, filwaqt li 53 % biss tal-Ewropej iħossuhom infurmati dwar l-istat tad-dritt,

Or. en

Emenda 103
Katarina Barley, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 62a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-istudji[1a] li sabu li s-sistemi ta' rakkomandazzjoni tal-pjattaformi tal-media soċjali joħolqu "kmamar tal-eku",
	[1a] Fabrizio Germano et al, "Ranking for Engagement: How Social Media Algorithms Fuel Misinformation and Polarization" (Klassifikazzjoni għall-Involviment: Kif l-Algoritmi tal-Media Soċjali Jalimentaw id-Diżinformazzjoni u l-Polarizzazzjoni) [2025] https://bw.bse.eu/wp-

content/uploads/2025/07/1501.pdf; Congli Zhang et al. "Polarization in social media" (Il-polarizzazzjoni fil-media soċjali) [2025] https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S0378437125001396

Or. en

Emenda 104
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Pina Picierno, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Katarina Barley, Murielle Laurent, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 62a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra s-sejbiet tal-aħħar stħarriġ tal-Ewrobarometru Flash bit-titolu "EU challenges and priorities" (L-isfidi u l-prijoritajiet tal-UE),[1a]
	[1a] https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/3380

Or. en

Emenda 105
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 63

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra r-rapporti ta' feedback, ir-rapporti ta' missjoni, il-mistoqsijiet bil-miktub u t-tweġibiet tal-Grupp ta' Monitoraġġ tad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali	***imħassar***

(DRFMG) tiegħu[45],

---

[45] Għall-attivitajiet kollha ta' monitoraġġ tad-DRFMG, ara: għall-aħħar mandat: https://www.europarl.europa.eu/committees/mt/libe-democracy-rule-of-law-and-fundament/product-details/20190103CDT02662, u għal dan it-terminu: https://www.europarl.europa.eu/committees/mt/working-group-democracy-rule-of-law-and-/product-details/20241205CDT13884.

Or. sk

Emenda 106
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 63a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta' Lulju 2025 għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss, li tikkonferma li r-rispett għall-istat tad-dritt għandu jibqa' mingħajr kundizzjonijiet, li r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità se jkompli jissalvagwardja l-baġit tal-UE kontra l-ksur tal-istat tad-dritt, u li l-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali se jinkludu salvagwardji addizzjonali biex jiżguraw il-konformità mal-prinċipji tal-istat tad-dritt u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,

Or. en

Emenda 107
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 63a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-preżentazzjoni mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) lill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest tat-tħejjija tar-Rapport Annwali tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt,

Or. en

Emenda 108
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Pina Picierno, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Katarina Barley, Murielle Laurent, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 63a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2024 u l-Pjan Direzzjonali tiegħu għall-ħidma futura dwar ir-riformi interni,[1a]
	[1a] https://www.consilium.europa.eu/media/qa3lblga/euco-conclusions-27062024-en.pdf

Or. en

Emenda 109
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 63b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	– wara li kkunsidra r-rapport tar-Rule of Law Clinic tas-CEU Democracy Institute bit-titolu "Rule of Law beyond the EU Member States: Assessing the Union's Performance 2025" (L-Istat tad-Dritt lil hinn mill-Istati Membri tal-UE: Valutazzjoni tal-Prestazzjoni tal-Unjoni fl-2025),

Or. en

Emenda 110
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 63c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tal-Professjoni ta' Avukat, li ġiet adottata fit-12 ta' Marzu 2025 u li nfetħet għall-iffirmar fit-13 ta' Mejju 2025,

Or. en

Emenda 111
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 64

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ottubru 2025 bit-titolu "Unjoni tal-Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030",	***imħassar***

Or. fi

Emenda 112
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 64

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ottubru 2025 bit-titolu "Unjoni tal-Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030",	***imħassar***

Or. en

Emenda 113
Milan Uhrík

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 64

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ottubru 2025 bit-titolu "Unjoni tal-Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030",	***imħassar***

Or. en

Emenda 114
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 64

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ottubru 2025 bit-titolu "Unjoni tal-Ugwaljanza: Strateġija dwar l-	***imħassar***

Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030”,

Or. sk

Emenda 115
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 64a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-2024 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, ippubblikat mill-Kummissjoni Ewropea fl-10 ta’ Ottubru 2024, li janalizza l-istat tad-drittijiet fundamentali madwar l-Unjoni u jenfasizza l-isfidi persistenti fil-protezzjoni effettiva tagħhom,

Or. en

Emenda 116
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 64b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-diskors tal-2025 dwar l-Istat tal-Unjoni tal-10 ta’ Settembru 2025, li afferma mill-ġdid li d-demokrazija u l-istat tad-dritt huma l-garanti tal-libertajiet fundamentali, enfasizza l-progress li sar fit-tisħiħ tal-għodod tal-infurzar u fl-istabbiliment ta’ ċiklu ġdid tal-istat tad-dritt immirat lejn l-identifikazzjoni bikrija u r-riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet permezz tal-impenn, u appella għal ċiklu annwali integrat b’ritmu komuni, stadji importanti u

	kontributi ċari mill-istituzzjonijiet kollha, kif ukoll għat-tisħiħ tar-rabta bejn il-fondi tal-UE u l-konformità mal-istat tad-dritt skont il-baġit fit-tul li jmiss, filwaqt li ddikjara li r-rispett għall-istat tad-dritt huwa kundizzjoni essenzjali għall-aċċess għall-fondi tal-UE kemm issa kif ukoll fil-futur,

Or. en

Emenda 117
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 65a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport interim tat-13 ta' Novembru 2025 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni (C9-0000/2022 – 2018/0902R(NLE)),

Or. en

Emenda 118
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 66

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-12 ta' Novembru	***imħassar***

2025 bit-titolu "It-Tarka Ewropea għad-Demokrazija: It-Tisħiħ ta' Demokraziji b'Saħħithom u Reżiljenti", (JOIN(2025)0791) u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2025 bit-titolu "Strateġija tal-UE għas-Soċjetà Ċivili" (COM(2025)0790),

Or. en

Emenda 119
Juan Fernando López Aguilar, Sophie Wilmès, Kristian Vigenin, Javier Moreno Sánchez, Elio Di Rupo, Matjaž Nemec, Alessandro Zan, Ana Catarina Mendes, Francisco Assis, Murielle Laurent, Katarina Barley, Sandro Ruotolo, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Pina Picierno, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 66a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-2 ta' April 2025 dwar Il-perspettiva lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea,[1a]
	[1a] https://cor.europa.eu/mt/hidmitna/opinjonijiet/cdr-3434-2024

Or. en

Emenda 120
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 69a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2025 dwar il-

proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni (2018/0902R(NLE)),

Or. en

Emenda 121
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 69b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-34 Rapport Ġenerali tal-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament u Pieni Inumani jew Degradanti (CPT) tal-Kunsill tal-Ewropa,

Or. en

Emenda 122
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 69c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-25 Rapport ta' Attività Ġenerali tal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) tal-Kunsill tal-Ewropa,

Or. en

Emenda 123
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 69d (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tal-2025 tal-RSF,

Or. en

Emenda 124
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 69e (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2025 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA),

Or. en

Emenda 125
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-UE hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, kif stipulati fl-Artikolu 2 tat-TUE u kif riflessi fil-Karta u minquxa fit-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; billi ***l-Karta hija parti mil-liġi primarja tal-UE; billi*** dawn il-valuri ***huma kondiviżi mill-Istati*** Membri ***kollha u għandhom jiġu***	A. billi l-UE hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, kif stipulati fl-Artikolu 2 tat-TUE u kif riflessi fil-Karta u minquxa fit-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; billi ***huwa importanti li*** dawn il-valuri ***jiġu difiżi fl-Ewropa; billi s-sovranità tal-Istati*** Membri ***għandha tiġi appoġġjata fl-oqsma ta'***

appoġġjati u promossi attivament mill-UE u minn kull Stat Membru b'mod individwali fil-politiki kollha ***tagħhom, kemm internament kif ukoll esternament b'mod konsistenti***; ***billi kwalunkwe mminar ta' dawn il-valuri joħloq theddida sistemika għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni li jgħixu fl-UE;***	***politika*** kollha;

Or. fi

Emenda 126
Juan Fernando López Aguilar, Sophie Wilmès, Kristian Vigenin, Javier Moreno Sánchez, Elio Di Rupo, Matjaž Nemec, Alessandro Zan, Ana Catarina Mendes, Francisco Assis, Sandro Ruotolo, Murielle Laurent, Katarina Barley, Emma Rafowicz, Chloé Ridel, Pina Picierno, Marco Tarquinio, Krzysztof Śmiszek, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-UE hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, kif stipulati fl-Artikolu 2 tat-TUE u kif riflessi fil-Karta u minquxa fit-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; billi l-Karta hija parti mil-liġi primarja tal-UE; billi dawn il-valuri huma kondiviżi mill-Istati Membri kollha u għandhom jiġu appoġġjati u promossi attivament mill-UE u minn kull Stat Membru b'mod individwali fil-politiki kollha tagħhom, kemm internament kif ukoll esternament b'mod konsistenti; billi kwalunkwe mminar ta' dawn il-valuri joħloq theddida sistemika għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni li jgħixu fl-UE;	A. billi l-UE hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, kif stipulati fl-Artikolu 2 tat-TUE u kif riflessi fil-Karta u minquxa fit-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; billi l-Karta hija parti mil-liġi primarja tal-UE; billi dawn il-valuri huma kondiviżi mill-Istati Membri kollha u għandhom jiġu appoġġjati u promossi attivament mill-UE u minn kull Stat Membru b'mod individwali fil-politiki kollha tagħhom, kemm internament kif ukoll esternament b'mod konsistenti; billi ***l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda rigress fil-protezzjoni tal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; billi*** kwalunkwe mminar ta' dawn il-valuri joħloq theddida sistemika għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni li jgħixu fl-UE;

Or. en

Emenda 127
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-UE hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi***, kif stipulati fl-Artikolu 2 tat-TUE u kif riflessi fil-Karta u minquxa*** fit-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; billi l-Karta hija parti mil-liġi primarja tal-UE; billi ***dawn il-valuri huma kondiviżi mill-Istati Membri kollha u għandhom jiġu appoġġjati u promossi attivament mill-UE u minn kull Stat Membru b'mod individwali fil-politiki kollha tagħhom, kemm internament kif ukoll esternament b'mod konsistenti; billi kwalunkwe mminar ta' dawn il-valuri joħloq*** theddida sistemika għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni li jgħixu fl-UE;	A. billi l-UE hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi **–** ***valuri li huma komuni għall-Istati Membri tal-UE u huma inkorporati*** fit-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; billi l-Karta hija parti mil-liġi primarja tal-UE; billi ***d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali huma valuri li jsaħħu lil xulxin u li, meta jiġu mminati, joħolqu*** theddida sistemika għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni li jgħixu fl-UE;

Or. en

Emenda 128
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-UE hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li	A. billi l-UE hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li

jagħmlu parti minn minoranzi, kif stipulati fl-Artikolu 2 tat-TUE ***u kif riflessi fil-Karta u minquxa fit-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem***; billi l-Karta hija parti mil-liġi primarja tal-UE; billi dawn il-valuri huma kondiviżi mill-Istati Membri kollha ***u għandhom jiġu appoġġjati u promossi attivament mill-UE u minn*** kull Stat Membru b'mod individwali ***fil-politiki kollha tagħhom, kemm internament kif ukoll esternament b'mod konsistenti***; billi ***kwalunkwe mminar ta' dawn il-valuri joħloq theddida sistemika għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni li jgħixu fl-UE***;	jagħmlu parti minn minoranzi, kif stipulati fl-Artikolu 2 tat-TUE; billi l-Karta hija parti mil-liġi primarja tal-UE ***u tapplika biss għall-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u ma tistax tintuża biex tivvaluta l-istat ġenerali tad-drittijiet fundamentali fl-Istati Membri***; billi dawn il-valuri huma kondiviżi mill-Istati Membri kollha ***, iżda billi r-realizzazzjoni, l-interpretazzjoni u l-infurzar tagħhom huma primarjament kwistjoni għall-ordni kostituzzjonali ta'*** kull Stat Membru b'mod individwali***, f'konformità mal-prinċipji ta' għoti u rispett għall-identitajiet nazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 4(2) tat-TUE***; billi ***l-Artikolu 2 tat-TUE ma jistabbilix kompetenza tal-UE li tippromwovi l-valuri fl-Istati Membri jew li tinterferixxi f'oqsma li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tagħhom***;
	Or. pl

Emenda 129
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-UE hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, kif stipulati fl-Artikolu 2 tat-TUE u kif riflessi fil-Karta u minquxa fit-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; billi l-Karta hija parti mil-liġi primarja tal-UE; billi dawn il-valuri huma kondiviżi mill-Istati Membri kollha u għandhom jiġu appoġġjati u promossi attivament mill-UE u minn kull Stat Membru b'mod individwali fil-politiki kollha tagħhom, kemm internament kif	A. billi l-UE hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, kif stipulati fl-Artikolu 2 tat-TUE u kif riflessi fil-Karta u minquxa fit-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; billi l-Karta hija parti mil-liġi primarja tal-UE; billi dawn il-valuri huma kondiviżi mill-Istati Membri kollha u għandhom jiġu appoġġjati u promossi attivament mill-UE u minn kull Stat Membru b'mod individwali fil-politiki kollha tagħhom, kemm internament kif

ukoll esternament b'mod konsistenti; billi kwalunkwe mminar ta' dawn il-valuri joħloq theddida sistemika għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni li jgħixu fl-UE;	ukoll esternament b'mod konsistenti***, oġġettiv u bbilanċjat, mingħajr applikazzjoni selettiva jew immotivata mill-aspett ideoloġiku***; billi kwalunkwe mminar ta' dawn il-valuri joħloq theddida sistemika għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni li jgħixu fl-UE;

Or. en

Emenda 130
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-UE hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, kif stipulati fl-Artikolu 2 tat-TUE u kif riflessi fil-Karta u minquxa fit-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; billi l-Karta hija parti mil-liġi primarja tal-UE***; billi dawn il-valuri huma kondiviżi mill-Istati*** Membri ***kollha u għandhom jiġu appoġġjati u promossi attivament mill-UE u minn kull Stat Membru b'mod individwali fil-politiki kollha tagħhom, kemm internament kif ukoll esternament b'mod konsistenti***; billi kwalunkwe ***mminar*** ta' dawn ***il-valuri joħloq*** theddida sistemika għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni li jgħixu fl-UE;	A. billi l-UE hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, kif stipulati fl-Artikolu 2 tat-TUE u kif riflessi fil-Karta u minquxa fit-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem; billi l-Karta hija parti mil-liġi primarja tal-UE ***u ija indirizzata lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni kif ukoll lill-Istati*** Membri ***biss meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni; billi ideat li ma għandhom l-ebda tradizzjoni fl-Ewropa qed jiġu imposti fuq l-Istati Membri bħala valuri komuni***; billi kwalunkwe ***reżistenza jew ċaħda*** ta' dawn ***l-ideat tiġi interpretata mill-proponenti tagħhom bħala*** theddida sistemika għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni li jgħixu fl-UE;

Or. sk

Emenda 131

Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi s-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni tirrifletti mhux biss l-isfidi relatati mal-valuri kondiviżi iżda wkoll kwistjonijiet li jikkonċernaw il-qafas istituzzjonali u kostituzzjonali ġenerali; billi r-Rapport tal-Kummissjoni tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt jidentifika kwistjonijiet strutturali li għaddejjin bħalissa f'ċerti sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri, oqfsa u ambjenti tal-media kontra l-korruzzjoni, li wħud minnhom hemm riskju li jsiru stabbiliti; billi istituzzjonijiet bħall-qrati, ir-regolaturi tal-media, il-media tas-servizz pubbliku u l-korpi tal-edukazzjoni għolja jistgħu f'ċerti ċirkostanzi jkunu vulnerabbli għal forom differenti ta' influwenza jew pressjoni istituzzjonali;

Or. en

Emenda 132
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Pina Picierno, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Katarina Barley, Murielle Laurent, Sandro Ruotolo, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-Artikolu 49 tat-TUE, li jipprovdi l-possibbiltà għal kwalunkwe stat Ewropew li japplika għal sħubija fl-Unjoni Ewropea, jagħmilha ċara li l-Unjoni hija magħmula minn stati li impenjaw ruħhom liberament u

volontarjament li jħarsu l-valuri komuni msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE, li jirrispettaw dawk il-valuri, u li jimpenjaw ruħhom li jippromwovuhom; billi, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-27 ta' Ġunju 2024, ir-riformi interni għandhom javvanzaw b'mod parallel mal-proċess ta' tkabbir sabiex jiġi żgurat li l-politiki tal-Unjoni jkunu adatti għall-futur;

Or. en

Emenda 133
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Pina Picierno, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Katarina Barley, Murielle Laurent, Sandro Ruotolo, Francisco Assis, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi l-adeżjoni mal-UE trid dejjem tkun proċedura bbażata fuq il-mertu li fiha ssir valutazzjoni ta' jekk applikant jissodisfax il-kriterji ta' Copenhagen, b'mod partikolari dawk li jiggarantixxu rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, għad-demokrazija u għall-istat tad-dritt, sabiex jiġi żgurat li t-tkabbir tal-UE jsaħħaħ aktar milli jdgħajjef lill-UE u lis-suq uniku tagħha;

Or. en

Emenda 134
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac. billi l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-kriterji ekonomiċi jikkostitwixxu l-"elementi fundamentali" tal-proċess ta' adeżjoni mal-UE, u jirriflettu l-valuri u l-prinċipji tal-Unjoni; billi riformi kredibbli u kisbiet irriversibbli f'dawn l-oqsma huma essenzjali biex tiġi żgurata l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi u t-tgawdija prattika tad-drittijiet fundamentali; billi l-konsolidazzjoni tal-progress f'dawn l-elementi fundamentali hija kruċjali għall-pajjiżi tat-tkabbir biex javvanzaw tul il-perkorsi rispettivi tagħhom għall-adeżjoni, kif issottolinjat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-2025 dwar il-politika tat-tkabbir tal-UE;

Or. en

Emenda 135
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-UE ma tistax tinjora d-dimensjonijiet soċjali u tad-drittijiet fundamentali li fuqhom inbniet; billi n-nuqqasijiet persistenti fil-protezzjoni tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali jridu jitqiesu bħala parti integrali mit-theddida sistemika għall-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 136
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Juan Fernando López Aguilar, Klára Dobrev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-UE ***ma tistax tinjora d-dimensjonijiet*** soċjali u tad-drittijiet fundamentali li fuqhom inbniet; billi n-nuqqasijiet persistenti fil-protezzjoni tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali ***jridu*** jitqiesu bħala parti integrali mit-theddida sistemika għall-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE;	B. billi l-UE ***tiddefendi u tipproteġi b'mod attiv id-dimensjonijiet*** soċjali u tad-drittijiet fundamentali li fuqhom inbniet; billi n-nuqqasijiet persistenti fil-protezzjoni tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali ***- inklużi, iżda mhux limitati għal pagi u pensjonijiet ġusti li jiggarantixxu l-għajxien, paga ugwali għall-irġiel u n-nisa, kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin għas-saħħa u sikuri, sigurtà soċjali u protezzjoni mill-Istat, aċċess ugwali għal edukazzjoni u kura tas-saħħa ta' kwalità, aċċess għal akkomodazzjoni adegwata u l-projbizzjoni ta' kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE - iridu*** jitqiesu bħala parti integrali mit-theddida sistemika għall-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE;

Or. en

Emenda 137
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-UE ma tistax tinjora d-dimensjonijiet soċjali u tad-drittijiet fundamentali li fuqhom inbniet; billi ***n-nuqqasijiet persistenti fil-protezzjoni tad-drittijiet*** ekonomiċi u soċjali ***jridu jitqiesu bħala parti integrali mit-theddida sistemika għall-valuri tal-Artikolu 2*** tat-	B. billi l-UE ma tistax tinjora d-dimensjonijiet soċjali u tad-drittijiet fundamentali li fuqhom inbniet; billi ***kwistjonijiet relatati mad-drittijiet*** ekonomiċi u soċjali ***huma primarjament ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u l-ordnijiet kostituzzjonali tagħhom; billi l-***

TUE;

valutazzjoni tal-politiki soċjali tal-Istati Membri ma tistax tiġi mqabbla mal-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE***, u lanqas ma tista' twassal għal espansjoni tal-kompetenzi tal-Unjoni lil hinn minn dak li huwa fdat lilha***;

Or. pl

Emenda 138
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-UE ma tistax tinjora d-dimensjonijiet ***soċjali u*** tad-drittijiet fundamentali li fuqhom inbniet; ***billi n-nuqqasijiet persistenti fil-protezzjoni tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali jridu jitqiesu bħala parti integrali mit-theddida sistemika għall-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE;***	B. billi***, fl-attivitajiet tagħha,*** l-UE ma tistax tinjora d-dimensjonijiet tad-drittijiet fundamentali li fuqhom inbniet;

Or. fi

Emenda 139
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi ***l-UE ma tistax tinjora d-dimensjonijiet soċjali u tad-drittijiet fundamentali*** li ***fuqhom inbniet; billi n-nuqqasijiet persistenti fil-protezzjoni tad-drittijiet ekonomiċi u*** soċjali ***jridu jitqiesu bħala parti integrali mit-theddida sistemika għall-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE***;	B. billi ***d-demokrazija, is-sigurtà u l-ekonomija tal-Ewropa jibbażaw fuq l-istat tad-dritt,*** li ***huwa l-pedament biex il-valuri tal-UE jissarrfu f'benefiċċji tanġibbli għaċ-ċittadini, li jrawmu l-istabbiltà, l-ugwaljanza, il-koeżjoni*** soċjali ***u l-kompetittività***;

Or. en

Emenda 140
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-UE ma tistax tinjora d-dimensjonijiet soċjali u tad-drittijiet fundamentali li fuqhom inbniet; billi ***n-nuqqasijiet persistenti*** fil-protezzjoni tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali ***jridu jitqiesu bħala parti integrali mit-theddida*** sistemika għall-valuri ***tal-Artikolu*** 2 tat-TUE;	B. billi l-UE ma tistax tinjora d-dimensjonijiet soċjali u tad-drittijiet fundamentali li fuqhom inbniet; billi ***huwa essenzjali li ssir distinzjoni bejn in-nuqqasijiet*** fil-protezzjoni tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali***, u t-theddida*** sistemika għall-valuri ***skont l-Artikolu*** 2 tat-TUE;

Or. sk

Emenda 141
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi fl-opinjoni tagħha tal-5 ta' Ġunju 2025 fil-Kawża C-769/22 (Il-Kummissjoni vs L-Ungerija), l-Avukat Ġenerali Ćapeta kkonkludiet li l-Artikolu 2 tat-TUE jista' jservi bħala bażi legali separata għal proċedimenti ta' ksur f'każijiet fejn in-negazzjoni ta' valur hija l-kawża ewlenija ta' ksur ieħor tad-dritt tal-UE, u pproponiet li l-QĠUE tiddikjara li, bl-adozzjoni tal-Liġi LXXIX tal-2021 li tadotta miżuri aktar stretti kontra persuni kkundannati għal pedofilija u li temenda ċerti liġijiet għall-protezzjoni tat-tfal, l-Ungerija kisret id-Direttiva 2000/31/KE dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment

il-kummerċ elettroniku, fis-suq intern, id-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern, id-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, l-Artikolu 56 tat-TFUE, l-Artikoli 1, 7, 8(2), 11 u 21 tal-Karta u l-Artikolu 2 tat-TUE;

Or. en

Emenda 142
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Juan Fernando López Aguilar, Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. Itenni t-tħassib tiegħu li ilu jeżisti li fi Stat Membru soġġett għall-proċedimenti tal-Artikolu 7(1) tat-TUE, il-konċentrazzjoni sistemika tas-setgħa politika, l-erożjoni tal-kontrokontrolli istituzzjonali u d-dgħufija tal-awtoritajiet ta' sorveljanza indipendenti għadhom għaddejjin mingħajr waqfien, minkejja appelli ripetuti għal azzjoni korrettiva;

Or. en

Emenda 143
Nikola Minchev, Moritz Körner, Malik Azmani, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-politiċizzazzjoni jew in-negozjar politiku ma għandux ikollhom post fl-użu tal-għodod tal-istat tad-dritt

	jew fid-dibattiti dwar l-istat tad-dritt, li għandhom ikunu imparzjali u bbażati biss fuq it-tiftix tal-fatti u r-raġunament ġuridiku;

Or. en

Emenda 144
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi fl-2025 l-UE ffaċċjat sfidi serji u multidimensjonali fl-Istati Membri tagħha fir-rigward tal-protezzjoni tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali, li huma kollha intrinsikament konnessi;	***imħassar***

Or. sk

Emenda 145
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi fl-2025 l-UE ***ffaċċjat*** sfidi ***serji u multidimensjonali fl-Istati Membri tagħha fir-rigward tal-protezzjoni*** tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali***,*** li huma ***kollha*** intrinsikament konnessi;	C. billi fl-2025 l-UE ***kompliet tindirizza*** sfidi ***relatati mal-protezzjoni*** tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali ***— elementi*** li huma intrinsikament konnessi ***— u r-Rapport tal-Kummissjoni tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt wera li dawn l-isforzi qed jagħtu riżultati billi enfasizza trajettorja pożittiva ċara f'diversi Stati Membri u kkonferma li ċ-ċiklu annwali tal-istat tad-dritt qed jistimula aktar riformi madwar l-Unjoni***;

Or. en

Emenda 146
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi fl-2025 l-UE ffaċċjat sfidi serji u multidimensjonali fl-Istati Membri tagħha fir-rigward tal-protezzjoni tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali, li huma kollha intrinsikament konnessi;	C. billi fl-2025 l-UE ffaċċjat sfidi serji u multidimensjonali fl-Istati Membri tagħha fir-rigward tal-protezzjoni tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali, li huma kollha intrinsikament konnessi; ***billi r-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt jikkonferma xi dgħufijiet strutturali fil-ħatriet u d-dixxiplina ġudizzjarji, l-infurzar kontra l-korruzzjoni, il-governanza tal-media tas-servizz pubbliku u l-kontrokontrolli;***

Or. en

Emenda 147
Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi fl-2025 l-UE ffaċċjat ***sfidi serji*** u ***multidimensjonali*** fl-Istati Membri tagħha fir-rigward tal-protezzjoni tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali, li huma kollha intrinsikament konnessi;	C. billi fl-2025 l-UE ffaċċjat ***rigress demokratiku serju*** u ***kontinwu*** fl-Istati Membri tagħha fir-rigward tal-protezzjoni tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali, li huma kollha intrinsikament konnessi;

Or. en

Emenda 148

Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi fl-2025 l-UE ffaċċjat sfidi serji u multidimensjonali fl-Istati Membri tagħha ***fir-rigward tal-protezzjoni tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali, li huma kollha intrinsikament konnessi***;	C. billi fl-2025 l-UE ffaċċjat sfidi serji u multidimensjonali fl-Istati Membri tagħha***, bħall-influwenza ibrida minn stati ostili***;

Or. fi

Emenda 149
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-valutazzjonijiet indipendenti, inklużi dawk mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, l-atturi tas-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet akkademiċi, jindikaw żieda fir-riskji sistemiċi għall-indipendenza ġudizzjarja, l-ispazju ċiviku, l-oqfsa kontra l-korruzzjoni u l-infurzar tad-drittijiet fundamentali f'diversi Stati Membri; billi dan it-thassib jinkludi sensji prematuri ta' membri tal-kunsill ġudizzjarju, interferenza politika fil-funzjonament tal-ġudikatura, dgħufija ta' korpi speċjalizzati kontra l-korruzzjoni u għall-protezzjoni tal-whistleblowers, użu estensiv ta' proċeduri aċċelerati tat-tfassil tal-liġijiet, u theddid strutturali għall-indipendenza tal-media tas-servizz pubbliku speċjalment fl-Ungerija u fis-Slovakkja;

Or. en

Emenda 150
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-Unjoni ffaċċjat ir-revelazzjonijiet ta' bosta skandli li jikkonċernaw rappreżentanti f'pożizzjoni għolja tal-istituzzjonijiet tagħha stess, u b'mod partikolari s-suspetti li jikkonċernaw lil Didier Reynders, eks Kummissarju għall-Ġustizzja li huwa suspettat b'reati serji, inkluż il-ħasil tal-flus, kif ukoll li għandu rabtiet mill-qrib mar-Russja, inkluż Oleg Deripaska, oligark qrib il-Kremlin li kien fil-listi tas-sanzjonijiet tal-Istati Uniti u l-UE, kif ukoll ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni u t-tmexxija tas-SEAE;

Or. pl

Emenda 151
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi r-rapport tal-Kummissjoni tal-2025 dwar l-istat tad-dritt jissottovaluta t-theddid strutturali għall-indipendenza ġudizzjarja, il-libertà tal-media u l-ispazju ċiviku f'xi Stati Membri; billi analiżi mhux kompluta u rakkomandazzjonijiet limitati jsaħħu l-impressjoni li l-ksur ewlieni tal-istat tad-dritt la huwa rikonoxxut u lanqas indirizzat fil-livell tal-UE u jdgħajjef il-kredibbiltà tar-

rapport dwar l-istat tad-dritt bħala mekkaniżmu ta' twissija bikrija u ta' prevenzjoni;

Or. en

Emenda 152
Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi f'diversi Stati Membri l-ġurnalisti huma fil-mira ta' kampanji ta' malafama, kawżi abbużivi, intimidazzjoni u theddid, li jwasslu għal biża' u awtoċensura u jdgħajfu d-dritt tal-pubbliku għall-informazzjoni; billi xi ġurnalisti huma mġiegħla jgħixu taħt il-protezzjoni tal-pulizija, u mill-anqas 20 inqatlu fl-Ewropa f'dawn l-aħħar 10 snin, u ħafna aktar ġew attakkati jew mhedda minħabba xogħolhom;

Or. en

Emenda 153
Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi s-sorveljanza tal-ġurnalisti tipperikola s-sikurezza tagħhom u tikkomprometti l-kunfidenzjalità tas-sors, u żżommhom milli jagħmlu xogħolhom; billi, minkejja l-evidenza li qed tikber u n-notifiki pubbliċi mill-kumpaniji, l-awtoritajiet nazzjonali ftit li xejn

ipprovdew ċarezza dwar l-ambitu, il-legalità u l-obbligu ta' rendikont ta' tali operazzjonijiet, u dan ħalla lill-vittmi mingħajr tweġibiet jew rimedju;

Or. en

Emenda 154
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi l-iskandlu dwar l-eks Direttur tad-DĠ MOVE u r-rabtiet tiegħu mal-iskandlu Qatargate ilhom diġà taħt investigazzjoni b'mod mhux trasparenti għal 3 snin, li jqajjem tħassib serju kemm dwar jekk hemmx kwalunkwe intenzjoni reali li tiġi ċċarata l-materja kif ukoll dwar l-iżgurar tat-trasparenza pubblika shiha;

Or. pl

Emenda 155
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi r-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' għaqda, l-aċċess għall-informazzjoni, l-integrità elettorali, l-ispazju ċiviku, kif ukoll id-diskriminazzjoni intersezzjonali kontra l-komunitajiet Rom u LGBTIQ+ ma ġewx indirizzati b'mod komprensiv mill-Kummissjoni f'diversi Stati Membri;

Or. en

Emenda 156
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cc. billi n-nuqqas ta' implimentazzjoni, l-implimentazzjoni parzjali, u d-dewmien fit-tul fl-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QĠUE) u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) mhumiex anomaliji iżolati, iżda huma xejriet stabbiliti f'diversi Stati Membri, u karatteristika frekwenti f'oħrajn; billi dan in-nuqqas ta' konformità qed jiġi akkumpanjat dejjem aktar minn kontestazzjoni miftuħa jew impliċita tal-awtorità tal-qrati Ewropej minn atturi politiċi u, xi drabi, minn qrati nazzjonali ewlenin; billi l-konsegwenza prattika hija li l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt li jkompli għal snin, xi drabi għexieren ta' snin, wara li jkun ġie rikonoxxut formalment mill-QĠUE u l-QEDB;

Or. en

Emenda 157
Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio, Alessandro Zan, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cc. billi l-Kumitat ta' Inkjesta tal-Parlament Ewropew dwar Pegasus u software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti (PEGA) sab li għodod bħal Pegasus, Predator u Graphite ġew varati illegalment f'diversi Stati Membri kontra

ġurnalisti, is-soċjetà ċivili, avukati, personalitajiet tal-oppożizzjoni u uffiċjali; billi ddokumenta ksur serju tal-privatezza, tal-protezzjoni tad-data u tal-libertà tal-espressjoni, filwaqt li wissa li tali prattiki joħolqu theddida sistemika għad-demokrazija u d-drittijiet fundamentali fl-Unjoni; billi l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu hija essenzjali biex jiġu pprevenuti aktar abbużi;

Or. en

Emenda 158
3Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cd. billi kemm fil-QĠUE kif ukoll fil-QEDB, il-lakuni fl-implimentazzjoni huma relatati fil-biċċa l-kbira mal-istess oqsma, jiġifieri l-indipendenza ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja, l-asil u l-migrazzjoni, il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, l-ugwaljanza (inklużi d-drittijiet tal-LGBTIQ+), u d-data/is-sorveljanza; billi, fl-istess ħin, kien hemm żviluppi trażversali pożittivi f'ċerti Stati Membri, li juru li l-konformità u t-titjib huma possibbli meta jkun hemm rieda politika ċara u impenn ġenwin li jitħarsu d-deċiżjonijiet tal-qrati internazzjonali biex jiġi rrispettat l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 159
Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Cd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cd. billi investigazzjonijiet ġurnalistiċi reċenti jindikaw li l-fondi tal-UE setgħu kienu ta' benefiċċju għall-kumpaniji marbuta ma' teknoloġiji ta' sorveljanza intrużivi, inkluż software ta' spjunaġġ; billi huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-ebda riżorsa finanzjarja tal-UE ma tappoġġja lill-entitajiet involuti fl-iżvilupp, fl-esportazzjoni jew fl-użu ta' software ta' spjunaġġ jew għodod simili li jistgħu jiksru d-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 160
Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ce (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ce. billi d-diżinformazzjoni tippolarizza s-soċjetà u ddgħajjef id-demokrazija, filwaqt li l-manipulazzjoni algoritmika ssawwar l-opinjoni pubblika billi tamplifika narrattivi foloz jew estremisti; billi d-deregolamentazzjoni fuq pjattaformi ewlenin aċċelerat dawn ix-xejriet, u żiedet il-mibegħda u l-manipulazzjoni; billi l-Kummissjoni qed twettaq investigazzjonijiet skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA) dwar pjattaformi li jonqsu milli jrażżnu d-diżinformazzjoni u jipproteġu lill-utenti, speċjalment lill-minorenni; billi ż-żgħażagħ għadhom partikolarment esposti għal preġudizzju algoritmiku u propaganda mingħajr għodod adegwati ta' litteriżmu; billi l-Kummissjoni mmultat lill-pjattaforma X

EUR 120 miljun talli kisret ir-regoli dwar it-trasparenza tad-DSA, inkluż id-disinn qarrieqi tal-verifika, it-trasparenza insuffiċjenti u ċ-ċaħda tal-aċċess għad-data lir-riċerkaturi;

Or. en

Emenda 161
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ce (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ce. billi l-użu ta' teknoloġiji ta' sorveljanza ta' software ta' spjunaġġ, bħal Predator u Pegasus, kontra ġurnalisti fl-UE għadu ta' tħassib kbir; billi l-EMFA ma jipproteġix b'mod adegwat lill-ġurnalisti mis-software ta' spjunaġġ u huwa nieqes minn salvagwardji vitali kontra s-sorveljanza tagħhom, u b'hekk jipprovdi ġustifikazzjoni legali wiesgħa għall-użu kontinwu tiegħu;

Or. en

Emenda 162
Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cf (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cf. billi l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni f'diversi Stati Membri għadhom ta' tħassib serju, b'affollament kroniku, kura tas-saħħa inadegwata, u aċċess limitat għal appoġġ għas-saħħa mentali; billi l-għadd dejjem jikber ta' suwiċidji u atti ta'

awtomutilazzjoni juri l-profondità tal-kriżi fis-sistemi ta' detenzjoni; billi hija meħtieġa attenzjoni partikolari fil-faċilitajiet tal-minorenni, fejn il-kura psikoloġika, l-edukazzjoni u l-miżuri ta' riintegrazzjoni insuffiċjenti jesponu lill-minorenni għal trawma u esklużjoni ulterjuri;

Or. en

Emenda 163
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cf (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cf. billi minkejja l-pressjoni dejjem tikber fuq l-ispazju ċiviku madwar l-UE, ir-rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt ma jirriflettix b'mod adegwat l-urġenza u l-gravità tagħha;

Or. en

Emenda 164
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cg (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cg. billi mill-2022, madwar terz tal-Istati Membri kollha ftit li xejn urew progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni; billi disa' pajjiżi b'mod konsistenti għandhom minn ħames sa tmien rakkomandazzjonijiet li għadhom ma ġewx implimentati; billi 61 % tar-rakkomandazzjonijiet ivvalutati fl-2025 ftit li xejn urew progress mill-2022; billi

93 % tar-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kummissjoni tal-2025 huma ripetizzjonijiet mis-snin preċedenti (b'71 % li jmorru lura għall-2022) u disa' rakkomandazzjonijiet ġodda biss ġew introdotti fl-2025; billi fl-2025, 6 % tar-rakkomandazzjonijiet biss setgħu jitqiesu implimentati b'mod sħiħ[1a];

1a

Liberties_Gap_Analysis_EC_Rule_of_Law_Report_2025

Or. en

Emenda 165
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ch (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ch. billi l-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) tal-Kunsill tal-Ewropa jissottolinja, fil-25 Rapport Ġenerali tal-Attività tiegħu, li r-riformi fundamentali biex tissaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura, il-prosekuzzjoni u l-infurzar tal-liġi, jibqgħu essenzjali, li r-restawr tal-fiduċja fil-livelli kollha tas-soċjetà – b'mod partikolari fl-istituzzjonijiet pubbliċi, fit-tmexxija politika, fil-ġudikatura u fl-infurzar tal-liġi – jirrikjedi sforzi sostnuti kontra l-korruzzjoni, superviżjoni aktar b'saħħitha u sorveljanza indipendenti, qafas robust u bbilanċjat għall-ġestjoni tal-interazzjonijiet tal-persuni b'funzjonijiet eżekuttivi ewlenin (PTEFs) mal-lobbisti u ma' partijiet terzi li jinfluwenzaw it-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi, kif ukoll l-applikazzjoni ta' standards ta' revolving doors, impenn sod għat-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-valuri demokratiċi ewlenin li jiddefendu l-

ġustizzja u l-integrità, u li hija meħtieġa aktar azzjoni biex jiġi żgurat li l-aċċess għal-liġijiet dwar l-informazzjoni jkun komprensiv, infurzat b'mod effettiv u implimentat b'mod proattiv, billi n-nuqqas ta' informazzjoni aċċessibbli jrawwem nuqqas ta' fiduċja pubblika fl-istituzzjonijiet tal-gvern;

Or. en

Emenda 166
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ci (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ci. billi l-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tal-2025 tal-RSF jindika li fl-UE l-prossimità perikoluża bejn il-media tal-aħbarijiet u dawk fil-poter tinħass fid-distribuzzjoni mhux trasparenti u inugwali tar-reklamar mill-Istat, ix-xenarju tal-media huwa definit minn kunflitti ta' interess, u meta l-mezzi reġjonali jirreżistu l-pressjoni, jiffaċċjaw kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs) li jdgħajfu l-finanzi tagħhom;

Or. en

Emenda 167
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2026 jissottolinja l-	D. billi l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2026 jissottolinja l-

ħtieġa ta’ ċiklu annwali integrat tal-istat tad-dritt b’pass komuni, bi stadji importanti ċari u bil-kontribut attiv tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE; billi r-rispett għall-istat tad-dritt jibqa’ imperattiv biex jiġu ssalvagwardjati l-fondi kollha tal-UE;	ħtieġa ta’ ċiklu annwali integrat tal-istat tad-dritt b’pass komuni, bi stadji importanti ċari u bil-kontribut attiv tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE; billi r-rispett għall-istat tad-dritt ***fil-qasam tal-protezzjoni kontra l-korruzzjoni*** jibqa’ imperattiv biex jiġu ssalvagwardjati l-fondi kollha tal-UE; ***billi l-Kummissjoni għamlet l-istat tad-dritt għodda politika biex tintuża kontra ċerti gvernijiet, li hija murija bl-aktar mod ċar mill-iffriżar inġust tal-fondi għall-gvern konservattiv tal-Polonja u t-tneħħija tal-iffriżar ftit wara l-bidla tal-gvern għall-gvern liberali-xellugi aċċettabbli għal Brussell u Berlin, mingħajr ebda bidliet leġiżlattivi magħmula minn dak il-gvern u minkejja l-ksur mingħajr preċedent tal-kostituzzjoni u l-liġijiet mill-gvern ta’ Tusk u serje ta’ azzjonijiet li jiksru b’mod imprudenti l-istandards u l-impenji internazzjonali;***
	Or. pl

Emenda 168
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-programm ta’ ħidma tal-Kummissjoni għall-2026 jissottolinja l-ħtieġa ta’ ċiklu annwali integrat tal-istat tad-dritt b’pass komuni, bi stadji importanti ċari u bil-kontribut attiv tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE; billi r-rispett għall-istat tad-dritt jibqa’ imperattiv biex jiġu ssalvagwardjati l-fondi kollha tal-UE;	D. billi l-programm ta’ ħidma tal-Kummissjoni għall-2026 jissottolinja l-ħtieġa ta’ ċiklu annwali integrat tal-istat tad-dritt b’pass komuni, bi stadji importanti ċari u bil-kontribut attiv tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE; billi r-rispett għall-istat tad-dritt***, li l-issodisfar tiegħu jrid jiġi vvalutat b’mod assolutament oġġettiv u preċiż,*** jibqa’ imperattiv biex jiġu ssalvagwardjati l-fondi kollha tal-UE;
	Or. fi

Emenda 169
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2026 jissottolinja l-ħtieġa ta' ċiklu annwali integrat tal-istat tad-dritt b'pass komuni, bi stadji importanti ċari u bil-kontribut attiv tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE; billi r-rispett għall-istat tad-dritt jibqa' imperattiv biex jiġu ssalvagwardjati l-fondi kollha tal-UE;	D. billi l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2026 jissottolinja l-ħtieġa ta' ċiklu annwali integrat tal-istat tad-dritt b'pass komuni, bi stadji importanti ċari u bil-kontribut attiv tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE; billi r-rispett għall-istat tad-dritt ***mill-istati kif ukoll mill-istituzzjonijiet*** jibqa' imperattiv biex jiġu ssalvagwardjati l-fondi kollha tal-UE;

Or. sk

Emenda 170
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2026 ***jissottolinja*** l-ħtieġa ta' ċiklu annwali integrat tal-istat tad-dritt b'pass komuni, bi stadji importanti ċari u bil-kontribut attiv tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE; billi r-rispett għall-istat tad-dritt jibqa' imperattiv biex jiġu ssalvagwardjati l-fondi kollha tal-UE;	D. billi l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2026 ***jinnota*** l-ħtieġa ta' ċiklu annwali integrat tal-istat tad-dritt b'pass komuni, bi stadji importanti ċari u bil-kontribut attiv tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE; billi r-rispett għall-istat tad-dritt jibqa' imperattiv biex jiġu ssalvagwardjati l-fondi kollha tal-UE;

Or. en

Emenda 171
Loránt Vincze

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi madwar 10 % taċ-ċittadini tal-Unjoni jagħmlu parti minn minoranza nazzjonali jew lingwistika; billi l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ effettiv, fil-Mekkaniżmu tal-Istat tad-Dritt jew flimkien miegħu, biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet tagħhom huwa ta' importanza kbira;

Or. en

Emenda 172
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt għandu ***jkopri wkoll l-istituzzjonijiet***, il-korpi u l-organi tal-UE, ***sabiex jipprovdi*** valutazzjoni ***trasparenti tal-konformità tagħhom mal-istandards tal-istat tad-dritt***;	E. billi r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt għandu ***jiġi appoġġjat fil-format attwali tiegħu, b'enfasi fuq il-valutazzjoni tal-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati, filwaqt li l-konformità mal-istat tad-dritt tal-istituzzjonijiet***, il-korpi u l-organi tal-UE, ***għandha tkompli tiġi żgurata permezz tas-sistema ġudizzjarja tal-UE, b'mod partikolari l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll permezz tas-sorveljanza tal-Ombudsman Ewropew; billi jista' jitqies bħala mhux xieraq u ta' detriment għall-kredibbiltà li l-Kummissjoni twettaq*** valutazzjoni ***tal-istat tad-dritt tagħha stess u ta' istituzzjonijiet u aġenziji oħra tal-UE fir-rapport proprji***;

Or. en

Emenda 173
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt għandu jkopri wkoll l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-UE, sabiex jipprovdi valutazzjoni trasparenti tal-konformità tagħhom mal-istandards tal-istat tad-dritt;	E. billi r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt għandu jkopri wkoll l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-UE, sabiex jipprovdi valutazzjoni trasparenti tal-konformità tagħhom mal-istandards tal-istat tad-dritt; ***billi dan ikun jagħmilha possibbli li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE b'mod aktar effettiv, filwaqt li jsaħħaħ il-kredibbiltà tal-UE billi tissoġġetta lill-istituzzjonijiet tagħha stess għal skrutinju wkoll;***

Or. fi

Emenda 174
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt għandu jkopri wkoll l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-UE, sabiex jipprovdi valutazzjoni trasparenti tal-konformità tagħhom mal-istandards tal-istat tad-dritt;	E. billi r-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt għandu jkopri wkoll l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-UE, sabiex jipprovdi valutazzjoni trasparenti tal-konformità tagħhom mal-istandards tal-istat tad-dritt***, li sa issa ma kienx il-każ, minkejja t-talbiet tal-Parlament u l-iskandli ripetuti li nkixfu***;

Or. pl

Emenda 175
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Juan Fernando López Aguilar, Klára Dobrev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet nazzjonali tagħhom tad-drittijiet tal-bniedem (NHRIs) jiġu stabbiliti, akkreditati u joperaw f'konformità sħiħa mal-Prinċipji ta' Pariġi tan-NU; billi l-indipendenza, il-pluraliżmu, is-sigurtà finanzjarja u l-mandat effettiv tagħhom huma indispensabbli għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, il-monitoraġġ tal-istandards tal-istat tad-dritt u l-funzjonament tal-kontrokontrolli demokratiċi; billi l-Istati Membri għandhom jintalbu jissalvagwardjaw lill-NHRIs minn interferenza politika u jiżguraw li jkollhom riżorsi adegwati u awtorità statutorja biex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv;

Or. en

Emenda 176
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi s-sħubija sħiħa tal-UE fil-GRECO għandha titqies bħala objettiv fuq terminu medju sabiex tiġi indirizzata l-assimetrija attwali bejn l-evalwazzjoni tal-Istati Membri u dik tal-istituzzjonijiet tal-UE; billi tali sħubija sħiħa tippermetti li l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu vvalutati skont l-istess standards ta' integrità bħall-amministrazzjonijiet nazzjonali, issaħħaħ l-allinjament tar-regoli, ittejjeb il-kooperazzjoni, tiżgura l-konsistenza metodoloġika, tevita d-duplikazzjoni, u tagħlaq lakuna li ilha teżisti, u b'hekk iġġib koerenza akbar fil-qafas ġenerali tal-integrità tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 177
Nikola Minchev, Moritz Körner, Sophie Wilmès, Malik Azmani, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi għalkemm ir-Rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt tejjeb il-metodoloġija tiegħu maż-żmien, għadu mhux dejjem juża punti ta' riferiment ċari u operazzjonali għall-valutazzjoni tal-Istati Membri taħt kull pilastru, b'mod partikolari fir-rigward tal-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja u tal-korpi indipendenti u regolatorji ewlenin, li jagħmilha aktar diffiċli li jitqabblu s-sitwazzjonijiet bejn l-Istati Membri u li jinftiehmu l-istandards applikati;

Or. en

Emenda 178
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-aħħar stħarriġ tal-Ewrobarometru Flash bit-titolu "EU challenges and priorities" (L-isfidi u l-prijoritajiet tal-UE) jikkonferma li r-rispett għad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, u l-istat tad-dritt jibqa' wieħed mill-punti b'saħħithom prinċipali tal-Unjoni Ewropea, u li l-maġġoranza tal-

Ewropej iqisu lill-UE bħala l-attur li jinkorpora bl-aħjar mod id-drittijiet u l-valuri fundamentali, inklużi l-libertà tal-kelma u tal-espressjoni, kif ukoll l-ugwaljanza soċjali u l-benesseri;

Or. en

Emenda 179
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-adeżjoni mal-UE trid tibqa' proċess strettament ibbażat fuq il-mertu, b'valutazzjoni bir-reqqa ta' jekk kull applikant jissodisfax bis-sħiħ il-kriterji ta' Copenhagen bħala bażi, b'mod partikolari dawk li jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għad-demokrazija u għall-istat tad-dritt, sabiex jiġi ggarantit li t-tkabbir isaħħaħ, aktar milli jimmina, l-Unjoni u s-suq uniku tagħha;

Or. en

Emenda 180
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Guillaume Peltier, Jadwiga Wiśniewska, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. ifakkar li l-"istat tad-dritt" huwa kunċett li għandu l-għan li jkun komprensiv iżda li jirriżulta minn kunċett tad-dritt Anglosassonu li xi drabi jmur kontra t-tradizzjonijiet legali u kostituzzjonali nazzjonali storiċi;

Or. en

Emenda 181
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi l-Grupp ta' Monitoraġġ dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali (DRFMG) tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew għandu l-mandat li jimmonitorja l-ksur tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, u d-drittijiet fundamentali, kif ukoll il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-UE; billi, għal aktar minn 7 snin, id-DRFMG ivvaluta s-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali madwar l-UE permezz ta' sessjonijiet iddedikati dwar l-Istati Membri, suġġetti orizzontali, u delegazzjonijiet ad hoc; billi l-monitoraġġ huwa eżerċizzju tekniku li jsaħħaħ is-sistemi ta' integrità u r-reżiljenza istituzzjonali, u għandu jibqa' indipendenti mill-influwenza politika; billi, għalkemm huwa inkorporat fil-qafas parlamentari, id-DRFMG għandu impenn fit-tul li jżomm lura minn kunsiderazzjonijiet politiċi tal-partijiet u li jibbaża l-valutazzjonijiet tiegħu fuq standards stabbiliti u ġudizzju bbażat fuq l-evidenza, u pproduċa kontribut siewi għall-ħidma tal-UE dwar l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 182
Nikola Minchev, Moritz Körner, Malik Azmani, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi l-integrità tal-elezzjonijiet, inklużi l-vot ugwali, il-kompetizzjoni politika ġenwina u l-libertà tal-votanti li jiffurmaw u jesprimu r-rieda tagħhom mingħajr influwenza indebita, hija komponent essenzjali tal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u ta' qafas tal-istat tad-dritt li jiffunzjona; billi l-manipulazzjoni sistemika tal-proċessi elettorali, inkluż permezz tal-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku, l-użu ħażin tar-riżorsi tal-Istat, il-kampanji mhux trasparenti u l-finanzjament tal-partiti, il-pressjoni fuq il-votanti jew ix-xiri tal-voti, iddgħajjef l-effettività tad-drittijiet fundamentali, is-separazzjoni tas-setgħat u l-kontrokontrolli, u għalhekk għandha tiġi indirizzata b'mod sistematiku fil-monitoraġġ u r-rapportar tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 183
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi l-Qorti tal-Ġustizzja, fil-Kawża C-713/23, sostniet li Stat Membru jeħtieġlu jirrikonoxxi, għall-finijiet tad-drittijiet mogħtija mid-dritt tal-UE, żwieġ bejn żewġ ċittadini tal-Unjoni tal-istess sess konklużlegalment fi Stat Membru ieħor fejn eżerċitaw il-libertà ta' moviment u ta' residenza tagħhom; billi l-

Qorti sabet li r-rifjut ta' tali rikonoxximent imur kontra d-dritt tal-UE peress li jikser kemm il-libertà ta' moviment u ta' residenza kif ukoll id-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja;

Or. en

Emenda 184
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ec (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ec. billi tqajjem tħassib dwar is-sanzjonijiet introdotti skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2643 u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/2642, li għandhom l-għan li jiġġieldu d-diżinformazzjoni; billi dawn il-miżuri ta' sanzjonar jiġu adottati mill-Kunsill mingħajr salvagwardji legali adegwati, proċess ġust, jew sorveljanza ġudizzjarja, minkejja li l-konsegwenzi tagħhom jistgħu effettivament iwaqqfu lill-individwi fil-mira milli jaċċessaw is-sistema finanzjarja u jimponu projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, u b'hekk jirrestringu severament il-kapaċità tagħhom li jaħdmu u li jeżerċitaw il-libertà ta' moviment tagħhom; billi r-reġim ta' sanzjonijiet ma ġiex limitat għal sitwazzjonijiet li fihom huwa stabbilit b'mod ċar li l-informazzjoni inkwistjoni tikkostitwixxi diżinformazzjoni u li tali diżinformazzjoni tikkontribwixxi għall-attivitajiet destabilizzanti tar-Russja kif meħtieġ, li potenzjalment jirriżultaw fi ksur tal-Artikolu 11 tal-Karta u joħolqu riskji partikolari għall-ħidma tal-ġurnalisti;

Or. en

Emenda 185
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ec (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ec. billi l-istruttura tas-servizzi ta' prosekuzzjoni nazzjonali tvarja bejn l-Istati Membri; billi r-riformi li għandhom l-għan li jsaħħu s-salvagwardji għall-imparzjalità tal-prosekuturi mxew 'il quddiem, inklużi miżuri adottati b'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-2024, bħal protezzjonijiet imtejba għall-indipendenza ġudizzjarja u l-awtonomija tal-prosekuturi fil-kuntest tal-inkjesti parlamentari, kif ukoll id-diżakkoppjament tal-mandat tal-Prosekutur Ġenerali minn dak tal-Gvern;

Or. en

Emenda 186
Nikola Minchev, Moritz Körner, Malik Azmani, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ec (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ec. billi f'xi Stati Membri, b'mod partikolari r-reġjuni anqas żviluppati ekonomikament, id-dgħufijiet strutturali fl-akkwist pubbliku u konċentrazzjoni għolja ta' poter ekonomiku jfixklu l-kompetizzjoni u l-allokazzjoni tal-fondi tal-UE u dawk nazzjonali, jiffaċilitaw il-klijenteliżmu u l-koerċizzjoni tal-votanti u jiggravaw id-disparitajiet reġjonali, filwaqt li ambjent ekonomiku lokali aktar

kompetittiv u diversifikat jgħin biex jinkiser dan iċ-ċirku vizzjuż u tissaħħaħ ir-reżiljenza demokratika;

Or. en

Emenda 187
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ed (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ed. billi l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) tenfasizza fir-Rapport tagħha dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2025 li l-bidliet ġeopolitiċi u l-iżviluppi kemm leġiżlattivi kif ukoll soċjetali jpoġġu pressjoni fuq id-drittijiet fundamentali fl-UE, il-politika tal-identità diviżiva kellha rwol fiż-żieda tal-livelli ta' razziżmu u mibegħda, id-diskors ta' mibegħda u l-kontenut dannuż ikomplu jinfirxu online mingħajr kontroll, il-bidliet diġitali rapidi u l-iżviluppi fl-intelliġenza artifiċjali (IA) jheddu li jiggravaw l-inugwaljanzi eżistenti, l-inċidenti ta' eluf ta' persuni li tilfu ħajjithom fuq il-baħar u l-allegazzjonijiet ta' trattament ħażin fil-fruntieri jqajmu allarm dwar it-trattament tal-persuni li jfittxu l-asil u tal-migranti, li dawn ix-xejriet jheddu l-valuri demokratiċi u l-ugwaljanza, u joħolqu riskju għad-drittijiet fundamentali tan-nies, u li n-nies madwar l-UE jkomplu jbatu finanzjarjament fil-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi diffiċli li għaddejjin bħalissa li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lil dawk li diġà jinsabu f'riskju ta' faqar u jiggravaw l-inugwaljanzi eżistenti għall-gruppi żvantaġġati;

Or. en

Emenda 188
Nikola Minchev, Moritz Körner, Malik Azmani, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ed (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ed. billi l-kredibbiltà tal-oqfsa kontra l-korruzzjoni tiddependi mhux biss mill-eżistenza ta' korpi u regolamenti speċjalizzati, iżda wkoll mill-applikazzjoni imparzjali, mhux selettiva u trasparenti tagħhom; billi investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet selettivi jew immotivati politikament, inkluż kontra personalitajiet tal-oppożizzjoni u rappreżentanti eletti f'livelli differenti tal-gvern, jimminaw serjament il-fiduċja pubblika fl-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 189
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ed (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ed. billi, ladarba tiġi approvata formalment, id-Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni se tipprovdi lill-Istati Membri opportunità addizzjonali biex isaħħu l-oqfsa legali u istituzzjonali tagħhom biex isaħħu l-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

Or. en

Emenda 190
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ee (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ee. billi mill-introduzzjoni tal-ewwel rapport dwar l-istat tad-dritt fl-2020, l-istruttura tar-rapport baqgħet l-istess u għadha tosserva kwistjonijiet ibbażati fuq erba' oqsma tematiċi, iżda d-distribuzzjoni tar-rakkomandazzjonijiet f'dawn l-oqsma tematiċi mhijiex uniformi, b'xi oqsma jirċievu ferm aktar attenzjoni minn oħrajn; billi l-attenzjoni limitata mogħtija lir-rakkomandazzjonijiet fil-"Kwistjonijiet istituzzjonali oħra relatati mal-kontrokontrolli" tqajjem aktar tħassib, peress li dan il-qasam tematiku huwa wiesa' ħafna u jkopri firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, inkluż l-ispazju ċiviku; billi l-Kummissjoni naqset milli tkopri jew indirizzat biss b'mod superfiċjali l-kwistjonijiet tal-ispazju ċiviku, hija ma ħarġitx ir-rakkomandazzjonijiet meħtieġa;

Or. en

Emenda 191
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ee (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ee. billi l-34 Rapport Ġenerali tal-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament u Pieni Inumani jew Degradanti (CPT) tal-Kunsill tal-Ewropa jesprimi tħassib serju dwar iż-żieda sinifikanti fl-affollament fil-

ħabsijiet, b'mod partikolari f'xi pajjiżi tal-Ewropa tal-Punent, u jħeġġeġ lill-gvernijiet jindirizzawh b'miżuri determinati, jiddikjara li l-affollament fil-ħabsijiet idgħajjef kompletament il-funzjonament tal-ħabsijiet u potenzjalment jesponi lill-individwi għal trattament inuman u degradanti, peress li jikkawża kundizzjonijiet tal-għajxien agħar, żieda fit-tensjoni u l-vjolenza, u tnaqqis fl-attivitajiet bi skop u t-tħejjija għar-ritorn tal-ħabsin fil-komunità;

Or. en

Emenda 192
Nikola Minchev, Moritz Körner, Malik Azmani, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ee (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ee. billi l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol ewlieni fis-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u jistgħu jipprovdu kontropiż importanti meta l-kontrokontrolli istituzzjonali nazzjonali jkunu taħt pressjoni; billi pressjoni amministrattiva, finanzjarja jew legali żejda fuq rappreżentanti eletti lokalment, inkluż permezz ta' awditi, spezzjonijiet jew proċedimenti legali sproporzjonati, jista' jkollha effett disważiv fuq il-pluraliżmu politiku u l-parteċipazzjoni demokratika fil-livell lokali;

Or. en

Emenda 193
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Ee (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ee. billi l-fondi tal-Unjoni Ewropea qed jintużaw b'modi li jiksru d-drittijiet fundamentali tal-komunitajiet emarġinati, inklużi l-persuni Rom, il-persuni b'diżabilità, u l-persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni; billi għad hemm nuqqasijiet serji fil-ġestjoni u s-sorveljanza tal-fondi tal-UE, li jwasslu għal ksur tad-drittijiet fundamentali minkejja s-salvagwardji legali eżistenti;

Or. en

Emenda 194
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi ġudizzjarji jkunu indipendenti u li jkun hemm aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas, biex b'hekk jiggarantixxu l-aċċess ugwali għall-ġustizzja għal kulħadd, u jtenni l-ħtieġa ta' azzjonijiet konkreti biex jittejjeb l-aċċess, speċifikament għall-gruppi emarġinati u vulnerabbli;	1. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi ġudizzjarji jkunu ***strutturalment*** indipendenti***, effiċjenti u imparzjali*** u li jkun hemm aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas, biex b'hekk jiggarantixxu l-aċċess ugwali għall-ġustizzja għal kulħadd, u jtenni l-ħtieġa ta' azzjonijiet konkreti biex jittejjeb l-aċċess, speċifikament għall-gruppi emarġinati u vulnerabbli; ***jisħaq li dan jirrikjedi, bħala minimu: sistemi awtomatizzati u aleatorji ta' allokazzjoni tal-każijiet, b'raġunijiet definiti b'mod strett u li jistgħu jiġu riežaminati għal deroga; proċeduri ta' ħatra u promozzjoni trasparenti, ibbażati fuq il-liġi u depolitiċizzati, li jiżguraw li l-kunsilli ġudizzjarji jew korpi ekwivalenti jkunu magħmula b'mod predominanti minn membri eletti mill-pari tagħhom, u li l-eżekuttiv ma jkunx jista' jeżerċita kontroll***

diskrezzjonali fuq il-ħatriet, inkluż għall-presidenzi tal-qorti u l-qrati supremi; regoli stabbli u oġġettivi dwar ir-remunerazzjoni ġudizzjarja;

Or. en

Emenda 195
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi ġudizzjarji jkunu indipendenti u li jkun hemm aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas, biex b'hekk jiggarantixxu l-aċċess ugwali għall-ġustizzja għal kulħadd, u jtenni l-ħtieġa ta' azzjonijiet konkreti biex jittejjeb l-aċċess, speċifikament għall-gruppi emarġinati u vulnerabbli;	1. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi ġudizzjarji jkunu indipendenti u li jkun hemm aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas, biex b'hekk jiggarantixxu l-aċċess ugwali għall-ġustizzja għal kulħadd, u jtenni l-ħtieġa ta' azzjonijiet konkreti biex jittejjeb l-aċċess, speċifikament għall-gruppi emarġinati u vulnerabbli; ***jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw sistemi ġudizzjarji indipendenti u aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas, u b'hekk jiggarantixxu aċċess ugwali għall-ġustizzja għal kulħadd, u jtenni l-ħtieġa ta' azzjonijiet konkreti biex jittejjeb l-aċċess, speċifikament għall-gruppi emarġinati u vulnerabbli; jissottolinja tħassib serju dwar l-influwenza politika eċċessiva fuq il-ħatriet ġudizzjarji, il-bordijiet dixxiplinari, il-promozzjonijiet u l-allokazzjoni tal-każijiet, inkluż permezz ta' strutturi ġudizzjarji maħluqa ġodda li jevitaw is-salvagwardji eżistenti u jiffaċilitaw l-interferenza eżekuttiva, speċjalment fl-Ungerija u fis-Slovakkja;***

Or. en

Emenda 196

Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi ġudizzjarji jkunu indipendenti u li jkun hemm aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas, biex b'hekk jiggarantixxu l-aċċess ugwali għall-ġustizzja għal kulħadd, ***u jtenni*** l-ħtieġa ta' azzjonijiet konkreti biex jittejjeb l-aċċess, ***speċifikament*** għall-gruppi emarġinati u vulnerabbli;	1. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi ġudizzjarji jkunu indipendenti u li jkun hemm aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas, biex b'hekk jiggarantixxu l-aċċess ugwali għall-ġustizzja għal kulħadd, ***li huwa essenzjali għaċ-ċittadini biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, jisfidaw id-diskriminazzjoni, u jżommu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli; itenni*** l-ħtieġa ta' azzjonijiet konkreti biex jittejjeb l-aċċess, ***b'mod partikolari*** għall-gruppi emarġinati u vulnerabbli; ***jenfasizza li remunerazzjoni adegwata hija essenzjali biex tattira u żżomm persunal ġudizzjarju kwalifikat; itenni li riżorsi suffiċjenti, inklużi l-finanzjament, l-infrastruttura u l-persunal kwalifikat, huma kruċjali għall-effiċjenza u l-aċċessibbiltà tas-sistema ġudizzjarja; u jissottolinja r-rwol importanti tad-diġitalizzazzjoni fit-trasformazzjoni tal-ġudikaturi nazzjonali;**

Or. en

Emenda 197
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi ġudizzjarji jkunu indipendenti ***u li jkun***	1. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi ġudizzjarji jkunu indipendenti***; jisħaq li r-***

hemm aċċess għal għajnuna legali ***mingħajr ħlas, biex b'hekk jiggarantixxu l-aċċess ugwali għall-ġustizzja għal kulħadd, u jtenni l-ħtieġa ta' azzjonijiet konkreti*** biex jittejjeb l-aċċess***, speċifikament għall-gruppi emarġinati u*** vulnerabbli;

responsabbiltà għall-organizzazzjoni tal-ġustizzja, inkluża l-provvista ta' mekkaniżmi xierqa tal-għajnuna legali***, hija tal-Istati Membri u tirriżulta mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali tagħhom; jinnota li l-UE tista' tappoġġja biss l-iskambju ta' prattiki tajbin u inizjattivi*** biex jittejjeb l-aċċess ***għall-ġustizzja, u li t-Trattati ma tawha l-ebda kompetenza biex timponi standards uniformi f'dan ir-rigward; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà fit-tfassil ta' kwalunkwe azzjoni li taffettwa gruppi*** vulnerabbli;

Or. pl

Emenda 198
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Jistieden*** lill-Istati Membri ***jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li*** s-sistemi ġudizzjarji ***jkunu*** indipendenti ***u li jkun hemm aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas***, biex b'hekk jiggarantixxu ***l-aċċess ugwali għall-ġustizzja għal kulħadd, u jtenni l-ħtieġa ta' azzjonijiet konkreti biex jittejjeb l-aċċess, speċifikament għall-gruppi emarġinati u vulnerabbli***;	1. ***Iħeġġeġ*** lill-Istati Membri ***jkomplu jżommu*** s-sistemi ġudizzjarji indipendenti, biex b'hekk jiggarantixxu ***l-istandards għoljin attwali fl-UE***;

Or. sk

Emenda 199
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi ġudizzjarji jkunu indipendenti u li jkun hemm aċċess għal għajnuna legali ***mingħajr ħlas***, biex b'hekk jiggarantixxu l-aċċess ugwali għall-ġustizzja ***għal kulħadd, u jtenni l-ħtieġa ta' azzjonijiet konkreti biex jittejjeb l-aċċess, speċifikament għall-gruppi emarġinati u vulnerabbli***;	1. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi ġudizzjarji jkunu indipendenti u li jkun hemm aċċess għal għajnuna legali ***f'konformità mal-liġijiet nazzjonali***, biex b'hekk jiggarantixxu l-aċċess ugwali għall-ġustizzja

Or. fi

Emenda 200
Nadine Morano, François-Xavier Bellamy, Céline Imart, Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi ġudizzjarji jkunu indipendenti u li jkun hemm aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas, biex b'hekk jiggarantixxu l-aċċess ugwali għall-ġustizzja għal kulħadd, u jtenni l-ħtieġa ta' azzjonijiet konkreti biex jittejjeb l-aċċess, speċifikament għall-gruppi emarġinati u vulnerabbli;	1. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi ġudizzjarji jkunu indipendenti u li jkun hemm aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas, ***fir-rigward tal-liġijiet nazzjonali u meta jitqiesu r-riżorsi tal-partijiet fil-kawża***, biex b'hekk jiggarantixxu l-aċċess ugwali għall-ġustizzja għal kulħadd, u jtenni l-ħtieġa ta' azzjonijiet konkreti biex jittejjeb l-aċċess, speċifikament għall-gruppi emarġinati u vulnerabbli;

Or. fr

Emenda 201
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi ġudizzjarji jkunu indipendenti u li jkun hemm aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas, biex b'hekk jiggarantixxu l-aċċess ugwali għall-ġustizzja għal kulħadd***, u jtenni l-ħtieġa ta' azzjonijiet konkreti biex jittejjeb l-aċċess, speċifikament għall-gruppi emarġinati u vulnerabbli***;	1. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi ġudizzjarji jkunu indipendenti u li jkun hemm aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas, biex b'hekk jiggarantixxu l-aċċess ugwali għall-ġustizzja għal kulħadd;

Or. en

Emenda 202
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi ġudizzjarji jkunu*** indipendenti ***u li jkun hemm aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas, biex b'hekk jiggarantixxu*** l-aċċess ugwali għall-ġustizzja għal kulħadd***, u jtenni l-ħtieġa ta' azzjonijiet konkreti biex jittejjeb l-aċċess, speċifikament għall-gruppi emarġinati u vulnerabbli***;	1. ***Jissottolinja li ġustizzja ġusta u aċċessibbli hija prinċipju bażiku tal-istat tad-dritt li jirrikjedi ġudikatura*** indipendenti***; itenni li*** l-aċċess ugwali għall-ġustizzja ***huwa essenzjali*** għal kulħadd;

Or. en

Emenda 203
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-	1. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-

miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi ġudizzjarji jkunu indipendenti u li jkun hemm aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas, biex b'hekk jiggarantixxu l-aċċess ugwali għall-ġustizzja għal kulħadd***, u jtenni l-ħtieġa ta' azzjonijiet konkreti biex jittejjeb l-aċċess, speċifikament għall-gruppi emarġinati u vulnerabbli***;	miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi ġudizzjarji jkunu indipendenti u li jkun hemm aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas ***f'konformità mad-dritt nazzjonali***, biex b'hekk jiggarantixxu l-aċċess ugwali għall-ġustizzja għal kulħadd;

Or. en

Emenda 204
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Guillaume Peltier, Jadwiga Wiśniewska, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Ifakkar li l-istat tad-dritt huwa kunċett li għandu l-għan li jkun komprensiv iżda li jirriżulta minn kunċett tad-dritt Anglosassonu; li xi drabi jmur kontra tradizzjonijiet legali u kostituzzjonali nazzjonali storiċi bħall-istat tad-dritt Franċiż, li l-kunċett tiegħu ta' "identità kostituzzjonali ta' Franza" ġie affermat mill-Kunsill Kostituzzjonali Franċiż, ir-Rechtsstaat Ġermaniż, il-panstwo prawa Pollakk u ħafna oħrajn; iqis li, f'każ ta' kunflitt legali, is-sovranità tan-nies trid tipprevali;

Or. en

Emenda 205
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jinnota li, fejn jeżistu Kunsilli għall-Ġudikatura, dawn iservu bħala lqugħ bejn il-ġudikatura u fergħat oħra tas-setgħa, inkluż fi kwistjonijiet bħall-ħatriet, l-iżvilupp tal-karriera, u l-ġestjoni tas-sistema ġudizzjarja; jilqa' l-valutazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fir-rapport tagħha tar-riformi mwettqa, u jinnota li xi Stati Membri għamlu progress u qed jieħdu inizjattivi leġiżlattivi biex isaħħu l-indipendenza u l-effettività tal-Kunsilli għall-Ġudikatura fejn jeżistu;

Or. en

Emenda 206
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li, filwaqt li tħeġġeġ lil pajjiżi kandidati bħall-Moldova biex iwettqu riformi ġudizzjarji estensivi, l-UE fl-istess ħin qed issaħħaħ arranġamenti ineffiċjenti u dannużi li jfakkruk fil-perjodu tas-sottomissjoni Komunista fl-Istati Membri, filwaqt li tpoġġi l-intrigu u l-influwenza politiċi qabel l-interessi taċ-ċittadini u timmina l-isforzi biex tiżgura l-istat tad-dritt fil-prattika;

Or. pl

Emenda 207
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský, Emil Radev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jilqa' r-riformi nazzjonali mwettqa f'xi Stati Membri biex tissaħħaħ l-indipendenza ġudizzjarja, u jistieden lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati jkomplu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw sistemi ġudizzjarji indipendenti u aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas, u b'hekk jiggarantixxu aċċess ugwali għall-ġustizzja għal kulħadd;

Or. en

Emenda 208
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jistieden lill-Istati Membri jaħtfu l-opportunitajiet offruti mid-diġitalizzazzjoni biex jissimplifikaw, itejbu l-effiċjenza u l-aċċessibbiltà, jiffrankaw il-ħin u jnaqqsu l-ispejjeż tal-ħżin;

Or. en

Emenda 209
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jistieden lill-Istati Membri jkomplu jsaħħu s-salvagwardji għall-

imparzjalità tal-prosekuturi, fid-dawl tal-istrutturi differenti tas-servizzi ta' prosekuzzjoni nazzjonali; iħeġġiġhom javvanzaw ir-riformi f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-2025, inklużi protezzjonijiet imsaħħa għall-indipendenza ġudizzjarja u l-awtonomija tal-prosekuturi fil-kuntest tal-inkjesti parlamentari, kif ukoll miżuri bħad-diżakkoppjament tal-mandat tal-Prosekutur Ġenerali minn dak tal-Gvern; jistieden lill-Kummissjoni tirriežamina r-riformi implimentati f'dan ir-rigward u timmonitorja l-effettività tagħhom;

Or. en

Emenda 210
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jafferma mill-ġdid li l-istat tad-dritt huwa bbażat fuq in-natura vinkolanti tad-dritt fuq l-awtoritajiet pubbliċi kollha u fuq id-dritt effettiv ta' kull individwu li jkollu aċċess għal tribunal indipendenti u imparzjali, u li dawn iż-żewġ dimensjonijiet huma inseparabbli u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku;

Or. en

Emenda 211
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1c. Jisħaq li kwalunkwe restrizzjoni fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali trid tkun ibbażata fuq normi legali ċari, aċċessibbli u prevedibbli, u jikkundanna l-prattiki leġiżlattivi li jirriżultaw f'kumplessità eċċessiva, inċertezza legali jew nuqqas ta' intelliġibbiltà għaċ-ċittadini;

Or. en

Emenda 212
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1c. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-attakki politiċi fuq l-imħallfin u l-intimidazzjoni ġudizzjarja, biex tiżgura sistemi ġudizzjarji indipendenti, inkluża l-protezzjoni mill-interferenza politika;

Or. en

Emenda 213
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1d. Jesprimi tħassib serju dwar it-tendenza dejjem tikber li jitqajmu dubji strutturali dwar ir-rwol u l-leġittimità ta' ġudikatura indipendenti u b'hekk jiġi

kkontestat il-funzjonament xieraq tas-sistema ġudizzjarja bħala tali u jissottolinja li l-indipendenza ġudizzjarja tikkostitwixxi prerekwiżit għal-leġittimità tal-awtorità ġudizzjarja, l-infurzabbiltà tad-deċiżjonijiet tal-qorti u l-fiduċja pubblika fil-ġustizzja; ifakkar li l-prinċipju tal-bilanċ tal-poteri jimplika li l-ebda awtorità pubblika ma tista' taħrab mir-rimedju ġudizzjarju, u li l-kritika tal-imħallfin hija inaċċettabbli meta tfittex li tostakola jew tiskredita l-eżerċizzju tal-missjoni kostituzzjonali ta' sorveljanza tagħhom; jikkundanna kwalunkwe tentattiv, kemm dirett kif ukoll indirett, biex l-imħallfin jiġu influwenzati, intimidati jew imfixkla fil-qadi ta' dmirijiethom, inkluż permezz ta' pressjoni dixxiplinari jew attakki pubbliċi li jimminaw l-awtorità tagħhom; jiddistingwi b'mod ċar bejn kritika leġittima ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u attakki mmirati lejn il-leġittimità tal-qrati nazzjonali u internazzjonali bħala istituzzjonijiet, u jiddeplora narrattivi li jfittxu li jiddeleġittimizzaw is-sorveljanza ġudizzjarja bħala tali; jafferma mill-ġdid li l-qrati internazzjonali jiksbu l-leġittimità tagħhom mir-rieda sovrana tal-Istati li stabbilewhom u mill-proċeduri demokratiċi li jirregolaw l-elezzjoni tal-imħallfin tagħhom, u li r-rwol tagħhom huwa essenzjali għall-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali;

Or. en

Emenda 214
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw fil-pront is-sentenzi	***imħassar***

pendenti tal-QĠUE u tal-QEDB u jissuġġerixxi li tiġi stabbilita unità ta' monitoraġġ biex timmonitorja l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB relatati mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-pajjiżi tal-UE, u jintegraw bis-shiħ is-sejbiet tal-unità ta' monitoraġġ fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt;

Or. fi

Emenda 215
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw fil-pront is-sentenzi pendenti tal-QĠUE u tal-QEDB u jissuġġerixxi li tiġi stabbilita unità ta' monitoraġġ biex timmonitorja l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB relatati mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-pajjiżi tal-UE, u jintegraw bis-shiħ is-sejbiet tal-unità ta' monitoraġġ fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt;	***imħassar***

Or. en

Emenda 216
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

2. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw fil-pront is-sentenzi pendenti tal-QĠUE u tal-QEDB u jissuġġerixxi li tiġi stabbilita unità ta' monitoraġġ biex timmonitorja l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB relatati mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-pajjiżi tal-UE, u jintegraw bis-sħiħ is-sejbiet tal-unità ta' monitoraġġ fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt;

2. ***Jinnota bi tħassib serju x-xogħol b'lura dejjem jikber u l-progress li qed jonqos fl-implimentazzjoni tas-sentenzi ewlenin tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem madwar l-UE, kif muri mill-fatt li, mill-1 ta' Jannar 2025, 650 sentenza ewlenija tal-QEDB baqgħu pendenti sakemm jiġu implimentati bis-sħiħ fl-Istati Membri tal-UE, meta mqabbla ma' 624 f'Jannar 2024 u 616 fis-sena ta' qabel; jinnota wkoll li 45,7 % tas-sentenzi ewlenin mogħtija fir-rigward tal-Istati Membri tal-UE matul dawn l-aħħar għaxar snin għadhom pendenti għall-implimentazzjoni, meta mqabbla ma' 44 % fi tmiem l-2023 u 40 % fi tmiem l-2022; jinnota wkoll li, sa tmiem l-2024, iż-żmien medju għall-implimentazzjoni tas-sentenzi ewlenin tal-QEDB li jikkonċernaw l-Istati Membri tal-UE kien laħaq 5 snin u 4 xhur, meta mqabbel ma' 5 snin u xahrejn fl-2023 u 5 snin u xahar fl-2022, u b'hekk enfasizza nuqqas ta' konformità strutturali u li sejjer għall-agħar[2a];*** Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw fil-pront is-sentenzi pendenti tal-QĠUE u tal-QEDB u jissuġġerixxi li tiġi stabbilita unità ta' monitoraġġ biex timmonitorja l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB relatati mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-pajjiżi tal-UE, u jintegraw bis-sħiħ is-sejbiet tal-unità ta' monitoraġġ fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa tabella ta' valutazzjoni pubblika jew għodda ekwivalenti li ssegwi s-segwitu nazzjonali tal-ġurisprudenza tal-QEDB u tal-QĠUE; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ b'mod sistematiku rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż imfassla apposta bbażati fuq ir-rekords ta' implimentazzjoni tal-QEDB/QĠUE, b'enfasi partikolari fuq dawk bi prestazzjoni kronika agħar milli mistennija; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża l-għodod ta' infurzar b'mod aktar deċiżiv f'każijiet ta' nuqqas ta' implimentazzjoni persistenti; jitlob li n-nuqqas serju ta'***

implimentazzjoni jiġi ttrattat bħala suġġett ta' prijorità fid-djalogu politiku mal-gvernijiet u l-parlamenti nazzjonali; jisħaq li dan il-monitoraġġ irid jidentifika wkoll xejriet strutturali ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni, inkluż f'oqsma bħall-indipendenza ġudizzjarja u għandu jiskatta segwitu gradwat bl-użu tal-għodod kollha disponibbli, inklużi azzjonijiet ta' ksur u, meta rilevanti, kundizzjonalità baġitarja;

[2a] In-Network Ewropew ta' Implimentazzjoni, ir-Rapport tal-2025

Or. en

Emenda 217
Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw fil-pront is-sentenzi pendenti tal-QĠUE u tal-QEDB u jissuġġerixxi li tiġi stabbilita unità ta' monitoraġġ biex timmonitorja l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB relatati mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-pajjiżi tal-UE, u jintegraw bis-sħiħ is-sejbiet tal-unità ta' monitoraġġ fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt;	2. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw fil-pront is-sentenzi pendenti tal-QĠUE u tal-QEDB u jissuġġerixxi li tiġi stabbilita unità ta' monitoraġġ biex timmonitorja l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB relatati mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-pajjiżi tal-UE, u jintegraw bis-sħiħ is-sejbiet tal-unità ta' monitoraġġ fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt; ***jirrakkomanda lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, biex tieħu azzjoni rigward in-nuqqasijiet ta' implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE skont l-Artikolu 260(2) tat-TFUE u tapplika r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB meta l-ksur identifikat jaffettwa jew hemm riskju li jaffettwa serjament il-baġit jew l-***

interessi finanzjarji tal-Unjoni; jisħaq li n-nuqqas ta' konformità sistematiku mad-dritt tal-UE jrid iwassal għal penali finanzjarji tanġibbli biex tiġi żgurata deterrenza ġenwina; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk id-dewmien jew in-nuqqas ta' konformità ma' tali deċiżjonijiet jiġġustifikax proċeduri quddiem in-nuqqas ta' azzjoni skont l-Artikolu 258 tat-TFUE; jistieden lill-Kummissjoni tanalizza b'mod sistematiku d-data dwar in-nuqqas ta' konformità mal-fehmiet tal-Korpi tat-Trattat tan-NU speċifiċi għall-pajjiżi;

Or. en

Emenda 218
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Sophie Wilmès, Klára Dobrev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw fil-pront is-sentenzi pendenti tal-QĠUE u tal-QEDB u jissuġġerixxi li tiġi stabbilita unità ta' monitoraġġ biex timmonitorja l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB relatati mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-pajjiżi tal-UE, u jintegraw bis-sħiħ is-sejbiet tal-unità ta' monitoraġġ fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt;	2. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw fil-pront is-sentenzi pendenti tal-QĠUE u tal-QEDB u jissuġġerixxi li tiġi stabbilita unità ta' monitoraġġ biex timmonitorja l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB relatati mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-pajjiżi tal-UE, u jintegraw bis-sħiħ is-sejbiet tal-unità ta' monitoraġġ fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt; ***jisħaq li n-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' sentenzi domestiċi u internazzjonali għadu ta' tħassib sistemiku f'xi Stati Membri, kif enfasizzat mis-sejbiet reċenti tal-FRA u mis-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkonċernati; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod strett ir-rispett mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tas-sentenzi tal-QĠUE, u tniedi proċeduri ta' ksur f'każ ta' nuqqas ta' konformità;***

Or. en

Emenda 219
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Pina Picierno, Katarina Barley, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Istati Membri ***jimplimentaw fil-pront is-sentenzi pendenti*** tal-QĠUE u tal-QEDB u jissuġġerixxi li tiġi stabbilita unità ta' monitoraġġ biex timmonitorja l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB relatati mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-pajjiżi tal-UE, u jintegraw bis-sħiħ is-sejbiet tal-unità ta' monitoraġġ fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt;	2. Jistieden lill-Istati Membri ***jagħtu prijorità lill-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tas-sentenzi*** tal-QĠUE u tal-QEDB u jissuġġerixxi li tiġi stabbilita unità ta' monitoraġġ biex timmonitorja l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB relatati mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-pajjiżi tal-UE, u jintegraw bis-sħiħ is-sejbiet tal-unità ta' monitoraġġ fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt; ***itenni li l-implimentazzjoni effettiva tas-sentenzi hija essenzjali biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali minquxa fit-TUE, it-TFUE, il-Karta u l-KEDB;***

Or. en

Emenda 220
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw ***fil-pront*** is-sentenzi pendenti tal-QĠUE ***u tal-QEDB u jissuġġerixxi li tiġi stabbilita unità ta' monitoraġġ biex timmonitorja l-implimentazzjoni tas-***	2. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw is-sentenzi pendenti tal-QĠUE ***mingħajr dewmien***;

sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB relatati mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-pajjiżi tal-UE, u jintegraw bis-sħiħ is-sejbiet tal-unità ta' monitoraġġ fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt;

Or. sk

Emenda 221
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw ***fil-pront*** is-sentenzi pendenti tal-QĠUE u tal-QEDB ***u jissuġġerixxi li tiġi stabbilita unità ta' monitoraġġ biex timmonitorja l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB relatati mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-pajjiżi tal-UE, u jintegraw bis-sħiħ is-sejbiet tal-unità ta' monitoraġġ fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt***;	2. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw is-sentenzi pendenti tal-QĠUE u tal-QEDB;

Or. en

Emenda 222
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw fil-pront is-sentenzi pendenti*** tal-QĠUE u tal-QEDB ***u jissuġġerixxi li tiġi stabbilita unità ta'***	2. ***Ifakkar li t-Trattati ma jikkonferux lill-Unjoni l-kompetenza li tissorvelja l-mod li bih il-qrati nazzjonali jew il-QĠUE, u wisq inqas il-QEDB, li***

monitoraġġ biex timmonitorja l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB relatati mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-pajjiżi tal-UE, u jintegraw bis-sħiħ is-sejbiet tal-unità ta' monitoraġġ fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt;	***hija parti minn ordni legali kompletament separat tal-Kunsill tal-Ewropa, jinfurzaw is-sentenzi; jisħaq li xi sentenzi*** tal-QĠUE u tal-QEDB ***huma ultra vires u jaffettwaw il-kompetenzi tal-Istati Membri; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jirrispettaw l-arranġamenti kostituzzjonali adottati fl-Istati Membri u fil-ġurisprudenza tal-qrati kostituzzjonali nazzjonali***;
	Or. pl

Emenda 223
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw fil-pront is-sentenzi pendenti tal-QĠUE u tal-QEDB u jissuġġerixxi li tiġi stabbilita unità ta' monitoraġġ biex timmonitorja l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB relatati mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-pajjiżi tal-UE, u jintegraw bis-sħiħ is-sejbiet tal-unità ta' monitoraġġ fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt;	2. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw fil-pront is-sentenzi pendenti tal-QĠUE u tal-QEDB u jissuġġerixxi ***lill-istituzzjonijiet tal-UE*** li tiġi stabbilita unità ta' monitoraġġ biex timmonitorja l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB relatati mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-pajjiżi tal-UE, u jintegraw bis-sħiħ is-sejbiet tal-unità ta' monitoraġġ fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt***, bl-użu sistematiku ta' data ta' implimentazzjoni u inklużjonijiet ċari tal-pajjiżi***;
	Or. en

Emenda 224
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský, Emil Radev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Jistieden lill-Istati Membri***	2. ***Jafferma mill-ġdid ir-rwol ċentrali***

jimplimentaw fil-pront is-sentenzi pendenti tal-QĠUE ***u tal-QEDB u jissuġġerixxi li tiġi stabbilita unità ta' monitoraġġ biex timmonitorja l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE u tal-QEDB relatati mad-demokrazija, l-istat*** tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-pajjiżi tal-UE***, u jintegraw bis-sħiħ is-sejbiet tal-unità ta' monitoraġġ fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt***;

tal-QĠUE ***fiż-żamma tal-istat tad-dritt madwar l-UE u fl-iżgurar tal-funzjonament tas-suq intern; jappella għall-monitoraġġ tal-istat*** tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fil-pajjiżi tal-UE ***u dawk kandidati***;

Or. en

Emenda 225
Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jissottolinja, fil-kuntest tar-rispett għall-prinċipji, il-libertajiet u l-obbligi li jirriżultaw mit-Trattati u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, iċ-ċentralità tal-Istat tad-dritt, rikonoxxut bħala wieħed mill-pedamenti tal-Unjoni skont l-Artikolu 2 tat-TUE u bħala pilastru essenzjali ta' soċjetà demokratika, li jiżgura r-rispett għall-prinċipji tal-legalità, iċ-ċertezza legali, il-projbizzjoni tal-arbitrarjetà tas-setgħat eżekuttivi, il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, inkluż l-aċċess għall-ġustizzja, min-naħa tat-tribunali indipendenti u imparzjali, inkluż fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, kif ukoll is-separazzjoni tas-setgħat, in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, kif definiti fir-Regolament 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi reġim ġenerali ta' kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni;

Or. it

Emenda 226
Diana Riba i Giner, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jissottolinja li l-istati demokratiċi jeħtiġilhom jiżguraw mekkaniżmi għar-rikonċiljazzjoni politika u soċjali, inkluż permezz ta' miżuri ta' amnestija li jrawmu l-koeżistenza, jipprevjenu l-ġudikalizzazzjoni eċċessiva tal-kunflitti politiċi, u jsaħħu d-djalogu demokratiku; ifakkar li l-istat tad-dritt jiġi mminat meta l-liġijiet adottati demokratikament jiffaċċjaw tfixkil istituzzjonali jew reżistenza minn ċerti setturi ġudizzjarji jew amministrattivi, li jipprevjenu l-implimentazzjoni xierqa tagħhom;

Or. en

Emenda 227
Emma Rafowicz, Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Murielle Laurent, Hannes Heide, Chloé Ridel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jisħaq li l-għadd sinifikanti ta' theddid u attakki mġarrba mill-professjonisti tal-ġustizzja u b'mod partikolari l-avukati[1a] joħloq theddida diretta għad-demokrazija u l-istat tad-dritt; jistieden lill-Istati Membri jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Professjoni ta' Avukat (CETS Nru 226) u jużaw il-mezzi xierqa kollha biex jiżguraw id-difiża u l-libertà tal-espressjoni tal-avukati;

[1a] Il-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati (CCBE), Report on Threatening behaviour and agression towards lawyers (Rapport dwar Imġiba ta' theddid u aggressjoni fil-konfront tal-avukati), 2024. https://www.ccbe.eu/fileadmin/speciality_distribution/public/documents/HUMAN_RIGHTS/HR_Guides___recommendations/EN_2024_CCBE-report-on-threatening-behaviour-and-aggression-towards-lawyers.pdf

Or. en

Emenda 228
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ b'mod sistematiku rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż imfassla apposta abbażi tar-rekords ta' implimentazzjoni tal-QEDB/QĠUE, b'enfasi partikolari fuq l-Istati Membri li qed jonqsu b'mod persistenti milli jagħmlu dan; jistieden lill-Kummissjoni tuża l-għodod ta' infurzar b'mod aktar deċiżiv f'każijiet ta' nuqqas ta' implimentazzjoni persistenti, bħall-proċeduri ta' ksur, l-Artikolu 260 tat-TFUE, u, meta rilevanti, il-kundizzjonalità baġitarja;

Or. en

Emenda 229
Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jissottolinja li s-sistemi għall-attribuzzjoni tar-responsabbiltà kriminali għall-membri tal-gvern u uffiċjali pubbliċi ta' livell għoli trid tiżgura aċċess effettiv għall-ġustizzja għall-ilmentaturi; jisħaq li d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali speċjali ma jridux ixekklu l-investigazzjoni ġudizzjarja ta' każijiet li jagħmlu ħsara serja lill-interess pubbliku;

Or. el

Emenda 230
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jiddeplora l-kollass tas-separazzjoni tas-setgħat, fejn il-qrati jassumu setgħat li ma jappartjenux lilhom billi jiddeċiedu dwar materji relatati mal-liġijiet tal-Istati Membri, ta' spiss b'mod li jmur sfaċċatament kontra dawk il-liġijiet; iqis li preċedenti mhux demokratiċi jimminaw il-fiduċja taċ-ċittadini u jistieden lill-istituzzjonijiet jirrispettaw il-kompetenzi assenjati lilhom;

Or. pl

Emenda 231
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jinnota li d-dgħufija tal-indipendenza ġudizzjarja permezz ta' reati dixxiplinari vagi, salvagwardji mnaqqsa kontra sanzjonijiet arbitrarji u protezzjoni insuffiċjenti tal-imħallfin minn pressjoni politika tkompli toħloq riskju serju għall-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-UE;

Or. en

Emenda 232
Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jistieden lill-Istati Membri jadattaw l-oqfsa proċedurali rilevanti biex jintlaħaq bilanċ bejn il-protezzjoni kontra prosekuzzjonijiet abbużivi jew politikament motivati u li tkun permessa l-investigazzjoni mhux imxekkla ta' responsabbiltà kriminali potenzjali; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi fil-proċedura ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt valutazzjoni speċjali tal-effettività tal-mekkaniżmi għall-aċċess għall-ġustizzja kontra azzjonijiet jew sorveljanzi minn amministrazzjoni pubblika ta' livell għoli;

Or. el

Emenda 233
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jisħaq li sistema ġudizzjarja

effettiva u li tiffunzjona tajjeb fl-Istati Membri tirrikjedi kmamar tal-avukati u avukati indipendenti li jistgħu jwettqu dmirijiethom liberament u mingħajr pressjoni jew interferenza bla bżonn, minħabba r-rwol kruċjali tagħhom fis-salvagwardja tal-istat tad-dritt u d-difiża tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali; jenfasizza wkoll li r-rispett shiħ għall-prinċipji ewlenin tal-professjoni legali, inkluża l-kunfidenzjalità bejn l-avukat u l-klijent, huwa essenzjali;

Or. en

Emenda 234
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw strateġiji ta' implimentazzjoni nazzjonali koerenti bi skedi ta' żmien, responsabbiltajiet u sorveljanza parlamentari ċari, u jissalvagwardjaw l-indipendenza ġudizzjarja u jiżguraw li l-qrati nazzjonali ma jiġux imxekkla milli japplikaw b'mod konsistenti l-ġurisprudenza tal-QEDB u tal-QĠUE;

Or. en

Emenda 235
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja r-rabta ċara bejn ir-	***imħassar***

rigress tal-istat tad-dritt u l-ksur serju tad-drittijiet fundamentali u tal-minoranzi, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza mill-infurzar tal-liġi, in-nuqqas ta' proċess ġust għad-detenuti, l-inċitament politiku jew istituzzjonali għall-mibegħda, is-setgħat ta' sorveljanza sproporzjonati, u l-miżuri restrittivi mmirati lejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jemmen bis-sħiħ li l-Kummissjoni għandha tivvaluta sa liema punt l-Istati Membri jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet sabiex tiżgura sistema ġudizzjarja aċċessibbli, effettiva u imparzjali;

Or. en

Emenda 236
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja r-rabta ċara bejn ir-rigress tal-istat tad-dritt u l-ksur serju tad-drittijiet fundamentali u tal-minoranzi, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza mill-infurzar tal-liġi, in-nuqqas ta' proċess ġust għad-detenuti, l-inċitament politiku jew istituzzjonali għall-mibegħda, is-setgħat ta' sorveljanza sproporzjonati, u l-miżuri restrittivi mmirati lejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jemmen bis-sħiħ li l-Kummissjoni għandha tivvaluta sa liema punt l-Istati Membri jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet sabiex tiżgura sistema ġudizzjarja aċċessibbli, effettiva u imparzjali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 237

Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. ***Jissottolinja r-rabta ċara bejn ir-rigress tal-istat tad-dritt u l-ksur serju tad-drittijiet fundamentali u tal-minoranzi, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza mill-infurzar*** tal-liġi***, in-nuqqas ta' proċess ġust għad-detenuti, l-inċitament politiku jew istituzzjonali għall-mibegħda, is-setgħat ta' sorveljanza sproporzjonati, u l-miżuri restrittivi mmirati lejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jemmen bis-sħiħ li l-Kummissjoni għandha tivvaluta sa liema punt l-Istati*** Membri ***jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet sabiex tiżgura sistema ġudizzjarja aċċessibbli, effettiva u imparzjali***;	3. ***Jirrimarka li d-dritt kriminali u l-infurzar*** tal-liġi ***huma materji għall-Istati*** Membri;

Or. fi

Emenda 238
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja r-rabta ċara bejn ir-rigress tal-istat tad-dritt u ***l-ksur serju tad-drittijiet fundamentali u tal-minoranzi, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza mill-infurzar tal-liġi, in-nuqqas ta' proċess ġust għad-detenuti, l-inċitament politiku jew istituzzjonali għall-mibegħda, is-setgħat ta' sorveljanza sproporzjonati, u l-miżuri restrittivi mmirati lejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jemmen bis-sħiħ li l-Kummissjoni għandha tivvaluta sa liema punt l-Istati Membri jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet sabiex tiżgura sistema ġudizzjarja***	3. Jissottolinja r-rabta ċara bejn ir-rigress ***tar-rappurtar dwar l-istat*** tad-dritt u ***l-estensjoni intenzjonata tal-kunċett tal-istat tad-dritt għal oqsma li mhux biss jaqgħu barra mill-ambitu tal-istat tad-dritt fi kwalunkwe interpretazzjoni ta' dan il-kunċett, iżda jaqgħu wkoll barra mill-kompetenzi tal-UE***;

aċċessibbli, effettiva u imparzjali;

Or. sk

Emenda 239
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja r-rabta ċara bejn ir-rigress tal-istat tad-dritt u l-ksur serju tad-drittijiet fundamentali u tal-minoranzi, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza mill-infurzar tal-liġi, in-nuqqas ta' proċess ġust għad-detenuti, l-inċitament politiku jew istituzzjonali għall-mibegħda, is-setgħat ta' sorveljanza sproporzjonati, u l-miżuri restrittivi mmirati lejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jemmen bis-sħiħ li l-Kummissjoni għandha tivvaluta sa liema punt l-Istati Membri jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet sabiex tiżgura sistema ġudizzjarja aċċessibbli, effettiva u imparzjali;	3. Jissottolinja r-rabta ċara bejn ir-rigress tal-istat tad-dritt u l-ksur serju tad-drittijiet fundamentali u tal-minoranzi, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza mill-infurzar tal-liġi, in-nuqqas ta' proċess ġust għad-detenuti, l-inċitament politiku jew istituzzjonali għall-mibegħda, is-setgħat ta' sorveljanza sproporzjonati, u l-miżuri restrittivi mmirati lejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jemmen bis-sħiħ li l-Kummissjoni għandha tivvaluta sa liema punt l-Istati Membri jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet sabiex tiżgura sistema ġudizzjarja aċċessibbli, effettiva u imparzjali; ***jinnota b'allarm l-użu ta' proċeduri legali straordinarji u digrieti eżekuttivi biex jissawwar mill-ġdid ix-xenarju ġudizzjarju barra mill-iskrutinju parlamentari normali, li jirrifletti xejriet li qabel kienu identifikati bħala inkompatibbli mas-separazzjoni tas-setgħat;***

Or. en

Emenda 240
Nadine Morano, François-Xavier Bellamy, Céline Imart, Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

3. Jissottolinja r-rabta ċara bejn ir-rigress tal-istat tad-dritt u l-ksur serju tad-drittijiet fundamentali u tal-minoranzi***, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza mill-infurzar tal-liġi, in-nuqqas ta' proċess ġust għad-detenuti, l-inċitament politiku jew istituzzjonali għall-mibegħda, is-setgħat ta' sorveljanza sproporzjonati, u l-miżuri restrittivi mmirati lejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***; jemmen bis-sħiħ li l-Kummissjoni għandha tivvaluta sa liema punt l-Istati Membri jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet sabiex tiżgura sistema ġudizzjarja aċċessibbli, effettiva u imparzjali;	3. Jissottolinja r-rabta ċara bejn ir-rigress tal-istat tad-dritt u l-ksur serju tad-drittijiet fundamentali u tal-minoranzi; jemmen bis-sħiħ li l-Kummissjoni għandha tivvaluta sa liema punt l-Istati Membri jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet sabiex tiżgura sistema ġudizzjarja aċċessibbli, effettiva u imparzjali;
	Or. fr

Emenda 241
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja r-rabta ċara bejn ir-rigress tal-istat tad-dritt u l-ksur serju tad-drittijiet fundamentali u tal-minoranzi, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza mill-infurzar tal-liġi, in-nuqqas ta' proċess ġust għad-detenuti, l-inċitament politiku jew istituzzjonali għall-mibegħda, is-setgħat ta' sorveljanza sproporzjonati, u l-miżuri restrittivi mmirati lejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jemmen bis-sħiħ li l-Kummissjoni għandha tivvaluta sa liema punt l-Istati Membri jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet sabiex tiżgura sistema ġudizzjarja aċċessibbli, effettiva u imparzjali;	3. Jissottolinja r-rabta ċara bejn ir-rigress tal-istat tad-dritt u l-ksur serju tad-drittijiet fundamentali u tal-minoranzi***, bħalma qed jiġri fil-Polonja fil-kuntest tad-"demokrazija militanti" ta' Tusk***, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza mill-infurzar tal-liġi, in-nuqqas ta' proċess ġust għad-detenuti, l-inċitament politiku jew istituzzjonali għall-mibegħda, is-setgħat ta' sorveljanza sproporzjonati, u l-miżuri restrittivi mmirati lejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jemmen bis-sħiħ li l-Kummissjoni għandha tivvaluta sa liema punt l-Istati Membri jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet sabiex tiżgura sistema ġudizzjarja aċċessibbli, effettiva u imparzjali;
	Or. pl

Emenda 242
Nikola Minchev, Moritz Körner, Sophie Wilmès, Malik Azmani, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja r-rabta ċara bejn ir-rigress tal-istat tad-dritt u l-ksur serju tad-drittijiet fundamentali u tal-minoranzi, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza mill-infurzar tal-liġi, in-nuqqas ta' proċess ġust għad-detenuti, l-inċitament politiku jew istituzzjonali għall-mibegħda, is-setgħat ta' sorveljanza sproporzjonati, u l-miżuri restrittivi mmirati lejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jemmen bis-sħiħ li l-Kummissjoni għandha tivvaluta sa liema punt l-Istati Membri jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet sabiex tiżgura sistema ġudizzjarja aċċessibbli, effettiva u imparzjali;	3. Jissottolinja r-rabta ċara bejn ir-rigress tal-istat tad-dritt u l-ksur serju tad-drittijiet fundamentali u tal-minoranzi, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza mill-infurzar tal-liġi, in-nuqqas ta' proċess ġust għad-detenuti***, l-użu ħażin tal-arrest preventiv***, l-inċitament politiku jew istituzzjonali għall-mibegħda, is-setgħat ta' sorveljanza sproporzjonati, u l-miżuri restrittivi mmirati lejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jemmen bis-sħiħ li l-Kummissjoni għandha tivvaluta sa liema punt l-Istati Membri jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet sabiex tiżgura sistema ġudizzjarja aċċessibbli, effettiva u imparzjali;

Or. en

Emenda 243
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský, Emil Radev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. ***Jissottolinja r-rabta ċara bejn ir-rigress tal-istat tad-dritt u l-ksur serju tad-drittijiet fundamentali u tal-minoranzi, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza mill-infurzar tal-liġi, in-nuqqas ta' proċess ġust għad-detenuti, l-inċitament politiku jew istituzzjonali għall-mibegħda, is-setgħat ta' sorveljanza sproporzjonati, u l-miżuri restrittivi mmirati lejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;***	3. ***Jisħaq li r-riformi nazzjonali tmexxew 'il quddiem f'xi Stati Membri f'oqsma bħall-indipendenza ġudizzjarja, u*** jemmen li l-Kummissjoni għandha ***tkompli*** tivvaluta ***kif*** l-Istati Membri jindirizzaw ***il-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali, u żżid l-isforzi tagħha biex*** tiżgura sistema ġudizzjarja aċċessibbli, effettiva u imparzjali;

jemmen ***bis-sħiħ*** li l-Kummissjoni għandha tivvaluta ***sa liema punt*** l-Istati Membri jindirizzaw ***dawn il-kwistjonijiet sabiex*** tiżgura sistema ġudizzjarja aċċessibbli, effettiva u imparzjali;

Or. en

Emenda 244
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jistieden lill-gvern ta' Donald Tusk biex joqgħod lura milli jikser aktar il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja u milli jkompli jżarma l-istituzzjonijiet indipendenti li jirfdu l-ordni legali Pollakk, inkluż attakki fuq it-Tribunal Kostituzzjonali, li huwa l-pilastru tas-sistema kostituzzjonali; jinnota l-appelli għall-gvern ta' Donald Tusk biex jiffaċċja l-konsegwenzi legali għall-interferenza radikali fl-ordni kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Polonja u l-introduzzjoni tal-illegalità sistemika;

Or. pl

Emenda 245
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jiddeplora l-fatt li l-gvern ta' Donald Tusk aġixxa b'mod illegali meta għamel l-Uffiċċju tal-Proskeutur

Pubbliku soġġett għall-kontroll politiku, inkluż li keċċa b'mod illegali lill-Prosekutur Nazzjonali, li, skont il-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, jista' jitkeċċa biss bil-kunsens bil-miktub tal-President tar-Repubblika tal-Polonja, li jfisser li din l-azzjoni kisret il-Kostituzzjoni u l-liġijiet Pollakki u l-prinċipju tal-legalità; jinnota li l-Ombudsman Pollakka esprima d-dubji legali dwar il-proċedura li wasslet għas-sostituzzjoni tal-Prosekutur Nazzjonali, u rrimarka li ma hemm l-ebda deċiżjoni minn awtorità ġudizzjarja li jkollha l-effett li tinvalida jew l-att tat-tneħħija ta' Dariusz Barski mill-kariga ta' Prosekutur Nazzjonali jew l-att li jinħatar Dariusz Korneluk għal dik il-kariga; jistieden lill-gvern ta' Donald Tusk iwaqqaf l-attakki fuq l-Uffiċċju tal-Prosekutur u jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Prosekutur Nazzjonali leġittimu jitħalla jwettaq id-dmirijiet statutorji tiegħu mingħajr dewmien;

Or. pl

Emenda 246
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3c. Jiddeplora l-fatt li, f'pajjiżi bħall-Polonja, wara t-teħid tas-setgħa minn grupp politiku li jippreżenta lilu nnifsu bħala "demokrazija militanti", il-prinċipji ta' stat demokratiku mmexxi mill-istat tad-dritt qed jiġu sostitwiti minn politiki ta' ritaljazzjoni, il-persekuzzjoni tal-oppożizzjoni, proċessi politiċi, l-hekk imsejħa arresti ta' "estrazzjoni" u saħansitra każijiet ta' tortura;

Or. pl

Emenda 247
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3d. Jiġbed l-attenzjoni għall-konsegwenzi tal-erożjoni tal-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt mill-azzjoni vjolenti tad-demokrazija militanti; iwissi kontra l-konsegwenzi tal-ħatra illegali tal-Prosekutur Ġenerali fil-Polonja; jistieden lill-uffiċjali Pollakki, fid-dawl tal-mewġa ta' ritaljazzjoni politika, jaġixxu f'konformità mal-liġi u l-ġurament tal-kariga tagħhom;

Or. pl

Emenda 248
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet bħala punt ta' tħassib li għandu x'jaqsam mal-istat tad-dritt, fid-dawl ta' affollament eċċessiv mifrux, kundizzjonijiet tal-għajxien inadegwati u rati ta' suwiċidju li qed jiżdiedu, li jimminaw id-drittijiet fundamentali tad-detenuti fis-sistemi penitenzjarji tal-Istati Membri;	***imħassar***

Or. fi

Emenda 249

Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet bħala punt ta' tħassib li għandu x'jaqsam mal-istat tad-dritt, fid-dawl ta' affollament eċċessiv mifrux, kundizzjonijiet tal-għajxien inadegwati u rati ta' suwiċidju li qed jiżdiedu, li jimminaw id-drittijiet fundamentali tad-detenuti fis-sistemi penitenzjarji tal-Istati Membri;	***imħassar***

Or. en

Emenda 250
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet bħala punt ta' tħassib li għandu x'jaqsam mal-istat tad-dritt, fid-dawl ta' affollament eċċessiv mifrux, kundizzjonijiet tal-għajxien inadegwati u rati ta' suwiċidju li qed jiżdiedu, li jimminaw id-drittijiet fundamentali tad-detenuti fis-sistemi penitenzjarji tal-Istati Membri;	***imħassar***

Or. en

Emenda 251
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. ***Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza*** l-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet ***bħala punt ta' tħassib li għandu x'jaqsam mal-istat tad-dritt, fid-dawl ta' affollament eċċessiv mifrux, kundizzjonijiet tal-għajxien inadegwati u rati ta' suwiċidju li qed jiżdiedu, li jimminaw id-drittijiet fundamentali tad-detenuti fis-sistemi penitenzjarji*** tal-Istati Membri;	4. ***Ifakkar li*** l-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet ***jibqgħu primarjament taħt il-kompetenza*** tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 252
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. ***Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-kundizzjonijiet*** fil-ħabsijiet ***bħala punt ta' tħassib li għandu x'jaqsam mal-istat tad-dritt, fid-dawl ta'*** affollament eċċessiv mifrux, kundizzjonijiet tal-għajxien inadegwati u rati ta' suwiċidju li qed jiżdiedu, li jimminaw id-drittijiet fundamentali tad-detenuti fis-sistemi penitenzjarji tal-Istati Membri;	4. ***Jiġbed l-attenzjoni għall-kundizzjonijiet*** fil-ħabsijiet***, inklużi*** affollament eċċessiv mifrux, kundizzjonijiet tal-għajxien inadegwati***, l-użu tat-tortura, inkluż it-tmigħ sfurzat, f'sitwazzjonijiet li ma jirrikjedux l-użu ta' metodi drastiċi u li jwegġgħu,*** u rati ta' suwiċidju li qed jiżdiedu, li jimminaw id-drittijiet fundamentali tad-detenuti fis-sistemi penitenzjarji tal-Istati Membri;

Or. pl

Emenda 253
Javier Zarzalejos, Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4 – punt 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1) Jirrimarka li s-servizz tal-prosekuzzjoni huwa element ewlieni fil-kapaċità ta' Stat Membru li jiġġieled il-kriminalità u l-korruzzjoni; jesprimi dispjaċir għal kwalunkwe interferenza governattiva jew politika fl-investigazzjonijiet dwar il-korruzzjoni u jfakkar li ħadd mhuwa 'l fuq mil-liġi; jikkundanna l-użu ħażin tas-sistema ġudizzjarja għal skopijiet politiċi, inkluża l-persekuzzjoni tal-avversarji politiċi u l-interferenza fl-investigazzjonijiet tal-korruzzjoni; jisħaq li kemm il-prosekuzzjonijiet immotivati politikament kif ukoll il-liġijiet ta' amnestija u l-proċeduri ta' maħfra mmexxija minn interessi politiċi jimminaw il-fiduċja pubblika fil-prinċipji kostituzzjonali u l-istandards tal-UE; jenfasizza l-importanza li tiġi ggarantita l-awtonomija u l-indipendenza tas-servizz tal-prosekuzzjoni, biex b'hekk tiġi pprevenuta kwalunkwe interferenza politika fil-ħidma tiegħu, speċjalment mill-gvern; jenfasizza r-rwol tal-proċessi ta' ħatra trasparenti għall-prosekuturi bħala fattur ewlieni biex tinżamm il-fiduċja pubblika fil-ġustizzja kriminali; jenfasizza t-tħassib tiegħu dwar l-attakki ripetuti fuq l-imħallfin u l-prosekuturi li qed iwettqu investigazzjonijiet politiċi ta' profil għoli marbuta ma' każijiet ta' korruzzjoni u ta' abbuż ta' poter imwettqa kontra avversarji politiċi; ifakkar li l-każijiet li fihom l-imħallfin u l-prosekuturi jiffaċċjaw akkużi kriminali jimminaw serjament il-kredibbiltà istituzzjonali u l-fiduċja tal-pubbliku fl-indipendenza u l-integrità tas-servizzi tal-prosekuzzjoni u tal-ġudikatura;
	Or. en

Emenda 254

Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jilqa' r-rwol tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen u jissottolinja li l-kooperazzjoni għandha tmur lil hinn minn sempliċi skambju ta' informazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-użu sistematiku ta' proċeduri ta' mistoqsijiet, li jippermettu lill-uffiċċji nazzjonali tal-ombudsman ifittxu tweġibiet awtorevoli fil-livell tal-UE meta jiffaċċjaw ostakli fl-applikazzjoni tad-dritt tal-UE, u b'hekk isaħħu l-influwenza tagħhom fil-konfront tal-awtoritajiet nazzjonali; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-uffiċċji tal-ombudsman mhux dejjem jiġu kkonsultati b'mod sistematiku fit-tħejjija tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, minkejja r-rwol ewlieni tagħhom fl-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE; jitlob għalhekk involviment aktar strutturat u konsistenti tal-ombudsmen nazzjonali fil-proċessi fil-livell tal-UE, sabiex jiġu identifikati aħjar kwistjonijiet sistemiċi li jaffettwaw diversi Stati Membri u biex il-Kummissjoni tiġi appoġġjata fl-indirizzar tan-nuqqasijiet fl-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-UE;

Or. en

Emenda 255
Javier Zarzalejos, Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4 – punt 2 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(2) Jitlob li l-proċeduri dixxiplinari għall-imħallfin u l-prosekuturi jiġu

ttrattati minn korpi indipendenti ħielsa minn influwenza politika u, meta meħtieġ, li s-sistema ta' proċeduri dixxiplinari tiġi riformata biex jiġi prekluż l-użu tagħhom mill-awtoritajiet politiċi biex jikkontrollaw il-ġudikatura;

Or. en

Emenda 256
Javier Zarzalejos, Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4 – punt 3 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(3) Jistieden lill-Kummissjoni żżomm sorveljanza kostanti, filwaqt li tiżgura li l-imħallfin u l-prosekuturi jibqgħu indipendenti mill-awtoritajiet responsabbli għall-ħatra jew il-ħatra mill-ġdid tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod proattiv u tieħu azzjoni malajr għar-riskji tar-rigress tal-istat tad-dritt f'oqsma ta' indipendenza ġudizzjarja u aċċess għall-ġustizzja, f'konformità mal-prinċipju ta' nonrigressjoni kif iċċarat fil-ġurisprudenza reċenti tal-QĠUE;

Or. en

Emenda 257
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jilqa' r-reviżjoni tad-Direttiva

dwar id-Drittijiet tal-Vittmi biex jingħalqu l-lakuni legali, filwaqt li jiġi żgurat li l-vittmi jkunu jistgħu jaċċessaw il-ġustizzja u jirċievu appoġġ, inklużi mezzi biex jiġu rieżaminati d-deċiżjonijiet fi proċedimenti kriminali li jikkonċernaw lill-vittmi, dispożizzjonijiet dwar l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi, aċċess għall-kumpens, kif ukoll ġbir effettiv ta' data, allokazzjoni aħjar tar-riżorsi għad-difiża tad-drittijiet tal-vittmi ta' reati, u r-rispett tal-privatezza tagħhom u l-protezzjoni tad-data personali tagħhom inkluż għal migranti mingħajr dokumenti u persuni li jfittxu l-ażil;

Or. en

Emenda 258
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jinnota li l-Kummissjoni sabet li hemm sfidi strutturali fir-rigward tat-titjib tal-effiċjenza, l-aċċessibbiltà u l-kwalità tal-ġudikatura ta' xi Stati Membri u ta' pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali; jemmen bis-sħiħ li t-taħriġ huwa element ewlieni li jiggarantixxi l-indipendenza tal-imħallfin, kif ukoll il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja; jistieden lill-Istati Membri jinvestu fit-taħriġ ġudizzjarju, id-diġitalizzazzjoni, l-għajnuna legali, u l-aċċess għall-ġustizzja għal gruppi emarġinati u vulnerabbli;

Or. en

Emenda 259
Loránt Vincze

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jesprimi tħassib dwar il-prattiki tal-qrati nazzjonali li jirriżultaw fil-konfiska tal-proprjetà mingħajr rimedju effettiv abbażi tal-sħubija f'minoranza nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni teżamina aktar mill-qrib l-attivitajiet tal-qrati u tal-awtoritajiet nazzjonali f'dan il-kuntest, inkluż fir-rigward tas-salvagwardja tal-moviment liberu tal-kapital u l-iżgurar tal-użu xieraq tal-fondi tal-UE;

Or. en

Emenda 260
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Ifakkar fil-ħtieġa li tiġi ggarantita l-awtonomija tas-servizz tal-prosekuzzjoni, biex b'hekk tiġi pprevenuta kwalunkwe influwenza politika fil-ħidma tiegħu; iħeġġeġ li s-sistema ta' proċeduri dixxiplinarji tiġi riformata biex tipprekludi l-użu tagħhom mill-awtoritajiet politiċi ħalli jikkontrollaw il-ġudikatura; jinsisti f'dan ir-rigward li dawn il-proċeduri jitwettqu minn korp indipendenti;

Or. en

Emenda 261
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jisħaq fuq il-ħtieġa tal-imparzjalità tal-imħallfin; ifakkar li l-ħatra u l-promozzjoni tal-imħallfin iridu jiġu ddeterminati biss mill-kwalifiki tagħhom, peress li l-imħallfin huma essenzjali għas-salvagwardja tal-indipendenza ġudizzjarja; ifakkar li l-kriterji għan-nomini u l-ħatriet għal pożizzjonijiet ġudizzjarji ta' livell għoli jridu jkunu kompletament trasparenti;

Or. en

Emenda 262
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jinnota tħassib serju dwar l-erożjoni tal-indipendenza ġudizzjarja fis-Slovakkja, inkluż ir-ristrutturar tal-kunsilli ġudizzjarji, l-introduzzjoni ta' reati ta' "abbuż tad-dritt" b'ambitu wiesa' mmirati lejn l-imħallfin, u l-politiċizzazzjoni mill-ġdid tal-proċeduri dixxiplinari, li flimkien joħolqu pressjoni sistemika fuq il-ġudikatura;

Or. en

Emenda 263
Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu b'mod urġenti l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fil-ħabsijiet kollha, inklużi l-faċilitajiet għall-minorenni, billi jindirizzaw il-popolazzjoni eċċessiva fil-ħabsijiet, jiżguraw l-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-appoġġ psikoloġiku, u jsaħħu l-miżuri ta' prevenzjoni tas-suwiċidju;

Or. en

Emenda 264
Fredis Beleris, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jissottolinja r-rwol importanti tal-kunsilli nazzjonali tal-ġudikatura fis-salvagwardja tal-indipendenza ġudizzjarja; ifakkar li l-kompożizzjoni u l-funzjonament ta' dawn il-korpi għandhom ikunu konformi mal-istandards stabbiliti mill-Kummissjoni u mill-Kunsill tal-Ewropa, u li ġew approvati mill-QĠUE;

Or. en

Emenda 265
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jisħaq li l-eżistenza kontinwa tar-reat kriminali definit b'mod vag ta' "abbuż tad-dritt" għall-imħallfin fis-Slovakkja, mingħajr salvagwardji

adegwati, għandha effett dissważiv fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u hija inkompatibbli mal-prinċipju tal-indipendenza ġudizzjarja;

Or. en

Emenda 266
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' ħatriet trasparenti u bbażati fuq il-mertu għal pożizzjonijiet ġudizzjarji ta' livell għoli, mingħajr interferenza politika;

Or. en

Emenda 267
Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tinkludi l-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet bħala kategorija separata f'rapporti futuri dwar l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 268
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Jiddeplora l-fatt li għad hemm tħassib dwar il-livelli ta' remunerazzjoni tal-imħallfin u l-persunal ġudizzjarju f'diversi Stati Membri, li jagħmlu l-karigi mhux attraenti u għalhekk diffiċli biex jimtlew; ifakkar li huma essenzjali proċeduri trasparenti għall-ħatra u t-tkeċċija tal-imħallfin, kif ukoll is-setgħat u l-kompożizzjoni tal-Kunsilli Ġudizzjarji, biex tiġi ssalvagwardjata l-indipendenza ġudizzjarja; jistieden lill-Istati Membri jintroduċu salvagwardji adegwati kontra influwenza politika mhux xierqa, inkluż minn pajjiżi terzi;

Or. en

Emenda 269
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Jinnota bi tħassib kbir li fis-Slovakkja l-membri kollha tal-Kunsill Ġudizzjarju nazzjonali maħtura mill-eżekuttiv u l-leġiżlatura tkeċċew qabel tmiem il-mandat tagħhom, mingħajr raġunijiet legali suffiċjenti, u dan ħoloq preċedent li jimmina serjament l-awtogovernanza ġudizzjarja, l-indipendenza u l-impossibbiltà ta' tneħħija tal-kariga ġudizzjarja;

Or. en

Emenda 270
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Jitlob li l-proċeduri dixxiplinari għall-imħallfin u l-prosekuturi jiġu ttrattati minn korpi indipendenti ħielsa minn influwenza politika u, meta meħtieġ, li s-sistema ta' proċeduri dixxiplinari tiġi riformata biex jiġi prekluż l-użu tagħhom mill-awtoritajiet politiċi biex jikkontrollaw il-ġudikatura;

Or. en

Emenda 271
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský, Javier Zarzalejos, Emil Radev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4d. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw opportunitajiet ta' taħriġ għall-imħallfin; jemmen bis-sħiħ li t-taħriġ għandu jkun multidixxiplinari; itenni li riżorsi adegwati, inklużi l-finanzjament, l-infrastruttura u l-persunal kwalifikat, huma kruċjali għall-effiċjenza u l-aċċessibbiltà tas-sistema ġudizzjarja; jirrikonoxxi r-rwol tal-persunal tal-qorti, inklużi n-nutara, f'bosta Stati Membri; jistieden lill-Istati Membri japprofittaw mill-opportunitajiet offruti mid-diġitalizzazzjoni biex jissimplifikaw il-proċeduri u l-proċessi, itejbu l-effiċjenza u l-aċċessibbiltà, jiffrankaw il-ħin u jnaqqsu l-ispejjeż tal-ħżin;

Or. en

Emenda 272

Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4d. Ifakkar li sistemi legali nazzjonali robusti huma indispensabbli, peress li l-Kummissjoni tibbaża fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali biex jinfurzaw id-dritt tal-UE, u li huma fundamentali għall-kooperazzjoni ġudizzjarja madwar l-UE u biex titrawwem il-fiduċja reċiproka;

Or. en

Emenda 273
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4d. Iwissi li l-leġiżlazzjoni li għadha kif ġiet adottata tagħti influwenza sproporzjonata lill-Kunsill Ġudizzjarju fuq il-bordijiet dixxiplinari, u b'hekk iżżid ir-riskju ta' interferenza allinjata mal-eżekuttiv fl-eżiti dixxiplinari u timmina l-garanziji ta' imparzjalità;

Or. en

Emenda 274
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4e. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha

jiffirmaw, jirratifikaw u jimplimentaw bis-shiħ il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tal-Professjoni ta' Avukat, filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza ewlenija tagħha biex jiġu żgurati l-indipendenza u l-integrità tal-professjoni legali, li hija pedament tal-istat tad-dritt; jistieden lill-Kummissjoni tressaq, mingħajr dewmien, abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tippermetti lill-Unjoni tiffirma u tikkonkludi l-Konvenzjoni, u jenfasizza l-ħtieġa ta' ftehim rapidu dwar din id-Deċiżjoni;

Or. en

Emenda 275
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4e. Jenfasizza li l-ineffiċjenza ġudizzjarja taġixxi bħala ostaklu mhux tariffarju fis-Suq Uniku, tiskoraġġixxi l-investiment transfruntier u timmina l-infurzar tal-kuntratti; jenfasizza d-data mit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-2025 li tindika dewmien kritiku f'xi Stati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tittratta l-ineffiċjenza ġudizzjarja persistenti mhux biss bħala skadenza amministrattiva iżda bħala ksur tal-libertà ta' intrapriża skont il-Karta;

Or. en

Emenda 276
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský, Emil Radev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 4e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4e. Jisħaq fuq l-importanza ta' sistemi ġudizzjarji indipendenti u aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas biex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-ġustizzja; itenni li riżorsi adegwati, inklużi l-infrastruttura u l-persunal, huma kruċjali għat-titjib tas-sistemi ġudizzjarji; jirrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu passi konkreti biex itejbu l-aċċess għall-ġustizzja;

Or. en

Emenda 277
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4f. Jissottolinja li l-libertà tal-informazzjoni u l-aċċess għall-informazzjoni ta' interess pubbliku huma dritt fundamentali u komponent essenzjali tat-trasparenza, ir-responsabbiltà demokratika u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jinnota li r-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt ikopri b'mod sistematiku dan il-qasam, inklużi restrizzjonijiet, dewmien jew ostakli mhux ġustifikati fl-aċċess għall-informazzjoni pubblika; jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu aċċess f'waqtu, effettiv u mhux diskriminatorju għall-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi, u jżommu lura minn miżuri leġiżlattivi jew amministrattivi li jillimitaw it-trasparenza jew ifixklu l-iskrutinju pubbliku;

Or. en

Emenda 278
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4f. Ifakkar li r-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt juri li ħafna min-nuqqasijiet profondi identifikati fis-snin preċedenti jippersistu fl-Ungerija: għadhom qed jitqajmu dubji dwar l-indipendenza ġudizzjarja, is-servizz tal-prosekuzzjoni għad ma għandux protezzjonijiet robusti mill-influwenza politika, il-proċessi leġiżlattivi għadhom mhux trasparenti b'konsultazzjoni pubblika limitata, u l-isforzi biex jiġu ssalvagwardjati l-libertà tal-media, il-pluraliżmu u l-ispazju ċiviku ma pproduċewx riżultati sinifikattivi;

Or. en

Emenda 279
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4g. Jenfasizza r-rwol ċentrali tal-QĠUE fiż-żamma tal-istat tad-dritt madwar l-UE; japprova aktar inizjattivi biex jissaħħu r-riżorsi u l-kapaċitajiet tal-QĠUE ħalli tindirizza b'mod effettiv l-isfidi ulterjuri għall-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 280

Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4h. Ifakkar li sistemi legali nazzjonali robusti huma indispensabbli fl-Istati Membri, pajjiżi kandidati potenzjali u pajjiżi kandidati, peress li l-Kummissjoni tibbaża fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali biex jinfurzaw id-dritt tal-UE, u li huma fundamentali għall-kooperazzjoni ġudizzjarja madwar l-UE u biex titrawwem il-fiduċja reċiproka;

Or. en

Emenda 281
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Itenni li l-korruzzjoni hija theddida serja għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt u għat-trattament ġust taċ-ċittadini kollha;	5. Itenni li l-korruzzjoni ***toħloq*** theddida serja għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt u għat-trattament ġust taċ-ċittadini kollha; ***jissottolinja li dan idgħajjef il-fiduċja pubblika fl-istituzzjonijiet; jiddeplora l-fatt li l-Ewrobarometru tal-2025 dwar il-korruzzjoni juri li l-korruzzjoni għadha ta' tħassib kbir għaċ-ċittadini tal-UE, b'69 % tal-Ewropej jemmnu li l-korruzzjoni hija mifruxa f'pajjiżhom, u żewġ terzi jaħsbu li l-każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli mhumiex segwiti biżżejjed; jinnota li aktar minn nofs ir-rispondenti ma jqisux l-isforzi tal-gvern biex jiġġieled il-korruzzjoni bħala***

effettivi; iqis li din hija sejħa ċara biex l-UE tintensifika l-ħidma tagħha biex tipprevjeni u tiġġieled il-korruzzjoni;

Or. en

Emenda 282
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Itenni li l-korruzzjoni hija theddida serja għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt u għat-trattament ġust taċ-ċittadini kollha;	5. Itenni li l-korruzzjoni hija theddida serja għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt u għat-trattament ġust taċ-ċittadini kollha ***u vettur primarju għall-interferenza barranija strateġika, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-Unjoni***; ***jisħaq li l-istat tad-dritt jirrikjedi li l-persuni li jokkupaw kariga pubblika ma jkunux jistgħu jaġixxu b'mod arbitrarju jew jabbużaw mis-setgħa tagħhom għal gwadann personali;***

Or. en

Emenda 283
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Klára Dobrev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Itenni li l-korruzzjoni hija theddida serja għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt u għat-trattament ġust taċ-ċittadini kollha;	5. Itenni li l-korruzzjoni hija theddida serja għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt u għat-trattament ġust taċ-ċittadini kollha; ***jissottolinja li l-aderenza sħiħa mal-prinċipju tas-sħubija fil-programmi tal-UE hija element fundamentali tat-trasparenza u l-ġlieda kontra l-użu ħażin tal-fondi tal-UE, li għalhekk trid tiġi***

infurzata b'mod strett u kontinwu mill-Kummissjoni Ewropea fil-programmi kollha;

Or. en

Emenda 284
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Itenni li l-korruzzjoni hija theddida serja għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt u għat-trattament ġust taċ-ċittadini kollha;	5. Itenni li l-korruzzjoni hija theddida serja għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt u għat-trattament ġust taċ-ċittadini kollha; ***itenni li, f'dawn l-aħħar snin, ħarġu suspetti estremament serji ta' korruzzjoni fl-istituzzjonijiet Ewropej ukoll, inkluż fil-Parlament Ewropew;***

Or. fi

Emenda 285
Milan Uhrík

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Itenni li l-korruzzjoni hija theddida serja għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt u għat-trattament ġust taċ-ċittadini kollha;	5. Itenni li l-korruzzjoni***, inklużi l-każijiet li fihom il-korruzzjoni u/jew in-nuqqas ta' trasparenza jistgħu jinvolvu rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet u l-korpi tagħha,*** hija theddida serja għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt u għat-trattament ġust taċ-ċittadini kollha;

Or. en

Emenda 286
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Itenni li l-korruzzjoni hija theddida serja għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt u għat-trattament ġust taċ-ċittadini kollha;	5. Itenni li l-korruzzjoni hija theddida serja għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt u għat-trattament ġust taċ-ċittadini kollha***, u xxekkel l-iżvilupp ekonomiku***;

Or. en

Emenda 287
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jinnota s-sejbiet tal-aħħar stħarriġ tal-Ewrobarometru dwar il-korruzzjoni, li sar regolarment mill-2005, li juri li l-korruzzjoni għadha ta' tħassib kbir għaċ-ċittadini tal-UE; jinnota b'mod partikolari li 69 % tal-Ewropej iqisu l-korruzzjoni bħala mifruxa f'pajjiżhom u 51 % jemmnu li hija mifruxa fil-partiti politiċi; jisħaq, madankollu, li l-prattiki korrotti huma rrifjutati b'mod qawwi, b'71 % tar-rispondenti iqisu li qatt mhuwa aċċettabbli li jagħmlu favuri bi skambju għal vantaġġi mill-awtoritajiet pubbliċi, 74 % jirrifjutaw l-għoti ta' rigali u 80 % jirrifjutaw l-għoti ta' flus biex jinkisbu tali vantaġġi; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-fiduċja pubblika fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni għadha baxxa, peress li żewġ terzi tal-Ewropej jemmnu li l-każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli mhumiex segwiti biżżejjed, aktar minn nofshom iqisu l-azzjoni tal-gvern bħala ineffettiva u kważi nofshom għandhom dubji dwar l-

applikazzjoni imparzjali tal-miżuri kontra l-korruzzjoni; jinnota wkoll li filwaqt li 5 % tar-rispondenti fil-livell tal-UE jirrapportaw li esperjenzaw jew raw korruzzjoni f'dawn l-aħħar 12-il xahar, wieħed biss minn kull ħamsa rrapportawha, u li anqas minn nofs l-Ewropej jafu fejn għandhom jirrapportaw każ ta' korruzzjoni, li jindika lakuni sinifikanti fil-mekkaniżmi ta' rapportar u fis-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku;

Or. en

Emenda 288
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonkludi minnufih in-negozjati dwar is-sħubija sħiħa tal-UE fil-GRECO; jemmen bis-sħiħ li tali sħubija sħiħa fil-GRECO tankra lill-UE nnifisha saħansitra aktar fis-sistema tal-istat tad-dritt u ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-Istati Membri, mal-pajjiżi kandidati u mal-pajjiżi ġirien fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-GRECO tal-Kunsill tal-Ewropa u jikkonformaw mas-sentenzi kollha tal-QEDB;

Or. en

Emenda 289
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jinnota bi tħassib li diversi strutturi speċjalizzati kontra l-korruzzjoni ġew żarmati jew assorbiti f'korpi anqas indipendenti, u dan irriżulta fi tnaqqis qawwi fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' każijiet ta' korruzzjoni, inklużi dawk ta' livell għoli, kif muri f'analiżijiet esperti reċenti;

Or. en

Emenda 290
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tikkonkludi malajr in-negozjati dwar is-sħubija tal-UE fil-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) tal-Kunsill tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 291
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jistieden lill-Istati Membri jippubblikaw, jadottaw, jaġġornaw, jimmonitorjaw, jimplimentaw u jirrevedu

l-istrateġija nazzjonali tagħhom dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, jistabbilixxu objettivi, prijoritajiet, u miżuri korrispondenti u l-mezzi biex jintlaħqu dawn l-objettivi, sabiex jiġi żgurat li l-azzjoni kontra l-korruzzjoni tiġi integrata fis-setturi ta' politika rilevanti kollha; ifakkar fl-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE); jirrakkomanda li l-Istati Membri li ma jipparteċipawx fl-UPPE għandhom ikunu ineliġibbli biex jiġġestixxu l-fondi direttament;

Or. en

Emenda 292
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jenfasizza li l-prosekutur ġenerali fis-Slovakkja qed ikompli juża setgħat straordinarji biex jannulla deċiżjonijiet ta' prosekuzzjoni, inkluż f'każijiet ta' korruzzjoni ta' profil għoli, u b'hekk jimmina l-fiduċja pubblika u l-ugwaljanza tal-armi fis-sistema ġudizzjarja; jinnota li għad hemm nuqqasijiet fil-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni minkejja r-rakkomandazzjonijiet tal-UE, inkluż tħassib dwar l-akkwist pubbliku, ir-regoli dwar il-kunflitt ta' interess u n-nuqqas ta' sorveljanza indipendenti;

Or. en

Emenda 293
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Istati Membri, lill-pajjiżi kandidati u lill-pajjiżi kandidati potenzjali, kif ukoll lill-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-organi tal-UE, isaħħu l-miżuri preventivi kontra l-korruzzjoni, inklużi l-ġestjoni trasparenti tal-fondi tal-UE, il-kodiċijiet ta' kondotta għall-uffiċjali pubbliċi, id-dikjarazzjonijiet obbligatorji tal-assi, ir-regoli dwar il-kunflitt ta' interess, is-sistemi ta' twissija bikrija u l-limitazzjonijiet fuq il-prattiki ta' revolving door;	6. Jistieden lill-Istati Membri, lill-pajjiżi kandidati u lill-pajjiżi kandidati potenzjali, kif ukoll lill-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-organi tal-UE, isaħħu l-miżuri preventivi kontra l-korruzzjoni, inklużi l-ġestjoni trasparenti tal-fondi tal-UE, il-kodiċijiet ta' kondotta għall-uffiċjali pubbliċi, id-dikjarazzjonijiet obbligatorji tal-assi, ir-regoli dwar il-kunflitt ta' interess, is-sistemi ta' twissija bikrija u l-limitazzjonijiet fuq il-prattiki ta' revolving door; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura trasparenza rigoruża f'kull qasam ta' politika; ifakkar fl-akkużi serji ta' korruzzjoni magħmula kontra membri attwali u preċedenti tal-persunal fil-Kummissjoni;***

Or. fi

Emenda 294
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Istati Membri, lill-pajjiżi kandidati u lill-pajjiżi kandidati potenzjali, kif ukoll lill-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-organi tal-UE, isaħħu l-miżuri ***preventivi kontra l-korruzzjoni***, inklużi l-ġestjoni trasparenti tal-fondi tal-UE, il-kodiċijiet ta' kondotta għall-uffiċjali pubbliċi, id-dikjarazzjonijiet obbligatorji tal-assi, ir-regoli dwar il-kunflitt ta' interess, is-sistemi ta' twissija bikrija u l-limitazzjonijiet fuq il-prattiki ta' revolving door;	6. Jistieden lill-Istati Membri, lill-pajjiżi kandidati u lill-pajjiżi kandidati potenzjali, kif ukoll lill-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-organi tal-UE, ***jistabbilixxu jew*** isaħħu l-miżuri ***biex jipprevjenu u jindirizzaw il-korruzzjoni***, inklużi ***ż-żamma tal-ispeċjalizzazzjoni u l-indipendenza tal-istituzzjonijiet ta' kontra l-korruzzjoni, il-ġestjoni*** trasparenti tal-fondi tal-UE, il-kodiċijiet ta' kondotta għall-uffiċjali pubbliċi, id-dikjarazzjonijiet obbligatorji tal-assi ***u l-verifika tagħhom***,

	ir-regoli dwar il-kunflitt ta' interess, is-sistemi ta' twissija bikrija u l-limitazzjonijiet fuq il-prattiki ta' revolving door;

Or. pl

Emenda 295
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Istati Membri, lill-pajjiżi kandidati u lill-pajjiżi kandidati potenzjali***, kif ukoll lill-istituzzjonijiet, il-korpi, u l-organi tal-UE,*** isaħħu l-miżuri preventivi kontra l-korruzzjoni, inklużi l-ġestjoni trasparenti tal-fondi tal-UE, il-kodiċijiet ta' kondotta għall-uffiċjali pubbliċi, id-dikjarazzjonijiet ***obbligatorji*** tal-assi, ir-regoli dwar il-kunflitt ta' interess, ***is-sistemi ta' twissija bikrija u l-limitazzjonijiet fuq il-prattiki*** ta' revolving door;	6. Jistieden lill-Istati Membri, ***iżda wkoll*** lill-pajjiżi kandidati u lill-pajjiżi kandidati potenzjali isaħħu l-miżuri preventivi kontra l-korruzzjoni, inklużi l-ġestjoni trasparenti tal-fondi tal-UE, il-kodiċijiet ta' kondotta għall-uffiċjali pubbliċi, ***regoli ċari dwar*** id-dikjarazzjonijiet tal-assi, ir-regoli dwar il-kunflitt ta' interess, ***u l-prattiki*** ta' revolving door;

Or. en

Emenda 296
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tiffinalizza minnufih in-negozjati dwar is-sħubija tal-Unjoni Ewropea fil-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) tal-Kunsill tal-Ewropa; jisħaq li s-sħubija

sħiħa fl-UE, lil hinn mill-istatus attwali ta' osservatur, hija meħtieġa biex tiġi indirizzata l-asimmetrija eżistenti fejn l-Istati Membri kollha tal-UE jiġu evalwati mill-GRECO filwaqt li l-istituzzjonijiet tal-UE nfushom mhumiex, u b'hekk tiġi limitata l-koerenza fil-qafas tal-integrità tal-Ewropa; jenfasizza li l-Kummissjoni ma tistax tkun mistennija b'mod raġonevoli li tivvaluta lilha nnifisha fi kwistjonijiet ta' integrità u kontra l-korruzzjoni, u li r-rikors għal korp ta' monitoraġġ estern indipendenti rikonoxxut huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-kredibbiltà, it-trasparenza u l-fiduċja pubblika; jisħaq fuq l-importanza li jintbagħat sinjal politiku ċar li l-istituzzjonijiet tal-UE stess huma soġġetti għall-istess livell ta' skrutinju u standards bħall-awtoritajiet nazzjonali; ifakkar li s-sħubija tal-UE fil-GRECO ssaħħaħ l-allinjament tar-regoli, ittejjeb il-kooperazzjoni, tiżgura konsistenza metodoloġika u tevita d-duplikazzjoni; jinnota li l-adeżjoni mal-UE tista' ssegwi żewġ rotot legali, jew permezz ta' talba diretta biex taderixxi mal-Ftehim GRECO jew, b'mod aktar sempliċi, permezz tal-adeżjoni ma' konvenzjoni waħda jew it-tnejn li huma tal-Kunsill tal-Ewropa kontra l-korruzzjoni (ETS Nru 173 u/jew 174), li awtomatikament tkun tinvolvi s-sħubija fil-GRECO; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni ssegwi mingħajr dewmien l-aktar perkors legali effiċjenti lejn sħubija sħiħa fil-GRECO u tiżgura li r-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt ikopri wkoll l-istituzzjonijiet tal-UE;

Or. en

Emenda 297
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fil-ħarsien tal-istat tad-dritt u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-Unjoni, u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib il-livell ta' kooperazzjoni tal-Istati Membri mal-UPPE fir-rapporti sussegwenti;

Or. en

Emenda 298
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-bordijiet tad-dixxiplina, tas-servizzi tal-prosekuzzjoni, tal-aġenziji kontra l-korruzzjoni u tal-ġudikatura, u li dawn jiġu allokati ammont adegwat ta' riżorsi;	7. ***Jesprimi tħassib serju dwar ix-xejriet reċenti fl-Istati Membri biex jiżżarmaw jew idgħajfu l-korpi kontra l-korruzzjoni, jallokaw mill-ġdid il-kompetenzi tagħhom b'modi li jnaqqsu l-indipendenza, jew jużaw setgħat ta' prosekuzzjoni jew tal-pulizija għal skopijiet politiċi, li jimminaw l-effettività tal-oqfsa nazzjonali kontra l-korruzzjoni;*** jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-bordijiet tad-dixxiplina, tas-servizzi tal-prosekuzzjoni, tal-aġenziji kontra l-korruzzjoni u tal-ġudikatura, u li dawn jiġu allokati ammont adegwat ta' riżorsi;

Or. en

Emenda 299
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu l-indipendenza, l-imparzjalità u r-riżorsi adegwati tal-bordijiet tad-dixxiplina, tas-servizzi tal-prosekuzzjoni, tal-aġenziji kontra l-korruzzjoni u tal-ġudikatura;	7. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu l-indipendenza, l-imparzjalità u r-riżorsi adegwati tal-bordijiet tad-dixxiplina, tas-servizzi tal-prosekuzzjoni, tal-aġenziji kontra l-korruzzjoni u tal-ġudikatura; ***jistieden lill-UE tiggarantixxi riżorsi adegwati għall-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF);***

Or. fi

Emenda 300
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu l-indipendenza, l-imparzjalità u r-riżorsi adegwati tal-bordijiet tad-dixxiplina, tas-servizzi tal-prosekuzzjoni, tal-aġenziji kontra l-korruzzjoni u tal-ġudikatura;	7. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu ***l-ispeċjalizzazzjoni,*** l-indipendenza, l-imparzjalità u r-riżorsi adegwati tal-bordijiet tad-dixxiplina, tas-servizzi tal-prosekuzzjoni, tal-aġenziji kontra l-korruzzjoni u tal-ġudikatura***, f'konformità mal-impenji tal-UNAC u r-rakkomandazzjonijiet ta' GRECO***;

Or. pl

Emenda 301
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-bordijiet tad-dixxiplina, tas-servizzi tal-prosekuzzjoni, tal-aġenziji kontra l-korruzzjoni u tal-ġudikatura, u li dawn jiġu allokati ammont adegwat ta' riżorsi;	7. Jistieden ***lill-istituzzjonijiet tal-UE u*** lill-Istati Membri jiggarantixxu l-indipendenza u l-imparzjalità tal-bordijiet tad-dixxiplina, tas-servizzi tal-prosekuzzjoni, tal-aġenziji kontra l-korruzzjoni u tal-ġudikatura, u li dawn jiġu allokati ammont adegwat ta' riżorsi;

Or. en

Emenda 302
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. ***Jistieden lill-Istati*** Membri ***jiggarantixxu l-indipendenza,*** l-imparzjalità ***u r-riżorsi adegwati*** tal-bordijiet tad-dixxiplina, tas-servizzi tal-prosekuzzjoni, tal-aġenziji kontra l-korruzzjoni u tal-ġudikatura;	7. ***Jilqa' l-approċċ meħud mill-Istati*** Membri ***għall-indipendenza u*** l-imparzjalità tal-bordijiet tad-dixxiplina, tas-servizzi tal-prosekuzzjoni, tal-aġenziji kontra l-korruzzjoni u tal-ġudikatura;

Or. sk

Emenda 303
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jistieden lill-korpi Ewropej bħall-Europol, l-Eurojust, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-UPPE u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) itejbu l-

kooperazzjoni tagħhom, b'mod partikolari permezz ta' rieżami u tisħiħ tal-arkitettura tal-UE kontra l-frodi, sabiex jiġu żgurati detezzjoni, prevenzjoni u prosekuzzjoni aktar effettivi tal-ksur tal-istat tad-dritt fejn dawn ikollhom riperkussjonijiet diretti jew indiretti fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 304
Javier Zarzalejos, Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7 – punt 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1) Iqis li l-amnestiji jew il-maħfriet ma jridux jiġu abbużati biex jipproteġu lill-politiċi, peress li dan jista' jimmina l-fiduċja pubblika; għalhekk iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni;

Or. en

Emenda 305
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) bħala pilastru ċentrali tal-istat tad-dritt tal-UE u s-sett ta' għodod kontra l-korruzzjoni, b'mod partikolari għall-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jistieden

lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib u kontinwament il-livell u l-kwalità tal-kooperazzjoni tal-Istati Membri kollha mal-UPPE, u tagħmel użu sħiħ mis-setgħat tagħha fejn il-kooperazzjoni tkun deficjenti; jappoġġja t-tisħiħ tas-setgħat ta' monitoraġġ, koordinazzjoni u operazzjonali tal-UPPE bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jinvestiga u jressaq għall-prosekuzzjoni l-korruzzjoni fl-Istati Membri; jistieden ukoll lill-Kummissjoni taċċelera, bħala kwistjoni ta' prijorità, ir-reviżjoni tar-Regolament dwar l-UPPE; jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu l-kooperazzjoni operazzjonali u l-appoġġ għall-analiżi tad-data bejn l-UPPE u l-Europol sabiex jittaffa l-piż analitiku tal-UPPE;

Or. en

Emenda 306
Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Cecilia Strada, Marco Tarquinio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jiddeplora l-fatt li xi Stati Membri naqsu milli jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet li għamlet il-Kummissjoni fir-Rapport tagħha dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025 dwar il-korruzzjoni, ir-regoli dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi u l-kampanji elettorali, u r-regolamentazzjoni tal-attivitajiet ta' lobbjar; jinnota, fil-kuntest tal-ftehim dwar id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ħtieġa li l-Istati Membri kollha jikkonformaw ma' din il-leġiżlazzjoni anke fil-kuntest tar-reat ta' abbuż tal-uffiċċju; ifakkar li dawn ir-reati jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, jiffurmaw parti integrali mill-qafas regolatorju dwar il-ġlieda

	kontra l-korruzzjoni u t-trasparenza u jmorru kontra l-konvenzjonijiet internazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

Or. it

Emenda 307
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq li l-istat tad-dritt jirrikjedi li l-uffiċjali pubbliċi jaġixxu b'mod trasparenti u fl-interess pubbliku, mingħajr abbuż tal-poter jew teħid ta' deċiżjonijiet b'mod arbitrarju; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu kultura ta' integrità permezz ta' taħriġ regolari kontra l-korruzzjoni għall-uffiċjali pubbliċi, l-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura, u billi jinvolvu b'mod attiv lis-soċjetà ċivili fil-monitoraġġ tal-azzjonijiet tal-gvern;	8. Jisħaq li l-istat tad-dritt jirrikjedi li l-uffiċjali pubbliċi***, kemm fl-UE kif ukoll fl-Istati Membri,*** jaġixxu b'mod trasparenti u fl-interess pubbliku, mingħajr abbuż tal-poter jew teħid ta' deċiżjonijiet b'mod arbitrarju***; jistieden lill-UE tiżvela, mingħajr dewmien, l-abbużi ta' poter li nkixfu fl-istituzzjonijiet tagħha, u tirrispondi għalihom kif meħtieġ***; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu kultura ta' integrità permezz ta' taħriġ regolari kontra l-korruzzjoni għall-uffiċjali pubbliċi, l-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura, u billi jinvolvu b'mod attiv lis-soċjetà ċivili fil-monitoraġġ tal-azzjonijiet tal-gvern;

Or. fi

Emenda 308
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq li l-istat tad-dritt jirrikjedi li l-uffiċjali pubbliċi jaġixxu b'mod trasparenti u fl-interess pubbliku, mingħajr abbuż tal-poter jew teħid ta' deċiżjonijiet	8. Jisħaq li l-istat tad-dritt jirrikjedi li l-uffiċjali pubbliċi jaġixxu b'mod trasparenti u fl-interess pubbliku, mingħajr abbuż tal-poter jew teħid ta' deċiżjonijiet

b'mod arbitrarju; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu kultura ta' integrità permezz ta' taħriġ regolari kontra l-korruzzjoni għall-uffiċjali pubbliċi, l-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura***, u billi jinvolvu b'mod attiv lis-soċjetà ċivili fil-monitoraġġ tal-azzjonijiet tal-gvern***;	b'mod arbitrarju; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu kultura ta' integrità permezz ta' taħriġ regolari kontra l-korruzzjoni għall-uffiċjali pubbliċi, l-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura;

Or. en

Emenda 309
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jisħaq li l-istat tad-dritt jirrikjedi li l-uffiċjali pubbliċi jaġixxu b'mod trasparenti u fl-interess pubbliku, mingħajr abbuż tal-poter jew teħid ta' deċiżjonijiet b'mod arbitrarju; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu kultura ta' integrità permezz ta' taħriġ regolari kontra l-korruzzjoni għall-uffiċjali pubbliċi, l-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura***, u billi jinvolvu b'mod attiv lis-soċjetà ċivili fil-monitoraġġ tal-azzjonijiet tal-gvern***;	8. Jisħaq li l-istat tad-dritt jirrikjedi li l-uffiċjali pubbliċi jaġixxu b'mod trasparenti u fl-interess pubbliku, mingħajr abbuż tal-poter jew teħid ta' deċiżjonijiet b'mod arbitrarju; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu kultura ta' integrità permezz ta' taħriġ regolari kontra l-korruzzjoni għall-uffiċjali pubbliċi, l-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura;

Or. en

Emenda 310
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jisħaq li l-istat tad-dritt jirrikjedi trasparenza u integrità mhux biss mill-Istati Membri, iżda anke mill-

istituzzjonijiet tal-UE; jinnota li każijiet ta' abbuż fl-istituzzjonijiet tal-UE, inklużi allegazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess, korruzzjoni, proċeduri ta' reklutaġġ mhux ċari u nuqqas ta' obbligu ta' rendikont amministrattiv, jimminaw il-kredibbiltà tal-UE fil-valutazzjoni tal-Istati Membri; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE japplikaw bis-sħiħ il-prinċipji ta' governanza tajba;

Or. pl

Emenda 311
Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu r-rekwiżiti ta' trasparenza fit-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi, inklużi r-reġistri obbligatorji tal-lobbisti, l-obbligi ta' rapportar dwar il-finanzjament politiku u r-regoli għall-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess; jisħaq li prattiki ta' lobbjar mhux trasparenti u mhux regolati jimminaw ir-responsabbiltà demokratika u l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 312
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jesprimi tħassib li r-riformi reċenti tal-liġi kriminali li jnaqqsu s-

sanzjonijiet u l-perjodi ta' preskrizzjoni għal reati kontra l-korruzzjoni rriżultaw fil-waqfien ta' mijiet ta' każijiet relatati mal-korruzzjoni, inklużi dawk li jinvolvu reati serji, id-dgħajfien tad-deterrenza, it-trawwim ta' klima ta' impunità u t-tnaqqis tal-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi;

Or. en

Emenda 313
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li jitwettqu investigazzjonijiet fil-pront, bir-reqqa u imparzjali ta' każijiet ta' korruzzjoni, ***bi prijorità*** partikolari mogħtija lil każijiet li jinvolvu uffiċjali ta' livell għoli, sabiex jiġi ssalvagwardjat l-istat tad-dritt, tinżamm il-fiduċja pubblika u jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont fil-livelli kollha tal-gvern;	9. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li jitwettqu investigazzjonijiet fil-pront, bir-reqqa u imparzjali ta' każijiet ta' korruzzjoni, ***b'attenzjoni*** partikolari mogħtija lil każijiet li jinvolvu uffiċjali ta' livell għoli, sabiex jiġi ssalvagwardjat l-istat tad-dritt, tinżamm il-fiduċja pubblika u jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont fil-livelli kollha tal-gvern; ***jistieden ukoll lill-Istati Membri jsegwu każijiet bħal dawn fi żmien raġonevoli sabiex ma jrawmux sens ta' impunità fost iċ-ċittadini; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta b'mod sistematiku dwar ir-rekord ta' investigazzjonijiet, akkużi u kundanni finali f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli f'kull Stat Membru, u tiddistingwi bejniethom, u tidentifika sitwazzjonijiet ta' impunità persistenti bħala vulnerabbiltajiet strutturali b'implikazzjonijiet sinifikanti għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni;***

Or. en

Emenda 314
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li jitwettqu investigazzjonijiet fil-pront, bir-reqqa u imparzjali ta' każijiet ta' korruzzjoni, bi prijorità partikolari mogħtija lil każijiet li jinvolvu uffiċjali ta' livell għoli, sabiex jiġi ssalvagwardjat l-istat tad-dritt, tinżamm il-fiduċja pubblika u jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont fil-livelli kollha tal-gvern;	9. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li jitwettqu investigazzjonijiet fil-pront, bir-reqqa u imparzjali ta' każijiet ta' korruzzjoni, bi prijorità partikolari mogħtija lil każijiet li jinvolvu uffiċjali ta' livell għoli, ***inklużi impjegati ta' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-UE,*** sabiex jiġi ssalvagwardjat l-istat tad-dritt, tinżamm il-fiduċja pubblika u jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont fil-livelli kollha tal-gvern; ***jesprimi dispjaċir li f'ċerti Stati Membri, inkluża l-Polonja, l-individwi li qed jiġġieldu l-korruzzjoni huma soġġetti għal ritaljazzjoni u persekuzzjoni, anke għexieren ta' snin wara li ġew iddivulgati każijiet ta' korruzzjoni fl-ogħla livelli tal-gvern;***

Or. pl

Emenda 315
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li jitwettqu investigazzjonijiet fil-pront, bir-reqqa u imparzjali ta' każijiet ta' korruzzjoni, bi prijorità partikolari mogħtija lil każijiet li jinvolvu uffiċjali ta' livell għoli, sabiex jiġi ssalvagwardjat l-istat tad-dritt, tinżamm il-fiduċja pubblika u jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont fil-livelli kollha tal-gvern;	9. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li jitwettqu investigazzjonijiet fil-pront, bir-reqqa u imparzjali ta' każijiet ta' korruzzjoni, bi prijorità partikolari mogħtija lil każijiet li jinvolvu uffiċjali ta' livell għoli, sabiex jiġi ssalvagwardjat l-istat tad-dritt, tinżamm il-fiduċja pubblika u jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont fil-livelli kollha tal-gvern; ***jenfasizza li dan l-***

approċċ huwa ħtieġa assoluta, anke għall-UE nnifisha;

Or. fi

Emenda 316
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li jitwettqu investigazzjonijiet fil-pront, bir-reqqa u imparzjali ***ta' każijiet*** ta' korruzzjoni***, bi prijorità partikolari mogħtija lil każijiet li jinvolvu uffiċjali ta' livell għoli***, sabiex jiġi ssalvagwardjat l-istat tad-dritt, tinżamm il-fiduċja pubblika u jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont fil-livelli kollha tal-gvern;	9. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li jitwettqu investigazzjonijiet fil-pront, bir-reqqa u imparzjali ***tal-każijiet*** ta' korruzzjoni ***kollha***, sabiex jiġi ssalvagwardjat l-istat tad-dritt, tinżamm il-fiduċja pubblika u jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont fil-livelli kollha tal-gvern;

Or. en

Emenda 317
Nikola Minchev, Moritz Körner, Irena Joveva, Malik Azmani

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-kapitolu kontra l-korruzzjoni, tagħti aktar attenzjoni lir-rekord tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet, inklużi indikazzjonijiet ta' infurzar selettiv jew strumentalizzazzjoni ta' mekkaniżmi kontra l-korruzzjoni u l-integrità kontra avversarji politiċi jew ilħna kritiċi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tanalizza b'mod partikolari l-ħatra, il-funzjonament u l-indipendenza ta' korpi u prosekuturi speċjalizzati kontra l-korruzzjoni, u

tifformula rakkomandazzjonijiet ċari fejn jiġu identifikati xejriet ta' infurzar selettiv;

Or. en

Emenda 318
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Istati Membri jallinjaw id-dispożizzjonijiet legali tagħhom rigward ir-responsabbiltà kriminali tal-membri tal-gvern mal-leġiżlazzjoni tal-UE u jabolixxu l-ostakli sostantivi u proċedurali li jfixklu l-amministrazzjoni effettiva tal-ġustizzja f'każijiet rilevanti u prattikament iwittu t-triq għall-impunità;

Or. en

Emenda 319
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Itenni l-appell ta' GRECO li jiġu żgurati l-ispeċjalizzazzjoni u l-indipendenza ta' korpi kontra l-korruzzjoni;

Or. pl

Emenda 320

Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. ***Jistieden*** lill-Istati Membri ***jipproteġu lill-whistleblowers*** u ***lill-ġurnalisti*** li jirrapportaw dwar il-korruzzjoni jew dwar il-ġestjoni ħażina tal-fondi tal-UE, ***billi jiżguraw li jkun hemm mezzi*** ta' rapportar kunfidenzjali, rimedji effettivi kontra r-ritaljazzjoni, u ***l-protezzjoni*** tal-ġurnaliżmu investigattiv u tal-libertà tal-espressjoni;	10. ***Jirrikonoxxi r-rwol kruċjali li għandhom il-whistleblowers fl-esponiment tal-korruzzjoni u fil-promozzjoni tat-trasparenza kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li dawn ikunu protetti b'mod effettiv kontra r-ritaljazzjoni u l-fastidju; jappella għat-tisħiħ ulterjuri tal-awtoritajiet indipendenti u awtonomi għall-protezzjoni tal-informaturi u għall-integrazzjoni tagħhom f'oqfsa nazzjonali usa' kontra l-korruzzjoni, filwaqt li jiġi żgurat approċċ unifikat u robust fl-Istati Membri kollha; iħeġġeġ*** lill-Istati Membri ***jsaħħu l-protezzjonijiet għall-whistleblowers*** u ***għall-ġurnalisti*** li jirrapportaw dwar il-korruzzjoni jew dwar il-ġestjoni ħażina tal-fondi tal-UE, ***inkluż permezz*** ta' rapportar kunfidenzjali, rimedji effettivi kontra r-ritaljazzjoni, u ***s-salvagwardja*** tal-ġurnaliżmu investigattiv u tal-libertà tal-espressjoni; ***jappella għall-introduzzjoni ta' ċirkostanzi aggravanti speċifiċi fid-dritt kriminali għal reati mwettqa kontra l-ġurnalisti meta tali atti jkunu mmotivati mill-attivitajiet professjonali tagħhom jew marbuta magħhom;***

Or. en

Emenda 321
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Istati Membri jipproteġu lill-whistleblowers ***u lill-ġurnalisti*** li jirrapportaw dwar il-korruzzjoni jew dwar il-ġestjoni ħażina tal-fondi tal-UE, billi jiżguraw li jkun hemm mezzi ta' rapportar kunfidenzjali, rimedji effettivi kontra r-ritaljazzjoni, u l-protezzjoni tal-ġurnaliżmu investigattiv u tal-libertà tal-espressjoni;	10. Jistieden lill-Istati Membri jipproteġu lill-whistleblowers li jirrapportaw dwar il-korruzzjoni jew dwar il-ġestjoni ħażina tal-fondi tal-UE, billi jiżguraw li jkun hemm mezzi ta' rapportar kunfidenzjali, rimedji effettivi kontra r-ritaljazzjoni, u l-protezzjoni tal-ġurnaliżmu investigattiv u tal-libertà tal-espressjoni; ***jenfasizza bil-qawwa li l-mekkaniżmu tal-whistleblowers ma jridx jiġi abbużat għal skopijiet oħra, bħal li tiġi żgurata immunità minn persekuzzjoni fi proċedimenti kriminali;***

Or. sk

Emenda 322
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Istati Membri jipproteġu lill-whistleblowers u lill-ġurnalisti li jirrapportaw dwar il-korruzzjoni jew dwar il-ġestjoni ħażina tal-fondi tal-UE, billi jiżguraw li jkun hemm mezzi ta' rapportar kunfidenzjali, rimedji effettivi kontra r-ritaljazzjoni, u l-protezzjoni tal-ġurnaliżmu investigattiv u tal-libertà tal-espressjoni;	10. ***Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiżguraw li l-whistleblowing ikun magħmul faċli kemm jista' jkun;*** jistieden lill-Istati Membri jipproteġu lill-whistleblowers u lill-ġurnalisti li jirrapportaw dwar il-korruzzjoni jew dwar il-ġestjoni ħażina tal-fondi tal-UE, billi jiżguraw li jkun hemm mezzi ta' rapportar kunfidenzjali, rimedji effettivi kontra r-ritaljazzjoni, u l-protezzjoni tal-ġurnaliżmu investigattiv u tal-libertà tal-espressjoni;

Or. fi

Emenda 323
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jistieden lill-Istati Membri jipproteġu lill-whistleblowers u lill-ġurnalisti li jirrapportaw dwar il-korruzzjoni jew dwar il-ġestjoni ħażina tal-fondi tal-UE, billi jiżguraw li jkun hemm mezzi ta' rapportar kunfidenzjali, rimedji effettivi kontra r-ritaljazzjoni, u l-protezzjoni tal-ġurnaliżmu investigattiv u tal-libertà tal-espressjoni;	10. Jistieden lill-Istati Membri ***u lill-pajjiżi kandidati*** jipproteġu lill-whistleblowers u lill-ġurnalisti li jirrapportaw dwar il-korruzzjoni jew dwar il-ġestjoni ħażina tal-fondi tal-UE, billi jiżguraw li jkun hemm mezzi ta' rapportar kunfidenzjali, rimedji effettivi kontra r-ritaljazzjoni, u l-protezzjoni tal-ġurnaliżmu investigattiv u tal-libertà tal-espressjoni;

Or. en

Emenda 324
Javier Zarzalejos, Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10 – punt 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1) Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tiffinalizza minnufih in-negozjati dwar is-sħubija tal-UE fil-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) tal-Kunsill tal-Ewropa; jinnota li tali sħubija se tiżgura trasparenza, obbligu ta' rendikont u effiċjenza akbar fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE, il-proċess leġiżlattiv u l-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-UE, u jitlob li r-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt ikopri l-istituzzjonijiet tal-UE; itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri kollha biex jadottaw u jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-GRECO;

Or. en

Emenda 325
Javier Zarzalejos, Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10 – punt 2 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(2) Jistieden lill-korpi Ewropej bħall-Europol, l-Eurojust, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-UPPE u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) itejbu l-kooperazzjoni tagħhom fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-frodi li jaffettwaw il-finanzi tal-UE;

Or. en

Emenda 326
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jilqa' l-ftehim proviżorju li ntlaħaq fit-2 ta' Diċembru 2025 bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar id-direttiva l-ġdida tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li taġġorna u ssaħħaħ il-qafas legali tal-UE f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (UNCAC); jilqa' b'mod partikolari l-armonizzazzjoni fil-livell tal-UE tad-definizzjoni ta' reati ewlenin ta' korruzzjoni, inklużi t-tixħim fis-setturi pubbliċi u privati, il-miżapproprjazzjoni, l-abbuż mill-influwenza, it-tfixkil tal-ġustizzja, l-arrikkiment illeċitu, il-ħabi u l-abbużi serji tal-funzjoni pubblika; jilqa' t-tishiħ tas-sanzjonijiet kriminali kemm għall-persuni fiżiċi kif ukoll għal dawk ġuridiċi, inklużi sentenzi ta' kustodja ta' mill-anqas 3 sa 5 snin, skwalifika mill-kariga pubblika u esklużjoni mill-aċċess għall-fondi pubbliċi, kif ukoll multi bbażati fuq il-fatturat għall-kumpaniji; jinnota r-regoli msaħħa dwar il-ġuriżdizzjoni, li jippermettu lill-Istati

Membri jipproċedu kontra ċerti reati mwettqa barra mill-pajjiż; jilqa' l-qafas preventiv imsaħħaħ, inkluż l-obbligu li jkun hemm stabbiliti korpi speċjalizzati kontra l-korruzzjoni jew unitajiet organizzattivi, li jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju regolari u jiżguraw il-protezzjoni għall-informaturi u l-persuni li jikkooperaw; u jisħaq fuq l-importanza tat-traspożizzjoni rapida u korretta u l-implimentazzjoni effettiva ta' din id-direttiva fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 327
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jinnota li f'ċerti Stati Membri, bħall-Ungerija u s-Slovakkja, il-konċentrazzjoni tal-influwenza eżekuttiva fuq il-prosekuturi, flimkien ma' riformi leġiżlattivi li jippermettu l-għeluq ta' każijiet ta' korruzzjoni jew id-dgħufija tal-penali, tirrifletti xejriet ta' rigress sistemiku identifikati qabel mill-Parlament fil-kuntest tal-proċedimenti tal-Artikolu 7 tat-TUE;

Or. en

Emenda 328
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-istituzzjonijiet, il-

korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-UE jsaħħu l-miżuri tagħhom kontra l-korruzzjoni fir-rigward tal-iżvelar u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, l-aċċess miftuħ għall-informazzjoni, ir-regoli li jirregolaw l-interazzjoni tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE mas-settur privat;

Or. en

Emenda 329
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jisħaq li l-protezzjoni tal-whistleblowers trid testendi wkoll għall-persunal tal-istituzzjonijiet tal-UE li jikxfu każijiet ta' frodi amministrattiv, ġestjoni ħażina fl-infiq tal-fondi tal-UE u kunflitti ta' interess fil-Kummissjoni u l-aġenziji tagħha;

Or. pl

Emenda 330
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Iqis li l-arranġamenti istituzzjonali l-ġodda kontra l-korruzzjoni fis-Slovakkja jonqsu milli jiżguraw l-indipendenza, it-trasparenza u l-infurzar effettiv, u jistgħu saħansitra jikkonsolidaw il-kontroll politiku aktar milli jipprevjenu l-ġestjoni ħażina tal-fondi tal-UE;

Or. en

Emenda 331
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Il-protezzjoni tal-ġurnalisti, u l-pluraliżmu u l-libertà tal-media	***Il-pluraliżmu tal-media*** u l-libertà tal-media

Or. en

Emenda 332
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jilqa' l-inizjattivi għall-promozzjoni ta' media ħielsa, indipendenti u pluralistika u ambjent sikur u abilitanti għall-ġurnalisti bħall-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA); jistieden lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali jtejbu t-trasparenza fl-allokazzjoni tar-reklamar mill-Istat online u offline u jsegwu r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1534 tas-16 ta' Settembru 2021 dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tishiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 333
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jemmen bis-sħiħ*** li l-assassinazzjoni tal-ġurnalisti investigattivi tikkostitwixxi attakk dirett fuq l-istat tad-dritt, peress li mhux biss jimmina l-kapaċità taċ-ċittadini u tal-istituzzjonijiet li jżommu lil dawk fil-poter responsabbli għal għemilhom, iżda tirrappreżenta wkoll waħda mill-aktar forom estremi ta' ċensura, li toħloq theddida diretta għal-libertà tal-espressjoni u għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi;	11. ***Jiddikjara*** li l-assassinazzjoni tal-ġurnalisti investigattivi tikkostitwixxi attakk dirett fuq l-istat tad-dritt, peress li mhux biss jimmina l-kapaċità taċ-ċittadini u tal-istituzzjonijiet li jżommu lil dawk fil-poter responsabbli għal għemilhom, iżda tirrappreżenta wkoll waħda mill-aktar forom estremi ta' ċensura, li toħloq theddida diretta għal-libertà tal-espressjoni u għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi; ***jisħaq ukoll li dawn l-attakki joħolqu effett dissważiv fuq ir-rapportar investigattiv u jridu, fiċ-ċirkostanzi kollha, iwasslu għal investigazzjonijiet fil-pront, bir-reqqa, indipendenti u effettivi; jisħaq li l-ġurnaliżmu indipendenti u l-media tas-servizz pubbliku huma parti mill-infrastruttura konjittiva tal-Unjoni, komparabbli mal-utilitajiet essenzjali, u għalhekk jeħtiġilhom jiġu protetti kemm mill-kontroll eżekuttiv kif ukoll mill-ħtif partiġġjan;***

Or. en

Emenda 334
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jemmen bis-sħiħ li l-	11. Jemmen bis-sħiħ li l-

assassinazzjoni tal-ġurnalisti investigattivi tikkostitwixxi attakk dirett fuq l-istat tad-dritt, ***peress li*** mhux biss ***jimmina*** l-kapaċità taċ-ċittadini u tal-istituzzjonijiet li jżommu lil dawk fil-poter responsabbli għal għemilhom, iżda ***tirrappreżenta wkoll*** waħda mill-aktar forom estremi ta' ċensura, li toħloq theddida diretta għal-libertà tal-espressjoni u għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi;	assassinazzjoni tal-ġurnalisti investigattivi tikkostitwixxi attakk dirett fuq l-istat tad-dritt, ***u jisħaq li t-theddid, il-fastidju u l-kampanji politikament immotivati*** mhux biss ***jimminaw*** l-kapaċità taċ-ċittadini u tal-istituzzjonijiet li jżommu lil dawk fil-poter responsabbli għal għemilhom, iżda ***jirrappreżentaw ukoll*** waħda mill-aktar forom estremi ta' ċensura, li toħloq theddida diretta għal-libertà tal-espressjoni u għall-funzjonament ***xieraq*** tal-istituzzjonijiet demokratiċi;
	Or. en

Emenda 335
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jemmen bis-sħiħ li l-assassinazzjoni tal-ġurnalisti investigattivi tikkostitwixxi attakk dirett fuq l-istat tad-dritt, peress li mhux biss jimmina l-kapaċità taċ-ċittadini u tal-istituzzjonijiet li jżommu lil dawk fil-poter responsabbli għal għemilhom, iżda tirrappreżenta wkoll waħda mill-aktar forom estremi ta' ċensura, li ***toħloq theddida diretta għal-libertà*** tal-espressjoni u għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi;	11. Jemmen bis-sħiħ li l-assassinazzjoni tal-ġurnalisti investigattivi tikkostitwixxi attakk dirett fuq l-istat tad-dritt, peress li mhux biss jimmina l-kapaċità taċ-ċittadini u tal-istituzzjonijiet li jżommu lil dawk fil-poter responsabbli għal għemilhom, iżda tirrappreżenta wkoll waħda mill-aktar forom estremi ta' ċensura, li ***timmina b'mod radikali l-libertà*** tal-espressjoni u ***toħloq theddida diretta*** għall-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi;
	Or. fi

Emenda 336
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jappella għal kooperazzjoni msaħħa u strutturata bejn l-Unjoni Ewropea u l-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Ġurnaliżmu u s-Sikurezza tal-Ġurnalisti; ifakkar li l-Pjattaforma tikkostitwixxi mekkaniżmu uniku ta' twissija vverifikat operat minn NGOs speċjalizzati u organizzazzjonijiet tal-ġurnalisti għar-rapportar ta' ksur serju tal-libertà tal-espressjoni fis-46 Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa; jisħaq li l-Istati Membri huma mistennija jirrispondu għat-twissijiet u jinfurmaw lill-Pjattaforma dwar l-azzjonijiet meħuda, f'konformità mal-obbligi pożittivi tagħhom li jiggarantixxu ambjent li jwassal għall-pluraliżmu tal-media; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis b'mod sistematiku t-twissijiet, l-informazzjoni ta' segwitu u s-sejbiet tal-Pjattaforma fil-monitoraġġ tagħha, inkluż fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, u ssaħħaħ il-kooperazzjoni operazzjonali u l-iskambju ta' informazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa u l-organizzazzjonijiet sħab tiegħu sabiex ittejjeb l-identifikazzjoni bikrija, il-prevenzjoni u r-rimedju tat-theddid għall-ġurnalisti u l-libertà tal-media madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 337
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jikkundanna bil-qawwa kwalunkwe tentattiv mill-istituzzjonijiet tal-UE biex jiċċensuraw kontenut legali jew jikkontrollaw id-diskors politiku fuq

il-media soċjali permezz tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali; jesprimi tħassib serju li l-promozzjoni tal-moderazzjoni tal-kontenut u l-użu ta' verifikaturi tal-fatti politikament preġudikati u mhux indipendenti jimminaw id-dibattitu demokratiku u joħolqu klima ta' awtoċensura; jinnota wkoll bi tħassib li l-Kummissjoni rduppjat l-għadd ta' persunal full-time ddedikat għall-infurzar tad-DSA fl-2025, u dan qajjem mistoqsijiet serji dwar il-proporzjonalità u l-espansjoni tas-setgħat superviżorji; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta minnufih proposta biex tħassar l-Att dwar is-Servizzi Diġitali attwali u tissostitwih b'Regolament strettament limitat li jreġġa' lura r-responsabbiltà primarja tal-Istati Membri fi kwistjonijiet ta' kontenut legali, filwaqt li ġenwinament jippromwovi l-libertà tal-espressjoni, id-dritt għall-informazzjoni u l-pluraliżmu politiku, kif ukoll itemm l-esternalizzazzjoni taċ-ċensura lil organizzazzjonijiet mhux responsabbli;

Or. en

Emenda 338
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Ifakkar fid-difiża skandaluża tal-Kummissjoni fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tagħha tal-ispjun Russu Pablo González (Rubtsov), li kien qed jaġixxi taħt kopertura bħala ġurnalist; iqis li huwa inaċċettabbli għall-Kummissjoni li tinkludi informazzjoni mhux verifikata minn NGOs ispirati politikament fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tagħha, u jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi

kjarifiki f'dan ir-rigward u tirtira l-allegazzjonijiet skandalużi magħmula kontra l-Polonja;

Or. pl

Emenda 339
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jikkundanna kull att ta' vjolenza kontra l-ġurnalisti u jenfasizza li l-qtil ta' ġurnalisti investigattivi jikkostitwixxi ksur serju tal-libertà tal-espressjoni u d-drittijiet taċ-ċittadini għal informazzjoni affidabbli; jinnota li r-responsabbiltà għall-prevenzjoni ta' tali reati u l-prosekuzzjoni effettiva tagħhom tiddependi primarjament fuq l-Istati Membri, f'konformità mal-ordnijiet kostituzzjonali tagħhom; jisħaq li l-iżgurar tas-sigurtà tal-ġurnalisti u l-investigazzjoni sħiħa ta' tali reati hija fundamentali biex tiffunzjona d-demokrazija, iżda kwalunkwe valutazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet trid tkun ibbażata fuq fatti u ma tistax twassal għat-twessigħ tad-definizzjoni tal-istat tad-dritt lil hinn mill-qafas tat-Trattati;

Or. pl

Emenda 340
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jikkundanna bis-sħiħ is-sorveljanza tal-ġurnalisti***, b'mod partikolari permezz ta' software ta' spjunaġġ***; jibqa' diżappuntat bir-rifjut tal-Kummissjoni li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha*** tal-Kumitat ta' Inkjesta tal-Parlament dwar l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ ekwivalenti, u jqis ***dan bħala nuqqas ta' aġir***;	12. ***Jafferma mill-ġdid bil-qawwa l-importanza fundamentali li l-ġurnalisti jiġu protetti minn kwalunkwe forma ta' sorveljanza illegali***, b'mod partikolari permezz ***tal-użu*** ta' software ta' spjunaġġ***, u jilqa' l-isforzi kollha li għandhom l-għan li jsaħħu s-salvagwardji kontra tali prattiki; jesprimi, madankollu, it-tħassib kontinwu tiegħu dwar is-segwitu limitat mogħti mill-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet*** tal-Kumitat ta' Inkjesta tal-Parlament dwar l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ ekwivalenti, u jqis ***li l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tagħhom issaħħaħ b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-Unjoni li tipprevjeni l-abbuż u tirrispetta d-drittijiet fundamentali; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew, b'mod partikolari lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) tiegħu, dwar l-istat konkret tal-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet;***
	Or. en

Emenda 341
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jikkundanna bis-sħiħ ***is-sorveljanza*** tal-ġurnalisti, b'mod partikolari permezz ta' software ta' spjunaġġ; ***jibqa' diżappuntat bir-rifjut tal-Kummissjoni li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat ta' Inkjesta tal-Parlament dwar l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ ekwivalenti***, ***u jqis dan bħala nuqqas ta' aġir***;	12. Jikkundanna bis-sħiħ ***każijiet ta' sorveljanza illegali*** tal-ġurnalisti, b'mod partikolari permezz ta' software ta' spjunaġġ; ***jisħaq li l-Istati Membri jrid ikollhom għodod effettivi biex jiskopru u jinnewtralizzaw l-attivitajiet tas-servizzi barranin, is-sabotaġġ, it-terroriżmu u l-operazzjonijiet ibridi; jinnota li d-dibattitu dwar l-għodod ta' sorveljanza bħall-***

Pegasus ta' spiss jinjora t-theddid reali li jiffaċċjaw l-Istati Membri tal-UE; ifakkar li l-każ ta' Pablo González (Rubtsov)*, *li wettaq attivitajiet ta' aġent taħt kopertura bħala ġurnalist, juri kemm hu serju r-riskju tal-infiltrazzjoni minn pajjiżi terzi aggressivi; jishaq li s-sigurtà nazzjonali – f'konformità mat-Trattati – tibqa' kompetenza tal-Istati Membri, li trid tkun mgħammra bl-għodod operattivi xierqa, filwaqt li tiżgura l-proċeduri u l-iskrutinju demokratiku u l-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini stabbiliti fil-liġi;

Or. pl

Emenda 342
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jikkundanna bis-sħiħ is-sorveljanza tal-ġurnalisti, b'mod partikolari permezz ta' software ta' spjunaġġ; jibqa' diżappuntat bir-rifjut tal-Kummissjoni li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat ta' Inkjesta tal-Parlament dwar l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ ekwivalenti, u jqis dan bħala nuqqas ta' aġir;	12. Jikkundanna bis-sħiħ is-sorveljanza tal-ġurnalisti, b'mod partikolari permezz ta' software ta' spjunaġġ; jibqa' diżappuntat bir-rifjut tal-Kummissjoni li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat ta' Inkjesta tal-Parlament dwar l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ ekwivalenti, u jqis dan bħala nuqqas ta' aġir; ***jistieden lill-Kummissjoni torbot b'mod aktar espliċitu, fir-rapporti futuri tagħha dwar l-istat tad-dritt, l-użu kontinwu ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza kontra l-ġurnalisti mat-theddida diretta li joħloq għal-libertà tal-media, il-pluraliżmu tal-media, u s-sikurezza tal-ġurnalisti;***

Or. en

Emenda 343

Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jikkundanna bis-sħiħ is-sorveljanza tal-ġurnalisti, b'mod partikolari permezz ta' software ta' spjunaġġ; ***jibqa' diżappuntat bir-rifjut tal-Kummissjoni li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat ta' Inkjesta tal-Parlament dwar l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ ekwivalenti, u jqis dan bħala nuqqas ta' aġir;***	12. Jikkundanna bis-sħiħ is-sorveljanza tal-ġurnalisti, b'mod partikolari permezz ta' software ta' spjunaġġ;

Or. en

Emenda 344
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jikkundanna bis-sħiħ is-sorveljanza tal-ġurnalisti, b'mod partikolari permezz ta' software ta' spjunaġġ; jibqa' diżappuntat bir-rifjut tal-Kummissjoni li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat ta' Inkjesta tal-Parlament dwar l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ ekwivalenti, u jqis dan bħala nuqqas ta' aġir;	12. Jikkundanna bis-sħiħ is-sorveljanza tal-ġurnalisti, b'mod partikolari permezz ta' software ta' spjunaġġ***, li tikkostitwixxi ksur serju tal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-media, u għalhekk timmina l-pilastri fundamentali tad-demokrazija***; jibqa' diżappuntat bir-rifjut tal-Kummissjoni li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat ta' Inkjesta tal-Parlament dwar l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ ekwivalenti, u jqis dan bħala nuqqas ta' aġir;

Or. fi

Emenda 345

Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jikkundanna bis-sħiħ is-sorveljanza tal-ġurnalisti, b'mod partikolari permezz ta' software ta' spjunaġġ; jibqa' diżappuntat bir-rifjut tal-Kummissjoni li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat ta' Inkjesta tal-Parlament dwar l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ ekwivalenti, u jqis dan bħala nuqqas ta' aġir***;	12. ***Jisħaq fuq l-importanza li l-privatezza tal-komunikazzjonijiet u tal-ġurnalisti tiġi protetta minn sorveljanza illegali, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibnu fuq is-salvagwardji eżistenti biex ikomplu jsaħħu dawn il-protezzjonijiet;***

Or. en

Emenda 346
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Jikkundanna bis-sħiħ is-sorveljanza*** tal-ġurnalisti, b'mod partikolari permezz ta' software ta' spjunaġġ; ***jibqa' diżappuntat bir-rifjut*** tal-Kummissjoni li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat ta' Inkjesta tal-Parlament dwar l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ ekwivalenti***, u jqis dan bħala nuqqas ta' aġir***;	12. ***Jirrikonoxxi l-allegazzjonijiet tas-sorveljanza*** tal-ġurnalisti, b'mod partikolari permezz ta' software ta' spjunaġġ; ***jieħu nota tar-rifjut*** tal-Kummissjoni li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-Kumitat ta' Inkjesta tal-Parlament dwar l-użu tal-Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ ekwivalenti;

Or. sk

Emenda 347
Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod sistematiku l-konformità tal-Istati Membri mas-salvagwardji tad-drittijiet fundamentali fl-użu ta' software ta' spjunaġġ u teknoloġiji ta' sorveljanza intrużivi oħra, inklużi s-superviżjoni ġudizzjarja, il-kontrolli tan-neċessità u tal-proporzjonalità u l-mekkaniżmi ta' rimedju effettivi; itenni li l-użu illegali jew arbitrarju ta' software ta' spjunaġġ kontra ġurnalisti, avukati, avversarji politiċi jew is-soċjetà ċivili jhedded is-separazzjoni tas-setgħat u jrid jiskatta l-infurzar tad-dritt tal-UE;

Or. en

Emenda 348
Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jiddenunzja l-użu tas-software ta' spjunaġġ Paragon Graphite, għodda ta' sorveljanza intrużiva żviluppata f'Iżrael u kkummerċjalizzata bħala esportata eskluživament lil gvernijiet demokratiċi; jinnota bi tħassib l-għadd kbir ta' utenti fil-mira ta' dan is-software ta' spjunaġġ, filwaqt li jfakkar li Meta identifikat mill-anqas 61 apparat infettat fi 17-il Stat Membru u li Apple wissiet lill-vittmi f'aktar minn 150 pajjiż madwar id-dinja, inklużi ġurnalisti u atturi tas-soċjetà ċivili;

Or. en

Emenda 349
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Juan Fernando López Aguilar, Sophie Wilmès, Klára Dobrev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jiddeplora l-użu tal-atti ripetuti ta' sorveljanza sigrieta u spjunaġġ imwettqa mill-awtoritajiet Ungeriżi kontra uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi; iwissi li dawn l-azzjonijiet huma theddida serja kontra l-interessi tal-Unjoni Ewropea u jimminaw serjament il-funzjonament tal-UE sal-ogħla livelli tagħha ta' teħid ta' deċiżjonijiet; jitlob għalhekk inkjesta pubblika sħiħa;

Or. en

Emenda 350
Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jisħaq li l-użu ta' għodod ta' sorveljanza bbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali, inkluż ir-rikonoxximent tal-wiċċ, irid jirrispetta b'mod strett id-drittijiet fundamentali, ikun soġġett għal awtorizzazzjoni ġudizzjarja u superviżjoni trasparenti; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk il-prattiki nazzjonali li jinvolvu sorveljanza bijometrika jew ġbir massiv ta' data joħolqux riskju sistemiku għall-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 351
Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jilqa' d-dħul fis-seħħ sħiħ tar-Regolament dwar l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA) fit-8 ta' Awwissu 2025, iżda jiddeplora l-fatt li, minkejja l-iskadenza għall-konformità, il-maġġoranza tal-Istati Membri naqsu milli jallinjaw l-oqfsa nazzjonali tagħhom mar-rekwiżiti tiegħu;

Or. en

Emenda 352
Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12c. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw ir-Regolament b'mod sostantiv u mingħajr dewmien, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tibda proċedimenti ta' ksur meta meħtieġ għan-nuqqas ta' konformità mal-obbligi li jirriżultaw mir-regolament;

Or. en

Emenda 353
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina

Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jibqa' mħasseb ħafna li s-sjieda tal-media***, kemm jekk f'idejn pubbliċi kif ukoll jekk f'idejn privati,*** għadha kkonċentrata ħafna f'ħafna Stati Membri, li joħloq riskju għad-diversità tal-informazzjoni u tal-fehmiet; jistieden lill-Istati Membri jadottaw oqfsa leġiżlattivi biex jipprevjenu l-konċentrazzjoni orizzontali, jiżguraw it-trasparenza tas-sjieda u tal-maniġment, u jiggarantixxu li jkun hemm sorveljanza indipendenti u mekkaniżmi ta' konformità biex jissalvagwardjaw l-indipendenza editorjali u ġurnalistika u r-rwol tal-media bħala għassies pubbliku;	13. ***Jesprimi tħassib dwar l-interferenza politika dejjem akbar fil-governanza, il-ġestjoni u l-persunal tal-media tas-servizz pubbliku f'diversi Stati Membri, li jimmina l-indipendenza u l-pluraliżmu tagħhom;*** Jibqa' mħasseb ħafna li s-sjieda tal-media għadha kkonċentrata ħafna f'ħafna Stati Membri, li joħloq riskju għad-diversità tal-informazzjoni u tal-fehmiet***; jisħaq fuq l-importanza tal-media tas-servizz pubbliku***; jistieden lill-Istati Membri jadottaw oqfsa leġiżlattivi biex jipprevjenu l-konċentrazzjoni orizzontali, jiżguraw it-trasparenza tas-sjieda u tal-maniġment, u jiggarantixxu li jkun hemm sorveljanza indipendenti u mekkaniżmi ta' konformità biex jissalvagwardjaw l-indipendenza editorjali u ġurnalistika u r-rwol tal-media bħala għassies pubbliku; ***jilqa' l-inizjattivi fil-livell nazzjonali biex jinħoloq reġistru tal-media li jkun fih informazzjoni pubblika dwar is-sjieda u l-investiment fir-reklamar sabiex jiġu żgurati t-trasparenza, l-imparzjalità u l-verifikabbiltà;***

Or. en

Emenda 354
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jibqa' mħasseb ħafna li s-sjieda tal-	13. Jibqa' mħasseb ħafna li s-sjieda tal-

media, kemm jekk f'idejn pubbliċi kif ukoll jekk f'idejn privati, għadha kkonċentrata ħafna f'ħafna Stati Membri, li joħloq riskju għad-diversità tal-informazzjoni u tal-fehmiet; jistieden lill-Istati Membri jadottaw oqfsa leġiżlattivi biex jipprevjenu l-konċentrazzjoni orizzontali, jiżguraw it-trasparenza tas-sjieda u tal-maniġment, u jiggarantixxu li jkun hemm sorveljanza indipendenti u mekkaniżmi ta' konformità biex jissalvagwardjaw l-indipendenza editorjali u ġurnalistika u r-rwol tal-media bħala għassies pubbliku;

media, kemm jekk f'idejn pubbliċi kif ukoll jekk f'idejn privati, għadha kkonċentrata ħafna f'ħafna Stati Membri, li joħloq riskju għad-diversità tal-informazzjoni u tal-fehmiet; jistieden lill-Istati Membri jadottaw oqfsa leġiżlattivi biex jipprevjenu l-konċentrazzjoni orizzontali, jiżguraw it-trasparenza tas-sjieda u tal-maniġment, u jiggarantixxu li jkun hemm sorveljanza indipendenti u mekkaniżmi ta' konformità biex jissalvagwardjaw l-indipendenza editorjali u ġurnalistika u r-rwol tal-media bħala għassies pubbliku; ***iqis, b'mod partikolari, it-teħid tal-kontroll illegali u furzat tal-media pubblika fil-Polonja, inkluż l-użu ta' metodi tas-servizz sigriet u l-ksur mill-gvern ta' Donald Tusk tal-leġiżlazzjoni u l-istandards eżistenti, bħala inkompatibbli mal-istandards Ewropej; jitlob li dawn id-deċiżjonijiet jitħassru, li jkun hemm konsegwenzi legali xierqa u li jsir kumpens;***

Or. pl

Emenda 355
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jibqa' mħasseb ħafna li s-sjieda tal-media, kemm jekk f'idejn pubbliċi kif ukoll jekk f'idejn privati, għadha kkonċentrata ħafna f'ħafna Stati Membri, li joħloq riskju għad-diversità tal-informazzjoni u tal-fehmiet; jistieden lill-Istati Membri jadottaw oqfsa leġiżlattivi biex jipprevjenu l-konċentrazzjoni orizzontali, jiżguraw it-trasparenza tas-sjieda u tal-maniġment, u jiggarantixxu li jkun hemm sorveljanza indipendenti u mekkaniżmi ta' konformità biex jissalvagwardjaw l-indipendenza editorjali	13. Jibqa' mħasseb ħafna li s-sjieda tal-media, kemm jekk f'idejn pubbliċi kif ukoll jekk f'idejn privati, għadha kkonċentrata ħafna f'ħafna Stati Membri, li joħloq riskju għad-diversità tal-informazzjoni u tal-fehmiet***; huwa tal-fehma li strumenti tal-media tas-servizz pubbliku kbar wisq qed jeliminaw l-operaturi tal-media privati, u b'hekk qed jimminaw il-pluraliżmu tal-media***; jistieden lill-Istati Membri jadottaw oqfsa leġiżlattivi biex jipprevjenu l-konċentrazzjoni orizzontali, jiżguraw it-

u ġurnalistika u r-rwol tal-media bħala għassies pubbliku;	trasparenza tas-sjieda u tal-maniġment, u jiggarantixxu li jkun hemm sorveljanza indipendenti u mekkaniżmi ta' konformità biex jissalvagwardjaw l-indipendenza editorjali u ġurnalistika u r-rwol tal-media bħala għassies pubbliku;

Or. fi

Emenda 356
Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jibqa' mħasseb ħafna li s-sjieda tal-media, kemm jekk f'idejn pubbliċi kif ukoll jekk f'idejn privati, għadha kkonċentrata ħafna f'ħafna Stati Membri, li joħloq riskju għad-diversità tal-informazzjoni u tal-fehmiet; jistieden lill-Istati Membri jadottaw oqfsa leġiżlattivi biex jipprevjenu l-konċentrazzjoni orizzontali, jiżguraw it-trasparenza tas-sjieda u tal-maniġment, u jiggarantixxu li jkun hemm sorveljanza indipendenti u mekkaniżmi ta' konformità biex jissalvagwardjaw l-indipendenza editorjali u ġurnalistika u r-rwol tal-media bħala għassies pubbliku;	13. Jibqa' mħasseb ħafna li s-sjieda tal-media, kemm jekk f'idejn pubbliċi kif ukoll jekk f'idejn privati, għadha kkonċentrata ħafna f'ħafna Stati Membri, li joħloq riskju għad-diversità tal-informazzjoni u tal-fehmiet; jistieden lill-Istati Membri jadottaw oqfsa leġiżlattivi biex jipprevjenu l-konċentrazzjoni orizzontali, jiżguraw it-trasparenza tas-sjieda u tal-maniġment, ***jiżguraw l-allokazzjoni trasparenti tal-fondi pubbliċi, jipproteġu l-indipendenza editorjali u jiġġieldu d-diżinformazzjoni,*** u jiggarantixxu li jkun hemm sorveljanza indipendenti u mekkaniżmi ta' konformità biex jissalvagwardjaw l-indipendenza editorjali u ġurnalistika u r-rwol tal-media bħala għassies pubbliku;

Or. en

Emenda 357
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jibqa' mħasseb ħafna li s-sjieda tal-media, kemm jekk f'idejn pubbliċi kif ukoll jekk f'idejn privati, għadha kkonċentrata ħafna f'ħafna Stati Membri, li joħloq riskju għad-diversità tal-informazzjoni u tal-fehmiet; jistieden lill-Istati Membri jadottaw oqfsa leġiżlattivi biex jipprevjenu l-konċentrazzjoni orizzontali, jiżguraw it-trasparenza tas-sjieda u tal-maniġment, u jiggarantixxu li jkun hemm sorveljanza indipendenti u mekkaniżmi ta' konformità biex jissalvagwardjaw l-indipendenza editorjali u ġurnalistika u r-rwol tal-media bħala għassies pubbliku;	13. Jibqa' mħasseb ħafna li s-sjieda tal-media, kemm jekk f'idejn pubbliċi kif ukoll jekk f'idejn privati, għadha kkonċentrata ħafna f'ħafna Stati Membri, li joħloq riskju għad-diversità tal-informazzjoni u tal-fehmiet; jistieden lill-Istati Membri jadottaw oqfsa leġiżlattivi biex jipprevjenu l-konċentrazzjoni orizzontali, jiżguraw it-trasparenza tas-sjieda***, tas-sorsi ta' finanzjament*** u tal-maniġment, u jiggarantixxu li jkun hemm sorveljanza indipendenti u mekkaniżmi ta' konformità biex jissalvagwardjaw l-indipendenza editorjali u ġurnalistika u r-rwol tal-media bħala għassies pubbliku;

Or. en

Emenda 358
Fredis Beleris, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Jibqa' mħasseb ħafna li s-sjieda*** tal-media***, kemm jekk f'idejn pubbliċi kif ukoll jekk f'idejn privati, għadha kkonċentrata ħafna f'ħafna*** Stati Membri***, li joħloq riskju għad-diversità tal-informazzjoni u tal-fehmiet; jistieden*** lill-Istati Membri ***jadottaw*** oqfsa leġiżlattivi ***biex jipprevjenu l-konċentrazzjoni orizzontali, jiżguraw it-trasparenza tas-sjieda u tal-maniġment, u jiggarantixxu li jkun hemm sorveljanza indipendenti u*** mekkaniżmi ta' ***konformità biex*** jissalvagwardjaw l-indipendenza editorjali u ġurnalistika ***u r-rwol tal-media bħala għassies pubbliku***;	13. ***Jisħaq li t-trasparenza tas-sjieda*** tal-media ***tippromwovi l-indipendenza tal-media u ssaħħaħ il-fiduċja tal-pubbliku; jilqa' l-iżviluppi pożittivi f'diversi*** Stati Membri***, bħall-istabbiliment jew l-estensjoni tar-reġistri tas-sjieda online u l-monitoraġġ effettiv tagħhom, u jħeġġeġ*** lill-Istati Membri ***kollha jkomplu jippromwovu l-pluraliżmu tal-media permezz ta'*** oqfsa leġiżlattivi ***u*** mekkaniżmi ta' ***sorveljanza li*** jissalvagwardjaw l-indipendenza editorjali u ġurnalistika***;***

Or. en

Emenda 359
Javier Zarzalejos, Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13 – punt 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1) Jikkundanna kwalunkwe interferenza politika fil-ġestjoni tal-media pubblika; jistieden lill-Istati Membri jissalvagwardjaw l-indipendenza editorjali u jiżguraw it-trasparenza fil-ħatra tal-korpi governattivi, u ma jnaqqsux il-maġġoranzi meħtieġa għall-elezzjoni tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja r-riformi li jistgħu jikkompromettu l-pluraliżmu tal-media u l-indipendenza tas-servizzi tax-xandir pubbliku;

Or. en

Emenda 360
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jinnota bi tħassib li l-media tas-servizz pubbliku f'ċerti Stati Membri għaddiet minn riformi strutturali li jżidu l-influwenza politika fuq il-proċeduri tal-ħatra u tat-tkeċċija, u b'hekk jimminaw l-indipendenza editorjali u l-pluraliżmu; jikkundanna l-erożjoni persistenti tal-pluraliżmu tal-media permezz ta' reklamar ikkontrollat mill-Istat, korpi regolatorji influwenzati politikament u l-konsolidazzjoni tal-media pubblika u privata f'konglomerati favur il-gvern, li jirrestringu b'mod sinifikanti l-aċċess għal informazzjoni indipendenti;

Or. en

Emenda 361
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Huwa mħasseb ħafna dwar il-fatt li l-gvern ta' Donald Tusk qed jeskludi l-media tal-oppożizzjoni, b'mod partikolari "Telewizja Republika", mill-konferenzi għall-istampa, li jmur kontra l-istandards internazzjonali, jillimita l-aċċess għall-informazzjoni u jdgħajjef il-mekkaniżmi għall-iskrutinju tal-azzjonijiet tal-gvern; jikkundanna l-azzjonijiet meħuda mill-gvern ta' Donald Tusk li għandhom l-għan li jeżerċitaw pressjoni fuq entitajiet pubbliċi u privati biex jirtiraw minn ftehimiet ta' reklamar konklużi mal-media tal-oppożizzjoni;

Or. pl

Emenda 362
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***13a. Jesprimi tħassib li l-finanzjament tal-UE lill-organizzazzjonijiet tal-media jista' joħloq dipendenzi li jimminaw l-indipendenza editorjali; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jistabbilixxu salvagwardji stretti għall-finanzjament tal-media, inklużi rekwiżiti li l-istabbilimenti ffinanzjati jżommu awtonomija editorjali sħiħa, li l-proċessi tal-allokazzjoni tal-finanzjament ikunu**

trasparenti u politikament newtrali, u li l-ebda stabbiliment ma għandu jirċievi finanzjament kontinġenti fuq l-aderenza ma' fehmiet politiċi jew linji editorjali partikolari;

Or. en

Emenda 363
Katarina Barley, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Ifakkar li pjattaformi online bħal Instagram, Tiktok u X huma sorsi ewlenin ta' aħbarijiet għaċ-ċittadini, b'mod partikolari għal udjenzi iżgħar fl-età; jesprimi tħassib li s-sistemi ta' rakkomandazzjoni ta' dawn il-pjattaformi jiffavorixxu kontenut polarizzanti, u joħolqu "kmamar tal-eku"; jisħaq li dan joħloq riskju serju għad-demokraziji; jistieden lill-Kummissjoni tinforza b'mod effettiv id-DSA dwar ir-responsabbiltà tal-pjattaformi biex jimmitigaw ir-riskji għall-pluraliżmu tal-media u d-diskors ċiviku;

Or. en

Emenda 364
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Jadwiga Wiśniewska, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jinsab imħasseb dwar ix-xewqa ta' ċerti Stati Membri u tal-Kummissjoni li jintroduċu "tikketta tal-verità" f'isem il-

ġlieda kontra d-diżinformazzjoni; iqis li tali miżura tikkostitwixxi ksur sproporzjonat tal-libertà tal-istampa u l-pluraliżmu tal-informazzjoni;

Or. en

Emenda 365
Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra bis-sħiħ l-implimentazzjoni tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media fil-valutazzjoni tagħha tal-istat tad-dritt; jisħaq li l-ksur tal-EMFA jrid jitqies bħala riskju sistemiku għall-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 366
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jinnota li x-xoljiment tax-xandar tas-servizz pubbliku eżistenti u s-sostituzzjoni tiegħu b'entità ġdida soġġetta għal kontroll politiku akbar fuq il-ħatriet u s-sensji jikkostitwixxu rigressjoni serja fl-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media; iwissi li l-emendi tal-liġi dwar l-aċċess għall-informazzjoni, inkluża l-introduzzjoni ta' tariffi u skadenzi estiżi, inaqqsu l-kapaċità tal-ġurnalisti u tas-soċjetà ċivili li jimmonitorjaw l-awtoritajiet pubbliċi u

jesponu l-korruzzjoni;

Or. en

Emenda 367
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jinnota li l-azzjonijiet kemm tal-Kummissjoni kif ukoll ta' ċerti aġenziji tal-UE juru tendenza li jiffavorixxu media u organizzazzjonijiet magħżula, li jqajjem dubji dwar it-trasparenza u t-trattament ġust tal-entitajiet tal-media fis-suq tal-UE;

Or. pl

Emenda 368
Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati ***jiżguraw il-protezzjoni*** tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra tal-media ***fl-UE f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni 2021/1534[46] u 2022/758[47]***;	14. ***Jilqa' inizjattivi għall-promozzjoni ta' media ħielsa, indipendenti u pluralistika u ambjent sikur u abilitanti għall-ġurnalisti, bħall-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA) u jitlob li dan jiġi implimentat malajr;*** jistieden lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati ***u l-pajjiżi kandidati potenzjali jtejbu t-trasparenza fl-allokazzjoni tar-reklamar mill-Istat online u offline u jsegwu r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1534 tas-16 ta' Settembru 2021 dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u***

tat-tishih tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media ***fl-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-Istati Membri l-assistenza meħtieġa għat-traspożizzjoni tal-EMFA fid-dritt nazzjonali, u timmonitorja l-implimentazzjoni tagħha, b'mod speċjali f'ċerti Stati Membri li ma jikklassifikawx tajjeb fl-indiċijiet tal-libertà*; *jissottolinja li l-EMFA huwa pass kruċjali fis-salvagwardja tal-indipendenza, il-pluraliżmu u l-integrità tax-xenarju tal-media fl-Unjoni kollha;***

---

[46] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1534 tas-16 ta' Settembru 2021 dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tishih tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 331, 20.9.2021, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/1534/oj).

[47] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 tas-27 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") (ĠU L 138, 17.5.2022, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2022/758/oj).

Or. en

Emenda 369
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati jiżguraw il-protezzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra tal-media fl-UE f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni 2021/1534[46] u 2022/758[47];	14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati jiżguraw il-protezzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra tal-media fl-UE f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni 2021/1534[46] u 2022/758[47]; ***jissottolinja li tali protezzjoni trid tinkludi mhux biss miżuri effettivi ta' sikurezza fiżika, iżda wkoll salvagwardji robusti kontra t-theddid online, il-fastidju u l-attakki diġitali, kif ukoll il-ħolqien ta' ambjent tax-xogħol sikur, abilitanti u mhux ostili li jippermetti lill-ġurnalisti jwettqu l-attivitajiet professjonali tagħhom liberament u mingħajr biża' ta' ritaljazzjoni;***
[46] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1534 tas-16 ta' Settembru 2021 dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 331, 20.9.2021, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/1534/oj).	[46] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1534 tas-16 ta' Settembru 2021 dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 331, 20.9.2021, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/1534/oj).
[47] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 tas-27 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") (ĠU L 138, 17.5.2022, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2022/758/oj).	[47] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 tas-27 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") (ĠU L 138, 17.5.2022, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2022/758/oj).

Or. en

Emenda 370
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati jiżguraw il-protezzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra tal-media fl-UE f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni 2021/1534[46] u 2022/758[47];	14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati jiżguraw il-protezzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra tal-media fl-UE f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni 2021/1534[46] u 2022/758[47]; ***jenfasizza li hemm riskju l-ostakli għall-aċċess għall-informazzjoni, inklużi t-tariffi l-ġodda jew l-iskadenzi estiżi għat-talbiet, ifixklu l-ġurnaliżmu investigattiv u jdgħajfu s-sorveljanza demokratika;***
[46] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1534 tas-16 ta' Settembru 2021 dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 331, 20.9.2021, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/1534/oj).	[46] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1534 tas-16 ta' Settembru 2021 dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 331, 20.9.2021, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/1534/oj).
[47] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 tas-27 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") (ĠU L 138, 17.5.2022, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2022/758/oj).	[47] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 tas-27 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") (ĠU L 138, 17.5.2022, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2022/758/oj).

Or. en

Emenda 371
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati jiżguraw il-protezzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra tal-media fl-UE f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni 2021/1534[46] u 2022/758[47];	14. Jistieden lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati jiżguraw il-protezzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra tal-media fl-UE f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni 2021/1534[46] u 2022/758[47]; ***jisħaq li tali protezzjoni trid tinkludi salvagwardji kontra kwalunkwe forma ta' ċensura tal-istat jew restrizzjonijiet indiretti fuq il-libertà tal-espressjoni;***
[46] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1534 tas-16 ta' Settembru 2021 dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 331, 20.9.2021, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/1534/oj).	[46] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1534 tas-16 ta' Settembru 2021 dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 331, 20.9.2021, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/1534/oj).
[47] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 tas-27 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") (ĠU L 138, 17.5.2022, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2022/758/oj).	[47] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 tas-27 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") (ĠU L 138, 17.5.2022, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2022/758/oj).
	Or. en

Emenda 372
Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jikkundanna t-tixrid ta' diskors ta' mibegħda, inkluż fil-media mainstream u l-media soċjali, peress li

dan joħloq theddida serja għad-demokrazija u l-istat tad-dritt; jappella għal infurzar aktar b'saħħtu tar-regolamenti dwar il-media biex jiġi miġġieled id-diskors ta' mibegħda u jiġi ssalvagwardjat xenarju tal-media varjat u inklużiv, f'konformità mar-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2024 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea; jissottolinja l-fatt li l-politiċi u l-personalitajiet pubbliċi prominenti għandhom imexxu bl-eżempju u jeħtieġ li jiżguraw dibattitu rispettuż; ifakkar li l-libertà tal-espressjoni hija valur fundamentali tas-soċjetajiet demokratiċi u ma għandhiex tkun ristretta b'mod mhux ġustifikat; ifakkar ukoll li kwalunkwe leġiżlazzjoni dwar id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji tal-ħtieġa u tal-proporzjonalità; jissottolinja li l-libertà tal-espressjoni trid tiġi eżerċitata skont il-liġi u f'konformità mal-Artikolu 11 tal-Karta u ma għandhiex tiġi sfruttata bħala tarka għad-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda;

Or. en

Emenda 373
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri ***jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva*** kontra s-SLAPP[48];	15. Jistieden lill-Istati Membri ***jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa, f'waqtha u effettiva tad-Direttiva*** kontra s-SLAPP ***u tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 tas-27 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ta' atturi oħra tal-parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla***

bażi jew abbużivi**; **iħeġġeġ lill-Istati Membri jmorru lil hinn mit-traspożizzjoni minima u jadottaw oqfsa domestiċi komprensivi kontra s-SLAPP, inkluż mekkaniżmi ta' tkeċċija bikrija, regoli effettivi ta' trasferiment tal-kostijiet, sanzjonijiet dissważivi kontra litiganti abbużivi, u miżuri robusti ta' protezzjoni u appoġġ għall-ġurnalisti u miri oħra tas-SLAPPs li jiffaċċjaw intimidazzjoni, malafama u restrizzjonijiet professjonali; jirrakkomanda bil-qawwa li, matul it-traspożizzjoni, l-Istati Membri jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għal każijiet purament nazzjonali, minħabba li l-maġġoranza l-kbira tas-SLAPPs iseħħu fil-livell domestiku; jinnota li għad hemm lakuni sinifikanti għall-vittmi li l-każijiet tagħhom jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni attwali tad-Direttiva, u jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tressaq, mingħajr dewmien żejjed, proposti leġiżlattivi jew strumenti komplementari biex tindirizza l-każijiet SLAPP mhux koperti mill-qafas eżistenti tal-UE, filwaqt li tiżgura livell għoli u uniformi ta' protezzjoni madwar l-Unjoni;

---

*[48] **Id-Direttiva (UE) 2024/1069 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn talbiet manifestament infondati jew proċedimenti tal-qorti abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") (ĠU L, 2024/1069, 16.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1069/oj)**.*

Or. en

Emenda 374
Diana Riba i Giner, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva kontra s-SLAPP[48];	15. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva kontra s-SLAPP ***u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 tas-27 ta' April 2022 dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom fil-partečipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi, u jadottaw miżuri domestiċi komprensivi kontra s-SLAPP biex jipproteġu lill-ġurnalisti u jipprovdu appoġġ għal dawk li jiffaċċaw intimidazzjoni, malafama u limitazzjonijiet fil-ħila li jeżerċitaw il-professjoni tagħhom; jirrakkomanda li meta jittrasponu d-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jestendu l-applikazzjoni tagħha biex jinkludu wkoll każijiet nazzjonali, peress li l-maġġoranza tal-każijiet ta' SLAPP iseħħu fil-livell nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti biex jiġu indirizzati l-każijiet ta' SLAPP mhux koperti fl-ambitu tad-Direttiva attwali;***

[48] ***Id-Direttiva (UE) 2024/1069 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'partečipazzjoni pubblika minn talbiet manifestament infondati jew proċedimenti tal-qorti abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-partečipazzjoni pubblika") (ĠU L, 2024/1069, 16.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1069/oj)***
.

Or. en

Emenda 375
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský, Javier Zarzalejos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva kontra s-SLAPP[48];	15. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva kontra s-SLAPP[48] ***u jadottaw miżuri domestiċi komprensivi kontra s-SLAPP biex jipproteġu lill-ġurnalisti u jipprovdu appoġġ lil dawk li jiffaċċjaw intimidazzjoni, malafama u limitazzjonijiet fuq il-kapaċità li jeżerċitaw il-professjoni tagħhom***;
[48] Id-Direttiva (UE) 2024/1069 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn talbiet manifestament infondati jew proċedimenti tal-qorti abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") (ĠU L, 2024/1069, 16.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1069/oj).	[48] Id-Direttiva (UE) 2024/1069 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn talbiet manifestament infondati jew proċedimenti tal-qorti abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") (ĠU L, 2024/1069, 16.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1069/oj).

Or. en

Emenda 376
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva kontra s-SLAPP[48];	15. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ id-Direttiva kontra s-SLAPP[48]; ***jirrakkomanda lill-Istati Membri, meta jittrasponu d-Direttiva, biex jestendu l-applikazzjoni tagħha biex***

jinkludu wkoll każijiet nazzjonali, peress li l-maġġoranza tas-SLAPPs iseħħu fil-livell nazzjonali;

[48] Id-Direttiva (UE) 2024/1069 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn talbiet manifestament infondati jew proċedimenti tal-qorti abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") (ĠU L, 2024/1069, 16.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1069/oj).

[48] Id-Direttiva (UE) 2024/1069 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn talbiet manifestament infondati jew proċedimenti tal-qorti abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") (ĠU L, 2024/1069, 16.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1069/oj).

Or. en

Emenda 377
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jinsab imħasseb dwar l-interferenza barranija fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi kandidati potenzjali, inklużi l-manipulazzjoni tal-media soċjali u d-diżinformazzjoni mill-forzi kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni biex jimmanipulaw l-opinjoni pubblika u jfixklu d-dibattitu demokratiku; jisħaq fuq l-importanza tat-trasparenza fl-algoritmi tal-pjattaformi, l-awditi indipendenti u mekkaniżmi robusti għall-verifika tal-fatti biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni u protetta d-demokrazija; jistieden lill-pjattaformi diġitali ewlenin jikkooperaw mal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi biex jappoġġjaw investigazzjonijiet dwar attivitajiet online illegali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri

jimmonitorjaw dan u japplikaw id-DSA u l-Att dwar is-Swieq Diġitali b'mod rapidu, b'mod partikolari fir-rigward tal-pjattaformi kbar ħafna;

Or. en

Emenda 378
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra b'mod urġenti li temenda d-Direttiva kontra s-SLAPP biex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha lil hinn mill-każijiet transfruntiera;

Or. en

Emenda 379
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk is-sanzjonijiet tal-UE biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni jikkonformawx mar-rekwiżit tal-proporzjonalità skont id-dritt tal-UE u mal-Artikolu 11 tal-Karta; jemmen bis-sħiħ li d-dritt li wieħed jinstema' jrid jiġi ggarantit qabel ma tali miżuri jiġu applikati mill-Kunsill, speċjalment fejn id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari l-ġurnalisti, jirriskjaw li jiġu mminati;	***imħassar***

Or. en

Emenda 380
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk is-sanzjonijiet tal-UE biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni jikkonformawx mar-rekwiżit tal-proporzjonalità skont id-dritt tal-UE u mal-Artikolu 11 tal-Karta; jemmen bis-sħiħ li d-dritt li wieħed jinstema' jrid jiġi ggarantit qabel ma tali miżuri jiġu applikati mill-Kunsill, speċjalment fejn id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari l-ġurnalisti, jirriskjaw li jiġu mminati;	***imħassar***

Or. en

Emenda 381
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Jadwiga Wiśniewska, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk is-sanzjonijiet tal-UE biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni jikkonformawx mar-rekwiżit tal-proporzjonalità skont id-dritt tal-UE u mal-Artikolu 11 tal-Karta; jemmen bis-sħiħ li d-dritt li wieħed jinstema' jrid jiġi ggarantit qabel ma tali miżuri jiġu applikati mill-Kunsill, speċjalment fejn id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari l-ġurnalisti, jirriskjaw li jiġu mminati;	16. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk is-sanzjonijiet tal-UE biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni jikkonformawx mar-rekwiżit tal-proporzjonalità skont id-dritt tal-UE u mal-Artikolu 11 tal-Karta; jemmen bis-sħiħ li d-dritt li wieħed jinstema' jrid jiġi ggarantit qabel ma tali miżuri jiġu applikati mill-Kunsill, speċjalment fejn id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari l-ġurnalisti, jirriskjaw li jiġu mminati; ***ifakkar li t-***

terminu "diżinformazzjoni" xi drabi ntuża biex jirreferi għal informazzjoni li rriżultat li kienet vera maż-żmien, u li l-akkużi ta' diżinformazzjoni ma għandhomx jintużaw bħala skuża għaċ-ċensura tal-ġurnalisti jew taċ-ċittadini;

Or. en

Emenda 382
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk is-sanzjonijiet tal-UE biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni jikkonformawx mar-rekwiżit tal-proporzjonalità skont id-dritt tal-UE u mal-Artikolu 11 tal-Karta; jemmen bis-sħiħ li d-dritt li wieħed jinstema' jrid jiġi ggarantit qabel ma tali miżuri jiġu applikati mill-Kunsill, speċjalment fejn id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari l-ġurnalisti, jirriskjaw li jiġu mminati;	16. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk is-sanzjonijiet tal-UE biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni jikkonformawx mar-rekwiżit tal-proporzjonalità skont id-dritt tal-UE u mal-Artikolu 11 tal-Karta; jemmen bis-sħiħ li d-dritt li wieħed jinstema' jrid jiġi ggarantit qabel ma tali miżuri jiġu applikati mill-Kunsill, speċjalment fejn id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari l-ġurnalisti, jirriskjaw li jiġu mminati; ***jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-libertà tal-espressjoni u tiffoka l-isforzi tagħha biex tiġġieled id-diżinformazzjoni fuq diżinformazzjoni sistematika sponsorjata mill-istat imxerrda minn stati ostili, bħar-Russja;***

Or. fi

Emenda 383
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

16. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk is-sanzjonijiet tal-UE biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni jikkonformawx mar-rekwiżit tal-proporzjonalità skont id-dritt tal-UE u mal-Artikolu 11 tal-Karta; jemmen bis-sħiħ li d-dritt li wieħed jinstema' ***jrid jiġi ggarantit*** qabel ma tali miżuri jiġu applikati mill-Kunsill, speċjalment fejn id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari l-ġurnalisti, jirriskjaw li jiġu mminati;	16. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk is-sanzjonijiet tal-UE biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni jikkonformawx mar-rekwiżit tal-proporzjonalità skont id-dritt tal-UE u mal-Artikolu 11 tal-Karta; jemmen bis-sħiħ li d-dritt li wieħed jinstema' ***u salvagwardji legali adegwati jridu jiġu ggarantiti*** qabel ma tali miżuri jiġu applikati mill-Kunsill, speċjalment fejn id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari l-ġurnalisti, jirriskjaw li jiġu mminati;

Or. en

Emenda 384
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský, Emil Radev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk is-sanzjonijiet tal-UE biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni jikkonformawx mar-rekwiżit tal-proporzjonalità skont id-dritt tal-UE u mal-Artikolu 11 tal-Karta; ***jemmen bis-sħiħ*** li d-dritt li wieħed jinstema' jrid jiġi ggarantit qabel ma tali miżuri jiġu applikati mill-Kunsill, speċjalment fejn id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari l-ġurnalisti, jirriskjaw li jiġu mminati;	16. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk is-sanzjonijiet tal-UE biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni jikkonformawx mar-rekwiżit tal-proporzjonalità skont id-dritt tal-UE u mal-Artikolu 11 tal-Karta; ***iqis*** li d-dritt li wieħed jinstema' jrid jiġi ggarantit qabel ma tali miżuri jiġu applikati mill-Kunsill, speċjalment fejn id-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari l-ġurnalisti, jirriskjaw li jiġu mminati;

Or. en

Emenda 385
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jilqa' d-dħul fis-seħħ sħiħ tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA) fit-8 ta' Awwissu 2025 bħala pass importanti fil-protezzjoni ta' media ħielsa, indipendenti u pluralistika fl-Unjoni, b'mod partikolari peress li għall-ewwel darba jiggarantixxi fid-dritt tal-UE l-protezzjoni tas-sorsi ġurnalistiċi u kontra software ta' spjunaġġ, l-indipendenza u s-sostenibbiltà finanzjarja tal-media tas-servizz pubbliku, id-dritt individwali ta' aċċess għal pluralità ta' kontenut tal-media editorjalment indipendenti, kif ukoll il-pluraliżmu tal-media u t-trasparenza tas-sjieda tal-media u r-reklamar mill-Istat; jesprimi dispjaċir, madankollu, li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-EMFA għadu 'l bogħod milli jiġi implimentat b'mod effettiv; jistieden lill-Istati Membri jissodisfaw minnufih l-obbligi tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasparenza fl-allokazzjoni tar-reklamar mill-Istat, it-trasparenza tas-sjieda tal-media u l-funzjonament indipendenti tal-media tas-servizz pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni tassisti b'mod attiv lill-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-EMFA, inkluż permezz tal-adozzjoni ta' linji gwida interpretattivi meta meħtieġ, u timmonitorja mill-qrib l-infurzar effettiv tiegħu, b'mod partikolari fl-Istati Membri li jikklassifikaw ħażin fl-indiċijiet tal-libertà tal-media; jisħaq li, minħabba l-applikabbiltà diretta tar-Regolament, il-ġurnalisti u l-partijiet ikkonċernati diġà huma intitolati li jinvokawh quddiem il-qrati nazzjonali u tal-UE; u jistieden lill-Kummissjoni ma żżommx lura milli tniedi proċedimenti ta' ksur mingħajr dewmien fejn jippersistu nuqqasijiet ta' konformità mal-EMFA, sabiex tiżgura li dan ir-Regolament isir tarka effettiva għall-ġurnaliżmu u d-dibattitu demokratiku madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 386
Loránt Vincze

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-indipendenza tal-media u jippromwovu l-użu tal-lingwi minoritarji u reġjonali fil-media; iħeġġeġ lill-Istati Membri iżommu lura milli jadottaw miżuri restrittivi li jillimitaw l-aċċess tal-minoranzi għall-media; iħeġġiġhom jiżguraw li s-servizzi tal-media awdjoviżiva ma jkunx fihom inċitament għall-vjolenza jew il-mibegħda kontra minoranzi nazzjonali u lingwistiċi tradizzjonali; jissottolinja r-rwol essenzjali tal-media fir-rapportar u fl-esponiment tal-ksur tad-drittijiet tal-minoranzi;

Or. en

Emenda 387
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali jipproteġu u jippromwovu l-libertà u l-pluraliżmu tal-media, jiżguraw allokazzjoni trasparenti tal-fondi pubbliċi, jipprevjenu l-konċentrazzjoni tas-sjieda tal-media, jipproteġu l-indipendenza editorjali u jiġġieldu d-diżinformazzjoni, b'mod partikolari permezz ta' liġijiet robusti, inkluż dispożizzjonijiet speċifiċi dwar it-trasparenza tas-sjieda tal-media, u regolaturi indipendenti; jissottolinja r-

rwol importanti tal-media tas-servizz pubbliku;

Or. en

Emenda 388
Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq investigazzjonijiet li għaddejjin dwar pjattaformi online kbar u tiżgura infurzar sħiħ tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali; jilqa' l-multa reċenti ta' EUR 120 miljun imposta fuq X; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli bl-inkjesta tagħha biex tiddetermina jekk X jimmanipulax il-viżibbiltà tal-informazzjoni, jamplifikax id-diskors ta' mibegħda jew il-propaganda politika, u jekk l-algoritmi tiegħu joperawx mingħajr sorveljanza jew humiex huma stess soġġetti għal manipulazzjoni;

Or. en

Emenda 389
Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Ifakkar li l-libertà tal-espressjoni hija pedament tas-soċjetajiet demokratiċi u element essenzjali tal-istat tad-dritt; jinnota bi tħassib iż-żieda fil-miżuri amministrattivi u kriminali mmirati lejn l-

akkademiċi, il-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Istati Membri jirrevokaw jew jemendaw leġiżlazzjoni li tirrestrinġi bla bżonn il-libertà tal-espressjoni jew li għandha effett dissważiv fuq id-dibattitu pubbliku;

Or. en

Emenda 390
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jipproteġu l-libertà u l-pluraliżmu tal-media, jipprevjenu l-konċentrazzjoni tas-sjieda tal-media, jipproteġu l-indipendenza editorjali u jiġġieldu d-diżinformazzjoni, b'mod partikolari permezz ta' liġijiet sodi u regolaturi indipendenti; jissottolinja l-importanza demokratika ta' xandir pubbliku indipendenti u stabbli u l-ħtieġa li jiġi żgurat il-finanzjament tal-media tas-servizz pubbliku;

Or. en

Emenda 391
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Jadwiga Wiśniewska, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jipproteġu l-libertà tal-

espressjoni qabel kollox, inkluż online; iqis li ċerti dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali jinkoraġġixxu lill-pjattaformi l-kbar jiċċensuraw, xi drabi b'mod proattiv, opinjonijiet li madankollu huma legali;

Or. en

Emenda 392
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jinnota każijiet dokumentati ta' pressjoni fuq ġurnalisti indipendenti, prattiki ta' sorveljanza u l-abbuż ta' liġijiet dwar il-malafama, li joħolqu ambjent ostili għar-rapportar investigattiv;

Or. en

Emenda 393
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu qafas li jiggarantixxi l-libertà tal-persuni li jfittxu, jirċievu u jagħtu informazzjoni, u jiżgura li l-koordinaturi nazzjonali previsti fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali jkunu jistgħu jwettqu bis-sħiħ ir-rwol tagħhom li jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livell Ewropew; jissottolinja, f'dan ir-rigward, l-

importanza tal-implimentazzjoni effettiva u f'waqtha tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali biex jiġi ssalvagwardjat ambjent online sikur, trasparenti u responsabbli;

Or. en

Emenda 394
Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li t-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/343 dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza ma tintroduċix restrizzjonijiet fuq id-dritt li wieħed jirrapporta u jinforma lill-pubbliku dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku, inklużi investigazzjonijiet ġudizzjarji, li mhumiex previsti fid-Direttiva; jistieden lill-Istati Membri jirrieżaminaw u, meta meħtieġ, jemendaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali eżistenti li jistgħu jirrestringu l-libertajiet ġurnalistiċi;

Or. en

Emenda 395
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Jadwiga Wiśniewska, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Ifakkar li l-libertà tal-opinjoni, tal-espressjoni u tal-informazzjoni hija garantita fl-Artikolu 19 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Or. en

Emenda 396
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Jadwiga Wiśniewska, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16c. Ifakkar li l-media tas-servizz pubbliku hija meħtieġa tiżgura pluraliżmu politiku li jirrifletti s-soċjetà; ifakkar li l-ġurnalisti tas-servizz pubbliku huma meħtieġa jibqgħu politikament newtrali fit-twettiq ta' dmirijiethom u li għandhom id-dritt li jkollhom opinjonijiet personali jikkundanna t-tneħħijiet politiċi fis-servizz pubbliku;

Or. en

Emenda 397
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16c. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tinkludi subtaqsima speċifika dwar miżuri għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni fuq pjattaformi online fil-pilastru dwar il-libertà tal-media fir-Rapport tagħha dwar l-Istat tad-Dritt;

Or. en

Emenda 398

Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16d. Jisħaq li d-diżinformazzjoni fuq skala kbira u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin - amplifikati dejjem aktar minn sistemi avvanzati tal-IA - jimminaw direttament l-istat tad-dritt u l-proċessi demokratiċi, u jappoġġja bil-qawwa t-tisħiħ tal-azzjoni tal-Unjoni biex tissalvagwardja l-integrità tal-ispazju tal-informazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinfurzaw bis-sħiħ u b'mod deċiżiv l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar l-IA biex jiżguraw it-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-mitigazzjoni effettiva tar-riskji sistemiċi mmexxija mill-IA għall-istat tad-dritt, b'mod partikolari f'kuntesti elettorali;

Or. en

Emenda 399
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-organizzazzjonijiet ta' bażi u tal-komunità, tat-trade unions, tal-gruppi attivisti, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) fil-promozzjoni u d-difiża tad-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u biex jiżguraw l-obbligu ta' rendikont għall-azzjonijiet statali u privati;	***imħassar***

Emenda 400
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-organizzazzjonijiet ta' bażi u tal-komunità, tat-trade unions, tal-gruppi attivisti, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) fil-promozzjoni u d-difiża tad-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, ***u*** biex jiżguraw l-obbligu ta' rendikont ***għall-azzjonijiet*** statali u privati;	17. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-organizzazzjonijiet ta' bażi u tal-komunità, tat-trade unions, tal-gruppi attivisti, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) fil-promozzjoni u d-difiża tad-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, ***kif ukoll*** biex jiżguraw l-obbligu ta' rendikont ***kemm għall-atturi*** statali u ***kif ukoll dawk*** privati***, li jaġixxu bħala għassiesa kontra l-ksur tal-istat tad-dritt u jikkontribwixxu b'mod attiv għas-salvagwardja tal-valuri fundamentali tal-Unjoni***; ***ifakkar li, f'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li għad hemm ostakli f'xi Stati Membri għall-ħolqien ta' ambjent li jwassal għall-ħidma ta' dawn l-organizzazzjonijiet u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; ifakkar ukoll li l-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll il-ħtieġa li l-Istati Membri jieħdu miżuri addizzjonali, inkluż l-forniment ta' taħriġ iddedikat, it-tnedija ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' appoġġ għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex issaħħaħ il-protezzjoni tagħhom, tissalvagwardja l-attivisti, u tiżgura li jiġu ggarantiti l-kundizzjonijiet meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-attivitajiet tagħhom;***

Or. en

Emenda 401
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-organizzazzjonijiet ta' bażi u tal-komunità, tat-trade unions, tal-gruppi attivisti, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) fil-promozzjoni u d-difiża tad-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u biex jiżguraw l-obbligu ta' rendikont għall-azzjonijiet statali u privati;	17. Jenfasizza r-rwol kruċjali ***tal-awtoritajiet indipendenti, tal-ombudspersons,*** tal-organizzazzjonijiet ta' bażi u tal-komunità, tat-trade unions, tal-gruppi attivisti, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) fil-promozzjoni u d-difiża tad-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u biex jiżguraw l-obbligu ta' rendikont għall-azzjonijiet statali u privati; ***ifakkar fil-ħtieġa ta' ambjent sikur, ta' appoġġ u abilitanti għalihom;***

Or. en

Emenda 402
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-organizzazzjonijiet ta' bażi u tal-komunità, tat-trade unions, tal-gruppi attivisti, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) fil-promozzjoni u d-difiża tad-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u biex jiżguraw l-obbligu ta' rendikont għall-azzjonijiet statali u privati;	17. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-organizzazzjonijiet ta' bażi u tal-komunità, tat-trade unions, tal-gruppi attivisti, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) fil-promozzjoni u d-difiża tad-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u biex jiżguraw l-obbligu ta' rendikont għall-azzjonijiet statali u privati; ***jikkundanna bil-qawwa, għalhekk, kull tentattiv li jkun hemm interferenza fl-affarijiet interni tal-Istati***

Membri permezz ta' NGOs politiċi;

Or. sk

Emenda 403
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-organizzazzjonijiet ta' bażi u tal-komunità, tat-trade unions, tal-gruppi attivisti, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) fil-promozzjoni u d-difiża tad-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u biex jiżguraw l-obbligu ta' rendikont għall-azzjonijiet statali u privati;	17. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-organizzazzjonijiet ta' bażi u tal-komunità, tat-trade unions, tal-gruppi attivisti, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) fil-promozzjoni u d-difiża tad-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u biex jiżguraw l-obbligu ta' rendikont għall-azzjonijiet statali u privati; ***jenfasizza li l-attivitajiet ta' influwenza kollha jridu jseħħu fil-limiti tal-liġi;***

Or. fi

Emenda 404
Céline Imart, Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza r-rwol ***kruċjali*** tal-organizzazzjonijiet ta' bażi u tal-komunità, tat-trade unions, tal-gruppi attivisti, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) fil-promozzjoni u d-difiża tad-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u biex jiżguraw l-obbligu ta' rendikont għall-azzjonijiet statali u privati;	17. Jenfasizza r-rwol tal-organizzazzjonijiet ta' bażi u tal-komunità, tat-trade unions, tal-gruppi attivisti, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) fil-promozzjoni u d-difiża tad-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u biex jiżguraw l-obbligu ta' rendikont għall-azzjonijiet statali u privati;

Or. fr

Emenda 405
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský, Javier Zarzalejos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza r-rwol kruċjali ***tal-organizzazzjonijiet ta' bażi u tal-komunità, tat-trade unions, tal-gruppi attivisti, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs)*** fil-promozzjoni u d-difiża ***tad-demokrazija***, ***l-ugwaljanza***, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u biex ***jiżguraw l-obbligu ta' rendikont għall-azzjonijiet statali u privati***;	17. Jenfasizza r-rwol kruċjali ***ta' soċjetà ċivili b'saħħitha u mingħajr xkiel*** fil-promozzjoni u d-difiża, ***tal-ugwaljanza***, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u biex ***tħeġġeġ l-involviment ċiviku u l-parteċipazzjoni fil-proċessi demokratiċi***;

Or. en

Emenda 406
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jesprimi tħassib serju dwar in-nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tal-finanzjament tal-UE lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jinnota b'allarm rapporti li l-Kummissjoni ffinanzjat NGOs għal kampanji, promozzjoni pubblika u litigazzjoni, inklużi attivitajiet li għandhom l-għan li jinfluwenzaw l-eżiti regolatorji favur il-Patt Ekoloġiku, mingħajr divulgazzjoni pubblika ta' arranġamenti kuntrattwali jew kriterji ta' finanzjament; jisħaq li kull sena jiġu żborżati biljuni ta' euro lill-

NGOs mingħajr pubblikazzjoni ta' kuntratti, mekkaniżmi ta' allokazzjoni trasparenti jew sorveljanza adegwata, li joħolqu riskji serji ta' strumentalizzazzjoni politika tal-flus tal-kontribwenti u kunflitti ta' interess; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura divulgazzjoni pubblika sħiħa tal-finanzjament kollu tal-UE lill-NGOs, inklużi d-dettalji tal-kuntratti, il-kriterji ta' finanzjament u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni;

Or. en

Emenda 407
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jisħaq li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi dawk li jippromwovu l-istat tad-dritt u d-demokrazija, li jipproteġu l-gruppi emarġinati u l-ġustizzja soċjali, għandhom rwol kruċjali fid-difiża tal-istat tad-dritt u għandhom jiġu protetti minn restrizzjonijiet jew intimidazzjoni bla bżonn; jenfasizza wkoll l-importanza li jiġi żgurat li dawn l-organizzazzjonijiet jingħataw riżorsi finanzjarji adegwati mill-Unjoni Ewropea biex jappoġġjaw l-attivitajiet tagħhom, b'mod partikolari fid-dawl tal-isfidi li qed jikbru bħall-ispazju ċiviku li qed jiċkien u ż-żieda fil-pożizzjonijiet amministrattivi; jirrikonoxxi li finanzjament suffiċjenti huwa essenzjali għal dawn l-organizzazzjonijiet biex jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-promozzjoni tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-ġustizzja soċjali - valuri minquxa fit-

Trattati - madwar l-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 408
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-istituzzjonijiet tal-UE qed jimbuttaw l-appoġġ għal organizzazzjonijiet liberali u tax-xellug, u b'hekk qed jaqbżu l-limiti tal-kompetenza mogħtija mit-Trattati u jinterferixxu f'tilwim ideoloġiku; jisħaq li l-Kummissjoni u istituzzjonijiet tal-UE oħra ma humiex liberi li jallokaw fondi pubbliċi jew forom oħra ta' appoġġ għal miżuri ideoloġiċi, inklużi inizjattivi mfassla biex jinfluwenzaw l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri;

Or. pl

Emenda 409
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Itenni l-importanza ta' konsultazzjoni wiesgħa fl-abbozzar tar-rapport; jistieden lill-Kummissjoni twettaq żjarat fl-Istati Membri fuq il-post kull meta jkun possibbli, aktar milli virtwalment, peress li ż-żjarat fuq il-post jistgħu jagħtu stampa aktar sħiħa u aktar

kuntestwali tas-sitwazzjoni lokali;

Or. en

Emenda 410
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jikkundanna l-attakk bla preċedent u intensifikat fuq l-ispazju ċiviku madwar l-UE, b'restrizzjonijiet notevoli fuq l-ispazju għas-soċjetà ċivili u d-dritt għal għaqda paċifika li qed jiġu osservati f'diversi Stati Membri; jemmen bis-sħiħ li x-xejra globali lejn rigress demokratiku u l-erożjoni tal-istat tad-dritt, kif ukoll it-titolizzazzjoni tal-aġendi, intensifikaw ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt għal għaqda paċifika;*** iħeġġeġ lill-Istati Membri ***joħolqu ambjent sikur u abilitanti li jiggarantixxi*** l-libertà ta' għaqda;	18. Iħeġġeġ lill-Istati Membri ***jiżguraw li*** l-libertà ta' għaqda ***tiġi protetta għal kulħadd***;

Or. fi

Emenda 411
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jikkundanna ***l-attakk*** bla preċedent u intensifikat ***fuq l-ispazju*** ċiviku madwar l-UE***, b'restrizzjonijiet notevoli fuq l-ispazju għas-soċjetà ċivili u d-dritt għal għaqda paċifika li qed jiġu osservati f'diversi Stati Membri***; ***jemmen bis-sħiħ li x-xejra globali lejn rigress demokratiku u l-erożjoni tal-istat tad-dritt, kif ukoll it-titolizzazzjoni tal-aġendi, intensifikaw ir-***	18. Jikkundanna ***l-attiviżmu politiku tal-NGOs, li qed jinvolvu ruħhom f'abbuż*** bla preċedent u intensifikat ***tal-ispazju*** ċiviku madwar l-UE;

restrizzjonijiet fuq id-dritt għal għaqda paċifika; iħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu ambjent sikur u abilitanti li jiggarantixxi l-libertà ta' għaqda;

Or. sk

Emenda 412
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jikkundanna l-attakk bla preċedent u intensifikat fuq l-ispazju ċiviku madwar l-UE, b'restrizzjonijiet notevoli fuq l-ispazju għas-soċjetà ċivili u d-dritt għal għaqda paċifika li qed jiġu osservati f'diversi Stati Membri; jemmen bis-sħiħ li x-xejra globali lejn rigress demokratiku u l-erożjoni tal-istat tad-dritt, kif ukoll it-titolizzazzjoni tal-aġendi, intensifikaw ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt għal għaqda paċifika; iħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu ambjent sikur u abilitanti li jiggarantixxi l-libertà ta' għaqda;	18. Jikkundanna l-attakk bla preċedent u intensifikat fuq l-ispazju ċiviku madwar l-UE, b'restrizzjonijiet notevoli fuq l-ispazju għas-soċjetà ċivili u d-dritt għal għaqda paċifika li qed jiġu osservati f'diversi Stati Membri; jemmen bis-sħiħ li x-xejra globali lejn rigress demokratiku u l-erożjoni tal-istat tad-dritt, kif ukoll it-titolizzazzjoni tal-aġendi, intensifikaw ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt għal għaqda paċifika; iħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu ambjent sikur u abilitanti li jiggarantixxi l-libertà ta' għaqda; ***jinnota li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għadhom jiffaċċjaw pożijiet amministrattivi, kampanji ta' malafama mmirati u restrizzjonijiet fuq l-aċċess għar-riżorsi, inkluż finanzjament barrani, li joħolqu effett dissważiv li jimmina r-rwol ta' sorveljanza tagħhom;***

Or. en

Emenda 413
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jikkundanna l-attakk bla preċedent u intensifikat fuq l-ispazju ċiviku madwar l-UE, b'restrizzjonijiet notevoli fuq*** l-ispazju ***għas-soċjetà ċivili*** u ***d-dritt*** għal għaqda paċifika ***li qed jiġu osservati*** f'diversi Stati Membri***; jemmen bis-sħiħ*** li ***x-xejra globali lejn rigress demokratiku u l-erożjoni*** tal-istat tad-dritt***, kif ukoll it-titolizzazzjoni tal-aġendi, intensifikaw ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt*** għal għaqda paċifika***; iħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu ambjent sikur u abilitanti li jiggarantixxi l-libertà ta' għaqda***;	18. ***Jinnota bi tħassib ir-restrizzjonijiet dejjem akbar li jaffettwaw*** l-ispazju ***ċiviku u l-eżerċizzju tad-dritt*** għal għaqda paċifika f'diversi Stati Membri***, u jfakkar*** li ***l-protezzjoni ta' spazju ċiviku miftuħ hija komponent essenzjali*** tal-istat tad-dritt ***u l-governanza demokratika; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw ambjent sikur, abilitanti u legalment sigur għall-eżerċizzju tad-dritt*** għal għaqda paċifika***, f'konformità mad-dritt tal-UE u mal-istandards Ewropej tad-drittijiet tal-bniedem***;

Or. en

Emenda 414
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jikkundanna l-attakk bla preċedent u intensifikat fuq l-ispazju ċiviku madwar l-UE, b'restrizzjonijiet notevoli fuq l-ispazju għas-soċjetà ċivili u d-dritt għal għaqda paċifika li qed jiġu osservati f'diversi Stati Membri; jemmen bis-sħiħ li x-xejra globali lejn rigress demokratiku u l-erożjoni tal-istat tad-dritt, kif ukoll it-titolizzazzjoni tal-aġendi, intensifikaw ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt għal għaqda paċifika; iħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu ambjent sikur u abilitanti li jiggarantixxi l-libertà ta' għaqda;	18. ***Jisħaq li l-għaqda paċifika u l-libertà ta' assoċjazzjoni huma drittijiet fundamentali protetti mid-dritt internazzjonali u mill-Karta u huma essenzjali għad-demokrazija u l-obbligu ta' rendikont tal-gvern;*** jikkundanna l-attakk bla preċedent u intensifikat fuq l-ispazju ċiviku madwar l-UE, b'restrizzjonijiet notevoli fuq l-ispazju għas-soċjetà ċivili u d-dritt għal għaqda paċifika li qed jiġu osservati f'diversi Stati Membri; jemmen bis-sħiħ li x-xejra globali lejn rigress demokratiku u l-erożjoni tal-istat tad-dritt, kif ukoll it-titolizzazzjoni tal-aġendi, intensifikaw ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt għal għaqda paċifika; iħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu ambjent sikur u abilitanti li jiggarantixxi l-libertà ta'

għaqda;

Or. en

Emenda 415
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský, Javier Zarzalejos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jikkundanna l-attakk bla precedent u intensifikat fuq l-ispazju*** ċiviku ***madwar l-UE, b'restrizzjonijiet notevoli fuq l-ispazju għas-soċjetà ċivili*** u d-dritt għal għaqda paċifika ***li qed jiġu osservati f'diversi Stati Membri; jemmen bis-sħiħ li x-xejra globali lejn rigress demokratiku u l-erożjoni tal-istat tad-dritt, kif ukoll it-titolizzazzjoni tal-aġendi, intensifikaw ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt għal għaqda paċifika; iħeġġeġ lill-Istati*** Membri ***joħolqu ambjent sikur u abilitanti li jiggarantixxi l-libertà ta' għaqda***;	18. ***Jenfasizza l-importanza ta' spazju*** ċiviku ***vibranti u*** d-dritt għal għaqda paċifika ***madwar l-UE, filwaqt li jinnota li f'xi Stati*** Membri ***hemm opportunitajiet biex dawn id-drittijiet jissaħħu aktar; jisħaq li x-xejriet globali u t-tħassib dwar is-sigurtà għamluha dejjem aktar importanti li jiġu ssalvagwardjati dawn il-libertajiet***;

Or. en

Emenda 416
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jikkundanna l-attakk bla precedent u intensifikat fuq l-ispazju ċiviku madwar l-UE, b'restrizzjonijiet notevoli fuq l-ispazju għas-soċjetà ċivili u*** d-dritt għal għaqda paċifika ***li qed jiġu osservati f'diversi Stati Membri; jemmen bis-sħiħ*** li ***x-xejra globali lejn rigress demokratiku u l-erożjoni tal-istat tad-dritt,***	18. ***Ifakkar li*** d-dritt għal għaqda paċifika ***jrid jiġi eżerċitat b'rispett sħiħ tal-liġi, mingħajr ma jiġu attakkati l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u mingħajr ma ssir ħsara lill-proprjetà pubblika jew privata, u jissottolinja*** li ***l-protezzjoni ta' dan*** id-dritt ***tirrikjedi kemm imġiba responsabbli mill-parteċipanti kif ukoll***

kif ukoll it-titolizzazzjoni tal-aġendi, intensifikaw ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt ***għal għaqda paċifika; iħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu ambjent sikur u abilitanti li jiggarantixxi l-libertà ta' għaqda***;	***azzjoni proporzjonata mill-awtoritajiet pubbliċi***;

Or. en

Emenda 417
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jikkundanna l-attakk bla preċedent u intensifikat fuq l-ispazju ċiviku madwar l-UE, b'restrizzjonijiet notevoli fuq l-ispazju għas-soċjetà ċivili u d-dritt għal għaqda paċifika li qed jiġu osservati f'diversi Stati Membri; jemmen bis-sħiħ li x-xejra globali lejn rigress demokratiku u l-erożjoni tal-istat tad-dritt, kif ukoll it-titolizzazzjoni tal-aġendi, intensifikaw ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt għal għaqda paċifika; iħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu ambjent sikur u abilitanti li jiggarantixxi l-libertà ta' għaqda;	18. Jikkundanna l-attakk bla preċedent u intensifikat fuq l-ispazju ċiviku madwar l-UE, b'restrizzjonijiet notevoli fuq l-ispazju għas-soċjetà ċivili u d-dritt għal għaqda paċifika li qed jiġu osservati f'diversi Stati Membri; jemmen bis-sħiħ li x-xejra globali lejn rigress demokratiku u l-erożjoni tal-istat tad-dritt, kif ukoll it-titolizzazzjoni tal-aġendi, intensifikaw ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt għal għaqda paċifika; iħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu ambjent sikur u abilitanti li jiggarantixxi l-libertà ta' għaqda; ***jinnota, fil-kuntest ta' theddid li qed jintensifika, l-importanza tat-trasparenza fl-iffinanzjar tal-NGOs;***

Or. pl

Emenda 418
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Jadwiga Wiśniewska, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jikkundanna l-attakk bla preċedent	18. Jikkundanna l-attakk bla preċedent

u intensifikat fuq l-ispazju ċiviku madwar l-UE, b'restrizzjonijiet notevoli fuq l-ispazju għas-soċjetà ċivili u d-dritt għal għaqda paċifika li qed jiġu osservati f'diversi Stati Membri; jemmen bis-sħiħ li x-xejra globali lejn rigress demokratiku u l-erożjoni tal-istat tad-dritt***, kif ukoll it-titolizzazzjoni tal-aġendi,*** intensifikaw ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt għal għaqda paċifika; iħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu ambjent sikur u abilitanti li jiggarantixxi ***l-libertà ta' għaqda***;	u intensifikat fuq l-ispazju ċiviku madwar l-UE, b'restrizzjonijiet notevoli fuq l-ispazju għas-soċjetà ċivili u d-dritt għal għaqda paċifika li qed jiġu osservati f'diversi Stati Membri; jemmen bis-sħiħ li x-xejra globali lejn rigress demokratiku u l-erożjoni tal-istat tad-dritt intensifikaw ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt għal għaqda paċifika; iħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu ambjent sikur u abilitanti li jiggarantixxi ***d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini tagħhom***;

Or. en

Emenda 419
Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Cecilia Strada, Marco Tarquinio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-isfidi li qed tiffaċċja s-soċjetà ċivili f'diversi Stati Membri minħabba restrizzjonijiet ripetuti fuq il-libertà ta' dimostrazzjoni u ta' għaqda; jenfasizza l-kritika espressa mill-Kunsill tal-Ewropa, l-OECD, in-Nazzjonijiet Uniti u diversi organizzazzjonijiet dwar diversi liġijiet introdotti f'xi Stati Membri, inkluż l-att dwar is-sigurtà, it-tneħħija konsegwenzjali tal-protezzjonijiet legali u l-kunflitt mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem; jesprimi tħassib serju dwar il-limitazzjonijiet li dawn il-liġijiet jimplikaw għad-dritt għal-libertà u s-sigurtà, il-projbizzjoni ta' detenzjonijiet arbitrarji, id-dritt għal-libertà tal-moviment, id-dritt għal proċess ġust, id-dritt għall-privatezza, id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u l-opinjoni, il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni u d-drittijiet fundamentali;

Or. it

Emenda 420
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Ifakkar lill-Istati Membri jiżguraw li l-liġijiet u l-prattiki li jikkonċernaw l-assemblej u l-protesti għandhom dejjem jirrispettaw l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem dwar il-libertà tal-għaqda u tal-pulizija tad-dimostrazzjonijiet, inkluż l-għoti ta' taħriġ bir-reqqa dwar id-drittijiet tal-bniedem għall-uffiċjali tal-pulizija; jistieden lill-Istati Membri ma jadottawx liġijiet jew prattiki li jirrestringu b'mod preventiv id-dritt għall-għaqda paċifika jew li, minn qabel mingħajr kontroll ġudizzjarju, jikkriminalizzaw lid-dimostranti; jistieden lill-Istati Membri jintroduċu sistema effettiva ta' reġistrazzjoni tal-kontrolli tal-identità u jippubblikaw statistika dwar l-għadd ta' persuni midruba jew maqtula matul il-protesti bl-għan li tittejjeb ir-responsabbiltà tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi;

Or. en

Emenda 421
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jilqa' t-tnedija tal-Istrateġija tal-

	UE għas-Soċjetà Ċivili bħala pass ewlieni biex jissaħħu l-protezzjoni, l-appoġġ u l-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili madwar l-Unjoni, filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol essenzjali tagħhom fit-tfassil tal-politika, l-għoti ta' servizzi, is-sensibilizzazzjoni u r-rappreżentanza ta' gruppi vulnerabbli; jilqa' b'mod partikolari t-tliet objettivi ewlenin tal-Istrateġija, jiġifieri t-trawwim tal-involviment permezz tal-istabbiliment ta' Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili sal-2026, l-appoġġ u l-protezzjoni permezz tal-ħolqien ta' Ċentru ta' Għarfien online dwar l-Ispazju Ċiviku u l-iżvilupp ta' aktar miżuri ta' protezzjoni, u finanzjament sostenibbli u trasparenti;

Or. en

Emenda 422
Loránt Vincze

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jirrikonoxxi r-rwol importanti tas-soċjetà ċivili u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-protezzjoni tal-minoranzi, fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi, inklużi d-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali u lingwistiċi tradizzjonali; jenfasizza li għandu jiġi pprovdut appoġġ adegwat għal tali organizzazzjonijiet b'mod ġust u ekwu, filwaqt li jiġi żgurat aċċess ugwali u tiġi evitata l-esklużjoni;

Or. en

Emenda 423
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi kapitolu awtonomu dwar l-ispazju ċiviku sabiex tagħti prominenza akbar lill-kwistjoni u tippermetti li d-drittijiet għal-libertà tal-espressjoni, tal-assoċjazzjoni u tal-għaqda jiġu indirizzati bis-sħiħ;

Or. en

Emenda 424
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jtejbu l-ambjent legali għas-soċjetà ċivili billi jiżguraw li kwalunkwe miżura li tirrestrinġi d-dritt tal-assoċjazzjonijiet biex wieħed ifittex, jiżgura u juża riżorsi, inklużi riżorsi barranin, trid issegwi wieħed mill-għanijiet leġittimi skont l-Artikolu 11(2) tal-KEDB;	***imħassar***

Or. sk

Emenda 425
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Istati Membri u lill-	19. Jistieden lill-Istati Membri u lill-

Kummissjoni jtejbu l-ambjent legali għas-soċjetà ċivili ***billi*** jiżguraw li kwalunkwe ***miżura li tirrestringi d-dritt*** tal-assoċjazzjonijiet ***biex wieħed ifittex, jiżgura u juża riżorsi***, ***inklużi riżorsi barranin, trid issegwi wieħed mill-għanijiet leġittimi skont l-Artikolu 11(2) tal-KEDB***;	Kummissjoni ***jkomplu*** jtejbu l-ambjent legali ***u regolatorju*** għas-soċjetà ċivili***, filwaqt li*** jiżguraw li kwalunkwe ***restrizzjoni fuq il-finanzjament u l-attivitajiet*** tal-assoċjazzjonijiet ***tkun iġġustifikata b'mod ċar, proporzjonata u f'konformità sħiħa mad-dritt tal-UE u mal-istandards Ewropej tad-drittijiet tal-bniedem***, ***inkluża l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem***;

Or. en

Emenda 426
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jtejbu l-ambjent legali għas-soċjetà ċivili billi jiżguraw li kwalunkwe miżura li tirrestringi d-dritt tal-assoċjazzjonijiet biex wieħed ifittex, jiżgura u juża riżorsi, inklużi ***riżorsi*** barranin***, trid issegwi wieħed mill-għanijiet*** leġittimi ***skont l-Artikolu 11(2) tal-KEDB***;	19. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jtejbu l-ambjent legali għas-soċjetà ċivili billi jiżguraw li kwalunkwe miżura li tirrestringi d-dritt tal-assoċjazzjonijiet biex wieħed ifittex, jiżgura u juża riżorsi, inklużi ***riżorsi barranin, tiġi applikata b'rispett strett għall-proporzjonalità u biss meta jsegwu għanijiet ta' interess pubbliku definiti b'mod ċar u*** leġittimi;

Or. en

Emenda 427
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jtejbu l-ambjent legali għas-	19. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jtejbu l-ambjent legali ***għat-***

soċjetà ċivili ***billi jiżguraw li kwalunkwe miżura li tirrestringi d-dritt tal-assoċjazzjonijiet biex wieħed ifittex, jiżgura u juża riżorsi,*** inklużi riżorsi barranin, ***trid issegwi wieħed mill-għanijiet leġittimi skont l-Artikolu 11(2) tal-KEDB***;

trasparenza tal-finanzjament għas-soċjetà ċivili, inklużi riżorsi barranin, ***sabiex tiġi pprevenuta influwenza indebita u jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont***;

Or. en

Emenda 428
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Jadwiga Wiśniewska, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jtejbu l-ambjent legali għas-soċjetà ċivili billi ***jiżguraw li kwalunkwe miżura li tirrestringi d-dritt tal-assoċjazzjonijiet biex wieħed ifittex, jiżgura u juża riżorsi, inklużi riżorsi barranin, trid issegwi wieħed mill-għanijiet leġittimi skont l-Artikolu 11(2) tal-KEDB***;	19. ***Ifakkar li l-finanzjament barrani għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jista' jikkostitwixxi tentattivi ta' interferenza barranija;*** jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jtejbu l-ambjent legali għas-soċjetà ċivili billi ***jinkoraġġixxu trasparenza shiha rigward l-oriġini tar-riżorsi tas-soċjetà ċivili sabiex iċ-ċittadini jinżammu infurmati tajjeb***;

Or. en

Emenda 429
Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jtejbu l-ambjent legali għas-soċjetà ċivili billi jiżguraw ***li kwalunkwe miżura li tirrestringi d-dritt tal-assoċjazzjonijiet biex wieħed ifittex, jiżgura u juża riżorsi, inklużi riżorsi barranin, trid issegwi wieħed mill-***	19. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jtejbu l-ambjent legali għas-soċjetà ċivili billi ***simultanjament*** jiżguraw ***livell għoli ta' trasparenza fir-rigward tas-sorsi ta' finanzjament, l-istruttura ta' governanza tagħhom u l-għanijiet tal-attivitajiet tagħhom, bil-għan li jiġi***

għanijiet leġittimi skont l-Artikolu 11(2) tal-KEDB;	***pprevenut l-eżerċizzju ta' influwenza politika, f'konformità mal-għanijiet*** leġittimi skont l-Artikolu 11(2) tal-KEDB;

Or. el

Emenda 430
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Istati Membri ***u lill-Kummissjoni jtejbu*** l-ambjent legali għas-soċjetà ċivili ***billi jiżguraw li kwalunkwe miżura li tirrestrinġi d-dritt tal-assoċjazzjonijiet biex wieħed ifittex, jiżgura u juża riżorsi, inklużi riżorsi barranin, trid issegwi wieħed mill-għanijiet leġittimi skont l-Artikolu 11(2) tal-KEDB***;	19. Jistieden lill-Istati Membri ***jimmonitorjaw*** l-ambjent legali għas-soċjetà ċivili***; jisħaq fuq l-importanza tat-trasparenza fil-finanzjament biex ikun ipprevenut l-użu ħażin tal-fondi; jissottolinja kemm huwa importanti li tkun miġġielda l-leġiżlazzjoni dwar finanzjament barrani ispirata mil-"liġi tal-aġenti" Russa***;

Or. fi

Emenda 431
Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jesprimi tħassib serju dwar l-ispazju ċiviku li qed jiċkien u l-persekuzzjoni dejjem akbar tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-UE, b'mod partikolari dawk li jaħdmu fuq il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ġustizzja klimatika, id-drittijiet tal-LGBTIQ+, id-drittijiet tan-nisa u l-appoġġ għall-migranti; jinnota li dawn il-gruppi jiffaċċjaw firxa ta' theddid, inklużi

restrizzjonijiet legali u finanzjarji, sospensjonijiet tal-finanzjament, kampanji ta' malafama, intimidazzjoni u kriminalizzazzjoni; jikkundanna, b'mod partikolari, iż-żieda fit-trażżin tal-attiviżmu klimatiku f'diversi Stati Membri, inkluż l-użu ħażin tal-liġijiet kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata u l-klassifikazzjoni ta' attivisti klimatiċi paċifiċi bħala membri ta' "organizzazzjonijiet kriminali"; jistieden lill-Istati Membri jżommu lura minn azzjoni legali sproporzjonata kontra tali attivisti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod sistematiku s-sitwazzjoni ta' dawn l-organizzazzjonijiet fir-rapporti tagħha dwar l-istat tad-dritt u tespandi l-finanzjament iddedikat tal-UE għall-atturi tas-soċjetà ċivili li jiġġieldu r-razziżmu u jaħdmu fuq drittijiet fundamentali oħra;

Or. en

Emenda 432
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jenfasizza li l-ispazju ċiviku li qed jiċkien, inkluż l-interferenza fil-libertà ta' għaqda, ta' assoċjazzjoni u ta' espressjoni, jikkostitwixxi tħassib strutturali dwar l-istat tad-dritt kif enfasizzat f'valutazzjonijiet suċċessivi tal-FRA;

Or. en

Emenda 433
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jiddeplora l-immirar kontinwu tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż permezz ta' rekwiżiti amministrattivi oneruż, regoli ta' finanzjament restrittivi u kampanji ta' malafama, li jirreplikaw xejriet li qabel kienu kkundannati mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-korpi tan-NU;

Or. en

Emenda 434
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Jadwiga Wiśniewska, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Huwa mħasseb dwar ir-restrizzjonijiet legali u finanzjarji li qed jiżdiedu, il-kampanji ta' malafama, u l-kriminalizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq li r-rekwiżiti ta' rapportar għall-NGOs ma għandhomx jaqbżu dawk li huma strettament meħtieġa u proporzjonati mal-għanijiet speċifiċi segwiti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 435
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Huwa mħasseb dwar ir-restrizzjonijiet legali u finanzjarji li qed jiżdiedu, il-kampanji ta' malafama, u l-kriminalizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq li r-rekwiżiti ta' rapportar għall-NGOs ma għandhomx jaqbżu dawk li huma strettament meħtieġa u proporzjonati mal-għanijiet speċifiċi segwiti;	20. Huwa mħasseb dwar ir-restrizzjonijiet legali u finanzjarji li qed jiżdiedu, il-kampanji ta' malafama, u l-kriminalizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq li r-rekwiżiti ta' rapportar għall-NGOs ma għandhomx jaqbżu dawk li huma strettament meħtieġa u proporzjonati mal-għanijiet speċifiċi segwiti; ***jirrakkomanda, fl-istess ħin, prinċipju ta' trasparenza simetrika, fejn kwalunkwe entità li tfittex li tinfluwenza l-politika pubblika, kemm jekk lobbist korporattiv kif ukoll jekk NGO, tkun soġġetta għall-istess rekwiżiti rigoruż ta' divulgazzjoni rigward il-finanzjament u s-sjieda benefiċjarja, sabiex jiġi pprevenut il-qbid ideoloġiku u titnaqqas is-superfiċje ta' attakk għal operazzjonijiet "astroturf" barranin, b'mod partikolari madwar istituzzjonijiet kritiċi;***

Or. en

Emenda 436
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Huwa mħasseb dwar ir-restrizzjonijiet legali u finanzjarji li qed jiżdiedu, il-kampanji ta' malafama, u l-kriminalizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq li r-rekwiżiti ta' rapportar għall-NGOs ma għandhomx jaqbżu dawk li huma strettament meħtieġa u proporzjonati mal-għanijiet speċifiċi segwiti;	20. Huwa mħasseb dwar ir-restrizzjonijiet legali u finanzjarji li qed jiżdiedu, il-kampanji ta' malafama, u l-kriminalizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem***, inkluża l-kriminalizzazzjoni tal-assistenza umanitarja u l-attivitajiet ta' tiftix u salvataġġ***; ***jappella għal qafas abilitanti u ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili u jtenni l-***

importanza li jiġu implimentati bis-sħiħ id-Direttiva Kontra s-SLAPP u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/758 biex jiġu protetti l-OSĊ; iqis li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jespandu l-finanzjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jisħaq li r-rekwiżiti ta' rapportar għall-NGOs ma għandhomx jaqbżu dawk li huma strettament meħtieġa u proporzjonati mal-għanijiet speċifiċi segwiti;

Or. en

Emenda 437
Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. ***Huwa mħasseb dwar ir-restrizzjonijiet*** legali u finanzjarji li qed jiżdiedu, il-kampanji ta' ***malafama***, u ***l-kriminalizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili u ***tad-difensuri*** tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq li r-rekwiżiti ta' rappurtar għall-NGOs ma għandhomx jaqbżu dawk li huma ***strettament*** meħtieġa ***u proporzjonati mal-għanijiet*** speċifiċi segwiti;	20. ***Jilqa' r-restrizzjonijiet*** legali u finanzjarji li qed jiżdiedu, il-kampanji ta' ***informazzjoni***, u ***l-issikkar tal-qafas tal-ġustizzja kriminali f'każijiet fejn l-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili u ***d-difensuri*** tad-drittijiet tal-bniedem ***jintużaw bħala mezz biex iservu interessi ta' partijiet terzi***; jisħaq li r-rekwiżiti ta' rappurtar għall-NGOs ma għandhomx jaqbżu dawk li huma meħtieġa ***għall-għanijiet*** speċifiċi segwiti ***u għall-iżgurar ta' trasparenza sħiħa fir-rigward tas-sorsi ta' finanzjament u l-iskopijiet tal-azzjonijiet tagħhom***;

Or. el

Emenda 438
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Huwa mħasseb dwar ***ir-restrizzjonijiet legali u finanzjarji li qed jiżdiedu, il-kampanji ta' malafama, u l-kriminalizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili ***u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq li r-rekwiżiti ta' rapportar għall-NGOs ma għandhomx jaqbżu dawk li huma strettament meħtieġa u proporzjonati mal-għanijiet speċifiċi segwiti***;	20. Huwa mħasseb dwar ***l-evidenza u r-rapporti li jissuġġerixxu li ċerti organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili ***involvew ruħhom f'azzjonijiet illegali, inklużi l-għajnuna u l-assistenza għall-migrazzjoni irregolari u l-kooperazzjoni ma' networks ta' faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali; jissottolinja li l-NGOs li jiksru b'mod sistematiku l-liġijiet nazzjonali u internazzjonali huma theddida diretta għall-istat tad-dritt u jeħtiġilhom jinżammu responsabbli permezz ta' mekkaniżmi ta' infurzar effettivi***;

Or. en

Emenda 439
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Huwa mħasseb dwar ***ir-restrizzjonijiet legali u finanzjarji li qed jiżdiedu,*** il-kampanji ta' malafama***, u l-kriminalizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem***; jisħaq li r-rekwiżiti ***ta' rappurtar*** għall-NGOs ma għandhomx jaqbżu dawk li huma strettament meħtieġa u proporzjonati mal-għanijiet speċifiċi segwiti;	20. Huwa mħasseb dwar il-kampaniji ta' malafama ***li qed jiżdiedu li qed jitwettqu minn NGOs politiċi***; jisħaq li r-rekwiżiti għall-NGOs ma għandhomx jaqbżu dawk li huma strettament meħtieġa u proporzjonati mal-għanijiet speċifiċi segwiti;

Or. sk

Emenda 440
Milan Uhrík

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Huwa mħasseb dwar ***ir-restrizzjonijiet legali u finanzjarji li qed jiżdiedu, il-kampanji ta' malafama, u l-kriminalizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili ***u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq li r-rekwiżiti ta' rapportar għall-NGOs ma għandhomx jaqbżu dawk li huma strettament meħtieġa u proporzjonati mal-għanijiet speċifiċi segwiti;***	20. Huwa mħasseb dwar ***in-nuqqas ta' ċarezza fil-finanzjament ta' xi organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili***; jirrispetta l-isforzi leġiżlattivi ta' xi Stati Membri għal trasparenza akbar ta' dan il-finanzjament.***

Or. en

Emenda 441
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Klára Dobrev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Huwa mħasseb dwar ir-restrizzjonijiet legali u finanzjarji li qed jiżdiedu, il-kampanji ta' malafama, u l-kriminalizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq li r-rekwiżiti ta' rapportar għall-NGOs ma għandhomx jaqbżu dawk li huma strettament meħtieġa u proporzjonati mal-għanijiet speċifiċi segwiti;	20. Huwa mħasseb dwar ir-restrizzjonijiet legali u finanzjarji li qed jiżdiedu, il-kampanji ta' malafama, u l-kriminalizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem***, kif ukoll tal-politiċi tal-oppożizzjoni***; jisħaq li r-rekwiżiti ta' rapportar għall-NGOs ma għandhomx jaqbżu dawk li huma strettament meħtieġa u proporzjonati mal-għanijiet speċifiċi segwiti;

Or. en

Emenda 442
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. ***Huwa mħasseb dwar ir-restrizzjonijiet legali u finanzjarji li qed jiżdiedu, il-kampanji ta' malafama, u l-kriminalizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà*** ċivili ***u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jisħaq li r-rekwiżiti ta' rapportar għall-NGOs ma għandhomx jaqbżu dawk li huma strettament meħtieġa u proporzjonati mal-għanijiet speċifiċi segwiti***;	20. ***Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw qafas ibbilanċjat li jappoġġja l-obbligu ta' rendikont filwaqt li jippermetti lis-soċjetà*** ċivili ***topera b'mod effettiv fl-istat tad-dritt u tikkontribwixxi b'mod attiv għall-promozzjoni tiegħu***;

Or. en

Emenda 443
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. ***Huwa mħasseb dwar ir-restrizzjonijiet legali u finanzjarji li qed jiżdiedu, il-kampanji ta' malafama, u l-kriminalizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili u ***tad-difensuri*** tad-drittijiet tal-bniedem***; jisħaq li r-rekwiżiti ta' rappurtar għall-NGOs ma għandhomx jaqbżu*** dawk ***li huma strettament meħtieġa u proporzjonati mal-għanijiet speċifiċi segwiti***;	20. ***Iqis li huwa importanti li l-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili u ***d-difensuri*** tad-drittijiet tal-bniedem ***huma kapaċi joperaw f'ambjent sikur li fih il-prinċipji tal-istat tad-dritt huma rispettati; jenfasizza li, f'soċjetajiet demokratiċi u stati mmexxija mill-istat tad-dritt, kulħadd jeħtieġlu jkollu wkoll il-libertà li jikkritika lil*** dawk ***l-atturi u li jqajjem suspetti ta' mġiba ħażina li tikkonċernahom***;

Or. fi

Emenda 444
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

20a. Huwa mħasseb dwar l-iffinanzjar dejjem jikber ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi mill-fondi tal-baġit tal-UE, u jisħaq fuq il-paradoss li l-NGOs ta' spiss fir-realtà jiffunzjonaw biss bis-saħħa tal-finanzjament tal-UE, li jqajjem dubji dwar l-indipendenza tagħhom; jinnota r-rapporti tal-istampa li jgħidu li l-Kummissjoni, taħt l-influwenza tal-eks Kummissarju Frans Timmermans, kienet se talloka mill-anqas EUR 700 000 għal entitajiet magħżula definiti bħala NGOs taħt ftehimiet klassifikati, bil-għan li ttenni l-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew u teżerċita influwenza fuq Membri tal-Parlament Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni tiddivulga kwalunkwe informazzjoni relatata ma' dan l-iskandlu mingħajr dewmien u twettaq rieżami komprensiv tal-pagamenti kollha mill-baġit tal-UE lil organizzazzjonijiet mhux governattivi, speċjalment dawk li huma involuti f'lobbjar għal kwalunkwe inizjattiva tal-Kummissjoni;

Or. pl

Emenda 445
Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jisħaq li t-tisħiħ tas-soċjetà ċivili jrid imur id f'id ma' mekkaniżmi robusti għat-trasparenza tas-sorsi ta' finanzjament u tal-istruttura ta' governanza tal-NGOs rilevanti; jappella li jiġi żgurat li l-NGOs li jirċievu finanzjament, speċjalment minn pajjiżi mhux tal-UE jew atturi mhux statali internazzjonali, jipprovdu informazzjoni pubblikament disponibbli, ċara u aċċessibbli dwar flussi ta' finanzjament,

il-prijoritajiet strateġiċi tagħhom u l-kompożizzjoni tal-korpi ta' tmexxija tagħhom; jissottolinja li hija meħtieġa trasparenza sħiħa biex jiġu pprevenuti każijiet ta' sfruttament politiku mmirat, interessi privati jew kurrenti ideoloġiċi li jistgħu jissostitwixxu proċessi demokratiċi ta' obbligu ta' rendikont;

Or. el

Emenda 446
Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi fil-valutazzjoni annwali tagħha analiżi speċifika tal-miżuri nazzjonali li jistgħu jirrestringu l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jisħaq li ambjent ċiviku ta' appoġġ huwa parti integrali mill-istat tad-dritt u jrid jiġi żgurat fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 447
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Jopponi bil-qawwa l-iffinanzjar mill-Kummissjoni u l-aġenziji tagħha ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li l-attività tagħhom hija bbażata fuq it-tiswir tal-pożizzjoni ta' istituzzjonijiet tal-UE

oħra, inklużi l-Parlament Ewropew, u l-politiki tal-Istati Membri; iqis tali prattiki bħala mhux demokratiċi u inaċċettabbli, u jistieden lill-Kummissjoni tippubblika rapport dettaljat dwar din il-kwistjoni, u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri twettaq kontrolli bir-reqqa f'dan ir-rigward;

Or. pl

Emenda 448
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Jadwiga Wiśniewska, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji adegwati għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu protezzjoni effettiva għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi mekkaniżmi ta' rispons rapidu għat-theddid;	***imħassar***

Or. en

Emenda 449
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji adegwati għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu	***imħassar***

protezzjoni effettiva għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi mekkaniżmi ta' rispons rapidu għat-theddid;

Or. sk

Emenda 450
Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji adegwati għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu protezzjoni effettiva għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi mekkaniżmi ta' rispons rapidu għat-theddid;	21. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji adegwati għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu protezzjoni effettiva għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi mekkaniżmi ta' rispons rapidu għat-theddid; ***jissottolinja li l-aċċess għall-finanzjament tal-UE jrid jibqa' b'rispett sħiħ tat-Trattati u, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, ikun ġust, trasparenti u mhux diskriminatorju; jisħaq li deċiżjonijiet ta' finanzjament politikament immotivati huma inaċċettabbli u jimminaw il-fiduċja fl-UE u ma jikkonformawx mal-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni u b'mod ċar ma jikkonformawx mar-rekwiżit legali ta' ġestjoni finanzjarja tajba;***

Or. en

Emenda 451
Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji adegwati għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu protezzjoni effettiva għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi mekkaniżmi ta' rispons rapidu għat-theddid;	21. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji adegwati għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ***abbażi ta' kriterji oġġettivi u ġusti; jissottolinja li l-użu xieraq tal-fondi pubbliċi jirrikjedi pluraliżmu u aċċess ugwali għal finanzjament disponibbli***; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu protezzjoni effettiva għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi mekkaniżmi ta' rispons rapidu għat-theddid;
	Or. el

Emenda 452
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. ***Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji adegwati għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;*** jistieden lill-Istati Membri jipprovdu protezzjoni effettiva għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi mekkaniżmi ta' rispons rapidu għat-theddid;	21. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu protezzjoni effettiva għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi mekkaniżmi ta' rispons rapidu għat-theddid; ***jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-appoġġ finanzjarju għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ikun trasparenti; jirrimarka li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija tal-fehma li l-ħarsa ġenerali tal-finanzjament mogħti lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ma hijiex affidabbli;***
	Or. fi

Emenda 453
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji ***adegwati*** għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ***u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu protezzjoni effettiva għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem***, inklużi ***mekkaniżmi ta' rispons rapidu għat-theddid***;	21. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw ***trasparenza sħiħa dwar*** l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi ***d-divulgazzjoni pubblika tar-riċevituri, l-ammonti, il-kriterji ta' finanzjament, u s-sorsi ta' finanzjament***;

Or. en

Emenda 454
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji adegwati ***għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà*** ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu protezzjoni effettiva għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem***, inklużi mekkaniżmi ta' rispons rapidu għat-theddid***;	21. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji adegwati ***għas-soċjetà*** ċivili u għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem***, f'konformità sħiħa mar-regoli eżistenti dwar it-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-infiq***; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu protezzjoni effettiva għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

Or. en

Emenda 455
Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar ir-restrizzjonijiet sproporzjonati fuq id-dritt għal għaqda paċifika f'diversi Stati Membri, inklużi projbizzjonijiet preventivi, sorveljanza tad-dimostranti u użu eċċessiv tal-forza; jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-protezzjoni tal-libertà ta' għaqda fil-valutazzjoni tagħha tal-istat tad-dritt u jħeġġeġ lill-Istati Membri jiżguraw li kwalunkwe restrizzjoni tkun strettament meħtieġa, proporzjonata u soġġetta għal rimedju ġudizzjarju effettiv;

Or. en

Emenda 456
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Kwistjonijiet istituzzjonali oħra marbuta mal-kontrokontrolli ***Jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jużaw proċeduri aċċelerati jew digrieti ta' emerġenza b'mod eċċessiv, peress li dawn għandhom impatt negattiv fuq l-istabbiltà u l-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u fuq id-demokrazija; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu proċessi trasparenti tat-tfassil tal-liġijiet wara l-konsultazzjoni sistematika ta' partijiet ikkonċernati differenti;***

Or. en

Emenda 457
Nadine Morano, François-Xavier Bellamy, Céline Imart, Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jitlob lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jaħdmu fuq l-introduzzjoni ta' aktar trasparenza dwar ir-riżorsi finanzjarji tal-organizzazzjonijiet ta' bażi u tal-komunità, tat-trade unions, tal-gruppi attivisti, tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs);

Or. fr

Emenda 458
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jenfasizza l-ispazju ċiviku li qed jiċkien u l-persekuzzjoni dejjem akbar tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari dawk li jaħdmu fuq id-drittijiet tal-LGBTIQ+, id-drittijiet tan-nisa, l-appoġġ għall-migranti, u l-ġlieda kontra r-razziżmu, li qed jiġu mmirati dejjem aktar permezz ta' investigazzjonijiet politikament immotivati u tnaqqis fil-finanzjament;

Or. en

Emenda 459
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Subintestatura 4a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Proċess Leġiżlattiv u Emendi Kostituzzjonali

Or. en

Emenda 460
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jiddenunzja l-użu eċċessiv u ta' rutina ta' proċeduri leġiżlattivi aċċelerati fl-Ungerija u fis-Slovakkja, bi proporzjon sinifikanti ta' liġijiet li qed jiġu adottati mingħajr konsultazzjoni adegwata, li jimmina l-prinċipji ta' tfassil aħjar tal-liġijiet, it-trasparenza, l-inklużività u s-sorveljanza demokratika;

Or. en

Emenda 461
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġi żgurat li jkun hemm stabbiliti salvagwardji robusti għall-protezzjoni tad-data meta l-Istati Membri jew l-awtoritajiet nazzjonali jużaw software ta' sorveljanza; ifakkar li l-użu ta' software ta' spjunaġġ irid ikun proporzjonat;

Or. en

Emenda 462
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Jesprimi tħassib serju dwar l-allegazzjonijiet dejjem aktar dokumentati sew ta' sorveljanza u spjunaġġ illegali mmirati anke lejn l-istituzzjonijiet tal-UE; jisħaq li tali prattiki, jekk jiġu kkonfermati, jikkostitwixxu theddida serja għall-istat tad-dritt, is-separazzjoni tas-setgħat, is-sorveljanza demokratika u l-integrità tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni; ifakkar li l-użu ta' software ta' spjunaġġ jew strutturi ta' intelligence għal skopijiet politiċi jimmina l-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri, jipperikola l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u hemm riskju li jfixkel il-funzjonament tas-suq intern u l-politiki tal-UE; jappella għal trasparenza sħiħa, skrutinju ġudizzjarju u parlamentari effettiv, u miżuri korrettivi konkreti, inklużi fil-livell tal-UE, biex jiġi żgurat li l-obbligu ta' rendikont jiġi ggarantit u li dawk responsabbli jinżammu responsabbli; jissottolinja li kwalunkwe użu ħażin ippruvat tal-għodod ta' sorveljanza jrid ikollu konsegwenzi tanġibbli fl-ambitu tal-istrumenti legali u finanzjarji tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 463
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jinnota li hemm riskju li l-emendi kostituzzjonali adottati fis-Slovakkja, li jintroduċu kunċetti wiesgħa u mhux definiti bħal "identità nazzjonali" u "kwistjonijiet kulturali u etiċi" jwasslu għal interpretazzjoni arbitrarja, jikkontradixxu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja u jimminaw iċ-ċertezza legali; jisħaq li s-supremazija tad-dritt tal-UE trid tiġi rrispettata mill-Istati Membri kollha, u protetta b'mod attiv mill-Kummissjoni Ewropea bħala gwardjan tat-Trattati; jisħaq li l-Istati Membri jibqgħu legalment marbuta bil-prinċipju ta' pacta sunt servanda u bl-obbligi li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali u Ewropew u għalhekk l-emendi kostituzzjonali li jenfasizzaw is-sovranità nazzjonali fi kwistjonijiet ta' "identità nazzjonali" ma jistgħux jiddefinixxu mill-ġdid jew jillimitaw il-validità tad-dritt internazzjonali u Ewropew fl-ordinament ġuridiku nazzjonali;

Or. en

Emenda 464
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Juan Fernando López Aguilar, Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Jesprimi tħassib li r-riformi kostituzzjonali Ungeriżi li jikkodifikaw definizzjoni strettament binarja tal-ġeneru u li jirrestringu l-adozzjoni għal koppji eterosesswali miżżewġin, kif ukoll in-nuqqas ta' rikonoxximent ta' sħubijiet bejn persuni tal-istess sess u l-adozzjoni ta' tfal minn koppji tal-istess sess

rikonoxxuti skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor, jistgħu jirriżultaw f'diskriminazzjoni u jfixklu l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, għall-kuntrarju tal-istandards Ewropej tad-drittijiet tal-bniedem;

Or. en

Emenda 465
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21d. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-indipendenza tal-korpi nazzjonali ta' sorveljanza sabiex jiżguraw ir-riżorsi u l-libertà mill-interferenza politika;

Or. en

Emenda 466
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21e. Jafferma mill-ġdid ir-rwol essenzjali tal-Qrati Supremi u Kostituzzjonali fis-salvagwardja tal-ordni kostituzzjonali, fl-iżgurar tal-konformità mad-dritt tal-UE u fiż-żamma tas-sistema ta' kontrokontrolli, u jfakkar li l-indipendenza u l-funzjonament effettiv tagħhom iridu jiġu protetti bis-sħiħ;

Or. en

Emenda 467
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21f. Jisħaq fuq l-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw l-implimentazzjoni fil-pront u sħiħa tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tas-sentenzi finali tal-qorti nazzjonali, u jappella għal mekkaniżmi ta' koordinazzjoni nazzjonali aktar b'saħħithom biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' konformità strutturali;

Or. en

Emenda 468
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21g. Jissottolinja l-importanza li tiġi ssalvagwardjata s-separazzjoni tas-setgħat u ta' qafas istituzzjonali stabbli f'kull Stat Membru; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li kwalunkwe riforma kostituzzjonali jew leġiżlattiva li taffettwa s-separazzjoni tas-setgħat tkun tikkonforma bis-sħiħ mal-valuri fundamentali u mal-prinċipji legali tal-UE;

Or. en

Emenda 469
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21h. Jisħaq fuq l-importanza tal-libertà akkademika bħala aspett integrali tal-istat tad-dritt u jħeġġeġ lill-Istati Membri jipproteġu lill-universitajiet mill-interferenza politika u jiżguraw l-awtonomija istituzzjonali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jrawmu kultura tal-istat tad-dritt permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni, inizjattivi biex jintlaħqu n-nies u azzjoni intiża sabiex tippromwovi l-valuri u l-prinċipji demokratiċi;

Or. en

Emenda 470
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21i. Jitlob l-inklużjoni, taħt il-pilastru tal-kontrokontrolli, ta' sottopilastru ddedikat dwar il-protezzjoni tal-libertà akkademika u artistika;

Or. en

Emenda 471
Loránt Vincze

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Drittijiet fundamentali	Drittijiet fundamentali, ***ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni***

Or. en

Emenda 472
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Drittijiet fundamentali	***L-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni f'għajnejn il-liġi***

Or. en

Emenda 473
Diana Riba i Giner, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Drittijiet fundamentali	Id-drittijiet fundamentali ***u l-ugwaljanza***

Or. en

Emenda 474
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jisħaq li l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali

	jikkostitwixxu pilastru essenzjali tal-istat tad-dritt u obbligu ewlieni għall-Istati Membri kollha; jissottolinja li dawn id-drittijiet iridu jiġu ssalvagwardjati b'mod ugwali għall-individwi kollha mingħajr diskriminazzjoni, inkluż permezz ta' proċessi leġiżlattivi trasparenti, rimedji ġudizzjarji effettivi, u mekkaniżmi ta' sorveljanza indipendenti;

Or. en

Emenda 475
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jilqa' l-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030 u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-projbizzjoni vinkolanti fl-UE tal-prattiki ta' konverżjoni fl-Istati Membri kollha;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 476
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jilqa' l-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030 u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-projbizzjoni vinkolanti fl-UE tal-prattiki ta' konverżjoni fl-Istati Membri kollha;	***imħassar***

Or. fi

Emenda 477
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jilqa' l-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030 u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-projbizzjoni vinkolanti fl-UE tal-prattiki ta' konverżjoni fl-Istati Membri kollha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 478
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jilqa' l-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030 u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-projbizzjoni vinkolanti fl-UE tal-prattiki ta' konverżjoni fl-Istati Membri kollha;	***imħassar***

Or. en

Emenda 479
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jilqa' l-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030 ***u*** jħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-projbizzjoni vinkolanti fl-UE tal-prattiki ta' konverżjoni fl-Istati Membri kollha;	22. Jilqa' l-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030***; jilqa' l-objettivi u l-azzjonijiet stabbiliti bħala qafas ewlieni għall-avvanz tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni madwar l-Unjoni, b'mod partikolari l-enfasi tagħha fuq it-titjib tal-implimentazzjoni tal-liġi dwar l-ugwaljanza u kontra d-diskriminazzjoni fl-Istati Membri, l-appoġġ għall-protezzjoni u s-sikurezza tal-persuni u l-attivisti LGBTIQ+, it-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u obbligu ta' rendikont; jilqa' l-enfasi li saret fuq is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ ta' professjonisti ewlenin, inklużi l-ħaddiema tal-infurzar tal-liġi u tal-kura tas-saħħa, dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, bħala għodod essenzjali biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva u inklużiva tad-drittijiet;*** iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal projbizzjoni vinkolanti tal-UE fuq il-prattiki ta' konverżjoni fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 480
Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. ***Jilqa' l-istrateġija*** dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ ***2026-2030 u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-projbizzjoni vinkolanti fl-UE tal-prattiki ta' konverżjoni fl-Istati Membri kollha***;	22. ***Jiddeplora r-rapport strateġiku*** dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+***, li jiddikjara li l-Kummissjoni se tippromwovi l-possibbiltà tal-awtoidentifikazzjoni tal-ġeneru ta' dak li jkun mingħajr restrizzjonijiet ta' età; jissottolinja li din l-inizjattiva tmur kontra materji relatati mal-protezzjoni tal-***

	minuri, ir-responsabbiltà tal-ġenituri u l-etika;

Or. el

Emenda 481
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jilqa' l-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030 u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-projbizzjoni vinkolanti fl-UE tal-prattiki ta' konverżjoni fl-Istati Membri kollha;	22. Jilqa' l-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030***, anke jekk ċerti partijiet minnha dwar il-proċeduri legali ta' rikonoxximent tal-ġeneru ġew perċepiti b'mod kritiku,*** u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-projbizzjoni vinkolanti fl-UE tal-prattiki ta' konverżjoni fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 482
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. ***Jilqa'*** l-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030 u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-projbizzjoni vinkolanti fl-UE tal-prattiki ta' konverżjoni fl-Istati Membri kollha;	22. ***Jiċħad*** l-istrateġija dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030 u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-projbizzjoni vinkolanti fl-UE tal-prattiki ta' konverżjoni fl-Istati Membri kollha;

Or. sk

Emenda 483

Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Pina Picierno, Katarina Barley, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jissottolinja bil-qawwa li l-istat tad-dritt huwa prekundizzjoni għall-funzjonament xieraq tad-demokraziji tagħna u l-protezzjoni tad-drittijiet individwali, abbażi tal-Artikolu 2 tat-TUE; ifakkar li l-oqfsa legali tal-Istati Membri jridu jistabbilixxu trattament legali ugwali u jippromwovu l-ugwaljanza u d-dritt tal-individwi li ma jiġux diskriminati fi proċedimenti ġudizzjarji; jistieden lill-Kummissjoni taġixxi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn il-prinċipji; jirrikonoxxi li l-moviment liberu tal-persuni fl-UE, id-dritt ta' residenza libera fit-territorju tal-UE u r-riunifikazzjoni tal-familja ma għandhomx jiġu mxekkla minn prattiki diskriminatorji; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-konformità tal-Istati Membri mal-ġurisprudenza tal-QĠUE f'dan ir-rigward, b'mod partikolari l-Kawża Coman u l-Kawża C-713/23, u tniedi proċedura ta' ksur meta Stat Membru jonqos milli jikkonforma ma' din is-sentenza; jistieden lill-Istati Membri jintroduċu rikonoxximent legali tal-unjonijiet omosesswali;

Or. en

Emenda 484
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jesprimi tħassib li l-valutazzjonijiet tal-istat tad-dritt tal-Kummissjoni jenfasizzaw b'mod selettiv ċerti drittijiet fundamentali filwaqt li ma jagħtux biżżejjed attenzjoni lil-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, u d-dritt għall-proprjetà; jisħaq li approċċ ibbilanċjat għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali jirrikjedi kunsiderazzjoni ugwali tad-drittijiet kollha;

Or. en

Emenda 485
Loránt Vincze

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jenfasizza l-ħtieġa ta' implimentazzjoni msaħħa tal-valuri u l-prinċipji minquxa fit-Trattati; jissottolinja li l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku, u li l-ksur tal-istat tad-dritt għandu impatt dirett fuq it-tgawdija tad-drittijiet fundamentali;

Or. en

Emenda 486
Petra Steger, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22b. Jesprimi tħassib serju dwar l-

annullament tal-ewwel ċiklu tal-elezzjonijiet presidenzjali Rumeni mill-Qorti Kostituzzjonali tar-Rumanija f'Diċembru 2024, li annullat ir-riżultati jumejn biss qabel it-tieni ċiklu skedat, mingħajr ma wriet li l-allegati irregolaritajiet kienu affettwaw materjalment l-eżitu; iwissi li tali deċiżjoni tistabbilixxi preċedent perikoluż għat-tħassir tal-elezzjonijiet demokratiċi abbażi ta' allegazzjonijiet mhux ippruvati ta' interferenza barranija;

Or. en

Emenda 487
Loránt Vincze

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22b. Jinsab imħasseb dwar ix-xogħol b'lura fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi; jiddeplora l-fatt li d-drittijiet tal-minoranzi nazzjonali u lingwistiċi tradizzjonali qed jiġu injorati dejjem aktar fl-istituzzjonijiet u l-politiki Ewropej; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-politiki u l-oqfsa legali tagħhom ma jirriżultawx f'diskriminazzjoni kontra dawn il-minoranzi; ifakkar fil-proposta tiegħu li tiġi inkluża l-protezzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi fir-rapportar dwar l-Istat tad-Dritt;

Or. en

Emenda 488
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22c. Jesprimi tħassib li, fil-Ġermanja, is-servizzi tal-intelligence domestiċi kklassifikaw u poġġew lill-partit politiku Alternative für Deutschland (AfD) taħt monitoraġġ abbażi tal-allegata "gesichert rechtsextremistische Bestrebungen", pass li jqajjem mistoqsijiet dwar il-proporzjonalità, il-bażi evidenzjarja u r-rekwiżit tan-newtralità politika fl-applikazzjoni tal-liġijiet tas-sigurtà; jisħaq li kwalunkwe miżura bħal din trid tikkonforma strettament mas-salvagwardji kostituzzjonali, tkun soġġetta għal sorveljanza ġudizzjarja indipendenti, u tevita li toħloq effetti dissważivi fuq il-parteċipazzjoni demokratika;

Or. en

Emenda 489
Loránt Vincze

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22c. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri tal-UE biex tissalvagwardja u tippromwovi d-drittijiet tal-minoranzi u tal-lingwi; itenni, f'dan il-kuntest, it-talba tiegħu lill-UE biex taderixxi mal-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali u mal-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji;

Or. en

Emenda 490
Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Huwa mħasseb ħafna dwar il-miżuri diskriminatorji introdotti f'xi Stati Membri bl-iskuża tal-ġlieda kontra l-"propaganda LGBTIQ" u l-"ideoloġija tal-ġeneru"; jisħaq li l-Kummissjoni trid taġixxi malajr u b'mod deċiżiv meta l-Istati Membri jevitaw id-dritt tal-UE, b'mod partikolari l-Karta;	***imħassar***

Or. el

Emenda 491
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Huwa mħasseb ħafna dwar il-miżuri diskriminatorji introdotti f'xi Stati Membri bl-iskuża tal-ġlieda kontra l-"propaganda LGBTIQ" u l-"ideoloġija tal-ġeneru"; jisħaq li l-Kummissjoni trid taġixxi malajr u b'mod deċiżiv meta l-Istati Membri jevitaw id-dritt tal-UE, b'mod partikolari l-Karta;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 492
Milan Uhrík

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Huwa mħasseb ħafna dwar il-	***imħassar***

miżuri diskriminatorji introdotti f'xi Stati Membri bl-iskuża tal-ġlieda kontra l-"propaganda LGBTIQ" u l-"ideoloġija tal-ġeneru"; jisħaq li l-Kummissjoni trid taġixxi malajr u b'mod deċiżiv meta l-Istati Membri jevitaw id-dritt tal-UE, b'mod partikolari l-Karta;

Or. en

Emenda 493
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Huwa mħasseb ħafna dwar il-miżuri diskriminatorji introdotti f'xi Stati Membri bl-iskuża tal-ġlieda kontra l-"propaganda LGBTIQ" u l-"ideoloġija tal-ġeneru"; jisħaq li l-Kummissjoni trid taġixxi malajr u b'mod deċiżiv meta l-Istati Membri jevitaw id-dritt tal-UE, b'mod partikolari l-Karta;	***imħassar***

Or. en

Emenda 494
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Huwa mħasseb ħafna dwar il-miżuri diskriminatorji introdotti f'xi Stati Membri bl-iskuża tal-ġlieda kontra l-"propaganda LGBTIQ" u l-"ideoloġija tal-ġeneru"; jisħaq li l-Kummissjoni trid taġixxi malajr u b'mod deċiżiv meta l-	***imħassar***

Istati Membri jevitaw id-dritt tal-UE, b'mod partikolari l-Karta;

Or. en

Emenda 495
Loránt Vincze

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Huwa mħasseb ħafna dwar il-miżuri diskriminatorji introdotti f'xi Stati Membri bl-iskuża tal-ġlieda kontra l-"propaganda LGBTIQ" u l-"ideoloġija tal-ġeneru"; jisħaq li l-Kummissjoni trid taġixxi malajr u b'mod deċiżiv meta l-Istati Membri jevitaw id-dritt tal-UE, b'mod partikolari l-Karta;	***imħassar***

Or. en

Emenda 496
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Huwa mħasseb ħafna dwar il-miżuri diskriminatorji introdotti f'xi Stati Membri bl-iskuża tal-ġlieda kontra l-"propaganda LGBTIQ" u l-"ideoloġija tal-ġeneru"; jisħaq li l-Kummissjoni trid taġixxi malajr u b'mod deċiżiv meta l-Istati Membri jevitaw id-dritt tal-UE, b'mod partikolari l-Karta;	23. Huwa mħasseb ħafna dwar il-miżuri diskriminatorji introdotti f'xi Stati Membri bl-iskuża tal-ġlieda kontra l-"propaganda LGBTIQ" u l-"ideoloġija tal-ġeneru"; jisħaq li l-Kummissjoni trid taġixxi malajr u b'mod deċiżiv meta l-Istati Membri jevitaw id-dritt tal-UE, b'mod partikolari l-Karta; ***ifakkar fl-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali mogħtija fil-Kawża C-769/22, li sabet li l-leġiżlazzjoni li tillimita l-viżibbiltà, ir-rappreżentanza jew it-tixrid ta' informazzjoni dwar persuni LGBTIQ***

	minħabba allegati raġunijiet ta' protezzjoni tat-tfal, meta ma tkunx appoġġjata minn ġustifikazzjoni oġġettiva, xjentifika u proporzjonata, hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; jissottolinja li tali miżuri huma bbażati fuq ġudizzji ta' valur diskriminatorji, isaħħu l-istigmatizzazzjoni, jinterferixxu mal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, jiksru d-dritt għall-ħajja privata u tal-familja u d-dinjità tal-bniedem, u ma jistgħux jiġu ġġustifikati b'referenza għall-morali pubbliċi, id-drittijiet tal-ġenituri jew ir-rieda tal-maġġoranza; jinnota wkoll li d-diskriminazzjoni sistematika kontra l-persuni LGBTIQ tqajjem dubji dwar il-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u taffettwa l-funzjonament tal-ordni legali tal-Unjoni kollu kemm hu;
	Or. en

Emenda 497
Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Cecilia Strada, Marco Tarquinio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Huwa mħasseb ħafna dwar il-miżuri diskriminatorji introdotti f'xi Stati Membri bl-iskuża tal-ġlieda kontra l-"propaganda LGBTIQ" u l-"ideoloġija tal-ġeneru"; jisħaq li l-Kummissjoni trid taġixxi malajr u b'mod deċiżiv meta l-Istati Membri jevitaw id-dritt tal-UE, b'mod partikolari l-Karta;	23. Huwa mħasseb ħafna dwar il-miżuri diskriminatorji introdotti f'xi Stati Membri bl-iskuża tal-ġlieda kontra l-"propaganda LGBTIQ" u l-"ideoloġija tal-ġeneru"; jisħaq li l-Kummissjoni trid taġixxi malajr u b'mod deċiżiv meta l-Istati Membri jevitaw id-dritt tal-UE, b'mod partikolari l-Karta; ***jitlob li tittieħed azzjoni biex jiġu miġġielda l-forom kollha ta' diskriminazzjoni b'mod deċiżiv u vigoruż; jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ l-obbligi tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tniedi proċeduri ta' ksur fil-każ ta' ksur tar-regoli u l-prinċipji Ewropej minquxa fit-Trattati u fil-Karta***

tad-Drittijiet Fundamentali; jissottolinja lakuni legali persistenti u mekkaniżmi ta' infurzar dgħajfa; jitlob li sistematikament jinbdew proċeduri mħaffa u li jintalbu miżuri proviżorji quddiem il-QĠUE f'każijiet ta' ksur; jistieden lill-Kunsill jilhaq ftehim dwar id-direttiva orizzontali kontra d-diskriminazzjoni mingħajr dewmien;

Or. it

Emenda 498
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. ***Huwa mħasseb ħafna dwar il-miżuri diskriminatorji introdotti f'xi Stati*** Membri ***bl-iskuża tal-ġlieda kontra l-"propaganda LGBTIQ" u l-"ideoloġija tal-ġeneru"; jisħaq li l-Kummissjoni trid taġixxi malajr u b'mod deċiżiv meta l-Istati*** Membri ***jevitaw id-dritt tal-UE, b'mod partikolari l-Karta***;	23. ***Jirrimarka li hemm differenzi kulturali u reliġjużi sinifikanti fost l-Istati*** Membri; ***jitlob lill-Kummissjoni tirrispetta s-sovranità tal-Istati Membri, anke fir-rigward ta' kwistjonijiet tal-LGBTIQ u tal-ġeneru***;

Or. fi

Emenda 499
Fredis Beleris, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Huwa mħasseb ħafna dwar il-miżuri diskriminatorji introdotti f'xi Stati Membri bl-iskuża tal-ġlieda kontra ***l-"propaganda LGBTIQ" u l-"ideoloġija tal-ġeneru"***; jisħaq li l-Kummissjoni trid taġixxi malajr u b'mod deċiżiv meta l-Istati	23. Huwa mħasseb ħafna dwar il-miżuri diskriminatorji introdotti f'xi Stati Membri bl-iskuża tal-ġlieda kontra ***l-hekk imsejħa "propaganda LGBTIQ"***; jisħaq li l-Kummissjoni trid taġixxi malajr u b'mod deċiżiv meta l-Istati Membri jevitaw id-

Membri jevitaw id-dritt tal-UE, b'mod partikolari l-Karta;	dritt tal-UE, b'mod partikolari l-Karta ***tad-drittijiet fundamentali***;

Or. en

Emenda 500
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Huwa mħasseb ħafna dwar ***il-miżuri diskriminatorji introdotti f'xi Stati*** Membri bl-iskuża tal-ġlieda ***kontra l-"propaganda LGBTIQ" u l-"ideoloġija tal-ġeneru"***; jisħaq li l-Kummissjoni trid taġixxi malajr u b'mod deċiżiv ***meta l-Istati Membri jevitaw id-dritt tal-UE, b'mod partikolari l-Karta***;	23. Huwa mħasseb ħafna dwar ***l-interferenza fl-identitajiet nazzjonali tal-Istati*** Membri***, u għalhekk fil-kompetenzi esklużivi tal-Istati Membri, li qed issehħ*** bl-iskuża tal-ġlieda ***għad-drittijiet tal-LGBTIQ***; jisħaq ***li tali każijiet jikkostitwixxu ċirkomvenzjoni tad-dritt tal-UE u*** li l-Kummissjoni trid taġixxi malajr u b'mod deċiżiv;

Or. sk

Emenda 501
Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Cecilia Strada, Marco Tarquinio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jiddeplora n-nuqqas ta' progress fil-politiki ta' ugwaljanza u ta' nondiskriminazzjoni f'xi Stati Membri u jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' liġijiet kontra d-diskriminazzjoni; jesprimi dispjaċir għall-fatt li minkejja l-oqfsa tal-UE eżistenti, bħad-Direttiva 2000/78/KE, għad hemm lakuni fl-implimentazzjoni li jħallu lill-vittmi mingħajr assistenza legali adegwata; jistieden lill-UE tkompli tieħu azzjoni kontra d-diskriminazzjoni u r-reati

ta' mibegħda mmirati lejn il-persuni LGBTQIA+, in-nisa, il-minorenni, il-minoranzi nazzjonali, etniċi, lingwistiċi u reliġjużi, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni akbar fl-età, il-migranti u l-gruppi vulnerabbli oħra, biex tiżgura li d-drittijiet fundamentali minquxa fit-Trattati u fil-Karta jiġu rispettati bis-sħiħ għall-individwi kollha;

Or. it

Emenda 502
Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jesprimi tħassib dwar iż-żieda ta' prattiki li jinvolvu l-promozzjoni sistematika ta' ċertu twemmin ideoloġiku li jikkonċerna l-orjentazzjoni sesswali u l-ġeneru fl-iskejjel; jissottolinja li hemm ambitu leġittimu għall-Istati Membri biex jaġixxu għall-protezzjoni tal-minuri, il-koeżjoni soċjali u l-ordni pubbliku; jisħaq li l-Kummissjoni jeħtiġilha tirrispetta l-kompetenzi nazzjonali f'dan il-qasam, minħabba li jikkonċerna l-edukazzjoni, il-politika tal-familja u s-sigurtà nazzjonali;

Or. el

Emenda 503
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jesprimi tħassib dwar ir-rwol akbar tal-Kummissjoni b'rabta mar-

rikonoxximent tal-ġeneru u l-limiti tal-età relatati miegħu kif espressi fl-istrateġija tal-ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030 tal-Kummissjoni; jenfasizza li d-deċiżjonijiet dwar dawn il-materji għandhom jittieħdu biss mill-Istati Membri;

Or. fi

Emenda 504
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jisħaq li d-dibattitu dwar id-drittijiet tal-LGBTIQ+ ma jistax jintuża bħala għodda biex jinterferixxi mal-kompetenzi tal-Istati Membri jew bħala miżura għall-applikazzjoni ta' pressjoni politika, speċjalment fejn jirrelata mhux mad-dritt tal-UE, iżda ma' arranġamenti kulturali u tal-familja nazzjonali;

Or. pl

Emenda 505
Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Istati Membri kollha jipproteġu d-drittijiet tal-LGBTIQ+ f'konformità mad-dritt tal-UE, mal-Karta, u mal-ġurisprudenza tal-QĠUE u tal-QEDB; ifakkar li f'diversi Stati Membri għadhom jippersistu ostakli legali għar-rikonoxximent ta' sħubijiet jew ta'	***imħassar***

paternità bejn persuni tal-istess sess minn pajjiżi differenti, u li dan jikser il-prinċipji tal-moviment liberu u tan-nondiskriminazzjoni;

Or. el

Emenda 506
Milan Uhrík

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Istati Membri kollha jipproteġu d-drittijiet tal-LGBTIQ+ f'konformità mad-dritt tal-UE, mal-Karta, u mal-ġurisprudenza tal-QĠUE u tal-QEDB; ifakkar li f'diversi Stati Membri għadhom jippersistu ostakli legali għar-rikonoxximent ta' sħubijiet jew ta' paternità bejn persuni tal-istess sess minn pajjiżi differenti, u li dan jikser il-prinċipji tal-moviment liberu u tan-nondiskriminazzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 507
Petra Steger, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Istati Membri kollha jipproteġu d-drittijiet tal-LGBTIQ+ f'konformità mad-dritt tal-UE, mal-Karta, u mal-ġurisprudenza tal-QĠUE u tal-QEDB; ifakkar li f'diversi Stati Membri għadhom jippersistu ostakli legali għar-rikonoxximent ta' sħubijiet jew ta'	***imħassar***

paternità bejn persuni tal-istess sess minn pajjiżi differenti, u li dan jikser il-prinċipji tal-moviment liberu u tan-nondiskriminazzjoni;

Or. en

Emenda 508
Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Istati Membri kollha jipproteġu d-drittijiet tal-LGBTIQ+ f'konformità mad-dritt tal-UE, mal-Karta, u mal-ġurisprudenza tal-QĠUE u tal-QEDB; ifakkar li f'diversi Stati Membri għadhom jippersistu ostakli legali għar-rikonoxximent ta' sħubijiet jew ta' paternità bejn persuni tal-istess sess minn pajjiżi differenti, u li dan jikser il-prinċipji tal-moviment liberu u tan-nondiskriminazzjoni;	24. Jistieden lill-Istati Membri kollha jipproteġu d-drittijiet tal-LGBTIQ+ f'konformità mad-dritt tal-UE, mal-Karta, u mal-ġurisprudenza tal-QĠUE u tal-QEDB; ifakkar li f'diversi Stati Membri għadhom jippersistu ostakli legali għar-rikonoxximent ta' sħubijiet jew ta' paternità bejn persuni tal-istess sess minn pajjiżi differenti, u li dan jikser il-prinċipji tal-moviment liberu u tan-nondiskriminazzjoni; ***jinnota li dawn l-ostakli jikkostitwixxu ksur tal-prinċipji u l-obbligi minquxa fit-Trattati u fil-Karta, inkluż id-dispożizzjonijiet dwar il-moviment liberu tal-persuni, ir-rispett għall-ħajja tal-familja, kif ukoll id-drittijiet tat-tfal, kif stipulat fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent tal-paternità bejn l-Istati Membri; ifakkar fil-mandat tal-Parlament li jappoġġja r-rikonoxximent tal-paternità fl-UE kollha, irrispettivament minn kif jiġi konċeput jew jitwieled wild jew it-tip ta' familja li jkollu; jistieden lill-Kunsill jimplimenta bis-sħiħ dawn ir-rakkomandazzjonijiet u jipproteġi d-drittijiet fundamentali tat-tfal, jaġixxi fl-aħjar interessi tat-tfal, iżid iċ-ċertezza***

legali u jiġġieled id-diskriminazzjoni;

Or. it

Emenda 509
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Istati Membri kollha jipproteġu d-drittijiet tal-LGBTIQ+ ***f'konformità mad-dritt tal-UE, mal-Karta, u mal-ġurisprudenza tal-QĠUE u tal-QEDB***; ***ifakkar li f'diversi Stati Membri għadhom jippersistu ostakli legali għar-rikonoxximent ta' sħubijiet jew ta' paternità bejn persuni tal-istess sess minn pajjiżi differenti, u li dan jikser il-prinċipji tal-moviment liberu u tan-nondiskriminazzjoni;***	24. Jistieden lill-Istati Membri kollha jipproteġu d-drittijiet tal-LGBTIQ+;

Or. pl

Emenda 510
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Jadwiga Wiśniewska, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Istati Membri kollha jipproteġu d-drittijiet tal-LGBTIQ+ f'konformità ***mad-dritt tal-UE, mal-Karta, u mal-ġurisprudenza tal-QĠUE u tal-QEDB***; ***ifakkar li f'diversi Stati Membri għadhom jippersistu ostakli legali għar-rikonoxximent ta' sħubijiet jew ta' paternità bejn persuni tal-istess sess minn pajjiżi differenti, u li dan jikser il-prinċipji***	24. Jistieden lill-Istati Membri kollha jipproteġu d-drittijiet tal-LGBTIQ+ f'konformità ***mad-dritt nazzjonali***;

tal-moviment liberu u tan-nondiskriminazzjoni;

Or. en

Emenda 511
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Istati Membri kollha jipproteġu d-drittijiet tal-LGBTIQ+ ***f'konformità mad-dritt tal-UE, mal-Karta, u mal-ġurisprudenza tal-QĠUE u tal-QEDB***; ifakkar li f'diversi Stati Membri ***għadhom jippersistu ostakli legali għar-rikonoxximent*** ta' sħubijiet jew ta' paternità bejn persuni tal-istess sess ***minn pajjiżi differenti, u li dan jikser il-prinċipji tal-moviment liberu u tan-nondiskriminazzjoni***;	24. Jistieden lill-Istati Membri kollha jipproteġu d-drittijiet tal-LGBTIQ+; ifakkar li f'diversi Stati Membri ***hemm fehmiet kulturali u reliġjużi differenti dwar ir-rikonoxximent*** ta' sħubijiet jew ta' paternità bejn persuni tal-istess sess***; jenfasizza l-ħtieġa li dawn il-kwistjonijiet jiġu rregolati fil-livell nazzjonali***;

Or. fi

Emenda 512
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Istati Membri kollha jipproteġu d-drittijiet tal-LGBTIQ+ f'konformità mad-dritt ***tal-UE***, mal-Karta***, u mal-ġurisprudenza tal-QĠUE u tal-QEDB; ifakkar li f'diversi Stati Membri għadhom jippersistu ostakli legali għar-rikonoxximent ta' sħubijiet jew ta' paternità bejn persuni tal-istess sess minn pajjiżi differenti, u li dan jikser il-prinċipji tal-moviment*** liberu u tan-	24. Jistieden lill-Istati Membri kollha jipproteġu d-drittijiet tal-LGBTIQ+ f'konformità mad-dritt ***tal-Unjoni applikabbli***, mal-Karta ***tad-Drittijiet Fundamentali, u mal-ġurisprudenza tal-QĠUE u tal-QEDB; u jiżgura li l-moviment*** liberu u ***l-prinċipju*** tan-nondiskriminazzjoni ***jiġu ssalvagwardjati***;

nondiskriminazzjoni;

Or. en

Emenda 513
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Istati Membri ***kollha*** jipproteġu d-drittijiet ***tal-LGBTIQ+*** f'konformità mad-dritt tal-UE, mal-Karta, u mal-ġurisprudenza tal-QĠUE u tal-QEDB; ***ifakkar li f'diversi Stati Membri għadhom jippersistu ostakli legali għar-rikonoxximent ta'*** sħubijiet jew ta' paternità bejn persuni tal-istess sess ***minn pajjiżi differenti, u li dan jikser il-prinċipji tal-moviment liberu u tan-nondiskriminazzjoni***;	24. Jistieden lill-Istati Membri jipproteġu d-drittijiet ***taċ-ċittadini tal-UE*** f'konformità mad-dritt tal-UE, mal-Karta, u mal-ġurisprudenza tal-QĠUE u tal-QEDB; ***jaċċetta li*** sħubijiet jew ta' paternità bejn persuni tal-istess sess ***jiġu miċħuda fi Stati Membri minħabba li dawn imorru kontra l-politika pubblika u l-identità nazzjonali***;

Or. sk

Emenda 514
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jisħaq li s-sentenza tal-QĠUE fil-Kawża C-713/23 Trojan hija eżempju ta' qbiż tal-kompetenzi mogħtija, minħabba li, abbażi ta' interpretazzjoni wiesgħa tal-Artikolu 21 tat-TFUE, il-Qorti qed tinterferixxi de facto fil-liġi tal-familja, li, f'konformità mar-rieda tal-Istati Membri, hija fil-kompetneza esklużiva tagħhom; jisħaq li l-impożizzjoni ta' obbligu biex jiġu rikonoxxuti żwiġijiet tal-istess sess li

saru barra mill-pajjiż fuq pajjiżi li l-kostituzzjonijiet tagħhom jiddefinixxu ż-żwieġ bħala esklużivament unjoni bejn mara u raġel tikser l-Artikolu 4(2) tat-TUE u twassal għal interferenza inaċċettabbli f'oqsma sensittivi tal-liġi tal-familja mingħajr bażi fit-Trattati;

Or. pl

Emenda 515
Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jenfasizza li n-nuqqas ta' proċeduri għar-rikonoxximent legali tal-ġeneru jirrappreżenta ksur tad-drittijiet fundamentali minquxa fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; jistieden lill-Istati Membri kollha jiggarantixxu r-rikonoxximent legali tal-identità tal-ġeneru fid-dokumenti uffiċjali u d-dritt għall-awtodeterminazzjoni, jiżguraw ir-rikonoxximent reċiproku tal-identità tal-ġeneru u jipproteġu d-data personali; jappella wkoll għall-implimentazzjoni ta' politiki globali bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem;

Or. it

Emenda 516
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livelli ta' razziżmu u ksenofobija	***imħassar***

madwar l-UE; jikkundanna l-inċidenti ta' reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu, mill-ksenofobija jew mill-intolleranza reliġjuża, jew minn preġudizzju kontra d-diżabbiltà, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-istatus ta' minoranza ta' persuna; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw miżuri effettivi biex jiġġieldu l-forom kollha ta' razziżmu, bl-inklużjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili u bil-kontribut tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali;

Or. sk

Emenda 517
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Jadwiga Wiśniewska, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livelli ta' razziżmu u ksenofobija madwar l-UE; jikkundanna l-inċidenti ta' reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu, mill-ksenofobija jew mill-intolleranza reliġjuża, jew minn preġudizzju kontra d-diżabbiltà, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-istatus ta' minoranza ta' persuna; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw miżuri effettivi biex jiġġieldu l-forom kollha ta' razziżmu, bl-inklużjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili u bil-kontribut tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 518
Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Cecilia Strada, Marco Tarquinio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livelli ta' razziżmu u ksenofobija madwar l-UE; jikkundanna l-inċidenti ta' reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu, mill-ksenofobija jew mill-intolleranza reliġjuża, jew minn preġudizzju kontra d-diżabbiltà, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-istatus ta' minoranza ta' persuna; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw miżuri effettivi biex jiġġieldu l-forom kollha ta' razziżmu, bl-inklużjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili u bil-kontribut tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali;	25. Huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livelli ta' razziżmu u ksenofobija madwar l-UE***; jinnota li kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) irreġistraw żieda inkwetanti fir-reati ta' mibegħda u fid-diskors ta' mibegħda f'diversi Stati Membri, fenomenu ggravat mir-retorika politika u mill-infurzar ħażin tar-regoli kontra d-diskriminazzjoni***; jikkundanna l-inċidenti ta' reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu, mill-ksenofobija jew mill-intolleranza reliġjuża, jew minn preġudizzju kontra d-diżabbiltà, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-istatus ta' minoranza ta' persuna; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw miżuri effettivi biex jiġġieldu l-forom kollha ta' razziżmu, bl-inklużjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili u bil-kontribut tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali; ***jiġbed l-attenzjoni għan-nuqqas ta' leġiżlazzjoni Ewropea komprensiva dwar din il-kwistjoni; jistieden lill-Istati Membri jadottaw deċiżjoni biex jinkludu d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda fost ir-reati msemmija fl-Artikolu 83, il-paragrafu 1 tat-TFUE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, fl-aħħar nett, tevalwa aktar miżuri, fl-ambitu tal-kategoriji ta' kriminalità diġà previsti, biex tipproponi leġiżlazzjoni effettiva kontra fenomeni bħal dawn, inkluż meta jkunu motivati mill-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru, il-karatteristiċi sesswali jew l-**

orjentazzjoni sesswali;

Or. it

Emenda 519
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livelli ta' razziżmu u ksenofobija madwar l-UE; jikkundanna l-inċidenti ta' reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu, mill-ksenofobija jew mill-intolleranza reliġjuża, jew minn preġudizzju kontra d-diżabbiltà, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-istatus ta' minoranza ta' persuna; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw miżuri effettivi biex jiġġieldu l-forom kollha ta' razziżmu, bl-inklużjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili u bil-kontribut tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali;	25. Huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livelli ta' razziżmu u ksenofobija madwar l-UE; jikkundanna l-inċidenti ta' reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu, mill-ksenofobija jew mill-intolleranza reliġjuża, jew minn preġudizzju kontra d-diżabbiltà, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-istatus ta' minoranza ta' persuna; ***jissottolinja wkoll id-diskriminazzjoni persistenti li jiffaċċjaw il-komunitajiet Rom madwar l-Unjoni u l-ħtieġa ta' miżuri mmirati li jindirizzaw l-esklużjoni strutturali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jestendu l-bażi legali tal-UE f'dan il-qasam u jinkludu d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda fil-lista ta' "reati tal-UE";*** jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw miżuri effettivi biex jiġġieldu l-forom kollha ta' razziżmu, bl-inklużjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili u bil-kontribut tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali; ***iħeġġeġ lill-Kunsill jiżblokka d-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali;***

Or. en

Emenda 520
Loránt Vincze

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livelli ta' razziżmu u ksenofobija madwar l-UE; jikkundanna l-inċidenti ta' reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu, mill-ksenofobija jew mill-intolleranza reliġjuża, jew minn preġudizzju kontra d-diżabbiltà, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-istatus ta' minoranza ta' persuna; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw miżuri effettivi biex jiġġieldu l-forom kollha ta' razziżmu, bl-inklużjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili u bil-kontribut tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali;	25. Huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livelli ta' razziżmu u ksenofobija madwar l-UE; jikkundanna l-inċidenti ta' reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu, mill-ksenofobija jew mill-intolleranza reliġjuża, jew minn preġudizzju kontra d-diżabbiltà, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-istatus ta' minoranza ta' persuna; ***jiddeplora l-fatt li r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda, kemm online kif ukoll offline, kontra l-minoranzi, inklużi l-minoranzi nazzjonali u lingwistiċi tradizzjonali, għadhom jippersistu fl-UE; jitlob protezzjoni msaħħa għall-persuni f'riskju ta' vittimizzazzjoni mmotivata mill-mibegħda;*** jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw miżuri effettivi biex jiġġieldu l-forom kollha ta' razziżmu, bl-inklużjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili u bil-kontribut tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali;

Or. en

Emenda 521
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda ***fil-livelli ta' razziżmu u ksenofobija madwar l-UE; jikkundanna l-inċidenti ta' reati ta' mibegħda u d-diskors ta'***	25. Huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda ***tal-antisemitiżmu fl-UE u l-attakki kontra l-Kristjaneżmu, ir-reliġjon dominanti fl-Ewropa; jenfasizza li politika tal-***

mibegħda mmotivati mir-razziżmu, mill-ksenofobija jew mill-intolleranza reliġjuża, jew minn preġudizzju kontra ***d-diżabbiltà, l-orjentazzjoni*** sesswali***, l-identità tal-ġeneru jew l-istatus ta' minoranza ta' persuna***; jistieden ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri ***jadottaw u jimplimentaw miżuri effettivi biex jiġġieldu l-forom kollha ta' razziżmu, bl-inklużjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili u bil-kontribut tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali***;

immigrazzjoni falluta hija l-akbar theddida għad-drittijiet tan-nisa u l-minoranzi sesswali ***fl-Ewropa***; jistieden lill-Istati Membri ***jeradikaw id-diskriminazzjoni kontra l-persuni b'diżabbiltà***;

Or. fi

Emenda 522
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livelli ta' razziżmu u ksenofobija madwar l-UE; jikkundanna l-inċidenti ta' reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu, mill-ksenofobija jew mill-intolleranza reliġjuża, jew minn preġudizzju kontra d-diżabbiltà, l-orjentazzjoni sesswali***, l-identità tal-ġeneru*** jew l-istatus ta' minoranza ta' persuna; jistieden ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw miżuri effettivi biex jiġġieldu l-forom kollha ta' razziżmu, ***bl-inklużjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili u*** bil-kontribut tal-partijiet ikkonċernati rilevanti***, bħall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali***;	25. Huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livelli ta' razziżmu u ksenofobija madwar l-UE; jikkundanna l-inċidenti ta' reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu, mill-ksenofobija jew mill-intolleranza reliġjuża, jew minn preġudizzju kontra d-diżabbiltà, l-orjentazzjoni sesswali jew l-istatus ta' minoranza ta' persuna***, u jisħaq li l-isforzi biex jiġi miġġieled ir-razziżmu jridu jindirizzaw ukoll b'mod espliċitu r-razziżmu kontra l-persuni ta' karnaġġon bajda, in-nuqqas ta' sigurtà dejjem akbar u l-ostilità mmirata li jiffaċċjaw ir-residenti lokali f'żoni b'konċentrazzjonijiet għoljin ta' migranti mhux Ewropej, kif ukoll l-għadd dejjem jikber ta' atti kontra l-Insara***; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw miżuri effettivi biex jiġġieldu l-forom kollha ta' razziżmu, bil-kontribut tal-

partijiet ikkonċernati rilevanti;

Or. en

Emenda 523
Fredis Beleris, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livelli ta' razziżmu u ksenofobija madwar l-UE; jikkundanna l-inċidenti ta' reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda ***mmotivati mir-razziżmu, mill-ksenofobija jew mill-intolleranza reliġjuża, jew minn preġudizzju kontra d-diżabbiltà, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-istatus ta' minoranza ta' persuna***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw ***u jimplimentaw*** miżuri ***effettivi biex jiġġieldu l-forom kollha ta' razziżmu, bl-inklużjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili u bil-kontribut tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali***;	25. Huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livelli ta' ***anti-Semitiżmu,*** razziżmu u ksenofobija madwar l-UE; jikkundanna l-inċidenti ***u l-forom kollha*** ta' reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw***, isaħħu u jinfurzaw effettivament*** miżuri ***komprensivi għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' tali atti, u jiżguraw li l-vittmi jirċievu appoġġ f'waqtu u aċċess għall-ġustizzja***;

Or. en

Emenda 524
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livelli ta' razziżmu u ksenofobija madwar l-UE; jikkundanna l-inċidenti ta' reati ta' mibegħda u d-diskors ta'	25. Huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livelli ta' ***anti-Semitiżmu,*** razziżmu u ksenofobija madwar l-UE; jikkundanna l-inċidenti ta' reati ta' mibegħda u d-diskors

mibegħda mmotivati mir-razziżmu, mill-ksenofobija jew mill-intolleranza reliġjuża, jew minn preġudizzju kontra d-diżabbiltà, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-istatus ta' minoranza ta' persuna; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw miżuri effettivi biex jiġġieldu l-forom kollha ta' ***razziżmu,*** bl-inklużjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili u bil-kontribut tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali;	ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu, ***mill-anti-Semitiżmu,*** mill-ksenofobija jew mill-intolleranza reliġjuża, jew minn preġudizzju kontra d-diżabbiltà, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-istatus ta' minoranza ta' persuna; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw miżuri effettivi biex jiġġieldu l-forom kollha ta' ***mibegħda,*** bl-inklużjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili u bil-kontribut tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali;

Or. en

Emenda 525
Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livelli ta' razziżmu u ksenofobija madwar l-UE; jikkundanna l-inċidenti ta' reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu, mill-ksenofobija jew mill-intolleranza reliġjuża, jew minn preġudizzju kontra d-diżabbiltà***,*** ***l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru*** jew l-istatus ta' minoranza ta' persuna; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw miżuri effettivi biex jiġġieldu l-forom kollha ta' razziżmu, bl-inklużjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili u bil-kontribut tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali;	25. Huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livelli ta' razziżmu u ksenofobija madwar l-UE; jikkundanna l-inċidenti ta' reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu, mill-ksenofobija jew mill-intolleranza reliġjuża ***kontra l-Kristjani***, jew minn preġudizzju kontra d-diżabbiltà jew l-istatus ta' minoranza ta' persuna; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw miżuri effettivi biex jiġġieldu l-forom kollha ta' razziżmu, bl-inklużjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili u bil-kontribut tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħall-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali;

Or. el

Emenda 526
Diana Riba i Giner, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jinsab imħasseb ħafna dwar it-titolizzazzjoni u l-attribuzzjoni tal-ħtija kontinwi tal-poplu Rom fl-UE u fil-pajjiżi kandidati, spiss moħbija bħala miżuri għall-prevenzjoni tal-kriminalità jew għall-protezzjoni tas-sikurezza pubblika u tal-identità tradizzjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw miżuri effettivi biex jiġġieldu l-antiżingariżmu, jiżguraw il-protezzjoni tal-komunitajiet Rom, u jiggarantixxu l-involviment sinifikattiv tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-partiti politiċi Rom fil-formulazzjoni tad-dokumenti ta' politika rilevanti kollha tal-UE; iħeġġeġ ukoll l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ u oqfsa ta' obbligu ta' rendikont aktar b'saħħithom biex jiġi vvalutat l-impatt tal-politiki ta' sigurtà tal-UE fuq il-persuni Rom u biex jiġu pprevenuti prattiki diskriminatorji u jisħaq li s-sigurtà tar-Rom trid tiġi indirizzata b'mod espliċitu anke fil-proċess tan-negozjati tal-adeżjoni mal-UE;

Or. en

Emenda 527
Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Cecilia Strada, Marco Tarquinio

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jappella għall-introduzzjoni ta' salvagwardji effettivi biex jiġi żgurat spazju online sikur u jiġu miġġielda l-mibegħda, id-diskriminazzjoni u d-diżinformazzjoni; jenfasizza li dawn il-

fenomeni jdgħajfu d-dinjità tal-bniedem, is-sigurtà u l-parteċipazzjoni demokratika; jappella għal azzjoni konkreta mill-UE biex tażżan it-tixrid tal-kontenut illegali online; jitlob l-implimentazzjoni sħiħa tal-politiki Ewropej, inkluż ir-Regolament dwar is-Servizzi Diġitali, ir-Regolament dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u r-Regolament dwar il-Libertà tal-Media, biex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali tal-persuni;

Or. it

Emenda 528
Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada, Krzysztof Śmiszek, Leoluca Orlando, Annalisa Corrado

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw b'mod sistematiku d-diskriminazzjoni razzjali u l-prattiki razzisti tal-pulizija bħala parti mill-valutazzjoni tal-istat tad-dritt; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' investigazzjonijiet effettivi dwar il-vjolenza mmotivata mir-razziżmu, il-ġbir ta' data diżaggregata f'konformità mal-istandards tad-drittijiet fundamentali, u l-involviment sħiħ tal-korpi tal-ugwaljanza u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-monitoraġġ ta' miżuri kontra r-razziżmu;

Or. en

Emenda 529
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Ifakkar li d-diskriminazzjoni intersezzjonali għadha fil-biċċa l-kbira mhux indirizzata fil-politika u fil-prattika, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw protezzjoni effettiva tal-persuni li jiffaċċjaw diskriminazzjoni għal raġunijiet intersezzjonali, inkluži r-razza, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-istatus tal-migrazzjoni;

Or. en

Emenda 530
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jesprimi allarm dwar iż-żieda reċenti fl-antisemitiżmu, inkluži atti ta' vjolenza, intimidazzjoni, u l-wiri ta' simboli ta' mibegħda fi spazji pubbliċi;

Or. en

Emenda 531
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Jadwiga Wiśniewska, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jikkundanna l-livelli dejjem jikbru

ta' Kristjanofobija u anti-Semitiżmu fl-UE;

Or. en

Emenda 532
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25b. Jitlob lill-Kummissjoni tinkludi fir-rapport tagħha taħt il-Pilastru 1 dwar is-sistemi ġudizzjarji subpilastru ddedikat għar-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tar-reati ta' mibegħda sabiex tissaħħaħ ir-responsabbiltà ġudizzjarja, tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali, jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi, u tissaħħaħ il-kapaċità tas-sistemi ġudizzjarji li jidentifikaw nuqqasijiet strutturali fl-infurzar tal-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 533
Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada, Krzysztof Śmiszek, Leoluca Orlando, Annalisa Corrado

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25b. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-persistenza tas-segregazzjoni razzista fl-akkomodazzjoni, fl-iskejjel u fl-aċċess għas-servizzi f'diversi Stati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta dawn il-prattiki bħala problemi strutturali relatati mal-istat tad-dritt u

jħeġġeġ lill-Istati Membri jadottaw strateġiji ta' desegregazzjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tar-Rom u l-korpi tal-ugwaljanza;

Or. en

Emenda 534
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25b. Jesprimi tħassib dwar iż-żieda fl-anti-Semitiżmu, l-Iżlamofobija u forom oħra ta' mibegħda reliġjuża madwar l-Unjoni; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw protezzjoni ugwali f'għajnejn il-liġi għall-minoranzi kollha;

Or. en

Emenda 535
Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25c. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod sistematiku l-integrità tal-proċessi elettorali, inkluża l-pressjoni politika fuq l-awtoritajiet elettorali, l-użu ħażin tar-riżorsi pubbliċi, il-manipulazzjoni tar-regoli tal-votazzjoni u l-ostakli għall-parteċipazzjoni tal-minoranzi; jisħaq li elezzjonijiet ħielsa u

ġusti huma pilastru essenzjali tal-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 536
Loránt Vincze

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jikkundanna l-fatt li whud mill-Istati Membri adottaw liġijiet, politiki u prattiki li jimminaw il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali tar-rifuġjati, tal-persuni li jfittxu l-ażil u tal-migranti, fuq l-art u fuq il-baħar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jpoġġu d-drittijiet fundamentali tal-migranti, tal-persuni li jfittxu l-ażil u tar-rifuġjati, kif ukoll il-prinċipju tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà, fil-qofol tal-politiki tagħhom dwar il-migrazzjoni u l-ażil, biex jiżguraw li d-drittijiet tal-persuni għall-ażil u għall-protezzjoni internazzjonali jiġu rispettati;	***imħassar***

Or. en

Emenda 537
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jikkundanna l-fatt li whud mill-Istati Membri adottaw liġijiet, politiki u prattiki li jimminaw il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali tar-rifuġjati, tal-persuni li jfittxu l-ażil u tal-migranti,	***imħassar***

fuq l-art u fuq il-baħar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jpoġġu d-drittijiet fundamentali tal-migranti, tal-persuni li jfittxu l-asil u tar-rifuġjati, kif ukoll il-prinċipju tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà, fil-qofol tal-politiki tagħhom dwar il-migrazzjoni u l-asil, biex jiżguraw li d-drittijiet tal-persuni għall-asil u għall-protezzjoni internazzjonali jiġu rispettati;

Or. en

Emenda 538
Milan Uhrík

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jikkundanna l-fatt li wħud mill-Istati Membri adottaw liġijiet, politiki u prattiki li jimminaw il-protezzjoni effettiva ***tad-drittijiet fundamentali tar-rifuġjati, tal-persuni li jfittxu l-asil u tal-migranti, fuq l-art u fuq il-baħar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jpoġġu d-drittijiet fundamentali tal-migranti, tal-persuni li jfittxu l-asil u tar-rifuġjati, kif ukoll il-prinċipju tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà, fil-qofol tal-politiki tagħhom dwar il-migrazzjoni u l-asil, biex jiżguraw li d-drittijiet tal-persuni għall-asil u għall-protezzjoni internazzjonali jiġu rispettati***;	26. Jikkundanna l-fatt li wħud mill-Istati Membri adottaw liġijiet, politiki u prattiki li jimminaw il-protezzjoni effettiva ***taċ-ċittadini tagħha stess billi jieħdu approċċ frivolu għall-migrazzjoni illegali***;

Or. en

Emenda 539
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. ***Jikkundanna l-fatt li whud mill-Istati Membri adottaw liġijiet, politiki u prattiki li jimminaw il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali tar-rifuġjati, tal-persuni li jfittxu l-aż il u tal-migranti, fuq l-art u fuq il-baħar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jpoġġu d-drittijiet fundamentali tal-migranti, tal-persuni li jfittxu l-aż il u tar-rifuġjati, kif ukoll il-prinċipju tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà, fil-qofol tal-politiki tagħhom dwar il-migrazzjoni u l-aż il, biex jiżguraw li d-drittijiet tal-persuni għall-aż il u għall-protezzjoni internazzjonali jiġu rispettati***;	26. ***Jenfasizza li d-dħul mgħaġġel fl-Ewropa ta' migranti li ma jirrispettawx il-prinċipji tal-ugwaljanza u d-demokrazija joħloq theddida serja għan-nisa u għall-persuni li jappartjenu għal minoranzi sesswali u, b'mod aktar wiesa', għad-demokraziji Ewropej***;

Or. fi

Emenda 540
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. ***Jikkundanna l-fatt li whud mill-Istati*** Membri ***adottaw*** liġijiet, politiki u prattiki ***li jimminaw il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali tar-rifuġjati, tal-persuni li jfittxu l-aż il u tal-migranti, fuq l-art u fuq il-baħar***; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati*** Membri ***jpoġġu d-drittijiet fundamentali tal-migranti, tal-persuni li jfittxu l-aż il u tar-rifuġjati, kif ukoll il-prinċipju tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà, fil-qofol tal-politiki tagħhom dwar il-migrazzjoni*** u ***l-aż il, biex jiżguraw li d-drittijiet tal-persuni għall-aż il u għall-protezzjoni internazzjonali jiġu rispettati***;	26. ***Jisħaq li l-Istati*** Membri ***għandhom id-dritt u l-obbligu li japplikaw*** liġijiet, politiki u prattiki ***tal-protezzjoni tal-fruntieri li huma essenzjali biex jiżguraw is-sikurezza pubblika, speċjalment fil-kuntest tal-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni minn Moska u Minsk, li huwa mmanifestat ukoll fl-użu intenzjonat tal-vjolenza kontra l-gwardji tal-fruntiera, inkluż theddid għal ħajjithom u saħħihom; jinnota li l-valutazzjoni tal-azzjonijiet tal-Istati*** Membri ***ta' spiss tinjora l-isfidi reali relatati mal-migrazzjoni tal-massa*** u ***l-attività kriminali marbuta mat-traffikar ta' bnedmin; jisħaq li l-politika tal-migrazzjoni tal-UE trid tirrispetta d-***

deċiżjonijiet sovrani tal-pajjiżi b'rabta mal-ġestjoni tal-fruntieri tagħhom, mingħajr rilokazzjoni furzata u limiti fuq id-dritt tal-pajjiżi li jiddeċiedu l-politika tal-migrazzjoni tagħhom stess;

Or. pl

Emenda 541
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. ***Jikkundanna*** l-fatt li wħud mill-Istati Membri adottaw liġijiet, politiki u prattiki ***li jimminaw il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali tar-rifuġjati, tal-persuni li jfittxu l-ażil u tal-migranti, fuq l-art u fuq il-baħar***; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jpoġġu d-drittijiet fundamentali tal-migranti, tal-persuni li jfittxu l-ażil u tar-rifuġjati, kif ukoll il-prinċipju tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà, fil-qofol tal-politiki tagħhom dwar il-migrazzjoni u l-ażil, biex jiżguraw li d-drittijiet tal-persuni għall-ażil u għall-protezzjoni internazzjonali jiġu rispettati;**	26. ***Jilqa'*** l-fatt li wħud mill-Istati Membri adottaw liġijiet, politiki u prattiki ***li għandhom l-għan li jnaqqsu l-flussi migratorji irregolari lejn it-territorju Ewropew u jirrestawraw il-kontroll effettiv tal-fruntieri esterni, filwaqt li jiżguraw il-konformità mal-obbligi legali applikabbli***;

Or. en

Emenda 542
Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. ***Jikkundanna l-fatt li wħud mill-Istati*** Membri ***adottaw liġijiet, politiki u***	26. ***Jirrikonoxxi li l-Istati*** Membri ***għandhom responsabbiltà li jiżguraw***

prattiki li jimminaw il-protezzjoni ***effettiva*** tad-drittijiet fundamentali ***tar-rifuġjati, tal-persuni li jfittxu l-ażil u tal-migranti, fuq l-art u fuq il-baħar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jpoġġu d-drittijiet fundamentali tal-migranti, tal-persuni li jfittxu l-ażil u tar-rifuġjati, kif ukoll il-prinċipju tal-kondivižjoni tar-responsabbiltà, fil-qofol tal-politiki tagħhom dwar il-migrazzjoni u l-ażil, biex jiżguraw li d-drittijiet tal-persuni għall-ażil u*** għall-protezzjoni internazzjonali ***jiġu rispettati***;	***kemm*** il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ***ta' dawk li huma intitolati*** għall-protezzjoni internazzjonali ***kif ukoll il-gwardja effettiva tal-fruntieri tagħhom***; ***jissottolinja li l-ġlieda kontra networks ta' immigrazzjoni illegali u ta' dħul klandestin ta' migranti hija prerekwiżit għall-aċċess legali u sikur għall-ażil;***

Or. el

Emenda 543
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. ***Jikkundanna l-fatt*** li wħud mill-Istati Membri adottaw liġijiet, politiki u prattiki li ***jimminaw il-protezzjoni*** effettiva tad-drittijiet fundamentali ***tar-rifuġjati, tal-persuni li jfittxu l-ażil u tal-migranti, fuq l-art u fuq il-baħar***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jpoġġu*** d-drittijiet fundamentali ***tal-migranti, tal-persuni li jfittxu l-ażil u tar-rifuġjati, kif ukoll il-prinċipju tal-kondivižjoni tar-responsabbiltà, fil-qofol tal-politiki tagħhom dwar il-migrazzjoni u l-ażil, biex jiżguraw li d-drittijiet tal-persuni għall-ażil u għall-protezzjoni internazzjonali jiġu rispettati***;	26. ***Jilqa' u jfaħħar il-fatt*** li wħud mill-Istati Membri adottaw liġijiet, politiki u prattiki li ***jsaħħu l-protezzjoni*** effettiva tad-drittijiet fundamentali ***taċ-ċittadini tal-UE***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jirrispettaw b'mod konsistenti*** d-drittijiet fundamentali ***taċ-ċittadini tal-UE u jipproteġuhom b'mod konsistenti mill-migrazzjoni illegali***;

Or. sk

Emenda 544
Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jikkundanna l-fatt li wħud mill-Istati Membri adottaw liġijiet, politiki u prattiki li jimminaw il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali tar-rifuġjati, tal-persuni li jfittxu l-asil u tal-migranti, fuq l-art u fuq il-baħar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jpoġġu d-drittijiet fundamentali tal-migranti, tal-persuni li jfittxu l-asil u tar-rifuġjati, kif ukoll il-prinċipju tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà, fil-qofol tal-politiki tagħhom dwar il-migrazzjoni u l-asil, biex jiżguraw li d-drittijiet tal-persuni għall-asil u għall-protezzjoni internazzjonali jiġu rispettati;	26. Jikkundanna l-fatt li wħud mill-Istati Membri adottaw liġijiet, politiki u prattiki li jimminaw il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali tar-rifuġjati, tal-persuni li jfittxu l-asil u tal-migranti, fuq l-art u fuq il-baħar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jpoġġu d-drittijiet fundamentali tal-migranti, tal-persuni li jfittxu l-asil u tar-rifuġjati, kif ukoll il-prinċipju tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà, fil-qofol tal-politiki tagħhom dwar il-migrazzjoni u l-asil, biex jiżguraw li d-drittijiet tal-persuni għall-asil u għall-protezzjoni internazzjonali jiġu rispettati; ***itenni li l-pushbacks jiksru d-dritt tal-UE u dak internazzjonali fi kwalunkwe ċirkostanza;***

Or. en

Emenda 545
Nadine Morano, François-Xavier Bellamy, Céline Imart, Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jikkundanna l-fatt li ***wħud mill-Istati Membri adottaw liġijiet, politiki u prattiki li jimminaw il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali tar-rifuġjati, tal-persuni li jfittxu l-asil u tal-migranti, fuq l-art u fuq il-baħar; jistieden*** lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jpoġġu d-drittijiet fundamentali tal-migranti, tal-persuni li jfittxu l-asil u tar-rifuġjati, kif ukoll il-prinċipju tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà, fil-qofol tal-politiki tagħhom dwar il-migrazzjoni u l-asil, biex jiżguraw li d-drittijiet tal-persuni għall-asil u għall-protezzjoni internazzjonali***	26. Jikkundanna l-fatt li ***f'dawn l-aħħar snin, ir-rata ta' ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi f'sitwazzjoni irregolari fit-territorju tal-Unjoni, fuq bażi strutturali, niżlet taħt il-limitu ta' 25 %; jafferma li din is-sitwazzjoni tikkostitwixxi theddida għall-istat tad-dritt fejn tirriżulta min-nuqqas ta' konformità mad-deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa jew ikkonfermati mill-awtoritajiet ġudizzjarji indipendenti; jistieden lill-Istati Membri u*** lill-Kummissjoni ***jimplimentaw b'mod rapidu politika ta' ritorn aktar effettiva***;

jiġu rispettati;

Or. fr

Emenda 546
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. ***Jikkundanna l-fatt li whud mill-Istati*** Membri ***adottaw liġijiet, politiki u prattiki li jimminaw il-protezzjoni effettiva*** tad-drittijiet fundamentali tar-rifuġjati, tal-persuni li jfittxu l-ażil u tal-migranti***, fuq l-art u fuq il-baħar***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jpoġġu d-drittijiet fundamentali tal-migranti, tal-persuni li jfittxu l-ażil u tar-rifuġjati, kif ukoll il-prinċipju tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà, fil-qofol tal-politiki tagħhom dwar il-migrazzjoni u l-ażil, biex*** jiżguraw li ***d-drittijiet tal-persuni*** għall-ażil u għall-protezzjoni internazzjonali ***jiġu rispettati***;	26. ***Ifakkar fl-obbligu tal-Istati*** Membri ***li jirrispettaw l-impenji tagħhom tad-dritt internazzjonali u tal-Unjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil, u li jiżguraw is-salvagwardja*** tad-drittijiet fundamentali tar-rifuġjati, tal-applikanti għall-ażil u tal-migranti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li ***d-dritt*** għall-ażil u għall-protezzjoni internazzjonali ***jiġi implimentat f'konformità sħiħa mal-konvenzjonijiet internazzjonali applikabbli u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali***;

Or. en

Emenda 547
Fredis Beleris, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. ***Jikkundanna l-fatt li whud mill-Istati*** Membri ***adottaw liġijiet, politiki u prattiki li jimminaw il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali tar-rifuġjati, tal-persuni li jfittxu l-ażil u tal-migranti, fuq l-art u fuq il-baħar; jistieden lill-***	26. ***Jisħaq fuq l-importanza ta' sistema tal-asil u l-migrazzjoni tal-UE li tiffunzjona u kredibbli li tiggarantixxi l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà fost l-Istati*** Membri***; jenfasizza li l-migranti, l-persuni*** li jfittxu l-asil u ***r-rifuġjati***

Kummissjoni u lill-Istati Membri jpoġġu d-drittijiet fundamentali tal-migranti, ***tal-persuni*** li jfittxu l-asil u ***tar-rifuġjati***, kif ukoll ***il-prinċipju tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà, fil-qofol tal-politiki tagħhom*** dwar il-migrazzjoni u l-asil***, biex jiżguraw li d-drittijiet tal-persuni għall-asil*** u ***għall-protezzjoni internazzjonali jiġu rispettati***;

għandhom drittijiet li jridu jiġu protetti, kif ukoll ***responsabbiltajiet ċari; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-politiki tal-UE*** dwar il-migrazzjoni u l-asil ***jirrispettaw dawn id-drittijiet filwaqt li jippromwovu implimentazzjoni ġusta u effettiva tal-Patt dwar l-Asil*** u ***l-Migrazzjoni;***

Or. en

Emenda 548
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw il-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil f'konformità mal-prinċipji minquxa fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u d-dritt internazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jgawdu drittijiet ugwali, trattamenti ugwali u umani; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-esternalizzazzjoni u l-ġestjoni tal-migrazzjoni ekstraterritorjali, bħall-ftehimiet bilaterali tal-Istati Membri ma' stati terzi, fl-ebda ċirkostanza ma jistgħu jimminaw dawn il-prinċipji u l-kriterji stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE; jikkundanna bil-qawwa kwalunkwe restrizzjoni arbitrarja u illegali għad-drittijiet individwali tal-migranti, id-dipendenza eċċessiva mill-prattiki ta' detenzjoni u l-assistenza legali limitata;

Or. en

Emenda 549
Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada, Krzysztof Śmiszek, Leoluca Orlando, Annalisa Corrado

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jisħaq li l-pushbacks sistematiċi, id-detenzjoni arbitrarja tal-migranti u tal-persuni li jfittxu l-ażil u t-tfixkil tal-għajnuna umanitarja jikkostitwixxu ksur serju tad-dritt tal-UE u jimminaw l-istat tad-dritt; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi fiċ-ċiklu annwali tal-istat tad-dritt il-monitoraġġ tal-ġestjoni tal-fruntieri, il-mekkaniżmi indipendenti ta' lmentar u l-obbligu ta' rendikont għal tali ksur;

Or. en

Emenda 550
Loránt Vincze

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Iqis li s-sejbiet u l-opinjonijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jipprovdu bażi affidabbli għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 2 tat-TUE u l-kamp ta' applikazzjoni tad-drittijiet minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 551
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo,

Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26b. Jissottolinja li l-persuni kollha preżenti fit-territorju tal-Unjoni, irrispettivament min-nazzjonalità, il-post tat-twelid jew ir-regolarità tal-wasla tagħhom fl-Istati Membri, jeħtiġilhom ikunu ugwali f'għajnejn il-liġi, jeżerċitaw bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom, igawdu minn trattament ġust u uman, u jkollhom aċċess għal proċeduri ġusti ta' protezzjoni internazzjonali, f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali u l-prinċipju ta' non-refoulement; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jindirizzaw id-diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità;

Or. en

Emenda 552
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li żżomm il-proposta tagħha għal direttiva dwar it-trattament ugwali[49] u jħeġġeġ lill-Kunsill jiffinalizzaha u jadottaha mingħajr aktar dewmien;	***imħassar***

[49] Proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).

Or. fi

Emenda 553
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li żżomm il-proposta tagħha għal direttiva dwar it-trattament ugwali[49] u jħeġġeġ lill-Kunsill jiffinalizzaha u jadottaha mingħajr aktar dewmien;	***imħassar***
[49] Proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).	

Or. en

Emenda 554
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Jadwiga Wiśniewska, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li żżomm il-proposta tagħha għal direttiva dwar it-trattament ugwali[49] u jħeġġeġ lill-Kunsill jiffinalizzaha u jadottaha mingħajr aktar dewmien;	***imħassar***
[49] Proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni	

irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).

Or. en

Emenda 555
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li żżomm il-proposta tagħha għal direttiva dwar it-trattament ugwali[49] u jħeġġeġ lill-Kunsill jiffinalizzaha u jadottaha mingħajr aktar dewmien;	27. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li żżomm il-proposta tagħha għal direttiva dwar it-trattament ugwali[49] u jħeġġeġ lill-Kunsill jiffinalizzaha u jadottaha mingħajr aktar dewmien ***filwaqt li jinnota li d-Direttiva hija essenzjali biex jingħalqu l-lakuni eżistenti fil-protezzjoni mid-diskriminazzjoni madwar l-Unjoni***;
[49] Proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).	[49] Proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).

Or. en

Emenda 556
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. ***Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li żżomm il-proposta*** tagħha għal direttiva dwar it-trattament ugwali[49] u jħeġġeġ lill-Kunsill ***jiffinalizzaha u jadottaha***	27. ***Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-proposta*** tagħha għal direttiva dwar it-trattament ugwali[49] u jħeġġeġ lill-Kunsill ***jappoġġjaha***;

mingħajr aktar dewmien;

[49] Proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).

[49] Proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).

Or. sk

Emenda 557
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni effettiva kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, li għandha tiżdied mal-lista ta' "reati tal-UE", u jitlob proposta leġiżlattiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-istupru kif definit min-nuqqas ta' kunsens;	***imħassar***

Or. en

Emenda 558
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni effettiva kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, ***li***	28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni effettiva kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, ***kemm***

għandha tiżdied mal-lista ta' "reati tal-UE"***, u jitlob*** proposta leġiżlattiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-istupru ***kif definit*** min-nuqqas ta' kunsens;

online kif ukoll offline, u jtenni li tali vjolenza għandha tiżdied mal-lista ta' "reati tal-UE"***; iħeġġeġ il-preżentazzjoni ta'*** proposta leġiżlattiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-istupru***, definit*** min-nuqqas ta' kunsens ***f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Istanbul u l-proposta inizjali tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza domestika u l-vjolenza kontra n-nisa***; ***jistieden lil dawk l-Istati Membri li għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni ta' Istanbul biex jagħmlu dan, u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-ewwel leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru;***

Or. en

Emenda 559
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Alexandre Varaut, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni effettiva kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, li għandha tiżdied mal-lista ta' "reati tal-UE"***, u jitlob proposta leġiżlattiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-istupru kif definit min-nuqqas ta' kunsens***;	28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni effettiva kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, li għandha tiżdied mal-lista ta' "reati tal-UE"***; jinnota li diversi Stati Membri rrapportaw bidliet sinifikanti fix-xejriet tal-vjolenza sesswali matul l-aħħar 10 snin, inklużi sfidi relatati mal-integrazzjoni, il-koeżjoni soċjali u l-ġestjoni tal-flussi migratorji irregolari***; ***jisħaq li reazzjonijiet effettivi għall-vjolenza abbażi tal-ġeneru jridu jqisu dawn l-iżviluppi u jkunu bbażati fuq analiżi komprensiva u bbażata fuq l-evidenza tal-fatturi kollha li jikkontribwixxu;***

Or. en

Emenda 560
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni effettiva kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, li għandha tiżdied mal-lista ta' "reati tal-UE", u jitlob proposta leġiżlattiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-istupru kif definit min-nuqqas ta' kunsens;	28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni effettiva kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, li għandha tiżdied mal-lista ta' "reati tal-UE", u jitlob proposta leġiżlattiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-istupru kif definit min-nuqqas ta' kunsens; ***jissottolinja wkoll li l-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u r-rispons għaliha jridu jinkludu wkoll il-garanzija effettiva tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi tan-nisa, inkluż l-aċċess sikur u legali għall-abort;***

Or. en

Emenda 561
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni effettiva kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru***, li għandha tiżdied mal-lista ta' "reati tal-UE", u jitlob proposta leġiżlattiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-istupru kif definit min-nuqqas ta' kunsens***;	28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni effettiva kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru***; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw il-protezzjoni effettiva tan-nisa, b'mod partikolari f'ambjenti li fihom huma esposti għal vjolenza sistemika, inkluż theddid li jirriżulta mill-azzjonijiet ta' Iżlam radikali u prattiki bbażati fuq il-liġi tax-Xarija, kif ukoll iż-żwieġ tat-tfal, l-istupru u l-mutilazzjoni ġenitali femminili***;

Or. pl

Emenda 562
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. ***Jistieden lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri ***jieħdu*** azzjoni effettiva kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru***, li għandha tiżdied mal-lista ta' "reati tal-UE", u jitlob proposta leġiżlattiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-istupru kif definit min-nuqqas ta' kunsens***;	28. ***Iħeġġeġ*** lill-Istati Membri ***jżommu jew jieħdu, fil-limiti tas-setgħat tagħhom,*** azzjoni effettiva kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru;

Or. sk

Emenda 563
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. ***Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni effettiva kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, li għandha tiżdied mal-lista ta' "reati tal-UE", u jitlob proposta leġiżlattiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-istupru kif definit min-nuqqas ta' kunsens***;	28. ***Jirrimarka li, minkejja s-serjetà estrema tagħhom, ir-reati sesswali ma humiex transfruntiera fin-natura tagħhom u għalhekk iridu jiġu rregolati fil-livell nazzjonali***;

Or. fi

Emenda 564
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jissottolinja li l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, kemm online kif ukoll offline, hija reat maġġur u pervażiv, kif ukoll ksur radikali tad-drittijiet fundamentali, u jikser il-prinċipju tal-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, kemm online kif ukoll offline, inkluża l-vjolenza mwettqa bl-użu tal-pjattaformi diġitali;

Or. en

Emenda 565
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jesprimi tħassib dwar l-influwenza dejjem akbar tal-movimenti kontra l-ġeneru li jfittxu li jimminaw id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri madwar l-Unjoni; jistieden lill-Istati Membri jiġġieldu l-kampanji ta' diżinformazzjoni u jissalvagwardjaw l-indipendenza tal-istituzzjonijiet responsabbli għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

Or. en

Emenda 566
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 28b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28b. Jinsab imħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-livelli ta' anti-Semitiżmu fl-UE kollha u jikkundannah bil-qawwa;

Or. en

Emenda 567
Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Itenni t-talba tiegħu li l-aċċess għal abort sikur u legali jiġi minqux fil-Karta;	***imħassar***

Or. el

Emenda 568
Fredis Beleris, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Itenni t-talba tiegħu li l-aċċess għal abort sikur u legali jiġi minqux fil-Karta;	***imħassar***

Or. en

Emenda 569
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Itenni t-talba tiegħu li l-aċċess għal abort sikur u legali jiġi minqux fil-Karta;	***imħassar***

Or. en

Emenda 570
Loránt Vincze

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Itenni t-talba tiegħu li l-aċċess għal abort sikur u legali jiġi minqux fil-Karta;	***imħassar***

Or. en

Emenda 571
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Jadwiga Wiśniewska, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. ***Itenni t-talba tiegħu li l-aċċess għal abort sikur u legali jiġi minqux fil-Karta***;	29. ***Ifakkar li l-politiki tas-saħħa jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 572
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Itenni t-talba tiegħu li l-aċċess għal abort sikur u legali jiġi minqux fil-Karta;	29. Itenni t-talba tiegħu li l-aċċess għal abort sikur u legali jiġi minqux fil-Karta ***tad-Drittijiet Fundamentali***;

Or. en

Emenda 573
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. ***Itenni t-talba tiegħu li l-aċċess għal abort sikur u legali jiġi minqux fil-Karta***;	29. ***Jenfasizza li d-dritt għall-abort għandu jiġi deċiż fil-livell nazzjonali***;

Or. fi

Emenda 574
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. ***Itenni t-talba tiegħu*** li l-aċċess għal abort ***sikur u legali jiġi*** minqux fil-Karta;	29. ***Jopponi bil-qawwa*** li l-aċċess għal abort ***ikun*** minqux fil-Karta;

Or. sk

Emenda 575
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jappella għal azzjoni kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, kemm offline kif ukoll online;

Or. en

Emenda 576
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Huwa mħasseb ħafna dwar il-ksur tad-drittijiet fundamentali ffaċilitat mill-użu tal-fondi tal-UE jew marbut miegħu f'xi Stati Membri, b'mod partikolari fl-oqsma tal-akkomodazzjoni u tas-segregazzjoni fl-edukazzjoni, tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għal dawk li jfittxu l-ażil, tal-istituzzjonalizzazzjoni tal-persuni b'diżabilità u tat-tfal, u ta' ċerti inizjattivi ta' riġenerazzjoni urbana; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw dan il-ksur fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt; jipproponi li jiġi allokat sehem speċifiku tal-fondi tal-UE għall-monitoraġġ indipendenti tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-UE, inklużi valutazzjonijiet tal-impatti legali u fuq id-drittijiet fundamentali tagħhom, kif ukoll għar-riċerka legali, il-litigazzjoni strateġika u l-evalwazzjoni indipendenti ta' ksur potenzjali, b'involviment qawwi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 577
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Huwa mħasseb ħafna dwar il-ksur tad-drittijiet fundamentali ffaċilitat mill-użu tal-fondi tal-UE jew marbut miegħu f'xi Stati Membri, b'mod partikolari fl-oqsma tal-akkomodazzjoni u tas-segregazzjoni fl-edukazzjoni, tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għal dawk li jfittxu l-ażil, tal-istituzzjonalizzazzjoni tal-persuni b'diżabilità u tat-tfal, u ta' ċerti inizjattivi ta' riġenerazzjoni urbana; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw dan il-ksur fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt; jipproponi li jiġi allokat sehem speċifiku tal-fondi tal-UE għall-monitoraġġ indipendenti tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-UE, inklużi valutazzjonijiet tal-impatti legali u fuq id-drittijiet fundamentali tagħhom, kif ukoll għar-riċerka legali, il-litigazzjoni strateġika u l-evalwazzjoni indipendenti ta' ksur potenzjali, b'involviment qawwi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;	***imħassar***

Or. en

Emenda 578
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Huwa mħasseb ħafna dwar il-ksur tad-drittijiet fundamentali ffaċilitat mill-użu tal-fondi tal-UE jew marbut miegħu	***imħassar***

f'xi Stati Membri, b'mod partikolari fl-oqsma tal-akkomodazzjoni u tas-segregazzjoni fl-edukazzjoni, tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għal dawk li jfittxu l-aż il, tal-istituzzjonalizzazzjoni tal-persuni b'diżabilità u tat-tfal, u ta' ċerti inizjattivi ta' riġenerazzjoni urbana; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw dan il-ksur fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt; jipproponi li jiġi allokat sehem speċifiku tal-fondi tal-UE għall-monitoraġġ indipendenti tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-UE, inkluż i valutazzjonijiet tal-impatti legali u fuq id-drittijiet fundamentali tagħhom, kif ukoll għar-riċerka legali, il-litigazzjoni strateġika u l-evalwazzjoni indipendenti ta' ksur potenzjali, b'involviment qawwi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Or. en

Emenda 579
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Huwa mħasseb ħafna dwar il-ksur tad-drittijiet fundamentali ffaċilitat mill-użu tal-fondi tal-UE jew marbut miegħu f'xi Stati Membri, b'mod partikolari fl-oqsma tal-akkomodazzjoni u tas-segregazzjoni fl-edukazzjoni, tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għal dawk li jfittxu l-aż il, tal-istituzzjonalizzazzjoni tal-persuni b'diżabilità u tat-tfal, u ta' ċerti inizjattivi ta' riġenerazzjoni urbana; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw dan il-ksur fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt; jipproponi li jiġi allokat sehem speċifiku tal-fondi tal-UE għall-monitoraġġ indipendenti tal-azzjonijiet	***imħassar***

iffinanzjati mill-UE, inklużi valutazzjonijiet tal-impatti legali u fuq id-drittijiet fundamentali tagħhom, kif ukoll għar-riċerka legali, il-litigazzjoni strateġika u l-evalwazzjoni indipendenti ta' ksur potenzjali, b'involviment qawwi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Or. en

Emenda 580
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Huwa mħasseb ħafna dwar ***il-ksur tad-drittijiet fundamentali ffaċilitat mill-użu*** tal-fondi tal-UE ***jew marbut miegħu f'xi Stati Membri, b'mod partikolari fl-oqsma tal-akkomodazzjoni u tas-segregazzjoni fl-edukazzjoni, tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għal dawk li jfittxu l-ażil, tal-istituzzjonalizzazzjoni tal-persuni b'diżabilità u tat-tfal, u ta' ċerti inizjattivi ta' riġenerazzjoni urbana***; ***jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw dan il-ksur fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt; jipproponi li jiġi allokat sehem speċifiku tal-fondi tal-UE għall-monitoraġġ indipendenti tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-UE, inklużi valutazzjonijiet tal-impatti legali u fuq id-drittijiet fundamentali tagħhom, kif ukoll għar-riċerka legali, il-litigazzjoni strateġika u l-evalwazzjoni indipendenti ta' ksur potenzjali, b'involviment qawwi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;***	30. Huwa mħasseb ħafna dwar ***il-grad għoli ta' użu ħażin*** tal-fondi tal-UE;

Or. fi

Emenda 581

Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. ***Huwa mħasseb ħafna dwar il-ksur*** tad-drittijiet fundamentali ***ffaċilitat mill-użu tal-fondi tal-UE jew marbut miegħu*** f'xi Stati Membri***, b'mod partikolari fl-oqsma tal-akkomodazzjoni u tas-segregazzjoni fl-edukazzjoni, tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għal dawk li jfittxu l-ażil, tal-istituzzjonalizzazzjoni tal-persuni b'diżabilità u tat-tfal, u ta' ċerti inizjattivi ta' riġenerazzjoni urbana***; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw dan il-ksur fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt; ***jippproponi li jiġi allokat sehem speċifiku tal-fondi tal-UE għall-monitoraġġ indipendenti tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-UE, inklużi valutazzjonijiet tal-impatti legali u fuq id-drittijiet fundamentali tagħhom, kif ukoll għar-riċerka legali, il-litigazzjoni strateġika u l-evalwazzjoni indipendenti ta' ksur potenzjali, b'involviment qawwi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;***	30. ***Jiġbed l-attenzjoni għall-kwistjoni tal-ksur*** tad-drittijiet fundamentali***, li hija aktar evidenti*** f'xi Stati Membri***, b'mod partikolari fl-hekk imsejħa żoni pprojbiti***; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw dan il-ksur fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt;

Or. sk

Emenda 582
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Jean-Marc Germain, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Huwa mħasseb ħafna dwar ***il-ksur*** tad-drittijiet fundamentali ***ffaċilitat mill-użu tal-fondi*** tal-UE ***jew marbut miegħu***	30. Huwa mħasseb ħafna dwar ***rapporti mis-soċjetà ċivili li jindikaw li ċertu ksur*** tad-drittijiet fundamentali ***seta' kien***

f'xi Stati Membri, b'mod partikolari fl-oqsma tal-akkomodazzjoni u tas-segregazzjoni fl-edukazzjoni, tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għal dawk li jfittxu l-ażil, tal-istituzzjonalizzazzjoni tal-persuni b'diżabilità u tat-tfal, u ta' ċerti inizjattivi ta' riġenerazzjoni urbana; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw dan il-ksur fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt; ***jipproponi li jiġi allokat sehem speċifiku tal-fondi tal-UE għall-monitoraġġ indipendenti tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-UE, inklużi valutazzjonijiet tal-impatti legali u fuq id-drittijiet fundamentali tagħhom, kif ukoll għar-riċerka legali, il-litigazzjoni strateġika*** u ***l-evalwazzjoni indipendenti ta' ksur potenzjali, b'involviment qawwi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***;

marbut mal-użu ta' xi fondi tal-UE f'xi Stati Membri, b'mod partikolari fl-oqsma tal-akkomodazzjoni u tas-segregazzjoni fl-edukazzjoni, tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għal dawk li jfittxu l-ażil, tal-istituzzjonalizzazzjoni tal-persuni b'diżabilità u tat-tfal, u ta' ċerti inizjattivi ta' riġenerazzjoni urbana***; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga bir-reqqa jekk tali ksur huwiex qed iseħħ fi programmi jew proġetti ffinanzjati mill-UE u, fejn jiġi stabbilit tali ksur, tqis il-kundizzjonijiet abilitanti rilevanti u l-istadji importanti tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza bħala mhux issodisfati, u b'hekk tissospendi pagamenti ulterjuri sakemm in-nuqqasijiet jiġu rimedjati***; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw dan il-ksur fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt; ***jappella għal finanzjament xieraq għal korpi bħall-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew*** u ***l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi biex tiġi żgurata l-kapaċità tagħhom li jinvestigaw b'mod effettiv il-ksur tal-istat tad-dritt li jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-UE***;

Or. en

Emenda 583
Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Huwa mħasseb ħafna dwar ***il-ksur*** tad-drittijiet fundamentali ffaċilitat mill-użu tal-fondi tal-UE jew marbut miegħu f'xi Stati Membri, b'mod partikolari fl-oqsma tal-akkomodazzjoni u tas-segregazzjoni fl-edukazzjoni, tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għal dawk li jfittxu l-ażil, tal-istituzzjonalizzazzjoni tal-	30. Huwa mħasseb ħafna dwar ***l-istat tad-dritt u l-ksur*** tad-drittijiet fundamentali ffaċilitat mill-użu tal-fondi tal-UE jew marbut miegħu f'xi Stati Membri, b'mod partikolari fl-oqsma tal-akkomodazzjoni u tas-segregazzjoni fl-edukazzjoni, tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għal dawk li jfittxu l-ażil, tal-istituzzjonalizzazzjoni tal-

persuni b’diżabilità u tat-tfal, u ta’ ċerti inizjattivi ta’ riġenerazzjoni urbana; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw dan il-ksur fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt; jipproponi li jiġi allokat sehem speċifiku tal-fondi tal-UE għall-monitoraġġ indipendenti tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-UE, inklużi valutazzjonijiet tal-impatti legali u fuq id-drittijiet fundamentali tagħhom, kif ukoll għar-riċerka legali, il-litigazzjoni strateġika u l-evalwazzjoni indipendenti ta’ ksur potenzjali, b’involviment qawwi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;	persuni b’diżabilità u tat-tfal, u ta’ ċerti inizjattivi ta’ riġenerazzjoni urbana; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw dan il-ksur fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt; jipproponi li jiġi allokat sehem speċifiku tal-fondi tal-UE għall-monitoraġġ indipendenti tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-UE, inklużi valutazzjonijiet tal-impatti legali u fuq id-drittijiet fundamentali tagħhom, kif ukoll għar-riċerka legali, il-litigazzjoni strateġika u l-evalwazzjoni indipendenti ta’ ksur potenzjali, b’involviment qawwi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

Or. en

Emenda 584
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. ***Huwa mħasseb ħafna dwar il-ksur tad-drittijiet*** fundamentali ***ffaċilitat mill-użu tal-fondi tal-UE jew marbut miegħu*** f’xi Stati Membri***, b’mod partikolari fl-oqsma tal-akkomodazzjoni u tas-segregazzjoni fl-edukazzjoni, tal-kundizzjonijiet ta’ akkoljenza għal dawk li jfittxu l-ażil, tal-istituzzjonalizzazzjoni tal-persuni b’diżabilità u tat-tfal, u ta’ ċerti inizjattivi ta’ riġenerazzjoni urbana; jistieden*** lill-Kummissjoni ***tinkludi rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw dan il-ksur fir-rapport annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt; jipproponi li jiġi allokat sehem speċifiku tal-fondi tal-UE għall-monitoraġġ*** indipendenti ***tal-azzjonijiet*** iffinanzjati mill-UE, ***inklużi*** valutazzjonijiet ***tal-impatti*** legali ***u fuq id-drittijiet*** fundamentali ***tagħhom, kif ukoll għar-riċerka legali, il-litigazzjoni***	30. ***Jinnota bi tħassib indikazzjonijiet ta’ riskji potenzjali għad-drittijiet*** fundamentali ***b’rabta mal-implimentazzjoni ta’ ċerti programmi ffinanzjati mill-UE*** f’xi Stati Membri***; jistieden ukoll*** lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jsaħħu l-arranġamenti ta’ monitoraġġ*** indipendenti ***għall-azzjonijiet*** iffinanzjati mill-UE, ***inkluż permezz ta’*** valutazzjonijiet ***tal-impatt*** legali ***u tad-drittijiet*** fundamentali ***u evalwazzjonijiet*** indipendenti***, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali***;

strateġika u l-evalwazzjoni indipendenti ***ta' ksur potenzjali, b'involviment qawwi tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***;

Or. en

Emenda 585
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jisħaq li l-mekkaniżmu tal-kundizzjonalità, wara l-kjarifiki ppreżentati mill-QĠUE, iservu biex jipproteġu l-baġit tal-UE, u mhux biex jipproteġu l-istat tad-dritt innifsu; iwissi kontra l-impożizzjoni tal-mekkaniżmu tal-kundizzjonalità kumpless, li, bl-iskuża tal-allegat żgurar tal-konformità mal-istat tad-dritt fid-dritt tal-UE kollu, lil hinn mid-dimensjoni baġitarja tiegħu, jista' joħloq distorsjoni tal-għanijiet tal-integrazzjoni Ewropea u jhedded il-futur tal-proġett Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni tapplika l-mekkaniżmu b'mod imparzjali u biss f'każijiet li fihom il-kundizzjonijiet għall-użu tiegħu huma fil-fatt issodisfati, u tonqos milli tapplika standards doppji, speċjalment minħabba li l-bażi u l-ġustifikazzjoni stess għal dan il-mekkaniżmu jqajmu thassib serju;

Or. pl

Emenda 586
Céline Imart, Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jissottolinja li t-trasparenza u r-responsabbiltà fl-użu tal-fondi tal-Unjoni huma komponenti essenzjali tal-istat tad-dritt; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar is-sejbiet tar-Rapport speċjali 11/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar in-nuqqas ta' trasparenza fl-NGOs iffinanzjati mill-Unjoni, b'mod partikolari fil-qafas tal-programm LIFE, li jdgħajjef il-kontroll demokratiku u l-fiduċja taċ-ċittadini; jistieden lill-Kummissjoni ssib rimedju b'mod rapidu għal-lakuni identifikati;

Or. fr

Emenda 587
Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Ifakkar li aċċess effettiv għall-protezzjoni soċjali, introjtu minimu adegwat u servizzi pubbliċi nondiskriminatorji huwa kruċjali għall-eżerċizzju ugwali tad-drittijiet; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-impatt tal-esklużjoni soċjali, il-faqar estrem u n-nuqqas ta' akkomodazzjoni bħala fatturi strutturali li jimminaw l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi;

Or. en

Emenda 588
Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 30b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30b. Jenfasizza li n-nuqqas ta' progress lejn servizzi bbażati fil-komunità għall-persuni b'diżabilità jqajjem tħassib serju rigward il-konformità mal-obbligi tad-drittijiet fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni tintegra l-implimentazzjoni tas-CRPD fl-analiżi tagħha tal-istat tad-dritt, inkluż salvagwardji kontra l-użu diskriminatorju tal-fondi tal-UE;

Or. en

Emenda 589
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30b. Jinnota li każijiet ta' użu ħażin tal-fondi tal-UE seħħew ukoll fl-istituzzjonijiet tal-UE, li juri l-ħtieġa li jiġu applikati standards uniformi ta' obbligu ta' rendikont għall-entitajiet kollha li jużaw il-fondi tal-UE, inkluża l-Kummissjoni u l-aġenziji tagħha;

Or. pl

Emenda 590
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jinsisti li l-miżuri meħtieġa għar-	***imħassar***

rilaxx tal-finanzjament tal-UE, kif definiti mid-deċiżjonijiet rilevanti meħuda skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[50] u r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, iridu jiġu vvalutati b'mod koerenti bħala pakkett integrali, u li l-ebda pagament ma għandu jsir sakemm jippersistu n-nuqqasijiet; jemmen li l-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt fir-rigward ta' ksur ieħor tal-istat tad-dritt, bħal dak relatat mal-ġudikatura;

---

[50] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

Or. en

Emenda 591
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jinsisti li l-miżuri meħtieġa għar-rilaxx tal-finanzjament tal-UE, kif definiti mid-deċiżjonijiet rilevanti meħuda skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[50] u r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, iridu jiġu vvalutati b'mod koerenti bħala pakkett integrali, u li l-ebda pagament ma għandu jsir sakemm jippersistu n-nuqqasijiet; jemmen li l-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni	***imħassar***

ulterjuri skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt fir-rigward ta' ksur ieħor tal-istat tad-dritt, bħal dak relatat mal-ġudikatura;

---

[50] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

Or. en

Emenda 592
Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jinsisti li l-miżuri meħtieġa għar-rilaxx tal-finanzjament tal-UE, kif definiti mid-deċiżjonijiet rilevanti meħuda skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru[50] u r-Reżiljenza u r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, iridu jiġu vvalutati b'mod koerenti bħala ***pakkett integrali***, u li l-ebda pagament ma għandu jsir sakemm jippersistu n-nuqqasijiet; jemmen li l-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt fir-rigward ta' ksur ieħor tal-istat tad-dritt, bħal dak relatat mal-ġudikatura;	31. Jinsisti li l-miżuri meħtieġa għar-rilaxx tal-finanzjament tal-UE, kif definiti mid-deċiżjonijiet rilevanti meħuda skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru[50] u r-Reżiljenza u r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, iridu jiġu vvalutati b'mod koerenti bħala ***parti mill-istess sett ta' għodod bla xkiel u koerenti***, u li l-ebda pagament ma għandu jsir sakemm jippersistu n-nuqqasijiet; jemmen li l-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt ***fil-każ tal-Ungerija*** fir-rigward ta' ksur ieħor tal-istat tad-dritt, bħal dak relatat mal-ġudikatura; ***jisħaq li r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità kien għodda ewlenija għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE minn ksur tal-istat tad-dritt, u li għandu jiġi applikat kull meta l-kundizzjonijiet legali tiegħu jiġu ssodisfati fil-baġit kollu tal-UE, inklużi l-istrumenti***

	bbażati fuq il-prestazzjoni kif ukoll finanzjament ipprovdut skont l-Artikolu 122 tat-TFUE; jisħaq li b'mod partikolari n-nuqqasijiet fl-istat tad-dritt li jaffettwaw il-ġudikatura u l-ksur jappartjenu għall-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja u f'każijiet bħal ksur tar-regoli, manipulazzjoni ta' sejħiet għall-offerti u applikazzjonijiet li jinvolvu finanzjament mill-UE, jew favoritiżmu fihom, kif ukoll fastidju amministrattiv li jikser it-trattament ugwali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-kumpaniji jew riċevituri u benefiċjarji finali oħra, u l-aċċess tagħhom għall-fondi tal-UE kif ukoll l-akkwist, il-korpi tal-awditjar, is-salvagwardji kontra l-korruzzjoni jew is-sistemi ta' kontroll jikkostitwixxu riskji diretti għall-baġit tal-Unjoni u jirrikjedu applikazzjoni konsistenti u stretta tal-kundizzjonalità; jenfasizza li l-politiċizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u l-konċentrazzjoni bla bżonn fil-proċeduri ta' akkwist jirrappreżentaw riskji sistemiċi tal-istat tad-dritt li jheddu l-ġestjoni finanzjarja tajba;
[50] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).	[50] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

Or. en

Emenda 593
Nikola Minchev, Moritz Körner, Irena Joveva, Malik Azmani

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jinsisti li l-miżuri meħtieġa għar-rilaxx tal-finanzjament tal-UE, kif definiti	31. Jinsisti li l-miżuri meħtieġa għar-rilaxx tal-finanzjament tal-UE, kif definiti

mid-deċiżjonijiet rilevanti meħuda skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[50] u r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, iridu jiġu vvalutati b'mod koerenti bħala pakkett integrali, u li l-ebda pagament ma għandu jsir sakemm jippersistu n-nuqqasijiet; jemmen li l-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt fir-rigward ta' ksur ieħor tal-istat tad-dritt, bħal dak relatat mal-ġudikatura;	mid-deċiżjonijiet rilevanti meħuda skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[50] u r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, iridu jiġu vvalutati b'mod koerenti bħala pakkett integrali, u li l-ebda pagament ma għandu jsir sakemm jippersistu n-nuqqasijiet; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li tali valutazzjoni tibqa' dejjem strettament imparzjali u ħielsa mill-politiċizzazzjoni, in-negozjar politiku jew kunsiderazzjonijiet mhux relatati mal-konformità oġġettiva mal-istandards tal-istat tad-dritt;*** jemmen li l-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt fir-rigward ta' ksur ieħor tal-istat tad-dritt, bħal dak relatat mal-ġudikatura;
[50] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).	[50] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

Or. en

Emenda 594
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. ***Jinsisti li l-miżuri meħtieġa għar-rilaxx tal-finanzjament tal-UE, kif definiti mid-deċiżjonijiet rilevanti meħuda skont ir-Regolament*** dwar Dispożizzjonijiet Komuni, ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza***[50]*** u r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-	31. ***Jopponi t-trattament ta' fondi u kundizzjonijiet ta' aċċess għall-fondi tal-UE differenti, li jirriżulta mir-Regolament*** dwar Dispożizzjonijiet Komuni, ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, bħala

Istat tad-Dritt, ***iridu jiġu vvalutati b'mod koerenti*** bħala pakkett ***integrali, u li l-ebda*** pagament ***ma għandu jsir sakemm jippersistu n-nuqqasijiet; jemmen li l-Kummissjoni*** għandha ***tieħu azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt fir-rigward ta' ksur ieħor tal-istat tad-dritt, bħal dak relatat mal-ġudikatura***;	pakkett ***olistiku uniku, li n-nuqqas ta' konformità miegħu jiġġustifika t-twaqqif ta' kwalunkwe*** pagament***; jisħaq li tali approċċ imur kontra l-prinċipju tal-proporzjonalità, iwassal għall-espansjoni mhux awtorizzata tal-kompetenzi tal-Kummissjoni u jirriskja l-applikazzjoni ta' pressjoni politika fuq l-Istati Membri; iqis li l-valutazzjoni tal-issodisfar tal-kundizzjonijiet*** għandha ***titwettaq b'mod separat għal kull strument u f'konformità mal-bażi legali tiegħu, filwaqt li l-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità ma għandux jintuża biex jinterferixxi f'oqsma bħall-organizzazzjoni tal-ġudikatura, li tibqa' fil-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri***;

[50] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

Or. pl

Emenda 595
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. ***Jinsisti*** li ***l-miżuri meħtieġa għar-rilaxx tal-finanzjament tal-UE, kif definiti mid-deċiżjonijiet rilevanti meħuda skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru[50] u r-Reżiljenza u r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, iridu jiġu vvalutati b'mod koerenti bħala pakkett integrali, u li l-ebda pagament ma għandu jsir sakemm jippersistu n-nuqqasijiet; jemmen li l-***	31. ***Jisħaq*** li ***l-protezzjoni*** tal-istat tad-dritt ***hija indispensabbli għas-salvagwardja tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni***; ***jissottolinja li sistemi ġudizzjarji indipendenti, oqfsa effettivi kontra l-korruzzjoni u proċeduri amministrattivi trasparenti huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-fondi tal-UE jiġu ġestiti, allokati u minfuqa f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba;***

Kummissjoni għandha tieħu azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt fir-rigward ta' ksur ieħor tal-istat tad-dritt, ***bħal dak relatat mal-ġudikatura***;

---

[50] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

Or. en

Emenda 596
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. ***Jinsisti*** li l-miżuri meħtieġa għar-rilaxx tal-finanzjament tal-UE, kif definiti mid-deċiżjonijiet rilevanti meħuda skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[50] u r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, iridu jiġu vvalutati ***b'mod koerenti bħala pakkett integrali, u li l-ebda pagament ma għandu jsir sakemm jippersistu n-nuqqasijiet; jemmen li l-Kummissjoni*** għandha ***tieħu azzjoni ulterjuri*** skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt ***fir-rigward ta' ksur ieħor tal-istat tad-dritt, bħal dak relatat mal-ġudikatura***;	31. ***Huwa konvint*** li l-miżuri meħtieġa għar-rilaxx tal-finanzjament tal-UE, kif definiti mid-deċiżjonijiet rilevanti meħuda skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[50] u r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, iridu jiġu vvalutati ***fuq bażi ta' każ b'każ; jikkundanna bil-qawwa tentattivi minn istituzzjonijiet oħra biex jinfluwenzaw lill-Kummissjoni dwar kif*** għandha ***taġixxi*** skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt;
[50] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI:	[50] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI:

http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).	http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

Or. sk

Emenda 597
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jinsisti li l-miżuri meħtieġa għar-rilaxx tal-finanzjament tal-UE, kif definiti mid-deċiżjonijiet rilevanti meħuda skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[50] u r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, iridu jiġu vvalutati b'mod koerenti bħala pakkett integrali, u li l-ebda pagament ma għandu jsir sakemm jippersistu n-nuqqasijiet; jemmen li l-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt fir-rigward ta' ksur ieħor tal-istat tad-dritt, bħal dak relatat mal-ġudikatura;	31. Jinsisti li l-miżuri meħtieġa għar-rilaxx tal-finanzjament tal-UE, kif definiti mid-deċiżjonijiet rilevanti meħuda skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza[50] u r-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, iridu jiġu vvalutati b'mod koerenti***, oġġettiv u preċiż*** bħala pakkett integrali, u li l-ebda pagament ma għandu jsir sakemm jippersistu n-nuqqasijiet; jemmen li l-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni ulterjuri skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt fir-rigward ta' ksur ieħor tal-istat tad-dritt, bħal dak relatat mal-ġudikatura;
[50] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).	[50] Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

Or. fi

Emenda 598
Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Ifakkar li l-benefiċjarji finali tal-finanzjament tal-UE li mhumiex entitajiet tal-gvern, ma għandhomx isofru konsegwenzi negattivi bħala riżultat ta' problemi kkawżati mill-awtoritajiet nazzjonali f'każijiet fejn jittieħdu miżuri baġitarji; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tiżgura li r-riċevituri finali jew il-benefiċjarji tal-fondi tal-UE ma jiġux imċaħħda minn dawn il-fondi, kif stabbilit fir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt; jistieden lill-Kummissjoni ssib modi kif tqassam il-fondi tal-UE permezz tal-gvernijiet lokali u l-NGOs jekk il-gvern ikkonċernat ma jikkooperax dwar in-nuqqasijiet; jindika li soluzzjoni possibbli hija li l-approprjazzjonijiet li jikkorrispondu għad-dižimpenji skont ir-reġimi ta' kundizzjonalità jsiru disponibbli biex jintużaw taħt strumenti jew programmi oħra tal-Unjoni implimentati b'ġestjoni diretta jew indiretta, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu għall-appoġġ tad-demokrazija, tas-soċjetà ċivili u tal-valuri tal-Unjoni jew tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-Ewropa;

Or. en

Emenda 599
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jinnota li r-Rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt jipprovdi bażi fattwali essenzjali għall-identifikazzjoni ta' sfidi sistemiċi li jistgħu jaffettwaw l-implimentazzjoni xierqa tal-baġit tal-UE;

Or. en

Emenda 600
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31b. Jissottolinja li l-Mekkaniżmu ta' Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt jifforma parti integrali mis-sett ta' għodod ta' governanza finanzjarja tal-Unjoni; iqis li l-għan tiegħu huwa li jipproteġi l-baġit tal-UE minn ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt li jaffettwa, jew li hemm riskju serju li jaffettwa, il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-fondi tal-UE; jitlob l-applikazzjoni konsistenti, f'waqtha u imparzjali tiegħu;

Or. en

Emenda 601
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jilqa' s-suġġeriment fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 li kważi nofs il-fondi jsiru kundizzjonali fuq il-konformità mal-istat tad-dritt u mal-Karta qabel l-approvazzjoni tagħhom;	***imħassar***

Or. fi

Emenda 602
Nadine Morano, François-Xavier Bellamy, Céline Imart, Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jilqa' s-suġġeriment fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 li kważi nofs il-fondi jsiru kundizzjonali fuq il-konformità mal-istat tad-dritt u mal-Karta qabel l-approvazzjoni tagħhom;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 603
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jilqa' s-suġġeriment fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 li kważi nofs il-fondi jsiru kundizzjonali fuq il-konformità mal-istat tad-dritt u mal-Karta qabel l-approvazzjoni tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 604
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jilqa' s-suġġeriment fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 li kważi nofs il-	***imħassar***

fondi jsiru kundizzjonali fuq il-konformità mal-istat tad-dritt u mal-Karta qabel l-approvazzjoni tagħhom;

Or. en

Emenda 605
Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jilqa' s-suġġeriment fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 li kważi nofs il-fondi jsiru kundizzjonali fuq il-konformità mal-istat tad-dritt u mal-Karta qabel l-approvazzjoni tagħhom;	32. Jilqa' s-suġġeriment fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 li kważi nofs il-fondi jsiru kundizzjonali fuq il-konformità mal-istat tad-dritt u mal-Karta qabel l-approvazzjoni tagħhom; ***jilqa' l-fatt li l-proposta żżomm kundizzjonijiet orizzontali dwar ir-rispett tal-prinċipji tal-istat tad-dritt u tal-Karta għal ġestjoni kondiviża u tintroduċihom għall-Politika Agrikola Komuni; jemmen li tali approċċ għall-kundizzjonalità jista' jsolvi l-kwistjonijiet identifikati dwar il-possibbiltà li jiġu affettwati l-ammonti sospiżi u l-protezzjoni tar-riċevituri jew tal-benefiċjarji finali, peress li l-proposta tipprevedi li l-fondi jerġgħu jsiru disponibbli għall-użu b'ġestjoni diretta jew indiretta, b'mod partikolari l-istrumenti u l-programmi li jikkontribwixxu għall-appoġġ tad-demokrazija tal-Ewropa, is-soċjetà ċivili, il-valuri tal-Unjoni jew il-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jitlob li l-fondi sospiżi jew iffriżati minħabba ksur tal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE jridu jitqiesu mitlufa mill-Istat Membru kkonċernat u ma jridux jiġu riallokati lil dak l-istat, iżda jirrakkomanda li l-fondi li jsiru disponibbli għal darb'oħra għandhom tal-anqas jiġu diretti mill-ġdid parzjalment lejn atturi mhux statali primarjament fl-Istat Membru fejn ikun***

seħħ il-ksur; jemmen, madankollu, li l-kundizzjonijiet orizzontali għandhom ikopru l-valuri kollha minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, u li l-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet għandha tkun identika u twassal għad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 606
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. ***Jilqa' s-suġġeriment fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 li kważi nofs il-fondi jsiru kundizzjonali fuq il-konformità mal-istat tad-dritt u mal-Karta qabel*** l-approvazzjoni ***tagħhom***;	32. ***Jenfasizza li l-aderenza sħiħa tal-Istati Membri mal-Istat tad-Dritt kif ukoll mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE trid titqies bħala prekundizzjoni essenzjali biex jirċievu kwalunkwe fond tal-UE; jissottolinja li l-konformità sħiħa ma' dawn il-kundizzjonalitajiet trid tippreċedi*** l-approvazzjoni ***tal-programmi u l-proġetti kollha ffinanzjati mill-UE ppreżentati mill-awtoritajiet pubbliċi, u li n-nuqqas ta' konformità jrid iwassal għal sospensjoni immedjata tal-finanzjament kollu tal-UE sakemm jiġu implimentati rimedji xierqa***; ***jisħaq li fejn issehħ tali sospensjoni, il-prinċipju ta' "kundizzjonalità intelliġenti" jrid jiġi applikat b'mod komprensiv biex jiġi żgurat li l-benefiċjarji indipendenti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli jkunu jistgħu jkomplu jgawdu aċċess sħiħ għall-finanzjament tal-UE;***

Or. en

Emenda 607
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo,

Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Jean-Marc Germain, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jilqa' s-suġġeriment fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 li kważi nofs il-fondi jsiru kundizzjonali fuq il-konformità mal-istat tad-dritt u mal-Karta qabel l-approvazzjoni tagħhom;	32. Jilqa' s-suġġeriment fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 li kważi nofs il-fondi jsiru kundizzjonali fuq il-konformità mal-istat tad-dritt u mal-Karta qabel l-approvazzjoni tagħhom; ***jinnota li l-proposta l-ġdida tintroduċi kundizzjonijiet orizzontali dwar ir-rispett tal-prinċipji tal-istat tad-dritt u tal-Karta; jinsab imħasseb dwar it-trikkib mal-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità li għadu kif ġie propost fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss; jappella għal qafas unifikat, koerenti u komprensiv fil-programmi kollha tal-UE, taħt il-kappa tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità;***

Or. en

Emenda 608
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. ***Jilqa'*** s-suġġeriment fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 li kważi nofs il-fondi jsiru kundizzjonali fuq il-konformità mal-istat tad-dritt u mal-Karta qabel l-approvazzjoni tagħhom;	32. ***Jissottolinja*** s-suġġeriment fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 li kważi nofs il-fondi jsiru kundizzjonali fuq il-konformità mal-istat tad-dritt u mal-Karta qabel l-approvazzjoni tagħhom; ***jissottolinja li tali approċċ isaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tissalvagwardja l-interessi finanzjarji tagħha u tiżgura li l-finanzjament tal-UE jappoġġja politiki bbażati fuq id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji demokratiċi;***

Or. en

Emenda 609
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. ***Jilqa' s-suġġeriment*** fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 li kważi nofs il-fondi jsiru kundizzjonali fuq il-konformità mal-istat tad-dritt u mal-Karta qabel l-approvazzjoni tagħhom;	32. ***Jieħu nota tas-suġġeriment*** fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 li kważi nofs il-fondi jsiru kundizzjonali fuq il-konformità mal-istat tad-dritt u mal-Karta qabel l-approvazzjoni tagħhom; ***jisħaq li dan se jimmonitorja mill-qrib kif il-fondi jiġu allokati u jekk il-mekkaniżmu jiġix użat ħażin għal azzjoni politika kontra rappreżentanti "problematiċi" tal-Istati Membri;***

Or. sk

Emenda 610
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. ***Jilqa'*** s-suġġeriment fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 li kważi nofs il-fondi jsiru kundizzjonali fuq il-konformità mal-istat tad-dritt u mal-Karta qabel l-approvazzjoni tagħhom;	32. ***Jopponi bil-qawwa*** s-suġġeriment fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 li kważi nofs il-fondi jsiru kundizzjonali fuq il-konformità mal-istat tad-dritt u mal-Karta qabel l-approvazzjoni tagħhom;

Or. pl

Emenda 611

Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sophie Wilmès, Jean-Marc Germain, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħu s-sinerġiji bejn id-diversi għodod tal-istat tad-dritt u r-rabta tagħhom mal-baġit tal-UE, kif rikonoxxut ukoll fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni mill-President tal-Kummissjoni, u li jissaħħu r-rabtiet bejn ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt u l-appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-UE; jiddeplora n-nuqqas ta' dettall dwar kif din ir-rabta ssir fir-Rapport Annwali tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt, b'mod partikolari fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni taqleb ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż mir-rapporti annwali tagħha dwar l-istat tad-dritt fi stadji importanti konkreti li l-Istati Membri għandhom jaġixxu fuqhom b'mod sistematiku u, meta jkun xieraq, li jservu bħala evidenza biex jiġġustifikaw l-attivazzjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità;

Or. en

Emenda 612
Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Marco Tarquinio, Alessandro Zan, Juan Fernando López Aguilar, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32a. Jesprimi dispjaċir għar-rapporti li jindikaw li ċerti fondi tal-UE setgħu ntużaw biex jappoġġjaw kumpaniji

involuti fl-iżvilupp jew l-esportazzjoni ta' teknoloġiji ta' sorveljanza intrużivi, inkluż software ta' spjunaġġ; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura trasparenza sħiħa dwar dawn l-allokazzjonijiet kollha u tippubblika mingħajr dewmien lista dettaljata tal-benefiċjarji, il-programmi u l-ammonti kkonċernati, kif ukoll il-miżuri meħuda biex jiġi pprevenut kwalunkwe użu ħażin tar-riżorsi tal-UE;

Or. en

Emenda 613
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32a. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-koordinazzjoni strutturata u sistematika fost id-Direttorati Ġenerali rilevanti involuti fl-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, il-ġustizzja, l-implimentazzjoni baġitarja, it-tkabbir, is-suq intern u l-affarijiet interni, bil-ħsieb li jiġu żgurati l-koerenza tal-politika, il-konsistenza tal-valutazzjonijiet u s-segwitu effettiv fl-istrumenti u l-programmi ta' finanzjament kollha relatati ma' dawn l-oqsma;

Or. en

Emenda 614
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Jadwiga Wiśniewska, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32a. Jistieden lill-Kummissjoni ma tisfruttax il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità, li għandu jkun limitat għall-protezzjoni tal-baġit Ewropew mill-korruzzjoni, għal skopijiet politiċi biex timponi għażliet ideoloġiċi;

Or. en

Emenda 615
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sophie Wilmès, Jean-Marc Germain, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32b. Jisħaq li huwa meħtieġ approċċ aktar intelliġenti biex jiġu ssalvagwardjati r-riċevituri u l-benefiċjarji finali, b'mod partikolari dawk li jsofru l-konsegwenzi ta' nuqqasijiet fl-istat tad-dritt, milli jiġu affettwati meta l-fondi tal-UE jiġu sospiżi lill-gvernijiet rispettivi tagħhom bħala riżultat ta' ksur tal-istat tad-dritt; ifakkar fl-obbligu tal-Istati Membri soġġetti għal miżuri skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità li jkomplu jonoraw l-impenji kollha fil-konfront tar-riċevituri u l-benefiċjarji finali; jisħaq li kwalunkwe miżura meħuda biex jiġi żgurat li r-riċevituri finali u l-benefiċjarji leġittimi jkunu jistgħu jkomplu jaċċessaw il-finanzjament tal-UE ma għandhiex iddgħajjef l-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità;

Or. en

Emenda 616

Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32b. Jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi b'mod ċar il-kriterji u l-indikaturi għall-valutazzjoni tal-eżistenza u l-effikaċja tal-"mekkaniżmi adegwati" li l-Istati Membri huma meħtieġa juru sabiex il-pjanijiet nazzjonali u reġjonali tagħhom jiġu approvati, bl-għan li tiġi żgurata konformità kontinwa mal-prinċipji tal-istat tad-dritt u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali matul l-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni; jappella wkoll għal proċeduri ta' valutazzjoni trasparenti u verifikabbli, inkluż, meta jkun xieraq, l-istabbiliment ta' stadji importanti speċifiċi jew punti ta' riferiment marbuta mal-iżborż tal-fondi;

Or. en

Emenda 617
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32c. Jilqa' l-prinċipju li l-benefiċjarji finali ma għandhomx jiġu ppenalizzati bis-sospensjoni tal-fondi tal-Unjoni li tirriżulta minn ksur tal-istat tad-dritt jew tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; jisħaq, madankollu, fuq il-ħtieġa ta' ċarezza sħiħa fir-rigward tal-modalitajiet prattiċi biex jiġi żgurat aċċess kontinwu għall-benefiċjarji finali; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi gwida ċara dwar din il-kwistjoni sabiex tiggarantixxi ċ-

ċertezza legali, il-protezzjoni effettiva tal-benefiċjarji u r-responsabbiltà baġitarja ġenwina;

Or. en

Emenda 618
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32d. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe deċiżjoni li tissospendi, tnaqqas jew timblokka l-pagamenti kollha jew parti minnhom tkun ibbażata fuq mumenti ta' valutazzjoni definiti b'mod ċar, trasparenti u prevedibbli matul l-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u filwaqt li jitqiesu n-natura, id-durata, il-gravità u l-ambitu tal-ksur identifikat; jisħaq li l-monitoraġġ kontinwu jrid jiġi kkomplementat minn tal-anqas rieżamijiet perjodiċi regolari u stabbiliti formalment, inkluża valutazzjoni annwali tal-konformità marbuta b'mod espliċitu mas-sejbiet tar-Rapporti tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt, sabiex jiġu ggarantiti ċ-ċertezza legali, l-obbligu ta' rendikont u r-responsabbiltà effettiva għal azzjoni korrettiva;

Or. en

Emenda 619
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32e. Ifakkar ukoll li, meta l-fondi tal-Unjoni jintilfu b'mod definittiv għal Stat Membru bħala riżultat ta' ksur persistenti tal-istat tad-dritt jew tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ir-riallokazzjoni tagħhom b'ġestjoni diretta jew indiretta għandha tiġi żgurata b'mod trasparenti u mmirat, b'mod partikolari għal programmi li jappoġġjaw id-demokrazija, is-soċjetà ċivili, il-valuri tal-Unjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jisħaq li sehem definit b'mod ċar ta' dawn il-fondi riallokati għandu, meta jkun xieraq, jiġi dirett biex jappoġġja organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili li joperaw fl-Istat Membru kkonċernat; u jissottolinja li tali riallokazzjoni trid tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u trattament ugwali;

Or. en

Emenda 620
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32f. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ ir-rabta bejn ir-Rapport Annwali dwar l-Istat tad-Dritt u l-appoġġ finanzjarju tal-UE, kif deskritt fil-mandat tal-Kummissarju McGrath u fil-Komunikazzjoni dwar il-QFP 2028-2034; jinnota li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (Pjanijiet SNR) proposti jikkonsolidaw il-fondi ewlenin tal-UE f'qafas strateġiku uniku għal kull Stat Membru u jagħmlu l-iżborżi dejjem aktar ibbażati fuq il-prestazzjoni; jissottolinja li l-kundizzjonalità tal-istat tad-dritt se tapplika għal dawn il-pjanijiet,

u tirrikjedi konformità mar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u tippermetti s-sospensjoni jew ir-riallokazzjoni tal-fondi meta jseħħ ksur persistenti tal-istat tad-dritt jew tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, inkluż permezz ta' appoġġ dirett għad-demokrazija, is-soċjetà ċivili u l-programmi kontra l-korruzzjoni;

Or. en

Emenda 621
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32g. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tivvaluta r-riżorsi umani meħtieġa biex tapplika b'mod konsistenti u effettiv ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità, u tiċċara x'jikkostitwixxi rabta diretta biżżejjed bejn il-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt u l-interess finanzjarju tal-UE, kif ukoll tistabbilixxi kriterji għall-valutazzjoni tal-effettività tal-miżuri baġitarji u ta' rimedju, kif mitlub mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tidentifika, tivvaluta u tiddokumenta b'mod sistematiku għall-Istati Membri kollha kif l-istat tad-dritt ġie indirizzat skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità; ifakkar li kwalunkwe proposta biex jitneħħew il-miżuri baġitarji għandha tkun ibbażata fuq informazzjoni solida, komprensiva u aġġornata;

Or. en

Emenda 622

Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Sophie Wilmès

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jirrikonoxxi li ġiet inkluża dimensjoni tas-suq uniku fir-rapport dwar l-istat tad-dritt biex jiġu indirizzati kwistjonijiet tal-istat tad-dritt li jaffettwaw l-ambjent ekonomiku ġenerali, il-kumpaniji u l-ħaddiema, bl-għan li jiġi żgurat li d-drittijiet jiġu difiżi, il-korruzzjoni tiġi kkastigata, u l-kuntratti jiġu infurzati; jisħaq li sistema tal-ġustizzja li tiffunzjona, qafas b'saħħtu kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu tal-media, u l-kontrokontrolli adegwati kollha għandhom impatt ekonomiku u jinfluwenzaw il-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku; jipproponi li fil-valutazzjoni tagħha l-Kummissjoni tinvolvi saħansitra aktar lill-partijiet ikkonċernati u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi t-trade unions;	33. Jirrikonoxxi li ġiet inkluża dimensjoni tas-suq uniku fir-rapport dwar l-istat tad-dritt biex jiġu indirizzati kwistjonijiet tal-istat tad-dritt li jaffettwaw l-ambjent ekonomiku ġenerali, il-kumpaniji u l-ħaddiema, bl-għan li jiġi żgurat li d-drittijiet jiġu difiżi, il-korruzzjoni tiġi kkastigata, u l-kuntratti jiġu infurzati***; jinnota li l-inċertezza legali, it-teħid ta' deċiżjonijiet amministrattivi arbitrarji u l-protezzjoni ġudizzjarja inkonsistenti jimminaw il-prevedibbiltà ekonomika u jaffettwaw il-kapaċità tal-kumpaniji li joperaw fis-suq intern, kif enfasizzat mill-partijiet ikkonċernati tan-negozju kkonsultati għar-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt***; jisħaq li sistema tal-ġustizzja li tiffunzjona, qafas b'saħħtu kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu tal-media, u l-kontrokontrolli adegwati kollha għandhom impatt ekonomiku u jinfluwenzaw il-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku; jipproponi li fil-valutazzjoni tagħha l-Kummissjoni tinvolvi saħansitra aktar lill-partijiet ikkonċernati u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi t-trade unions***, l-assoċjazzjonijiet ġudizzjarji, l-organizzazzjonijiet tal-ġurnalisti, l-assoċjazzjonijiet tal-avukati u gruppi professjonali oħra li l-għarfien espert tagħhom huwa essenzjali għall-identifikazzjoni bikrija tar-riskji sistemiċi tal-istat tad-dritt***; ***jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tagħmel sforzi mmirati biex tqajjem sensibilizzazzjoni dwar ir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u tħeġġeġ kontributi minn dawn l-atturi fl-Istati Membri kollha;***

Or. en

Emenda 623
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. ***Jirrikonoxxi*** li ġiet inkluża dimensjoni tas-suq uniku fir-rapport dwar l-istat tad-dritt biex jiġu indirizzati kwistjonijiet tal-istat tad-dritt li jaffettwaw l-ambjent ekonomiku ġenerali, il-kumpaniji u l-ħaddiema, bl-għan li jiġi żgurat li d-drittijiet jiġu difiżi, il-korruzzjoni tiġi kkastigata, u l-kuntratti jiġu infurzati; jisħaq li sistema tal-ġustizzja li tiffunzjona, qafas b'saħħtu kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu tal-media, u l-kontrokontrolli adegwati kollha għandhom impatt ekonomiku u jinfluwenzaw il-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku; jipproponi li fil-valutazzjoni tagħha l-Kummissjoni tinvolvi saħansitra aktar lill-partijiet ikkonċernati u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi t-trade unions;	33. ***Jilqa' l-fatt*** li ġiet inkluża dimensjoni tas-suq uniku fir-rapport dwar l-istat tad-dritt biex jiġu indirizzati kwistjonijiet tal-istat tad-dritt li jaffettwaw l-ambjent ekonomiku ġenerali, il-kumpaniji u l-ħaddiema, bl-għan li jiġi żgurat li d-drittijiet jiġu difiżi, il-korruzzjoni tiġi kkastigata, u l-kuntratti jiġu infurzati; jisħaq li sistema tal-ġustizzja li tiffunzjona, qafas b'saħħtu kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu tal-media, u l-kontrokontrolli adegwati kollha għandhom impatt ekonomiku u jinfluwenzaw il-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku; ***jissottolinja li l-eżami trażversali l-ġdid dwar il-kompetittività jirrifletti r-rabta essenzjali bejn l-istat tad-dritt u klima tan-negozju stabbli, prevedibbli u sigura, peress li ċ-ċertezza legali, ir-regoli tal-akkwist ġusti u trasparenti, il-miżuri effettivi kontra l-korruzzjoni, il-libertà tal-media u s-setgħat ibbilanċjati huma xprunaturi ewlenin tal-kompetittività u ta' suq uniku li jiffunzjona tajjeb;*** jipproponi li fil-valutazzjoni tagħha l-Kummissjoni tinvolvi saħansitra aktar lill-partijiet ikkonċernati u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi t-trade unions;

Or. en

Emenda 624
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský, Javier Zarzalejos

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. ***Jirrikonoxxi*** li ġiet inkluża dimensjoni tas-suq uniku fir-rapport dwar l-istat tad-dritt ***biex jiġu indirizzati kwistjonijiet tal-istat tad-dritt li jaffettwaw l-ambjent*** ekonomiku ġenerali, ***il-kumpaniji u l-ħaddiema, bl-għan li jiġi żgurat li d-drittijiet jiġu difiżi, il-korruzzjoni tiġi kkastigata, u l-kuntratti jiġu infurzati***; jisħaq li sistema tal-ġustizzja li tiffunzjona, qafas b'saħħtu kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu tal-media, ***u l-kontrokontrolli adegwati*** kollha għandhom impatt ekonomiku u ***jinfluwenzaw il-funzjonament*** bla xkiel tas-suq uniku; ***jipproponi li fil-valutazzjoni tagħha l-Kummissjoni tinvolvi saħansitra aktar lill-partijiet*** ikkonċernati ***u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***, inklużi t-trade unions;	33. ***Jilqa' l-fatt*** li ġiet inkluża dimensjoni tas-suq uniku fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt ***li timmarka żvilupp pożittiv ħafna li jirrikonoxxi r-rabta mill-qrib bejn l-istandards tal-istat tad-dritt u s-saħħa ġenerali tal-ambjent*** ekonomiku ġenerali***; jenfasizza li dan l-approċċ jgħin biex jiġu identifikati l-ostakli strutturali li jaffettwaw lill-kumpaniji***, ***lill-ħaddiema u lill-attività ekonomika transfruntiera, u b'hekk jikkontribwixxi għal klima tan-negozju aktar prevedibbli, trasparenti u ġusta madwar l-Unjoni***; jisħaq li sistema tal-ġustizzja li tiffunzjona, qafas b'saħħtu kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu tal-media, ***u kontrokontrolli effettivi*** kollha għandhom impatt ekonomiku ***dirett*** u ***huma indispensabbli għall-funzjonament*** bla xkiel tas-suq uniku; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli ssaħħaħ din id-dimensjoni u tapprofondixxi l-involviment tal-partijiet*** ikkonċernati, inklużi t-trade unions***, f'valutazzjonijiet futuri***;

Or. en

Emenda 625
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jirrikonoxxi li ġiet inkluża dimensjoni tas-suq uniku fir-rapport dwar l-istat tad-dritt biex jiġu indirizzati kwistjonijiet tal-istat tad-dritt li jaffettwaw l-ambjent ekonomiku ġenerali***, il-kumpaniji u l-ħaddiema,*** bl-għan li jiġi żgurat li d-drittijiet jiġu difiżi, il-korruzzjoni tiġi kkastigata, u l-kuntratti jiġu infurzati; jisħaq li sistema tal-ġustizzja li tiffunzjona, qafas b'saħħtu kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu tal-media, u l-	33. Jirrikonoxxi li ġiet inkluża dimensjoni tas-suq uniku fir-rapport dwar l-istat tad-dritt biex jiġu indirizzati kwistjonijiet tal-istat tad-dritt li jaffettwaw l-ambjent ekonomiku ġenerali bl-għan li jiġi żgurat li d-drittijiet jiġu difiżi, il-korruzzjoni tiġi kkastigata, u l-kuntratti jiġu infurzati; jisħaq li sistema tal-ġustizzja li tiffunzjona, qafas b'saħħtu kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu tal-media, u l-kontrokontrolli adegwati kollha għandhom

kontrokontrolli adegwati kollha għandhom impatt ekonomiku u jinfluwenzaw il-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku; ***jippproponi li fil-valutazzjoni tagħha l-Kummissjoni tinvolvi saħansitra aktar lill-partijiet ikkonċernati u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi t-trade unions;***	impatt ekonomiku u jinfluwenzaw il-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku;

Or. fi

Emenda 626
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jirrikonoxxi li ġiet inkluża dimensjoni tas-suq uniku fir-rapport dwar l-istat tad-dritt biex jiġu indirizzati kwistjonijiet tal-istat tad-dritt li jaffettwaw l-ambjent ekonomiku ġenerali, il-kumpaniji u l-ħaddiema, bl-għan li jiġi żgurat li d-drittijiet jiġu difiżi, il-korruzzjoni tiġi kkastigata, u l-kuntratti jiġu infurzati; jisħaq li sistema tal-ġustizzja li tiffunzjona, qafas b'saħħtu kontra l-korruzzjoni***, il-pluraliżmu*** tal-media, ***u l-kontrokontrolli adegwati kollha*** għandhom impatt ekonomiku u jinfluwenzaw il-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku; ***jippproponi li fil-valutazzjoni tagħha l-Kummissjoni tinvolvi saħansitra aktar lill-partijiet ikkonċernati u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi t-trade unions;***	33. Jirrikonoxxi li ġiet inkluża dimensjoni tas-suq uniku fir-rapport dwar l-istat tad-dritt biex jiġu indirizzati kwistjonijiet tal-istat tad-dritt li jaffettwaw l-ambjent ekonomiku ġenerali, il-kumpaniji u l-ħaddiema, bl-għan li jiġi żgurat li d-drittijiet jiġu difiżi, il-korruzzjoni tiġi kkastigata, u l-kuntratti jiġu infurzati; jisħaq li sistema tal-ġustizzja li tiffunzjona, qafas b'saħħtu kontra l-korruzzjoni ***u l-pluraliżmu*** tal-media, ***kif ukoll il-protezzjoni tal-libertà tal-espressjoni u l-aċċess għall-informazzjoni,*** għandhom impatt ekonomiku u jinfluwenzaw il-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku;

Or. en

Emenda 627
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. ***Jirrikonoxxi*** li ġiet inkluża dimensjoni tas-suq uniku fir-rapport dwar l-istat tad-dritt biex jiġu indirizzati kwistjonijiet tal-istat tad-dritt li jaffettwaw l-ambjent ekonomiku ġenerali, il-kumpaniji u l-ħaddiema, bl-għan li jiġi żgurat li d-drittijiet jiġu difiżi, il-korruzzjoni tiġi kkastigata, u l-kuntratti jiġu infurzati; ***jisħaq*** li sistema tal-ġustizzja li tiffunzjona, qafas b'saħħtu kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu tal-media, u l-kontrokontrolli adegwati kollha ***għandhom*** impatt ekonomiku u jinfluwenzaw il-funzjonament ***bla xkiel*** tas-suq uniku; ***jipproponi li*** fil-valutazzjoni tagħha ***l-Kummissjoni tinvolvi saħansitra aktar lill-partijiet ikkonċernati u lill-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili***, inklużi t-trade unions***;	33. ***Jinnota*** li ġiet inkluża dimensjoni tas-suq uniku fir-rapport dwar l-istat tad-dritt biex jiġu indirizzati kwistjonijiet tal-istat tad-dritt li jaffettwaw l-ambjent ekonomiku ġenerali, il-kumpaniji u l-ħaddiema, bl-għan li jiġi żgurat li d-drittijiet jiġu difiżi, il-korruzzjoni tiġi kkastigata, u l-kuntratti jiġu infurzati; ***iqis*** li sistema tal-ġustizzja li tiffunzjona, qafas b'saħħtu kontra l-korruzzjoni, il-pluraliżmu tal-media, u l-kontrokontrolli adegwati kollha ***jista' jkollhom*** impatt ekonomiku u jinfluwenzaw ***ukoll*** il-funzjonament tas-suq uniku; ***jistieden lill-Kummissjoni,*** fil-valutazzjoni tagħha***, ma tiffavorix il-fehmiet tal-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili ***fuq id-dikjarazzjonijiet tar-rappreżentanti tal-Istat uffiċjali, iżda tittratta l-kontributi kollha b'mod ugwali***;

Or. sk

Emenda 628
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	33a. Jesprimi dispjaċir, madankollu, għall-fatt li l-ebda rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż ma tindirizza direttament din id-dimensjoni trażversali ġdida, minkejja l-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet f'diversi Stati Membri, inkluż fir-rigward tal-ugwaljanza u l-ġustizzja fl-akkwist pubbliku; jisħaq li approċċ trażversali ma għandux jirriżulta f'dilwizzjoni eċċessiva tar-

responsabbiltajiet jew tal-viżibbiltà, u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li n-nuqqasijiet identifikati f'din id-dimensjoni jiġu riflessi b'mod adegwat f'rakkomandazzjonijiet konkreti u mmirati;

Or. en

Emenda 629
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Juan Fernando López Aguilar, Sophie Wilmès, Klára Dobrev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	33a. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel sforz akbar u talloka aktar riżorsi fil-komunikazzjoni tas-sejbiet tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt f'kull Stat Membru, inkluż permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni fost il-parlamenti nazzjonali, l-awtoritajiet lokali, il-media, l-assoċjazzjonijiet professjonali u s-soċjetà ċivili; jisħaq li komunikazzjoni trasparenti u aċċessibbli hija essenzjali għat-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, il-ġlieda kontra l-miżinformazzjoni u l-bini ta' fehim kondiviż tal-isfidi tal-istat tad-dritt madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 630
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	33a. Jilqa' r-rikonoxximent tal-Kummissjoni li r-rispett għall-istat tad-

dritt huwa prerekwiżit għal ambjent ta' investiment stabbli u affidabbli; jissottolinja li oqfsa legali prevedibbli, qrati imparzjali u mekkaniżmi ta' infurzar effettivi jsaħħu l-fiduċja tal-investituri u jikkontribwixxu għal tkabbir ekonomiku sostenibbli fis-suq uniku kollu;

Or. en

Emenda 631
Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	33a. Jenfasizza l-importanza li l-inugwaljanza ekonomika u l-esklużjoni soċjali jiġu indirizzati bħala theddid għall-parteċipazzjoni demokratika u l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 632
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	33b. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ l-użu tal-Kummissjoni ta' analiżi mmexxija mid-data meta jiġi vvalutat kif il-kundizzjonijiet tal-istat tad-dritt jaffettwaw is-suq uniku; jinnota li indikaturi robusti u komparabbli dwar l-effiċjenza ġudizzjarja, ir-riskji ta' korruzzjoni, il-prestazzjoni amministrattiva u l-istabbiltà regolatorja huma essenzjali għall-identifikazzjoni ta' dgħufijiet strutturali li jfixklu l-attività

	ekonomika; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa metodoloġiji bbażati fuq l-evidenza u tespandi d-disponibbiltà ta' settijiet ta' data ta' kwalità għolja biex ittejjeb il-profondità analitika u r-rilevanza politika tar-Rapporti futuri dwar l-Istat tad-Dritt;

Or. en

Emenda 633
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jemmen li l-integrazzjoni tad-dimensjoni tas-suq uniku għandha tikkomplementa, pjuttost milli tinjora, oqsma fundamentali bħall-ispazju ċiviku, il-konformità mad-drittijiet fundamentali u l-libertà tal-media, li għandhom jiġu rikonoxxuti bħala pilastri ewlenin fir-rapport;	***imħassar***

Or. en

Emenda 634
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jemmen li l-integrazzjoni tad-dimensjoni tas-suq uniku għandha tikkomplementa, pjuttost milli tinjora, oqsma fundamentali bħall-ispazju ċiviku, il-konformità mad-drittijiet fundamentali u l-libertà tal-media, li għandhom jiġu rikonoxxuti bħala pilastri ewlenin fir-	34. Jemmen li l-integrazzjoni tad-dimensjoni tas-suq uniku għandha tikkomplementa, pjuttost milli tinjora, oqsma fundamentali bħall-ispazju ċiviku, il-konformità mad-drittijiet fundamentali u l-libertà tal-media, li għandhom jiġu rikonoxxuti bħala pilastri ewlenin fir-

rapport;	rapport; ***jilqa', fl-istess ħin, ir-rikonoxximent tal-interdipendenza qawwija bejn il-libertajiet ekonomiċi, il-funzjonament tas-suq u r-rispett għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u jissottolinja li approċċ olistiku huwa essenzjali biex jiġu żgurati kemm suq uniku li jiffunzjona tajjeb kif ukoll sistema demokratika reżiljenti;***

Or. en

Emenda 635
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jemmen li l-integrazzjoni tad-dimensjoni tas-suq uniku għandha tikkomplementa***, pjuttost milli tinjora,*** oqsma fundamentali ***bħall-ispazju ċiviku, il-konformità mad-drittijiet fundamentali u l-libertà tal-media, li għandhom jiġu rikonoxxuti bħala pilastri ewlenin*** fir-rapport;	34. Jemmen li l-integrazzjoni tad-dimensjoni tas-suq uniku għandha tikkomplementa oqsma fundamentali ***bħall-pilastri ugwali*** fir-rapport;

Or. sk

Emenda 636
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jemmen li l-integrazzjoni tad-dimensjoni tas-suq uniku għandha tikkomplementa, pjuttost milli tinjora, oqsma fundamentali bħall-ispazju ċiviku, il-konformità mad-drittijiet fundamentali u	34. Jemmen li l-integrazzjoni tad-dimensjoni tas-suq uniku għandha tikkomplementa, pjuttost milli tinjora, oqsma fundamentali bħall-ispazju ċiviku, il-konformità mad-drittijiet fundamentali u

l-libertà tal-media, li għandhom jiġu rikonoxxuti bħala pilastri ewlenin fir-rapport;	l-libertà tal-media, ***kif ukoll il-protezzjoni tal-libertà tal-espressjoni u l-aċċess għall-informazzjoni,*** li għandhom jiġu rikonoxxuti bħala pilastri ewlenin fir-rapport;

Or. en

Emenda 637
Nikola Minchev, Moritz Körner, Malik Azmani, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	34a. Jistieden lill-Kummissjoni, meta tivvaluta d-dimensjoni tas-suq uniku fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, u lill-Istati Membri, tindirizza d-distorsjonijiet strutturali fl-akkwist pubbliku u fl-użu tal-fondi tal-UE u dawk nazzjonali, b'mod partikolari f'reġjuni ifqar fejn id-dipendenza mill-kuntratti pubbliċi u l-kompetizzjoni dgħajfa jiffaċilitaw il-klijenteliżmu u l-koerċizzjoni tal-votanti; jissottolinja li infurzar konsistenti tar-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni, l-għajnuna mill-Istat u l-akkwist pubbliku, flimkien ma' appoġġ għal ekonomija lokali aktar diversifikata u aċċess ġust għall-finanzjament, huwa meħtieġ biex jinħoloq ċirku virtuż li fih is-swieq miftuħa u kompetittivi jirfdu l-istat tad-dritt, jillimitaw il-possibbiltajiet għall-klijenteliżmu u l-koerċizzjoni tal-votanti u jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi reġjonali;

Or. en

Emenda 638
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	34a. Iqis li, filwaqt li t-trattament tażversali tagħha huwa xieraq u għandu jinżamm, din id-dimensjoni trid madankollu tiġi inkorporata bis-sħiħ f'kull pilastru tar-rapporti futuri; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa indikaturi ċari ta' "distorsjonijiet tal-kompetizzjoni relatati mal-istat tad-dritt", inkluża durata eċċessiva tal-każ fil-qrati kummerċjali u amministrattivi, livell baxx ta' indipendenza ġudizzjarja perċepita persistenti, reklamar mill-Istat mhux trasparenti u nuqqas ta' prosekuzzjonijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, u tirrifletti dawn l-indikaturi b'mod sistematiku fis-Semestru Ewropew u fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;

Or. en

Emenda 639
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	34b. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika, fil-kapitoli tal-pajjiżi tagħha, dawk l-Istati Membri fejn id-dewmien ġudizzjarju, l-infurzar dgħajjef tal-kuntratti, jew il-korruzzjoni sistemika joħolqu ostakli nontariffarji effettivi għall-kumpaniji minn Stati Membri oħra, u tqabbel il-progress ma' dawk bl-aħjar prestazzjoni fl-Unjoni; jisħaq li dan l-isem irid ikun ibbażat fuq data u metodoloġiji trasparenti u għandu jorbot b'mod espliċitu n-nuqqasijiet tal-istat tad-dritt

mal-investiment mitluf, l-kostijiet ogħla tat-tranżazzjonijiet u t-tnaqqis fil-parteċipazzjoni tal-SMEs fis-suq uniku;

Or. en

Emenda 640
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Itenni li l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE jridu jiġu rispettati mhux biss mill-Istati Membri attwali iżda wkoll ***mill-membri futuri tal-UE*** matul il-proċess ta' adeżjoni; ***iħeġġeġ*** evalwazzjoni ***mill-qrib*** tal-istat tad-dritt fil-pajjiżi kollha ***fi*** proċess ta' adeżjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi rakkomandazzjonijiet konkreti lill-pajjiżi tal-adeżjoni dwar ***is-sitwazzjoni tal-istat*** tad-dritt***, u tiżgura l-allinjament mar-rapport*** dwar it-tkabbir;	35. Itenni li l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE jridu jiġu rispettati ***bis-sħiħ u b'mod inekwivoku*** mhux biss mill-Istati Membri attwali iżda wkoll ***mill-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali*** matul il-proċess ta' adeżjoni ***kollu***; ***jisħaq li l-fażi tal-adeżjoni hija mument deċiżiv u mhux negozjabbli biex jiġi żgurat li jiġu stabbiliti b'mod sod pedamenti sodi, irriversibbli u sostenibbli għall-protezzjoni tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet fundamentali u tal-istandards demokratiċi; jappella għal*** evalwazzjoni ***rigoruża, kontinwa u fil-fond*** tal-istat tad-dritt fil-pajjiżi kollha ***li għaddejjin minn*** proċess ta' adeżjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi rakkomandazzjonijiet ***ċari,*** konkreti ***u li jistgħu jitkejlu*** lill-pajjiżi tal-adeżjoni dwar ***in-nuqqasijiet u l-progress relatati mal-istat*** tad-dritt***, u jinsisti fuq konsistenza sħiħa, komplementarjetà u tisħiħ reċiproku bejn ir-Rapport dwar l-Istat*** tad-Dritt ***u r-Rapport*** dwar it-Tkabbir***, sabiex jiġu evitati valutazzjonijiet diverġenti u tiġi żgurata politika tat-tkabbir koerenti u kredibbli***;

Or. en

Emenda 641
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Itenni li l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE jridu jiġu rispettati mhux biss mill-Istati Membri attwali iżda wkoll mill-membri futuri ***tal-UE*** matul ***il-proċess*** ta' adeżjoni; iħeġġeġ evalwazzjoni mill-qrib tal-istat tad-dritt fil-pajjiżi kollha fi proċess ta' adeżjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi rakkomandazzjonijiet konkreti lill-pajjiżi tal-adeżjoni dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt, u tiżgura l-allinjament mar-rapport dwar it-tkabbir;	35. Itenni li l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE jridu jiġu rispettati mhux biss mill-Istati Membri attwali iżda wkoll mill-membri futuri matul ***il-proċessi*** ta' adeżjoni; iħeġġeġ evalwazzjoni mill-qrib tal-istat tad-dritt fil-pajjiżi kollha fi proċess ta' adeżjoni; ***jenfasizza li l-konsolidazzjoni tal-istrutturi demokratiċi, ir-rispett tal-istat tad-dritt, u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali huma fil-qalba tal-proċess tat-tkabbir, bħala parti mill-elementi fundamentali għall-adeżjoni mal-UE; jinnota li għad hemm kwistjonijiet sinifikanti relatati mal-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali tal-minoranzi nazzjonali fil-pajjiżi kandidati***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi rakkomandazzjonijiet konkreti lill-pajjiżi tal-adeżjoni dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt, u tiżgura l-allinjament mar-rapport dwar it-tkabbir;

Or. en

Emenda 642
Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Itenni li l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE jridu jiġu rispettati mhux biss mill-Istati Membri attwali iżda wkoll mill-membri futuri ***tal-UE*** matul ***il-proċess*** ta' adeżjoni; ***iħeġġeġ*** evalwazzjoni ***mill-qrib*** tal-istat tad-dritt fil-pajjiżi kollha ***fi proċess ta' adeżjoni; iħeġġeġ*** lill-	35. Itenni li l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE jridu jiġu rispettati ***bis-sħiħ*** mhux biss mill-Istati Membri attwali iżda wkoll mill-membri futuri ***tal-Unjoni*** matul ***l-istadji kollha tal-proċess*** ta' adeżjoni; ***jissottolinja l-ħtieġa ta'*** evalwazzjoni ***sistematika u stretta*** tal-istat

Kummissjoni ***tipprovdi*** rakkomandazzjonijiet ***konkreti*** lill-pajjiżi ***tal-adeżjoni*** dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt, u tiżgura l-allinjament mar-rapport dwar it-tkabbir;	tad-dritt fil-pajjiżi kollha ***li jiehdħu sehem fin-negozjati; jistieden*** lill-Kummissjoni ***tifformula*** rakkomandazzjonijiet ***ċari u vinkolanti*** lill-pajjiżi ***kandidati u dawk kandidati potenzjali*** dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt, u tiżgura l-allinjament ***shih*** mar-rapport dwar it-tkabbir;
	Or. el

Emenda 643
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Itenni li l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE jridu jiġu rispettati mhux biss mill-Istati Membri attwali iżda wkoll ***mill-membri futuri*** tal-UE matul il-proċess ta' adeżjoni; iħeġġeġ evalwazzjoni mill-qrib tal-istat tad-dritt fil-pajjiżi kollha fi proċess ta' adeżjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi rakkomandazzjonijiet konkreti lill-pajjiżi tal-adeżjoni dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt, u tiżgura l-allinjament mar-rapport dwar it-tkabbir;	35. Itenni li l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE jridu jiġu rispettati mhux biss mill-Istati Membri attwali iżda wkoll ***mill-pajjiżi kandidati*** tal-UE matul il-proċess ta' adeżjoni; iħeġġeġ evalwazzjoni mill-qrib tal-istat tad-dritt fil-pajjiżi kollha fi proċess ta' adeżjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi rakkomandazzjonijiet konkreti lill-pajjiżi tal-adeżjoni dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt, u tiżgura l-allinjament mar-rapport dwar it-tkabbir;
	Or. fi

Emenda 644
Céline Imart, Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	35a. Jissottolinja li l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE jridu jiġu rrispettati wkoll meta l-fondi tal-Unjoni jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pajjiżi terzi

assoċjati mal-programmi tal-Unjoni; ifakkar li l-protezzjoni ta' dawn il-valuri hija essenzjali biex tiġi żgurata ġestjoni finanzjarja koerenti u tajba tan-nefqa kollha tal-Unjoni, kemm jekk titwettaq fl-Unjoni kif ukoll jekk fil-qafas ta' kooperazzjoni ma' sħab assoċjati;

Or. fr

Emenda 645
Nikola Minchev, Moritz Körner, Malik Azmani, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
It-titjib ***tal-proċess ta' rapportar*** tal-Kummissjoni	It-titjib ***tal-metodoloġija, il-konċepiment, il-kwalità tal-kontenut u l-istruttura tar-Rapport*** tal-Kummissjoni ***dwar l-Istat tad-Dritt***

Or. en

Emenda 646
Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	35a. Jirrikonoxxi li r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt sar aktar komprensiv sa mill-bidu tiegħu fl-2020; jiddeplora, madankollu, il-fatt li l-elementi essenzjali mir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament għadhom ma ġewx implimentati u li l-Kummissjoni ma indirizzatx bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Parlament fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu; iqis li dawn ir-rakkomandazzjonijiet għadhom validi u

jerġa' jtennihom; jitlob li jiġu inklużi fir-rapport annwali elementi importanti nieqsa tal-lista ta' kontroll tal-istat tad-dritt tal-Kummissjoni ta' Venezja, bħall-prevenzjoni tal-abbuż ta' poteri, l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi u n-nondiskriminazzjoni; itenni l-pożizzjoni tiegħu li r-rapport għandu jkopri l-ambitu sħiħ tal-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE, peress li dawn ma jistgħux jitqiesu waħedhom; jitlob lill-Kummissjoni tesplora l-ħruġ potenzjali, madwar l-istess ħin, tar-rapporti kollha relatati mal-istat tad-dritt jew mad-drittijiet fundamentali, bħar-rapporti annwali dwar il-konformità mal-Karta jew ir-rapport mill-FRA, sabiex ikun jista' jsir dibattitu simultanju dwar dawn il-kwistjonijiet; itenni l-ħtieġa ta' eżerċizzju simili dwar id-demokrazija;

Or. en

Emenda 647
Nikola Minchev, Moritz Körner, Sophie Wilmès, Malik Azmani, Irena Joveva

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	35a. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex ittejjeb il-metodoloġija tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt; jistieden lill-Kummissjoni, f'edizzjonijiet futuri, tiddefinixxi u tippubblika punti ta' riferiment u indikaturi ċari u operazzjonali taħt kull pilastru, u tapplikahom b'mod konsistenti u trasparenti fl-Istati Membri kollha, b'mod li jippermetti tqabbil sinifikattiv u jipprovdi ċarezza dwar l-istandards li qed jiġu applikati;

Or. en

Emenda 648
Nikola Minchev, Moritz Körner, Irena Joveva, Malik Azmani

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	35b. Iqis li, fir-rigward tal-pilastru tas-sistemi ġudizzjarji, il-punti ta' riferiment għandhom jinkludu kriterji dwar il-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-kunsilli ġudizzjarji, inkluż rekwiżit li l-maġġoranza tal-membri jkunu mħallfin eletti mill-pari tagħhom; jisħaq li dawn għandhom jipprovdu kriterji oġġettivi u trasparenti għall-ħatra, il-promozzjoni u d-dixxiplinar tal-imħallfin u l-prosekuturi; jissottolinja li dawn għandhom jinkludu salvagwardji biex jipprevjenu lill-korpi kostituzzjonali jew ġudizzjarji ewlenin milli joperaw għal perjodi twal b'mandati skaduti, ħlief f'kundizzjonijiet definiti b'mod strett u limitati fiż-żmien stabbiliti mil-liġi;

Or. en

Emenda 649
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jistieden lill-Kummissjoni tkun aktar trasparenti dwar il-kriterji li tuża biex tagħżel l-informazzjoni mis-soċjetà ċivili, il-korpi internazzjonali, l-awtoritajiet nazzjonali, u partijiet ikkonċernati oħra fil-proċess tar-rappurtar; jinnota li l-proċess ta' konsultazzjoni jista' jissaħħaħ billi jiġi żgurat segwitu xieraq mal-atturi tas-soċjetà ċivili dwar il-kontribut li jipprovdu, u jinsisti li l-proċess ta' rapportar għandu	36. Jistieden lill-Kummissjoni tkun aktar trasparenti dwar il-kriterji li tuża biex tagħżel l-informazzjoni mis-soċjetà ċivili, il-korpi internazzjonali, l-awtoritajiet nazzjonali, u partijiet ikkonċernati oħra fil-proċess tar-rappurtar; jinnota li l-proċess ta' konsultazzjoni jista' jissaħħaħ billi jiġi żgurat segwitu xieraq mal-atturi tas-soċjetà ċivili dwar il-kontribut li jipprovdu, u jinsisti li l-proċess ta' rapportar għandu

jkun ibbażat fuq l-evidenza, trasparenti u mhux partiġġjan;	jkun ibbażat fuq l-evidenza, trasparenti u mhux partiġġjan; ***jitlob li l-Kummissjoni tipprovdi l-ismijiet tal-individwi li jaħdmu fuq rapporti individwali, biex jiġu żgurati t-trasparenza u valutazzjoni tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni;***

Or. pl

Emenda 650
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jistieden lill-Kummissjoni tkun aktar trasparenti dwar il-kriterji li tuża biex tagħżel l-informazzjoni mis-soċjetà ċivili, il-korpi internazzjonali, l-awtoritajiet nazzjonali, u partijiet ikkonċernati oħra fil-proċess tar-rappurtar; ***jinnota li l-proċess ta' konsultazzjoni jista' jissaħħaħ billi jiġi żgurat segwitu xieraq mal-atturi tas-soċjetà ċivili dwar il-kontribut li jipprovdu, u*** jinsisti li l-proċess ta' rapportar għandu jkun ibbażat fuq l-evidenza, trasparenti u mhux partiġġjan;	36. Jistieden lill-Kummissjoni tkun aktar trasparenti dwar il-kriterji li tuża biex tagħżel l-informazzjoni mis-soċjetà ċivili, il-korpi internazzjonali, l-awtoritajiet nazzjonali, u partijiet ikkonċernati oħra fil-proċess tar-rappurtar; jinsisti li l-proċess ta' rapportar għandu jkun ibbażat fuq l-evidenza, trasparenti u mhux partiġġjan;

Or. fi

Emenda 651
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jistieden lill-Kummissjoni tkun aktar trasparenti dwar il-kriterji li tuża biex tagħżel l-informazzjoni ***mis-soċjetà ċivili, il-korpi internazzjonali, l-awtoritajiet nazzjonali, u partijiet ikkonċernati oħra***	36. Jistieden lill-Kummissjoni tkun aktar trasparenti dwar il-kriterji li tuża biex tagħżel l-informazzjoni ***użata*** fil-proċess tar-rappurtar; jinnota li l-proċess ta' konsultazzjoni jista' jissaħħaħ billi jiġi

fil-proċess tar-rappurtar; jinnota li l-proċess ta' konsultazzjoni jista' jissaħħaħ billi jiġi żgurat segwitu xieraq ***mal-atturi tas-soċjetà ċivili*** dwar il-kontribut li jipprovdu, u jinsisti li l-proċess ta' rapportar għandu jkun ibbażat fuq l-evidenza, trasparenti u mhux partiġġjan;

żgurat segwitu xieraq dwar il-kontribut li jipprovdu, u jinsisti li l-proċess ta' rapportar għandu jkun ibbażat fuq l-evidenza, trasparenti u mhux partiġġjan;

Or. sk

Emenda 652
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jistieden lill-Kummissjoni tkun aktar trasparenti dwar il-kriterji li tuża biex tagħżel l-informazzjoni mis-soċjetà ċivili, il-korpi internazzjonali, l-awtoritajiet nazzjonali, u partijiet ikkonċernati oħra fil-proċess tar-rapportar; ***jinnota li l-proċess ta' konsultazzjoni jista' jissaħħaħ billi jiġi żgurat segwitu xieraq mal-atturi tas-soċjetà ċivili dwar il-kontribut li jipprovdu,*** u jinsisti li l-proċess ta' rapportar għandu jkun ibbażat fuq l-evidenza, trasparenti u mhux partiġġjan;	36. Jistieden lill-Kummissjoni tkun aktar trasparenti dwar il-kriterji li tuża biex tagħżel l-informazzjoni mis-soċjetà ċivili, il-korpi internazzjonali, l-awtoritajiet nazzjonali, u partijiet ikkonċernati oħra fil-proċess tar-rapportar; u jinsisti li l-proċess ta' rapportar għandu jkun ibbażat fuq l-evidenza, trasparenti u mhux partiġġjan;

Or. en

Emenda 653
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jistieden lill-Kummissjoni tkun aktar trasparenti dwar il-kriterji li tuża biex	36. Jistieden lill-Kummissjoni tkun aktar trasparenti dwar il-kriterji li tuża biex

tagħżel l-informazzjoni mis-soċjetà ċivili, il-korpi internazzjonali, l-awtoritajiet nazzjonali, u partijiet ikkonċernati oħra fil-proċess tar-rapportar; jinnota li ***l-proċess ta' konsultazzjoni jista' jissaħħaħ billi jiġi żgurat*** segwitu xieraq ***mal-atturi*** tas-soċjetà ċivili dwar ***il-kontribut li jipprovdu,*** u jinsisti li l-proċess ta' rapportar għandu jkun ibbażat fuq l-evidenza, trasparenti u mhux partiġġjan;	tagħżel l-informazzjoni mis-soċjetà ċivili, il-korpi internazzjonali, l-awtoritajiet nazzjonali, u partijiet ikkonċernati oħra fil-proċess tar-rapportar; jinnota ***wkoll*** li ***fil-limiti tar-riżorsi disponibbli, jistgħu jiġu pprovduti feedback u*** segwitu xieraq ***lill-atturi*** tas-soċjetà ċivili dwar ***l-użu li jsir mill-kontributi tagħhom,*** u jinsisti li l-proċess ta' rapportar għandu jkun ibbażat fuq l-evidenza, trasparenti u mhux partiġġjan; u jinsisti li l-proċess ta' rapportar għandu jkun ibbażat fuq l-evidenza, trasparenti u mhux partiġġjan;

Or. en

Emenda 654
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský, Emil Radev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jistieden lill-Kummissjoni tkun aktar trasparenti dwar il-kriterji li tuża biex tagħżel l-informazzjoni mis-soċjetà ċivili, il-korpi internazzjonali, l-awtoritajiet nazzjonali, u partijiet ikkonċernati oħra fil-proċess tar-rapportar; ***jinnota li l-proċess ta' konsultazzjoni jista' jissaħħaħ billi jiġi żgurat segwitu xieraq mal-atturi tas-soċjetà ċivili dwar il-kontribut li jipprovdu,*** u jinsisti li l-proċess ta' rapportar għandu jkun ibbażat fuq l-evidenza, trasparenti u mhux partiġġjan;	36. Jistieden lill-Kummissjoni tkun aktar trasparenti dwar il-kriterji li tuża biex tagħżel l-informazzjoni mis-soċjetà ċivili, il-korpi internazzjonali, l-awtoritajiet nazzjonali, u partijiet ikkonċernati oħra fil-proċess tar-rapportar; ***u jisħaq fuq l-importanza li jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza fil-mod ta' kif din l-informazzjoni tiġi vvalutata u riflessa fil-kapitoli finali tal-pajjiżi;*** u jinsisti li l-proċess ta' rapportar għandu jkun ibbażat fuq l-evidenza, trasparenti u mhux partiġġjan;

Or. en

Emenda 655
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 36 – subparagrafu 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ifakkar fl-Opinjoni reċenti tal-Avukat Ġenerali Ċapeta fil-Kawża C-769/22, li tikkonferma li l-Artikolu 2 tat-TUE jista' jservi bħala bażi legali separata għal proċedimenti ta' ksur fejn in-negazzjoni ta' valur fundamentali tikkostitwixxi l-kawża ewlenija ta' ksur ieħor tad-dritt tal-Unjoni; jissottolinja li s-sentenza li jmiss f'dan il-każ tista' toffri opportunità importanti li l-Kummissjoni għandha taħtaf biex tinvolvi ruħha f'azzjoni ta' ksur aktar sistematika u robusta;

Or. en

Emenda 656
Nikola Minchev, Moritz Körner, Irena Joveva, Malik Azmani

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36a. Iqis li, fir-rigward tal-pilastri l-oħra tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, il-punti ta' riferiment għandhom ikopru wkoll l-indipendenza u l-funzjonament effettiv tal-awtoritajiet indipendenti u regolatorji ewlenin; jisħaq li għandhom jiżguraw proċeduri trasparenti, miftuħa u bbażati fuq il-mertu għall-ħatra u t-tkeċċija tat-tmexxija tagħhom; jissottolinja li dawn għandhom jipprovdu mandati fissi u definiti b'mod ċar, b'salvagwardji kontra terminazzjoni bikrija mhux ġustifikata u kontra sitwazzjonijiet fejn il-karigi jibqgħu vakanti jew jimtlew biss fuq bażi ta' azzjoni għal perjodi twal; jenfasizza li dawn għandhom jiggarantixxu riżorsi finanzjarji u umani adegwati u stabbli, kif ukoll protezzjoni mill-interferenza politika fil-ħidma tagħhom ta' kuljum;

Or. en

Emenda 657
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża lingwaġġ aktar ċar meta tivvaluta l-konformità mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE; jitlob li jkun hemm enfasi aktar qawwija fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, appoġġjati minn mekkaniżmi ta' segwitu u punti ta' riferiment li jistgħu jitkejlu; jipproponi l-istabbiliment ta' mekkaniżmu komprensiv ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt li jinvolvi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, bl-involviment tal-FRA, l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati biex tiġi żgurata konsistenza akbar, u jissuġġerixxi l-ħolqien ta' grupp permanenti għall-monitoraġġ tal-ksur tal-istat tad-dritt mill-Istati Membri;

Or. en

Emenda 658
Loránt Vincze

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36a. Ifakkar li l-protezzjoni tal-minoranzi tifforma parti mill-kriterji ta' adeżjoni ta' Copenhagen; jissottolinja n-

nuqqas ta' garanziji legali fil-livell tal-UE li jiżguraw li l-Istati Membri jirrispettaw l-impenji li saru matul il-proċess ta' adeżjoni rigward il-protezzjoni tal-minoranzi;

Or. en

Emenda 659
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36b. Jinsab imħasseb li d-data tal-ħruġ tar-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt ma twassalx biex tiġġenera biżżejjed viżibbiltà u tmur kontra l-għan maħsub tar-rapport li jiġġenera dibattitu pubbliku ġenwin dwar is-sejbiet tiegħu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra mill-ġdid id-data tal-pubblikazzjoni u tagħmel sforzi addizzjonali biex il-konklużjonijiet tagħha jsiru magħrufa b'mod wiesa' fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 660
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jisħaq li l-Grupp ta' Monitoraġġ tad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali (DRFMG) tal-	***imħassar***

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament bagħat diversi delegazzjonijiet ad hoc f'xi Stati Membri f'dawn l-aħħar snin, u li l-qagħda tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali ġiet ivvalutata li turi nuqqasijiet akbar minn dawk enfasizzati fir-rapporti tal-Kummissjoni; jemmen li l-eżerċizzju ta' monitoraġġ tad-DRFMG għandu jitqies kif xieraq fil-qafas tal-proċedura ta' konsultazzjoni u fl-abbozzar sussegwenti tar-rapport;

Or. en

Emenda 661
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jisħaq li l-Grupp ta' Monitoraġġ tad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali (DRFMG) tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament bagħat diversi delegazzjonijiet ad hoc f'xi Stati Membri f'dawn l-aħħar snin, u li l-qagħda tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali ġiet ivvalutata li turi nuqqasijiet akbar minn dawk enfasizzati fir-rapporti tal-Kummissjoni; jemmen li l-eżerċizzju ta' monitoraġġ tad-DRFMG għandu jitqies kif xieraq fil-qafas tal-proċedura ta' konsultazzjoni u fl-abbozzar sussegwenti tar-rapport;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 662

Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jisħaq li l-Grupp ta' Monitoraġġ tad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali (DRFMG) tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament bagħat diversi delegazzjonijiet ad hoc f'xi Stati Membri f'dawn l-aħħar snin, u li l-qagħda tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali ġiet ivvalutata li turi nuqqasijiet akbar minn dawk enfasizzati fir-rapporti tal-Kummissjoni; jemmen li l-eżerċizzju ta' monitoraġġ tad-DRFMG għandu jitqies kif xieraq fil-qafas tal-proċedura ta' konsultazzjoni u fl-abbozzar sussegwenti tar-rapport;	37. Jisħaq li l-Grupp ta' Monitoraġġ tad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali (DRFMG) tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament bagħat diversi delegazzjonijiet ad hoc f'xi Stati Membri f'dawn l-aħħar snin, u li l-qagħda tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali ġiet ivvalutata li turi nuqqasijiet akbar minn dawk enfasizzati fir-rapporti tal-Kummissjoni; jemmen li l-eżerċizzju ta' monitoraġġ tad-DRFMG għandu jitqies kif xieraq fil-qafas tal-proċedura ta' konsultazzjoni u fl-abbozzar sussegwenti tar-rapport; ***jappella wkoll għal dinamika interistituzzjonali aktar b'saħħitha u aktar strutturata bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, kemm f'termini ta' sustanza kif ukoll ta' proċedura, inkluż permezz ta' skambji regolari, mekkaniżmi ta' feedback trasparenti u l-integrazzjoni f'waqtha tal-valutazzjonijiet parlamentari, bil-ħsieb li jissaħħu l-koerenza, il-kredibbiltà u l-impatt ġenerali tal-qafas ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt tal-Unjoni;***

Or. en

Emenda 663
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Jisħaq li l-Grupp ta' Monitoraġġ	37. ***Jinnota*** li l-Grupp ta' Monitoraġġ

tad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali (DRFMG) tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament bagħat diversi delegazzjonijiet ad hoc ***f'xi*** Stati Membri f'dawn l-aħħar snin, ***u li l-qagħda*** tal-istat tad-dritt***, tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali ġiet ivvalutata li turi nuqqasijiet akbar minn dawk enfasizzati fir-rapporti tal-Kummissjoni***; jemmen li l-eżerċizzju ta' monitoraġġ tad-DRFMG għandu ***jitqies kif xieraq fil-qafas tal-proċedura ta' konsultazzjoni u fl-abbozzar sussegwenti tar-rapport***;	tad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali (DRFMG) tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament bagħat diversi delegazzjonijiet ad hoc ***f'ċerti*** Stati Membri f'dawn l-aħħar snin, ***filwaqt li ma ta l-ebda kas ta' pajjiżi oħra, anke jekk urew indikazzjonijiet ta' ksur possibbli tal-prinċipji*** tal-istat tad-dritt; jemmen li l-eżerċizzju ta' monitoraġġ tad-DRFMG għandu ***japplika ugwalment għall-Istati Membri kollha***;
	Or. sk

Emenda 664
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. ***Jisħaq li l-Grupp*** ta' Monitoraġġ tad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali (DRFMG) tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament ***bagħat diversi delegazzjonijiet ad hoc f'xi Stati Membri f'dawn l-aħħar snin, u li l-qagħda*** tal-istat tad-dritt***, tad-demokrazija u tad-drittijiet*** fundamentali ***ġiet ivvalutata li turi nuqqasijiet*** akbar ***minn dawk enfasizzati fir-rapporti tal-Kummissjoni***; ***jemmen li l-eżerċizzju ta' monitoraġġ tad-DRFMG għandu jitqies kif xieraq fil-qafas tal-proċedura ta' konsultazzjoni u fl-abbozzar sussegwenti tar-rapport;***	37. ***Jilqa' l-ħidma tal-Grupp*** ta' Monitoraġġ tad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali (DRFMG) tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament ***Ewropew fil-monitoraġġ tal-iżviluppi relatati mad-demokrazija, l-istat*** tad-dritt u ***d-drittijiet*** fundamentali***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel użu*** akbar ***mis-sejbiet u l-għarfien espert tal-Grupp meta tħejji Rapporti futuri dwar l-Istat tad-Dritt***;
	Or. en

Emenda 665

Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Itenni l-ħtieġa li jkun involut korp ta' monitoraġġ indipendenti, magħmul minn esperti legali, akkademiċi u tad-drittijiet tal-bniedem indipendenti, fl-abbozzar tar-rapport; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-UE u mal-korpi internazzjonali;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 666
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Itenni l-ħtieġa li jkun involut korp ta' monitoraġġ indipendenti, magħmul minn esperti legali, akkademiċi u tad-drittijiet tal-bniedem indipendenti, fl-abbozzar tar-rapport; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-UE u mal-korpi internazzjonali;	***imħassar***

Or. sk

Emenda 667
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

38. Itenni l-ħtieġa li jkun involut korp ta' monitoraġġ indipendenti, magħmul minn esperti legali, akkademiċi u tad-drittijiet tal-bniedem indipendenti, fl-abbozzar tar-rapport; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-UE u mal-korpi internazzjonali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 668
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Itenni l-ħtieġa li jkun involut korp ta' monitoraġġ indipendenti, magħmul minn esperti legali, akkademiċi u tad-drittijiet tal-bniedem indipendenti, fl-abbozzar tar-rapport; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-UE u mal-korpi internazzjonali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 669
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Itenni l-ħtieġa li jkun involut korp ta' monitoraġġ indipendenti, magħmul minn esperti legali, akkademiċi u tad-drittijiet tal-bniedem indipendenti, fl-abbozzar tar-rapport; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kooperazzjoni	38. Itenni l-ħtieġa li jkun involut korp ta' monitoraġġ ***imparzjali u*** indipendenti, magħmul minn esperti legali, akkademiċi u tad-drittijiet tal-bniedem indipendenti, fl-abbozzar tar-rapport ***u fit-traċċar tal-implimentazzjoni tar-***

mal-UE u mal-korpi internazzjonali;	***rakkomandazzjonijiet b'mod trasparenti u aċċessibbli għall-pubbliku***; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kooperazzjoni ***tagħha*** mal-UE u mal-korpi internazzjonali;

Or. en

Emenda 670
Loránt Vincze

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. ***Itenni l-ħtieġa li jkun involut korp ta' monitoraġġ indipendenti, magħmul minn esperti legali, akkademiċi u tad-drittijiet tal-bniedem indipendenti, fl-abbozzar tar-rapport;*** jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-UE u mal-korpi internazzjonali;	38. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-UE u mal-korpi internazzjonali***, bħall-Kunsill tal-Ewropa, l-OSKE, u n-Nazzjonijiet Uniti, biex tippromwovi u tiddefendi d-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-minoranzi***;

Or. en

Emenda 671
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. ***Itenni*** l-ħtieġa ***li jkun involut korp*** ta' ***monitoraġġ indipendenti, magħmul minn esperti legali, akkademiċi u tad-drittijiet tal-bniedem indipendenti,*** fl-abbozzar tar-rapport; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-UE u mal-korpi internazzjonali;	38. ***Jenfasizza*** l-ħtieġa ta' ***oġġettività u preċiżjoni*** fl-abbozzar tar-rapport; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-UE u mal-korpi internazzjonali;

Or. fi

Emenda 672
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	38a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-metodoloġija għall-għażla tal-kwistjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tkun trasparenti billi tiddefinixxi b'mod ċar il-kriterji ewlenin, inkluż x'jikkostitwixxi "żvilupp sinifikanti", u tiżgura li l-isfidi emerġenti ġodda jiġu kkunsidrati b'mod sistematiku;

Or. en

Emenda 673
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tkun aktar ċara fl-identifikazzjoni u l-artikolazzjoni tat-trajettorja li kull Stat Membru jinsab fuqha, inklużi s-sinjali ta' twissija bikrija u l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet serji u sistemiċi, u jisħaq li l-Kummissjoni għandha tiżgura l-koerenza bejn il-kwistjonijiet identifikati u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa;	***imħassar***

Or. en

Emenda 674
Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tkun aktar ċara fl-identifikazzjoni u l-artikolazzjoni tat-trajettorja li kull Stat Membru jinsab fuqha, inklużi s-sinjali ta' twissija bikrija u l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet serji u sistemiċi, u jisħaq li l-Kummissjoni għandha tiżgura l-koerenza bejn il-kwistjonijiet identifikati u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa;	39. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tkun aktar ċara fl-identifikazzjoni u l-artikolazzjoni tat-trajettorja li kull Stat Membru jinsab fuqha, inklużi s-sinjali ta' twissija bikrija u l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet serji u sistemiċi, u jisħaq li l-Kummissjoni għandha tiżgura l-koerenza bejn il-kwistjonijiet identifikati u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa; ***jistieden lill-Kummissjoni tagħmilha ċara li meta l-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE jinkisru b'mod sistematiku, deliberat u gravi fuq perjodu ta' żmien, l-Istati Membri jistgħu jonqsu milli jissodisfaw il-kriterji kollha li jiddefinixxu demokrazija; jindika li r-rakkomandazzjonijiet għandhom jirriflettu aħjar il-konklużjonijiet negattivi fir-rapport u jkunu aktar dettaljati; jemmen li l-valutazzjoni tat-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti għandha tkun aktar preċiża u kwalitattiva, u ma tqisx biss il-bidliet leġiżlattivi iżda anke l-evidenza reali u indipendenti tal-implimentazzjoni tagħhom fil-prattika;***

Or. en

Emenda 675
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tkun aktar ċara fl-identifikazzjoni u l-artikolazzjoni tat-trajettorja li kull Stat	39. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tkun aktar ċara fl-identifikazzjoni u l-artikolazzjoni tat-trajettorja li kull Stat

Membru jinsab fuqha, inklużi s-sinjali ta' twissija bikrija u l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet serji u sistemiċi, u jisħaq li l-Kummissjoni għandha tiżgura l-koerenza bejn il-kwistjonijiet identifikati u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa;	Membru jinsab fuqha, inklużi s-sinjali ta' twissija bikrija u l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet serji u sistemiċi, u jisħaq li l-Kummissjoni għandha tiżgura l-koerenza bejn il-kwistjonijiet identifikati u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa; ***jenfasizza li r-rakkomandazzjonijiet ma għandhomx jiġu riferuti b'mod ugwali fost l-Istati Membri, u li hija meħtieġa differenzazzjoni ċara bejn dawk li jindirizzaw tħassib serju u sistemiku u dawk relatati ma' kwistjonijiet anqas sinifikanti, sabiex tiġi evitata t-trivjalizzazzjoni tal-aktar ksur serju tal-istat tad-dritt;***
	Or. en

Emenda 676
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tkun aktar ċara fl-identifikazzjoni u l-artikolazzjoni tat-trajettorja li kull Stat Membru jinsab fuqha, inklużi s-sinjali ta' twissija bikrija u l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet serji u sistemiċi, u jisħaq li l-Kummissjoni għandha tiżgura l-koerenza bejn il-kwistjonijiet identifikati u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa;	39. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tkun aktar ċara fl-identifikazzjoni u l-artikolazzjoni tat-trajettorja li kull Stat Membru ***u pajjiż kandidat*** jinsab fuqha, inklużi s-sinjali ta' twissija bikrija u l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet serji u sistemiċi, u jisħaq li l-Kummissjoni għandha tiżgura l-koerenza bejn il-kwistjonijiet identifikati u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa ***kif ukoll aktar ċarezza dwar kif jintlaħqu dawn il-valutazzjonijiet***;
	Or. en

Emenda 677
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 39

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
39. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tkun aktar ċara fl-identifikazzjoni u l-artikolazzjoni tat-trajettorja li kull Stat Membru jinsab fuqha, inklużi s-sinjali ta' twissija bikrija u l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet serji u sistemiċi, u jisħaq li l-Kummissjoni għandha tiżgura l-koerenza bejn il-kwistjonijiet identifikati u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa;	39. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tkun aktar ċara fl-identifikazzjoni u l-artikolazzjoni tat-trajettorja li kull Stat Membru jinsab fuqha, inklużi s-sinjali ta' twissija bikrija u l-identifikazzjoni ta' kwistjonijiet serji u sistemiċi, u jisħaq li l-Kummissjoni għandha tiżgura l-koerenza bejn il-kwistjonijiet identifikati u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa; ***huwa tal-fehma li l-ambigwità tista' twassal għal interpretazzjonijiet mhux ġustifikati u dannużi;***

Or. fi

Emenda 678
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
40. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet li huma aktar operattivi, filwaqt li tiddistingwi dawk relatati ma' kwistjonijiet serji u sistemiċi, u tistabbilixxi miżuri, skedi ta' żmien u punti ta' riferiment konkreti għall-implimentazzjoni tagħhom mill-Istati Membri;	40. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet li huma aktar operattivi, filwaqt li tiddistingwi dawk relatati ma' kwistjonijiet serji u sistemiċi ***sabiex tevita r-riskju li jiġi trivjalizzat l-aktar ksur serju tal-istat tad-dritt***, u tistabbilixxi miżuri, skedi ta' żmien u punti ta' riferiment konkreti għall-implimentazzjoni tagħhom mill-Istati Membri;

Or. en

Emenda 679

Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
40. ***Jistieden lill-Kummissjoni*** toħroġ rakkomandazzjonijiet li huma aktar operattivi, filwaqt li tiddistingwi dawk relatati ma' kwistjonijiet serji u sistemiċi, u tistabbilixxi miżuri, skedi ta' żmien u punti ta' riferiment konkreti għall-implimentazzjoni tagħhom mill-Istati Membri;	40. ***Ifakkar li l-Kummissjoni ma għandha l-ebda bażi legali biex*** toħroġ rakkomandazzjonijiet***, speċjalment dawk*** li huma aktar operattivi, filwaqt li tiddistingwi dawk relatati ma' kwistjonijiet serji u sistemiċi, u tistabbilixxi miżuri, skedi ta' żmien u punti ta' riferiment konkreti għall-implimentazzjoni tagħhom mill-Istati Membri;

Or. pl

Emenda 680
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
40. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet li huma aktar operattivi, filwaqt li tiddistingwi dawk relatati ma' kwistjonijiet serji u sistemiċi, u tistabbilixxi miżuri, skedi ta' żmien u punti ta' riferiment konkreti għall-implimentazzjoni tagħhom mill-Istati Membri;	40. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet li huma aktar operattivi, filwaqt li tiddistingwi dawk relatati ma' kwistjonijiet serji u sistemiċi, u tistabbilixxi miżuri, skedi ta' żmien u punti ta' riferiment konkreti għall-implimentazzjoni tagħhom mill-Istati Membri ***u mill-pajjiżi kandidati***;

Or. en

Emenda 681
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 40

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
40. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet li huma aktar operattivi, filwaqt li tiddistingwi dawk relatati ma' kwistjonijiet serji u sistemiċi, u tistabbilixxi miżuri, skedi ta' żmien u punti ta' riferiment ***konkreti*** għall-implimentazzjoni tagħhom mill-Istati Membri;	40. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet li huma aktar operattivi, filwaqt li tiddistingwi dawk relatati ma' kwistjonijiet serji u sistemiċi, u tistabbilixxi ***proposti konkreti għal*** miżuri, skedi ta' żmien u punti ta' riferiment għall-implimentazzjoni tagħhom mill-Istati Membri;

Or. fi

Emenda 682
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. Jitlob lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmu ta' segwitu għar-rakkomandazzjonijiet mhux implimentati billi torbothom b'mod aktar dirett mal-għodod ta' infurzar eżistenti, inklużi l-proċedimenti ta' ksur u l-kundizzjonalità tal-baġit;	***imħassar***

Or. pl

Emenda 683
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. Jitlob lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmu ta' segwitu għar-rakkomandazzjonijiet mhux implimentati billi torbothom b'mod aktar dirett mal-	***imħassar***

għodod ta' infurzar eżistenti, inklużi l-proċedimenti ta' ksur u l-kundizzjonalità tal-baġit;

Or. en

Emenda 684
Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. Jitlob lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmu ta' segwitu għar-rakkomandazzjonijiet mhux implimentati billi torbothom b'mod aktar dirett mal-għodod ta' infurzar eżistenti, inklużi l-proċedimenti ta' ksur u l-kundizzjonalità tal-baġit;	41. Jitlob lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmu ta' segwitu għar-rakkomandazzjonijiet mhux implimentati billi torbothom b'mod aktar dirett mal-għodod ta' infurzar eżistenti, inklużi l-proċedimenti ta' ksur u l-kundizzjonalità tal-baġit***, bħar-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt u r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni*; ***jemmen li ċertu ksur tal-valuri jisthoqqlu azzjoni ta' infurzar immedjata u li ksur ieħor jirrikjedi l-implimentazzjoni urġenti ta' rakkomandazzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tirrikorri b'mod sistematiku għal proċeduri u applikazzjonijiet imħaffa għal miżuri interim quddiem il-QĠUE f'każijiet ta' ksur, kif ukoll biex tiskatta azzjonijiet rigward in-nuqqas ta' implimentazzjoni tas-sentenzi tal-QĠUE; jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-politika tagħha, deskritta fil-komunikazzjoni tagħha tal-2022 dwar l-infurzar tad-dritt tal-UE, biex ma tużax azzjonijiet ta' ksur għal rimedju "individwali", peress li din il-politika wasslet għal ċaħda serja tad-drittijiet għaċ-ċittadini madwar l-UE, speċjalment fejn il-gvernijiet tagħhom stess qed jirrifjutaw li jikkonformaw mad-dritt tal-UE jew mas-sentenzi tal-QĠUE; jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta kull sena dwar l-applikazzjoni u l-effettività tal-għodod**

użati kontra l-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 685
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. Jitlob lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmu ta' segwitu għar-rakkomandazzjonijiet mhux implimentati billi torbothom b'mod aktar dirett mal-għodod ta' infurzar eżistenti, inklużi l-proċedimenti ta' ksur u l-kundizzjonalità tal-baġit;	41. Jitlob lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmu ta' segwitu għar-rakkomandazzjonijiet mhux implimentati billi torbothom b'mod aktar dirett mal-għodod ta' infurzar eżistenti, inklużi l-proċedimenti ta' ksur u l-kundizzjonalità tal-baġit; ***ifakkar, f'dan ir-rigward, fl-opinjoni reċenti tal-Avukat Ġenerali Capeta fil-Kawża C-769/22 li tikkonferma li l-Artikolu 2 tat-TUE jista' jservi bħala bażi legali separata għall-proċedimenti ta' ksur f'każijiet fejn in-negazzjoni ta' valur hija l-kawża ewlenija ta' ksur ieħor tad-dritt tal-Unjoni, u jisħaq li s-sentenza li jmiss f'dan il-każ tista' tipprovdi opportunità ġdida li l-Kummissjoni jeħtiġilha taħtaf sabiex tniedi proċeduri ta' ksur b'mod aktar sistematiku u robust;***

Or. en

Emenda 686
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

41. Jitlob lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmu ta' segwitu għar-rakkomandazzjonijiet mhux implimentati ***billi torbothom*** b'mod aktar dirett mal-għodod ta' infurzar eżistenti, inklużi l-proċedimenti ta' ksur u l-kundizzjonalità tal-baġit;

41. Jitlob lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmu ta' segwitu għar-rakkomandazzjonijiet mhux implimentati***, peress li bħalissa 93 % tar-rakkomandazzjonijiet huma ripetuti mis-snin preċedenti u fl-2025 6 % biss tar-rakkomandazzjonijiet ġew implimentati b'mod sħiħ[1a]; jappella għall-irbit tar-rakkomandazzjonijiet*** b'mod aktar dirett mal-għodod ta' infurzar eżistenti, inklużi l-proċedimenti ta' ksur u l-kundizzjonalità tal-baġit***, peress li dan in-nuqqas ta' implimentazzjoni jimmina l-effettività tar-rapport bħala għodda preventiva***;

[1a] Liberties, Rule of Law Report 2025 (Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt), https://www.liberties.eu/f/vdxw3e.

Or. en

Emenda 687
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. ***Jitlob*** lill-Kummissjoni ***ssaħħaħ il-mekkaniżmu ta' segwitu għar-rakkomandazzjonijiet mhux implimentati billi torbothom b'mod aktar dirett mal-għodod ta' infurzar eżistenti, inklużi l-proċedimenti ta' ksur u l-kundizzjonalità tal-baġit***;	41. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni ***żżomm lura milli tuża l-iżborż tal-fondi tal-UE bħala strument politiku biex tinterferixxi fil-proċessi demokratiċi tal-Istati Membri jew tagħmel pressjoni fuq il-gvernijiet eletti demokratikament; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza ta' qafas legali b'saħħtu għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-miżapproprjazzjoni tal-fondi tal-UE, u li jiġi żgurat li dan jiġi applikat b'mod ugwali u oġġettiv fl-Istati Membri kollha, irrispettivament mill-orjentazzjoni politika tal-gvernijiet tagħhom***;

Or. en

Emenda 688
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. ***Jitlob lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmu ta' segwitu għar-rakkomandazzjonijiet mhux implimentati billi torbothom b'mod aktar dirett mal-għodod ta' infurzar*** eżistenti***, inklużi l-proċedimenti ta' ksur u l-kundizzjonalità tal-baġit***;	41. ***Jaċċetta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li żżomm il-livell attwali ta' interkonnessjoni bejn strumenti*** eżistenti ***għall-infurzar tal-istat tad-dritt***;

Or. sk

Emenda 689
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
41. ***Jitlob*** lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmu ta' segwitu għar-rakkomandazzjonijiet mhux implimentati ***billi torbothom b'mod aktar dirett*** mal-għodod ta' infurzar eżistenti***, inklużi l-proċedimenti ta' ksur u l-kundizzjonalità tal-baġit***;	41. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni ***tesplora modi biex tkompli*** ssaħħaħ il-mekkaniżmu ta' segwitu għar-rakkomandazzjonijiet mhux implimentati ***inkluż billi tikkunsidra kif dawn jistgħu jintrabtu b'mod aktar effettiv*** mal-għodod ta' infurzar eżistenti***;***

Or. en

Emenda 690
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Pina Picierno, Katarina Barley, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 41a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	41a. Ifakkar lill-Kummissjoni li hija l-ewwel u qabel kollox il-gwardjan tat-Trattati; jissottolinja li l-ħruġ tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt mhuwiex biżżejjed biex tissaħħaħ l-unjoni tagħna bbażata fuq l-istat tad-dritt, iżda li r-rapport għandu jwassal għal azzjonijiet konkreti ta' infurzar, speċjalment fejn ir-rakkomandazzjonijiet ma jiġux irrispettati bis-sħiħ; jissottolinja l-importanza kritika tal-monitoraġġ u l-għoti ta' rakkomandazzjonijiet immirati lill-Istati Membri u li l-monitoraġġ tar-rakkomandazzjonijiet isir kompletament trasparenti u responsabbli għall-pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib il-konformità tal-Istati Membri mas-sentenzi tal-QEDB u tal-QĠUE u toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt; jistieden lill-Kummissjoni torbot azzjonijiet konkreti ta' infurzar man-nuqqas ta' konformità tal-Istati Membri mas-sentenzi tal-QEDB u tal-QĠUE;

Or. en

Emenda 691
Nikola Minchev, Moritz Körner, Irena Joveva, Malik Azmani

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	41a. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tinkludi sistematikament f'kull kapitolu tal-pajjiż, b'mod partikolari taħt il-pilastru "Kwistjonijiet istituzzjonali oħra relatati mal-kontrokontrolli", subtaqsima distinta dwar l-awtonomija lokali u reġjonali; jitlob li din is-subtaqsima teżamina l-kundizzjonijiet legali u prattiċi

li taħthom joperaw l-awtoritajiet lokali, il-protezzjoni tal-awtonomija tagħhom u kwalunkwe xejra ta' pressjoni żejda, fastidju jew interferenza li taffettwa lir-rappreżentanti lokali eletti; jistieden lill-Kummissjoni biex, meta tħejji din l-analiżi, tibbaża fuq informazzjoni mill-awtoritajiet lokali, l-assoċjazzjonijiet tagħhom u s-soċjetà ċivili;

Or. en

Emenda 692
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	41a. Ifakkar fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tat-3 ta' April 2019 dwar "It-tisħiħ ulterjuri tal-Istat tad-Dritt fi ħdan l-Unjoni – Is-sitwazzjoni bħalissa u l-passi li jmiss li jistgħu jittieħdu" u tas-7 ta' Awwissu 2019 dwar "It-tisħiħ tal-istat tad-dritt fl-Unjoni – Pjan ta' azzjoni"; iqis li l-elementi deskritti hawn fuq jistgħu jiġu inkorporati b'mod effettiv permezz ta' verżjoni aġġornata ta' dawn il-Komunikazzjonijiet, u b'hekk il-qafas jiġi allinjat mal-isfidi attwali u tiġi żgurata l-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tiegħu;

Or. en

Emenda 693
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	41a. Jisħaq li l-azzjonijiet ta' segwitu tal-Kummissjoni ma jistgħux iwasslu għal estensjoni tal-kompetenzi tagħha lil hinn mill-ambitu previst fit-Trattati, jew għal interferenza fil-prerogattivi kostituzzjonali tal-Istati Membri;

Or. pl

Emenda 694
Nikola Minchev, Moritz Körner, Irena Joveva, Malik Azmani

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	41b. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi, f'kull kapitolu tal-pajjiż rilevanti tar-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt, pilastru jew subtaqsima distinta ddedikata għall-integrità elettorali, li tkopri l-qafas legali u istituzzjonali, l-implimentazzjoni prattika tiegħu u r-riskji ewlenin; jisħaq li, f'din it-taqsima, il-Kummissjoni għandha teżamina b'mod partikolari kwalunkwe xejra sistemika li biha l-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku, l-allokazzjoni mhux trasparenti tal-kuntratti jew ir-reklamar tal-Istat, u forom oħra ta' użu ħażin tar-riżorsi amministrattivi jintużaw biex jinfluwenzaw il-kompetizzjoni elettorali jew ifixklu l-għażla tal-votanti, inkluż permezz tax-xiri tal-voti, il-pressjoni kkawżata mill-klijenteliżmu fuq il-votanti u irregolaritajiet serji oħra; jistieden lill-Kummissjoni tikkoopera mill-qrib mal-Kummissjoni ta' Venezja, l-OSKE/ODIHR u korpi internazzjonali rilevanti oħra u tirrifletti r-rakkomandazzjonijiet tagħhom b'mod sistematiku fil-valutazzjonijiet tagħha u fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż;

Or. en

Emenda 695
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	41b. Jirrikonoxxi l-firxa tat-talbiet tiegħu stess, b'mod partikolari t-talba tiegħu għal monitoraġġ aktar proattiv tal-istat tad-dritt, u jissottolinja għalhekk il-ħtieġa ta' valutazzjoni bir-reqqa tar-riżorsi umani attwali u tar-rekwiżiti futuri tal-kapaċità; jinnota wkoll li, minħabba l-involviment ta' diversi Direttorati Ġenerali f'dan il-proċess ta' monitoraġġ, trid tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat fluss effettiv ta' informazzjoni u titrawwem kooperazzjoni interdipartimentali b'saħħitha sabiex jiġi ggarantit approċċ koerenti u effiċjenti;

Or. en

Emenda 696
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	41c. Rakkomandazzjonijiet speċifiċi
	Jinnota li l-enfasi fuq l-Ungerija u s-Slovakkja hija ġġustifikata minn xejriet persistenti ta' nuqqas ta' konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt, kif muri mill-fatt li l-Ungerija naqset b'mod konsistenti milli tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-

Kummissjoni, b'sitt rakkomandazzjonijiet li baqgħu kompletament mhux indirizzati mill-2022, filwaqt li s-Slovakkja turi xejra negattiva simili, b'50 % tar-rakkomandazzjonijiet ikklassifikati bħala "l-ebda progress" fl-2023, li żdiedu għal aktar minn 70 % kemm fl-2024 kif ukoll fl-2025;

jisħaq li, fil-futur, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil dawk l-Istati Membri li fihom il-Kummissjoni identifikat ksur serju u sistemiku, u jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u tiddistingwi b'mod ċar każijiet bħal dawn fir-rakkomandazzjonijiet tagħha;

Or. en

Emenda 697
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	41d. L-Ungerija
	Jinnota bi tħassib kbir id-deterjorament sistemiku kontinwu tal-istat tad-dritt fl-Ungerija, kif muri min-nuqqas serju ta' finanzjament u nuqqas ta' persunal tal-ġudikatura, l-użu ta' żidiet fis-salarji bħala ingranaġġ biex jiġu imposti aktar riformi ġudizzjarji, is-sospensjoni ta' mħallef minn pożizzjoni ta' tmexxija fil-Qorti Suprema (Kúria), u l-proposta tal-hekk imsejħa riforma ġudizzjarja mingħajr l-involviment ġenwin tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, li tonqos milli tipprovdi garanziji adegwati għall-indipendenza ġudizzjarja; jinnota wkoll li l-bidliet introdotti fil-qafas kontra l-korruzzjoni fil-kuntest tal-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità għadhom insuffiċjenti, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli

dwar id-dikjarazzjoni tal-assi u l-effettività tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni f'każijiet ta' korruzzjoni; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-ambjent tal-media u l-libertà tal-media komplew jistaġnaw jew imorru lura, fin-nuqqas ta' riformi leġiżlattivi sinifikattivi, filwaqt li l-operat kontinwu tal-KESMA u l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Protezzjoni tas-Sovranità jkomplu jdgħajfu l-pluraliżmu tal-media; jisħaq li l-kontrokontrolli għadhom imminati b'mod kritiku mill-konċentrazzjoni estrema tal-poter, it-trikkib persistenti bejn l-istituzzjonijiet tal-istat, il-partit fil-gvern u l-eżekuttiv, il-kwalità batuta tat-tfassil tal-liġijiet u l-ħakma partiġġjana jew l-ineffettività kontinwa tal-istituzzjonijiet indipendenti, kif ukoll problemi persistenti li jaffettwaw l-elezzjonijiet; jesprimi tħassib partikolari dwar it-tnaqqis ulterjuri tal-ispazju ċiviku, b'mod partikolari permezz tal-Att dwar il-Protezzjoni tas-Sovranità u l-proċedimenti mnedija kontra l-NGOs u l-media investigattiva, li jimminaw serjament il-parteċipazzjoni demokratika u l-involviment taċ-ċittadini fl-affarijiet pubbliċi;

jistieden lill-Kummissjoni tniedi minnufih il-proċeduri ta' ksur kollha meħtieġa kontra l-leġiżlazzjoni Ungeriża reċenti li hija inkompatibbli mad-dritt tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-indipendenza ġudizzjarja, il-libertà tal-media, l-integrità elettorali u l-użu ħażin tal-intelliġenza artifiċjali fil-kampanji politiċi;

iħeġġeġ lill-Kummissjoni taġġorna minnufih il-valutazzjoni tagħha skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, bil-ħsieb mhux biss li tinżamm is-sospensjoni attwali tal-fondi tal-UE iżda wkoll li jiġu adottati miżuri finanzjarji addizzjonali proporzjonati għal ksur li għadu kif ġie identifikat u persistenti, filwaqt li jiġi żgurat li l-benefiċjarji finali, inklużi l-

organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ma jiġux imċaħħda mill-appoġġ finanzjarju tal-UE;

jistieden lill-Kunsill javvanza l-proċedura skont l-Artikolu 7 tat-TUE mingħajr dewmien, billi jattiva ż-żewġ paragrafi tal-Artikolu 7, fid-dawl tar-riskju ċar ta' ksur serju u l-eżistenza ta' ksur serju u persistenti tal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE;

jisħaq fuq il-ħtieġa imperattiva li tiġi ssalvagwardjata l-integrità tal-elezzjonijiet li ġejjin fl-Ungerija, fid-dawl tal-użu dejjem akbar ta' kontenut politiku ġġenerat mill-IA mhux tikkettat, inklużi kampanji deepfake koordinati; jappella għall-attivazzjoni sħiħa u preventiva tal-istrumenti legali u l-mekkaniżmi ta' sorveljanza rilevanti kollha tal-UE, b'mod partikolari skont l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, il-GDPR u l-Att dwar l-IA, sabiex tiġi pprevenuta l-manipulazzjoni tal-votanti, jiġu protetti l-proċessi demokratiċi u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fil-kampanja elettorali;

jinnota wkoll li, għalkemm il-Kummissjoni kkontestat l-hekk imsejħa liġi kontra l-LGBTIQ, hija ma talbitx miżuri interim, minkejja l-fatt li l-liġi issa ilha tiġi applikata għal 3 snin, u b'hekk tippermetti li tippersisti ħsara potenzjalment irreparabbli għad-drittijiet fundamentali waqt li l-proċedimenti ġudizzjarji jkunu pendenti;

jieħu nota tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-allegazzjonijiet ta' spjunaġġ mill-Gvern Ungeriż fl-istituzzjonijiet tal-UE; jistenna li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-eżitu ta' din l-investigazzjoni mill-aktar fis possibbli; jemmen li l-investigazzjoni għandha tiċċara jekk istituzzjonijiet oħra tal-UE kinux fil-mira, liema informazzjoni setgħet inkisbet mill-awtoritajiet Ungeriżi u ntbagħtet lil pajjiżi oħra, jekk is-servizzi tal-Kummissjoni kinux segwew kif xieraq ir-rapporti mill-

persunal tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni ma' istituzzjonijiet oħra tal-UE, u jekk u meta l-operazzjonijiet ta' spjunaġġ intemmux kompletament; jissottolinja li l-investigazzjoni għandha tindirizza r-rwol tal-Kummissarju attwali Várhelyi, eks kap tar-Rappreżentanza Permanenti tal-Ungerija, u għandha twassal għal konsegwenzi tanġibbli għal dawk involuti; huwa lest li jieħu passi addizzjonali sabiex jiżgura investigazzjoni xierqa tal-aspetti rilevanti kollha;

Or. en

Emenda 698
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 41e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	41e. Is-Slovakkja
	Jistieden lill-Kummissjoni tiskrutinizza mill-qrib l-iżviluppi reċenti li jaffettwaw l-indipendenza ġudizzjarja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-libertà tal-media u s-soċjetà ċivili fis-Slovakkja, u tniedi proċeduri ta' ksur mingħajr dewmien meta d-dritt tal-UE, inklużi t-Trattati, il-Karta u l-leġiżlazzjoni sekondarja, jistgħu jinkisru;
	iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-kompatibbiltà mal-liġi tal-UE tar-riforma reċenti tal-Kodiċi Kriminali, inkluża l-abolizzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali, ir-ristrutturar tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Kriminalità, l-istatuti mnaqqsa ta' limitazzjoni għal reati ta' korruzzjoni u l-użu wiesa' tal-Artikolu 363, kif ukoll il-konformità tal-liġi l-ġdida dwar l-NGOs mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u l-libertajiet

fundamentali;

jistieden lill-awtoritajiet Slovakki jissalvagwardjaw l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media pubblika, jiżguraw is-sikurezza tal-ġurnalisti u jipprevjenu l-interferenza politika fil-governanza editorjali, f'konformità mal-Att dwar il-Libertà tal-Media u l-istandards rilevanti tal-UE;

jesprimi tħassib serju dwar l-emenda kostituzzjonali proposta li taffettwa l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, in-nondiskriminazzjoni u s-supermazija tad-dritt tal-UE, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jimmonitorjaw mill-qrib dawn l-iżviluppi u jieħdu l-azzjoni ta' segwitu xierqa kollha fil-kompetenzi rispettivi tagħhom;

jistieden lill-Kunsill jindirizza dan it-tħassib sistemiku fil-qafas tad-djalogu annwali dwar l-Istat tad-Dritt u jiżgura segwitu politiku effettiv, b'rispett sħiħ tal-Artikolu 2 tat-TUE;

jinsab sorpriż li ma nħarġet l-ebda rakkomandazzjoni speċifika b'reazzjoni għal ċerti żviluppi reċenti, inkluża l-adozzjoni fl-2025 ta' liġi restrittiva dwar l-NGOs fis-Slovakkja, u jistieden lill-Kummissjoni tirrifletti dawn l-elementi l-ġodda fil-valutazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet futuri tagħha, sabiex tiżgura applikazzjoni konsistenti u komprensiva tal-mekkaniżmu tal-Istat tad-Dritt;

jieħu nota tar-riżoluzzjoni adottata mill-Parlament Netherlandiż fis-16 ta' Ottubru li tistieden lill-Gvern Netherlandiż jibda proċedimenti kontra s-Slovakkja skont l-Artikolu 259 tat-TFUE fir-rigward tal-emenda kostituzzjonali Slovakka reċenti li taffettwa d-drittijiet fundamentali u s-supremazija tad-dritt tal-UE; ifakkar li tali azzjonijiet interstatali jibqgħu eċċezzjonali fl-Unjoni u għalhekk jirriflettu s-serjetà tat-tħassib imqajjem; jinnota bi tħassib li, sal-lum, il-Kummissjoni għadha ma bdietx

proċedimenti ta' ksur f'din il-kwistjoni, u jqajjem dubji dwar in-nuqqas ta' azzjoni minkejja l-inkompatibbiltà potenzjali tal-emenda mal-Artikolu 2 tat-TUE, il-primazija tad-dritt tal-UE u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

Or. en

Emenda 699
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 10a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	L-istat tad-dritt fl-istituzzjonijiet tal-UE

Or. pl

Emenda 700
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
42. Jemmen li għandhom jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-livell tal-UE dwar l-istat tad-dritt; ***jiddispjaċih*** għall-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill s'issa rrifjutaw l-offerta tiegħu li jidħlu fi ftehim interistituzzjonali dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; jafferma mill-ġdid ir-rieda tiegħu li jerġa' jibda t-taħditiet dwar dan il-ftehim;	42. Jemmen li għandhom jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-livell tal-UE dwar l-istat tad-dritt; ***jesprimi dispjaċir*** għall-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill s'issa rrifjutaw l-offerta tiegħu li jidħlu fi ftehim interistituzzjonali dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; jafferma mill-ġdid ir-rieda tiegħu li jerġa' jibda t-taħditiet dwar dan il-ftehim; ***jissottolinja li l-argument imressaq, jiġifieri li tali ftehim jikkostitwixxi qafas eċċessivament riġidu għall-azzjoni, ma jistax jiġġustifika nuqqas ta' azzjoni;***

jisħaq li, anke mingħajr ma ngħaddu immedjatament għal ftehim formali, iridu jinstabu soluzzjonijiet biex diġà tittejjeb il-kooperazzjoni interistituzzjonali b'mod prammatiku u orjentat lejn ir-riżultati;

Or. en

Emenda 701
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
42. Jemmen li għandhom jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-livell tal-UE dwar l-istat tad-dritt; ***jiddispjaċih għall-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill s'issa rrifjutaw l-offerta tiegħu li jidħlu fi ftehim interistituzzjonali dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; jafferma mill-ġdid ir-rieda tiegħu li jerġa' jibda t-taħditiet dwar dan il-ftehim;***	42. Jemmen li għandhom jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-livell tal-UE dwar l-istat tad-dritt;

Or. fi

Emenda 702
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
42. Jemmen li għandhom jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-livell tal-UE dwar l-istat tad-dritt; ***jiddispjaċih*** għall-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill s'issa rrifjutaw l-	42. Jemmen li għandhom jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-livell tal-UE dwar l-istat tad-dritt; ***jesprimi dispjaċir*** għall-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill s'issa

offerta tiegħu li jidħlu fi ftehim interistituzzjonali dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; jafferma mill-ġdid ir-rieda tiegħu li jerġa' jibda t-taħditiet dwar dan il-ftehim;	rrifjutaw l-offerta tiegħu li jidħlu fi ftehim interistituzzjonali dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; jafferma mill-ġdid ir-rieda tiegħu li jerġa' jibda t-taħditiet dwar dan il-ftehim; ***jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-istat tad-dritt aktar inklużiv billi jistieden istituzzjonijiet oħra, bħall-Kummissjoni ta' Venezja, u rappreżentanti tal-Parlament, għas-sessjonijiet tiegħu;***

Or. en

Emenda 703
Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
42. Jemmen li għandhom jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-livell tal-UE dwar l-istat tad-dritt; ***jiddispjaċih*** għall-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill s'issa rrifjutaw l-offerta tiegħu li jidħlu fi ftehim interistituzzjonali dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; jafferma mill-ġdid ir-rieda tiegħu li jerġa' jibda t-taħditiet dwar dan il-ftehim;	42. Jemmen li għandhom jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-livell tal-UE dwar l-istat tad-dritt; ***jesprimi dispjaċir*** għall-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill s'issa rrifjutaw l-offerta tiegħu li jidħlu fi ftehim interistituzzjonali dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; jafferma mill-ġdid ir-rieda tiegħu li jerġa' jibda t-taħditiet dwar dan il-ftehim; ***jenfasizza li filwaqt li s-sett ta' għodod disponibbli għall-Unjoni ġie estiż b'mod sinifikanti, l-effettività tiegħu tiddependi mill-applikazzjoni koerenti u konsistenti fl-istituzzjonijiet kollha;***

Or. en

Emenda 704
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
42. ***Jemmen li għandhom jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-livell tal-UE dwar l-istat tad-dritt; jiddispjaċih għall-fatt*** li l-Kummissjoni u l-Kunsill ***s'issa rrifjutaw*** l-offerta tiegħu li jidħlu fi ftehim interistituzzjonali dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; ***jafferma mill-ġdid ir-rieda tiegħu li jerġa' jibda t-taħditiet dwar dan il-ftehim;***	42. ***Jaċċetta*** li l-Kummissjoni u l-Kunsill ***irrifjutaw*** l-offerta tiegħu li jidħlu fi ftehim interistituzzjonali dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;

Or. sk

Emenda 705
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
42. Jemmen li għandhom jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-livell tal-UE dwar l-istat tad-dritt; ***jiddispjaċih*** għall-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill s'issa rrifjutaw l-offerta tiegħu li jidħlu fi ftehim interistituzzjonali dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; jafferma mill-ġdid ir-rieda tiegħu li jerġa' jibda t-taħditiet dwar dan il-ftehim;	42. Jemmen li għandhom jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-livell tal-UE dwar l-istat tad-dritt; ***jesprimi dispjaċir*** għall-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill s'issa rrifjutaw l-offerta tiegħu li jidħlu fi ftehim interistituzzjonali dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; jafferma mill-ġdid ir-rieda tiegħu li jerġa' jibda t-taħditiet dwar dan il-ftehim ***filwaqt li jenfasizza l-valur miżjud li qafas strutturat u prevedibbli jista' jġib għas-salvagwardja tal-valuri ewlenin tal-Unjoni***;

Or. en

Emenda 706
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
42. Jemmen li għandhom jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-livell tal-UE dwar l-istat tad-dritt***; jiddispjaċih għall-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill s'issa rrifjutaw l-offerta tiegħu li jidħlu fi ftehim interistituzzjonali dwar id-demokrazija, l-istat*** tad-dritt ***u d-drittijiet fundamentali***; ***jafferma mill-ġdid ir-rieda tiegħu li jerġa' jibda t-taħditiet dwar dan il-ftehim;***	42. Jemmen li għandhom jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni interistituzzjonali fil-livell tal-UE dwar l-istat tad-dritt ***billi l-istituzzjonijiet tal-UE stess jiġu soġġetti għall-istess mekkaniżmi ta' skrutinju u obbligu ta' rendikont kontra l-korruzzjoni applikati għall-Istati Membri, sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-kredibbiltà interni tal-qafas tal-istat*** tad-dritt***;***

Or. en

Emenda 707
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	42a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura koerenza u konsistenza sħiħa fir-rapporti u l-istrumenti ta' valutazzjoni kollha relatati mal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea; jisħaq li, filwaqt li diversi Direttorati Ġenerali huma responsabbli għal proċessi ta' rapportar differenti, jeħtiġilhom jaħdmu f'koordinazzjoni mill-qrib u jżommu approċċ metodoloġiku u analitiku unifikat; jissottolinja l-importanza li jiġu evitati kontradizzjonijiet jew diskrepanzi bejn is-sejbiet u l-evalwazzjonijiet li jinsabu fir-Rapport Annwali dwar l-Istat tad-Dritt, ir-Rapporti Annwali dwar it-Tkabbir, u r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi fl-ambitu tas-Semestru Ewropew; jenfasizza li rapportar koerenti huwa essenzjali biex jiġu żgurati l-kredibbiltà, it-trasparenza u l-effettività tal-qafas ta'

monitoraġġ tal-istat tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll biex l-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati jingħataw gwida ċara, konsistenti u prevedibbli;

Or. en

Emenda 708
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	42a. Jisħaq li l-UE stess ma tiżgurax trasparenza, imparzjalità u obbligu ta' rendikont sħaħ fl-azzjonijiet tagħha; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni u l-Kunsill b'mod konsistenti ċaħdu inizjattivi li kellhom l-għan li jżidu l-obbligu ta' rendikont demokratiku tagħhom, li jżid il-perċezzjoni ta' standards doppji; jisħaq li t-trasparenza fl-attivitajiet tal-istituzzjonijiet tal-UE hija kundizzjoni għall-kredibbiltà tagħhom;

Or. pl

Emenda 709
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	42a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu d-diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini razzjali u etnika, ir-

reliġjon jew it-twemmin, in-nazzjonalità, l-opinjoni politika, il-lingwa, id-diżabiltà, l-età, il-ġeneru, inklużi l-identità tal-ġeneru u l-espressjoni tal-ġeneru, u l-orjentazzjoni sesswali;

Or. en

Emenda 710
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	42b. Jinnota bi tħassib li 93 % tar-rakkomandazzjoni kollha tal-2025 kienu ripetizzjonijiet mis-snin preċedenti, b'71 % li jmorru lura għall-2022, u li disa' rakkomandazzjonijiet ġodda biss ġew introdotti, li jirrappreżentaw biss 7 % tat-total u jaffettwaw biss tmienja minn 27 Stat Membru; jisħaq li dan l-għadd limitat ta' rakkomandazzjonijiet ġodda ma jistax jiġi interpretat bħala sinjal li ma tfaċċa l-ebda ksur jew sfida ġdida, peress li huwa ċar li dan mhuwiex il-każ; jissottolinja li huwa imperattiv li l-valutazzjoni ma tiġix limitata għal nuqqasijiet identifikati qabel, iżda li l-analiżi tiġi aġġornata b'mod sistematiku biex tirrifletti żviluppi ġodda, riskji emerġenti u forom li qed jevolvu ta' rigress; jenfasizza li dan huwa preċiżament fejn huma essenzjali preċiżjoni u ċarezza metodoloġika akbar, sabiex jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet jibqgħu rilevanti, reattivi u allinjati mat-trajettorja reali tal-istat tad-dritt f'kull Stat Membru;

Or. en

Emenda 711

Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	42b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintroduċi pilastru ġdid fir-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt li jiffoka fuq il-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni u mibegħda;

Or. en

Emenda 712
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	42c. Jisħaq fuq ir-rwol essenzjali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-kontribut tagħhom għall-funzjonament tad-demokrazija u l-istituzzjonijiet demokratiċi bħala parti mis-sistema usa' ta' kontrokontrolli li jirfdu l-istat tad-dritt; jirrikonoxxi li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jinsabu fuq quddiem nett, u qed jiffaċċjaw direttament sfidi u kwistjonijiet li jistgħu jaffettwaw il-proċeduri tal-istat tad-dritt u, konsegwentement, l-infurzabbiltà tad-drittijiet fundamentali f'ħafna oqsma ta' kuljum;

Or. en

Emenda 713
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	42c. Jinnota bi tħassib li l-proporzjon ta' rakkomandazzjonijiet ikklassifikati bħala implimentati bis-sħiħ kompla jonqos, u niżel minn 11 % fl-2023 għal 6 % kemm fl-2024 kif ukoll fl-2025; jenfasizza li fl-2025 disa' rakkomandazzjonijiet biss tqiesu implimentati bis-sħiħ, ċifra li turi staġnar inkwetanti fis-segwitu tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 714
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	42d. Jinnota li d-distribuzzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fil-pilastri differenti tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt għadha irregolari, b'xi oqsma bħal-libertà u l-kontrokontrolli tal-media jirċievu komparattivament anqas attenzjoni minkejja sfidi persistenti u ddokumentati sew; jisħaq li hemm riskju li dan l-iżbilanċ jinjora d-dgħufijiet strutturali li huma essenzjali għas-saħħa tas-sistemi demokratiċi, inkluż l-ispazju ċiviku u d-drittijiet fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ aktar komprensiv u bbilanċjat fil-pilastri kollha biex tiżgura li n-nuqqasijiet f'kull qasam jiġu identifikati u indirizzati b'mod adegwat;

Or. en

Emenda 715
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	42e. Jinnota li filwaqt li r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt jidentifika firxa wiesgħa ta' tħassib, il-Kummissjoni ma taqlibx b'mod konsistenti dawn is-sejbiet f'rakkomandazzjonijiet korrispondenti; jisħaq li l-inkonsistenzi jinħolqu wkoll meta kwistjonijiet simili jiġu ttrattati b'mod differenti madwar l-Istati Membri, b'xi wħud jirċievu rakkomandazzjonijiet dwar kwistjoni partikolari filwaqt li oħrajn jiffaċċjaw nuqqasijiet komparabbli jew saħansitra aktar serji ma jagħmlux dan;

Or. en

Emenda 716
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 42f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	42f. Ifakkar li, skont il-metodoloġija tal-Kummissjoni stess għat-tħejjija tar-Rapport Annwali dwar l-Istat tad-Dritt, ir-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu proporzjonati għall-isfidi identifikati, speċifiċi biżżejjed biex jippermettu segwitu konkret u azzjonabbli mill-Istati Membri, u vvalutati f'edizzjonijiet sussegwenti tar-

	Rapport; jinnota, madankollu, li filwaqt li kull ċiklu annwali jinkludi evalwazzjoni tal-progress li sar mis-sena preċedenti, ma hemm l-ebda valutazzjoni sistematika tas-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-2022; josserva bi thassib li din il-prattika ma tirriflettix bis-sħiħ l-impenji metodoloġiċi ddikjarati tal-Kummissjoni; jissottolinja li applikazzjoni aktar konsistenti tal-approċċ tiegħu stess - b'mod partikolari billi jindika rakkomandazzjonijiet li jibqgħu mhux solvuti matul diversi ċikli - ittejjeb it-trasparenza, il-preċiżjoni u l-kredibbiltà tal-qafas ta' monitoraġġ;

Or. en

Emenda 717
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tespandi l-ambitu tar-rapport ħalli jkopri l-aspetti kollha tal-Artikolu 2 tat-TUE, u biex tinkludi indikaturi usa', bħall-indipendenza tal-media, ir-rwol tas-soċjetà ċivili, id-drittijiet fundamentali, il-libertà akkademika u artistika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-protezzjoni tal-minoranzi u tal-gruppi vulnerabbli, ir-rispett għad-dritt internazzjonali, l-elezzjonijiet ħielsa u ġusti, u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi;	***imħassar***

Or. fi

Emenda 718
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tespandi l-ambitu tar-rapport ħalli jkopri l-aspetti kollha tal-Artikolu 2 tat-TUE, u biex tinkludi indikaturi usa', bħall-indipendenza tal-media, ir-rwol tas-soċjetà ċivili, id-drittijiet fundamentali, il-libertà akkademika u artistika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-protezzjoni tal-minoranzi u tal-gruppi vulnerabbli, ir-rispett għad-dritt internazzjonali, l-elezzjonijiet ħielsa u ġusti, u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 719
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tespandi l-ambitu tar-rapport ħalli jkopri l-aspetti kollha tal-Artikolu 2 tat-TUE, u biex tinkludi indikaturi usa', bħall-indipendenza tal-media, ir-rwol tas-soċjetà ċivili, id-drittijiet fundamentali, il-libertà akkademika u artistika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-protezzjoni tal-minoranzi u tal-gruppi vulnerabbli, ir-rispett għad-dritt internazzjonali, l-elezzjonijiet ħielsa u ġusti, u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 720
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tespandi l-ambitu tar-rapport ħalli jkopri l-aspetti kollha tal-Artikolu 2 tat-TUE, u biex tinkludi indikaturi usa', bħall-indipendenza tal-media, ir-rwol tas-soċjetà ċivili, id-drittijiet fundamentali, il-libertà akkademika u artistika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-protezzjoni tal-minoranzi u tal-gruppi vulnerabbli, ir-rispett għad-dritt internazzjonali, l-elezzjonijiet ħielsa u ġusti, u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 721
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. ***Itenni l-istedina tiegħu*** lill-Kummissjoni biex ***tespandi*** l-ambitu tar-rapport ***ħalli jkopri l-aspetti kollha tal-Artikolu 2 tat-TUE, u biex tinkludi indikaturi usa', bħall-indipendenza tal-media, ir-rwol tas-soċjetà ċivili, id-drittijiet fundamentali, il-libertà akkademika u artistika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-protezzjoni tal-minoranzi u tal-gruppi vulnerabbli, ir-rispett għad-dritt internazzjonali, l-elezzjonijiet ħielsa u ġusti, u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi***;	43. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni biex ***ma tespandix*** l-ambitu tar-rapport ***lil hinn mill-kompetenzi skont it-Trattati***;

Or. sk

Emenda 722
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tespandi l-ambitu tar-rapport ħalli jkopri l-aspetti kollha tal-Artikolu 2 tat-TUE, u biex tinkludi indikaturi usa', bħall-indipendenza tal-media, ir-rwol tas-soċjetà ċivili, id-drittijiet fundamentali, il-libertà akkademika u artistika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-protezzjoni tal-minoranzi u tal-gruppi vulnerabbli, ir-rispett għad-dritt internazzjonali, l-elezzjonijiet ħielsa u ġusti, u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi;	43. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tespandi l-ambitu tar-rapport ħalli jkopri l-aspetti kollha tal-Artikolu 2 tat-TUE, u biex tinkludi indikaturi usa', bħall-indipendenza tal-media, ir-rwol tas-soċjetà ċivili, id-drittijiet fundamentali, il-libertà akkademika u artistika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-protezzjoni tal-minoranzi u tal-gruppi vulnerabbli, ir-rispett għad-dritt internazzjonali, l-elezzjonijiet ħielsa u ġusti, ***inklużi s-salvagwardji kostituzzjonali u proċedurali li jiżguraw ir-rimedju ġudizzjarju trasparenti, mhux diskrezzjonali u ultima ratio u l-annullament potenzjali tar-riżultati elettorali,*** u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi;

Or. en

Emenda 723
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
43. ***Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tespandi l-ambitu*** tar-rapport ħalli jkopri l-aspetti kollha tal-Artikolu 2 tat-TUE, u biex tinkludi indikaturi usa', bħall-indipendenza tal-	43. ***Jopponi l-espansjoni tal-ambitu*** tar-rapport ħalli jkopri l-aspetti kollha tal-Artikolu 2 tat-TUE, u biex tinkludi indikaturi usa', bħall-indipendenza tal-media, ir-rwol tas-soċjetà ċivili, id-drittijiet

media, ir-rwol tas-soċjetà ċivili, id-drittijiet fundamentali, il-libertà akkademika u artistika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-protezzjoni tal-minoranzi u tal-gruppi vulnerabbli, ir-rispett għad-dritt internazzjonali, l-elezzjonijiet ħielsa u ġusti, u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi;

fundamentali, il-libertà akkademika u artistika, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-protezzjoni tal-minoranzi u tal-gruppi vulnerabbli, ir-rispett għad-dritt internazzjonali, l-elezzjonijiet ħielsa u ġusti, u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi;

Or. pl

Emenda 724
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	43a. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza b'mod urġenti t-theddid multiplu kkawżat mill-iżviluppi u l-applikazzjonijiet tal-Intelliġenza Artifiċjali kontra l-istat tad-dritt, id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, id-demokrazija u l-funzjonament istituzzjonali xieraq, u r-rappreżentanza preċiża tal-fatti fil-komunikazzjoni pubblika u fil-media;

Or. en

Emenda 725
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	43b. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra mill-ġdid il-metodoloġija għall-abbozzar tar-Rapport tagħha dwar l-Istat tad-Dritt, billi tintroduċi rabtiet aktar b'saħħithom ta' kollaborazzjoni u

tirrikjedi konsultazzjoni minn qabel mal-Parlament Ewropew;

Or. en

Emenda 726
Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
44. Jemmen bis-sħiħ li l-istituzzjonijiet tal-UE jridu jissodisfaw l-obbligi tagħhom rigward l-istat tad-dritt, u jissottolinja li l-valutazzjoni tal-aderenza tal-istituzzjonijiet tal-UE mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, inkluża l-konsistenza interna tal-Unjoni fid-difiża ta' dawn il-valuri fil-politiki u fl-azzjonijiet esterni kollha tagħha, hija essenzjali sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kredibbiltà u l-leġittimità tal-UE;	44. Jemmen bis-sħiħ li l-istituzzjonijiet tal-UE jridu jissodisfaw l-obbligi tagħhom rigward l-istat tad-dritt, u jissottolinja li l-valutazzjoni tal-aderenza tal-istituzzjonijiet tal-UE mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, inkluża l-konsistenza interna tal-Unjoni fid-difiża ta' dawn il-valuri fil-politiki u fl-azzjonijiet esterni kollha tagħha, hija essenzjali sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kredibbiltà u l-leġittimità tal-UE; ***ifakkar li d-deċiżjonijiet meħuda jew li ma jittieħdux mill-istituzzjonijiet tal-UE spiss jinfluwenzaw is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri; jikkritika l-fatt li l-istatus tal-istat tad-dritt fl-istituzzjonijiet tal-UE għadu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt; jitlob li fir-rapport jiġi inkluż kapitolu dwar l-aderenza tal-UE mal-istandards tal-istat tad-dritt, ibbażat fuq mekkaniżmu ta' rieżami indipendenti;***

Or. en

Emenda 727
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
44. Jemmen bis-sħiħ li l-istituzzjonijiet tal-UE jridu jissodisfaw l-obbligi tagħhom rigward l-istat tad-dritt, u jissottolinja li l-valutazzjoni tal-aderenza tal-istituzzjonijiet tal-UE mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE***, inkluża l-konsistenza interna tal-Unjoni fid-difiża ta' dawn il-valuri fil-politiki u fl-azzjonijiet esterni kollha tagħha,*** hija essenzjali sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kredibbiltà u l-leġittimità tal-UE;	44. Jemmen bis-sħiħ li l-istituzzjonijiet tal-UE jridu jissodisfaw l-obbligi tagħhom rigward l-istat tad-dritt, u jissottolinja li l-valutazzjoni tal-aderenza tal-istituzzjonijiet tal-UE mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE hija essenzjali sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kredibbiltà u l-leġittimità tal-UE;

Or. sk

Emenda 728
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
44. Jemmen bis-sħiħ li l-istituzzjonijiet tal-UE jridu jissodisfaw l-obbligi tagħhom rigward l-istat tad-dritt, u jissottolinja li l-valutazzjoni tal-aderenza tal-istituzzjonijiet tal-UE mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, inkluża l-konsistenza interna tal-Unjoni fid-difiża ta' dawn il-valuri fil-politiki u fl-azzjonijiet esterni kollha tagħha, hija essenzjali sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kredibbiltà u l-leġittimità tal-UE;	44. Jemmen bis-sħiħ li l-istituzzjonijiet tal-UE jridu jissodisfaw l-obbligi tagħhom rigward l-istat tad-dritt, ***pereżempju billi jaġixxu b'mod aktar empatiku biex jeradikaw l-użu ħażin tal-fondi u l-korruzzjoni;*** u jissottolinja li l-valutazzjoni tal-aderenza tal-istituzzjonijiet tal-UE mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, inkluża l-konsistenza interna tal-Unjoni fid-difiża ta' dawn il-valuri fil-politiki u fl-azzjonijiet esterni kollha tagħha, hija essenzjali sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kredibbiltà u l-leġittimità tal-UE;

Or. fi

Emenda 729
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
44. ***Jemmen bis-sħiħ*** li l-istituzzjonijiet tal-UE ***jridu jissodisfaw l-obbligi tagħhom rigward l-istat*** tad-dritt***, u jissottolinja li l-valutazzjoni tal-aderenza*** tal-istituzzjonijiet tal-UE ***mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, inkluża l-konsistenza interna tal-Unjoni fid-difiża ta' dawn il-valuri fil-politiki u fl-azzjonijiet esterni kollha tagħha, hija essenzjali sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kredibbiltà u l-leġittimità tal-UE***;	44. ***Jisħaq*** li l-istituzzjonijiet tal-UE***, bħala korpi li jeżerċitaw awtorità uffiċjali, jeħtiġilhom jirrispettaw il-prinċipji tal-istat*** tad-dritt***, tat-trasparenza proċedurali u tal-obbligu ta' rendikont politiku sa l-istess livell bħall-Istati Membri; jirrimarka li l-każijiet li jinvolvu ksur tar-regoli etiċi, kunflitti ta' interess u nuqqas ta' trasparenza fl-azzjonijiet*** tal-istituzzjonijiet tal-UE ***jimminaw il-fiduċja taċ-ċittadini u l-Istati Memrbi fl-UE***;

Or. pl

Emenda 730
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
44. ***Jemmen bis-sħiħ*** li l-istituzzjonijiet tal-UE jridu jissodisfaw l-obbligi tagħhom rigward l-istat tad-dritt, u jissottolinja li l-valutazzjoni tal-aderenza tal-istituzzjonijiet tal-UE mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, inkluża l-konsistenza interna tal-Unjoni fid-difiża ta' dawn il-valuri fil-politiki u fl-azzjonijiet esterni kollha tagħha, hija essenzjali sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kredibbiltà u l-leġittimità tal-UE;	44. ***Jisħaq*** li l-istituzzjonijiet tal-UE jridu jissodisfaw l-obbligi tagħhom rigward l-istat tad-dritt, u jissottolinja li l-valutazzjoni tal-aderenza tal-istituzzjonijiet tal-UE mal-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE, inkluża l-konsistenza interna tal-Unjoni fid-difiża ta' dawn il-valuri fil-politiki u fl-azzjonijiet esterni kollha tagħha, hija essenzjali sabiex jiġu ssalvagwardjati l-kredibbiltà u l-leġittimità tal-UE;

Or. en

Emenda 731
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 44a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44a. Jistieden lill-Kummissjoni tikkoopera mill-qrib mal-awtoritajiet Belġjani b'rabta mal-allegazzjonijiet kontra Didier Reynders ta' ħasil tal-flus, iż-żamma ta' kuntatti mill-qrib mar-Russja, inkluż ma' Oleg Deripaska, oligark qrib ta' Putin li huwa soġġett għal sanzjonijiet tal-Istati Uniti u l-UE, u l-impatt potenzjali ta' dawn ir-rabtiet kontroversjali fuq il-prestazzjoni tad-dmirijiet tiegħu bħala Kummissarju għall-Ġustizzja; jistieden lill-Kummissjoni twettaq l-investigazzjoni proprja tagħha dwar l-allegazzjonijiet imsemmija qabel magħmula kontra Didier Reynders, li setgħu affettwaw il-prestazzjoni tiegħu tad-dmirijiet tiegħu bħala Kummissarju għall-Ġustizzja;

Or. pl

Emenda 732
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44a. Jemmen li l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtiġilhom imexxu bl-eżempju fiż-żamma tal-oġħla standards tal-istat tad-dritt; ifakkar li l-istat tad-dritt japplika bis-sħiħ fl-istituzzjonijiet tal-UE; jilqa' l-Ftehim li jistabbilixxi l-Korp Interistituzzjonali tal-Etika u jistieden lill-istituzzjonijiet u lill-korpi konsultattivi kollha tal-UE li għadhom ma ngħaqdux miegħu biex jagħmlu dan mingħajr dewmien; itenni t-talba tiegħu biex il-Ftehim jiġi

implimentat bis-sħiħ u immedjatament, mingħajr ebda posponiment ulterjuri; jistenna bil-ħerqa li jirċievi l-ewwel rapport annwali tal-Korp;

Or. en

Emenda 733
Konstantinos Arvanitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44a. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi ġodda ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa, sabiex ikun jista' jippromwovi l-acquis tal-istat tad-dritt bejn il-Kunsill tal-Ewropa u l-UE mal-Istati Membri u fihom, fl-erba' kapitoli tar-Rapport annwali tiegħu dwar l-Istat tad-Dritt;

Or. en

Emenda 734
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Juan Fernando López Aguilar

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha biex irawmu kultura tal-istat tad-dritt permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni, inizjattivi biex jintlaħqu n-nies, u kwalunkwe azzjoni li għandha l-għan li tippromwovi l-valuri u l-prinċipji demokratiċi;

Or. en

Emenda 735
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Sandro Ruotolo, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44b. Jirrikonoxxi li ċ-ċittadini jipperċepixxu sinjali ta' erożjoni tad-demokrazija kkawżata minn miżinformazzjoni u diżinformazzjoni, u li t-tixrid ta' informazzjoni falza permezz tal-media soċjali jista' jwassal għall-erożjoni tal-idea Ewropea tal-Istat tad-Dritt, tad-drittijiet fundamentali u tal-valuri; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw u jimplimentaw programmi ta' edukazzjoni ċivika li jrawmu l-fehim tal-istituzzjonijiet demokratiċi, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fost iċ-ċittadini ta' kull età;

Or. en

Emenda 736
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44b. Jisħaq li l-Kummissjoni, bħala l-gwardjan tat-Trattati, jeħtiġilha taġixxi b'mod kompletament imparzjali u trasparenti, li jinkludi l-eliminazzjoni tal-kunflitti ta' interess, l-għoti ta' obbligu ta' rendikont ċar għall-ġestjoni tal-fondi tal-UE u l-konformità mal-linji gwida tagħha

stess dwar l-istat tad-dritt; jinnota li n-nuqqas ta' applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji jwassal b'mod konsistenti għal standards doppji u jimmina l-fiduċja fl-istituzzjonijiet tal-UE;

Or. pl

Emenda 737
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44c. Jinsab iddiżgustat bl-iskala ta' politiċizzazzjoni u ipokrezija fil-Kummissjoni, li kienet evidenti b'mod partikolari fl-iskandlu li jinvolvi lil Didier Reynders, il-Kummissarju għall-Ġustizzja, li involva ruħu personalment f'attakki politiċizzati u inġusti fuq l-Istati Membri, filwaqt li ħasel flus maħmuġin u żamm rabtiet mill-qrib ma' oligarki marbuta mal-Kremlin;

Or. pl

Emenda 738
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada, Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44c. Jenfasizza r-rwol tas-soċjetà ċivili u tal-korpi ta' sorveljanza indipendenti biex jimmonitorjaw u jappoġġjaw l-implimentazzjoni tar-

rakkomandazzjonijiet tar-rapport dwar l-istat tad-dritt; jappella għal qafas ta' djalogu ċivili strutturat biex il-kontributi tas-soċjetà ċivili jiġu integrati fiċ-ċiklu annwali tal-istat tad-dritt; itenni l-importanza ta' konsultazzjoni wiesgħa waqt l-abbozzar tar-rapport;

Or. en

Emenda 739
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44d. Jesprimi tħassib li l-pubbliku għadu ma ġiex infurmat dwar id-dimensjoni sħiħa tal-iskandlu Qatargate u li dawk direttament responsabbli jistgħu jaħarbu r-responsabbiltà kriminali; jappella għal spjegazzjoni sħiħa u trasparenti tal-aspetti kollha ta' dan l-iskandlu, inklużi l-allegazzjonijiet kontra l-eks Direttur tad-DĠ MOVE;

Or. pl

Emenda 740
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44e. Jinsab irrabjat minħabba saħansitra skandlu ieħor li jinvolvi uffiċjali anzjani tal-UE, wara l-kxif ta' skandlu ta' korruzzjoni li jinvolvi lill-eks Viċi President tal-Kummissjoni u r-

Rappreżentant Għoli Federica Mogherini u l-maniġment tas-SEAE, li huma suspettati b'korruzzjoni u irregolaritajiet estensivi relatati mal-parteċipazzjoni tagħhom f'offerti;

Or. pl

Emenda 741
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44f. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, minħabba l-iskala tal-iskandli fl-istituzzjonijiet tal-UE, jirrieżaminaw b'urġenza l-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u jintroduċu bidliet estensivi biex jiżguraw l-integrità tal-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż permezz ta' dikjarazzjonijiet obbligatorji, komprensivi, trasparenti u pubblikament aċċessibbli ta' assi u dikjarazzjoni ta' kunflitti ta' interess, li għandhom jiġu vverifikati, pereżempju mill-OLAF, u l-introduzzjoni ta' regoli biex jipprevjenu l-fenomenu ta' revolving doors;

Or. pl

Emenda 742
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44g. Jesprimi r-rabja tiegħu għall-fatt li

eks Membru tal-Parlament Ewropew Natha Gill aċċetta tixħim bi skambju għal dikjarazzjonijiet favur ir-Russja; ifakkar li dan huwa każ ieħor ippruvat ta' MEPs li jaġixxu fl-interessi tal-Federazzjoni Russa, li mhux biss juri s-suxxettibbiltà ta' xi rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-UE għall-korruzzjoni, iżda juri wkoll il-vulnerabbiltà tal-leġiżlazzjoni Ewropea għall-influwenza barranija; jisħaq li din is-sitwazzjoni tirrikjedi azzjoni deċiżiva addizzjonali biex tnaqqas tali prattiki; jinnota li d-divulgazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' dan l-iskandlu kienet possibbli minħabba l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet Pollakki mal-awtoritajiet Britanniċi u l-użu ta' tekniki operattivi moderni;

Or. pl

Emenda 743
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44h. Jesprimi tħassib serju dwar l-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni li jikkonċernaw lill-Kummissjoni; jesprimi dispjaċir, fl-istess waqt, għall-fatt li hemm allegazzjonijiet ukoll kontra uffiċjali tal-Kummissjoni li allegatament aċċettaw għotjiet mingħand pajjiż li l-Unjoni kienet qed tinnegozja ftehim miegħu; iqis li huwa inaċċettabbli li, f'tali kuntest, maniġers anzjani li huma taħt investigazzjoni jew soġġetti għal proċedimenti dixxiplinari jiġu ppremjati b'karigi konsultattivi b'remunerazzjoni għolja, bħalma kien il-każ bl-eks Direttur tad-DĠ MOVE; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu introdotti regoli ċari u sistematiċi li jiżguraw li l-każijiet tal-OLAF kollha li

jikkonċernaw reati potenzjali jiġu riferuti immedjatament lill-UPPE u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti; iqis li huwa inaċċettabbli li, fil-każ tar-rapport dwar l-allegazzjonijiet kontra l-eks Direttur tad-DĠ MOVE, la l-OLAF u lanqas il-Kummissjoni ma rreferew il-każ lill-UPPE, li fetaħ investigazzjoni biss wara li l-informazzjoni ġiet iddivulgata mill-media; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ ir-regoli u l-proċeduri rilevanti sabiex tiżgura li l-każijiet kollha jiġu ttrattati b'mod rigoruż, korrett u effettiv; jistieden lill-Kummissjoni, lill-OLAF u lill-UPPE jkunu kompletament trasparenti u jżommu lill-pubbliku infurmat bil-progress tal-investigazzjoni;

Or. pl

Emenda 744
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	44i. Jesprimi tħassib serju dwar rapporti ta' tentattivi minn Huawei biex tinfluwenza lill-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż billi offriet benefiċċji finanzjarji lill-uffiċjali u lill-MEPs sabiex tikseb aċċess għal informazzjoni u tifforma d-deċiżjonijiet tal-politika favur il-kumpanija; jesprimi rabja għall-fatt li dawk involuti f'dawn l-attivitajiet kienu kapaċi joperaw fl-istrutturi tal-UE għal perjodu estiż mingħajr sorveljanza xierqa; jappella għal investigazzjoni sħiħa tal-materja, inkluża kooperazzjoni mill-qrib mal-OLAF u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti; jappella għat-tisħiħ tas-sigurtà, it-trasparenza u l-mekkaniżmi ta' kontroll tal-aċċess fl-istituzzjonijiet sabiex jiġu pprevenuti każijiet simili milli jseħħu fil-

futur u jiġi żgurat li l-proċess leġiżlattiv jiġi protett bis-sħiħ minn interferenza mill-entitajiet marbuta ma' pajjiżi terzi;

Or. pl

Emenda 745
Nicolas Bay, Paolo Inselvini, Geadis Geadi, Georgiana Teodorescu, Guillaume Peltier, Laurence Trochu, Jacek Ozdoba, Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-Istat tad-Dritt aktar trasparenti, interattiv u orjentat lejn l-eżiti, inkluż billi joħroġ konklużjonijiet dettaljati u jipprovdi feedback dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni u tal-Parlament; jiddeplora l-inkapaċità tal-Kunsill li jagħmel progress sinifikattiv fil-proċedura li għaddejja skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE u jemmen li kwalunkwe dewmien ulterjuri fl-azzjoni tal-Kunsill se jammonta għal ksur tal-prinċipju tal-istat tad-dritt mill-Kunsill innifsu,	***imħassar***

Or. en

Emenda 746
Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-Istat tad-Dritt aktar trasparenti, interattiv u orjentat lejn l-eżiti, inkluż billi joħroġ konklużjonijiet dettaljati u jipprovdi feedback dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni u tal-Parlament; jiddeplora l-	45. Jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-Istat tad-Dritt aktar trasparenti, interattiv u orjentat lejn l-eżiti, inkluż billi joħroġ konklużjonijiet dettaljati u jipprovdi feedback dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni u tal-Parlament; jiddeplora l-

inkapaċità tal-Kunsill li jagħmel progress sinifikattiv fil-proċedura li għaddejja skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE u jemmen li kwalunkwe dewmien ulterjuri fl-azzjoni tal-Kunsill se jammonta għal ksur tal-prinċipju tal-istat tad-dritt mill-Kunsill innifsu**,**	inkapaċità tal-Kunsill li jagħmel progress sinifikattiv fil-proċedura li għaddejja skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE u jemmen li kwalunkwe dewmien ulterjuri fl-azzjoni tal-Kunsill se jammonta għal ksur tal-prinċipju tal-istat tad-dritt mill-Kunsill innifsu***; iħeġġeġ lill-Kunsill jiżgura li jsiru seduti ta' smigħ skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE mill-anqas darba għal kull presidenza; jistieden lill-Kunsill jippubblika minuti komprensivi wara kull seduta ta' smigħ; jenfasizza li ma hemmx bżonn ta' unanimità fil-Kunsill la sabiex jiġi identifikat riskju ċar ta' ksur serju tal-valuri tal-Unjoni skont l-Artikolu 7(1), u lanqas biex jiġu indirizzati rakkomandazzjonijiet konkreti lill-Istati Membri inkwistjoni u jiġu pprovduti skadenzi għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet; jinsisti li fil-proċedimenti kollha relatati mal-Artikolu 7 tat-TUE, il-Parlament għandu jkun jista' jippreżenta l-proposta mmotivata tiegħu lill-Kunsill, jattendi s-seduti ta' smigħ tal-Artikolu 7 tat-TUE u jiġi infurmat minnufih u bis-sħiħ f'kull stadju tal-proċedura b'aċċess sħiħ għad-dokumenti kollha rilevanti, inklużi l-minuti u l-iskambju ta' ittri, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kunfidenzjalità;***

Or. en

Emenda 747
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-Istat tad-Dritt aktar trasparenti, interattiv u orjentat lejn l-eżiti, inkluż billi joħroġ konklużjonijiet dettaljati	45. Jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-Istat tad-Dritt aktar trasparenti, interattiv u orjentat lejn l-eżiti, inkluż billi joħroġ konklużjonijiet dettaljati

u jipprovdi feedback dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni u tal-Parlament; jiddeplora l-inkapaċità tal-Kunsill li jagħmel progress sinifikattiv fil-proċedura li għaddejja skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE u jemmen li kwalunkwe dewmien ulterjuri fl-azzjoni tal-Kunsill se jammonta għal ksur tal-prinċipju tal-istat tad-dritt mill-Kunsill innifsu**,**

u jipprovdi feedback dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni u tal-Parlament; jiddeplora l-inkapaċità tal-Kunsill li jagħmel progress sinifikattiv fil-proċedura li għaddejja skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE u jemmen li kwalunkwe dewmien ulterjuri fl-azzjoni tal-Kunsill se jammonta għal ksur tal-prinċipju tal-istat tad-dritt mill-Kunsill innifsu***; jissottolinja li, anke fin-nuqqas ta' unanimità, il-Kunsill mhuwiex imwaqqaf milli javvanza l-proċedura, b'mod partikolari billi jadotta rakkomandazzjonijiet konkreti indirizzati lill-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari l-Ungerija, u jisħaq li l-proċess ma għandux jiġi ridott għal seduti ta' smigħ perjodiċi taħt Presidenzi suċċessivi tal-Kunsill mingħajr segwitu sostantiv jew eżiti tanġibbli;***

Or. en

Emenda 748
Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. ***Jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-Istat tad-Dritt aktar trasparenti, interattiv u orjentat lejn l-eżiti, inkluż billi joħroġ konklużjonijiet dettaljati u jipprovdi feedback dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni u tal-Parlament; jiddeplora l-inkapaċità tal-Kunsill li jagħmel progress sinifikattiv fil-proċedura li għaddejja skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE u jemmen li kwalunkwe dewmien ulterjuri fl-azzjoni*** tal-Kunsill ***se jammonta għal ksur tal-prinċipju tal-istat*** tad-dritt ***mill-Kunsill innifsu,***	45. ***Jaċċetta l-awtorità*** tal-Kunsill ***li jwettaq id-djalogu tiegħu stess dwar l-istat*** tad-dritt ***fid-diskrezzjoni tiegħu;***

Or. sk

Emenda 749
Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-Istat tad-Dritt aktar trasparenti, interattiv u orjentat lejn l-eżiti, inkluż billi joħroġ konklużjonijiet dettaljati u jipprovdi feedback dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni u tal-Parlament; jiddeplora l-inkapaċità tal-Kunsill li jagħmel progress sinifikattiv fil-proċedura li għaddejja skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE ***u jemmen li kwalunkwe dewmien ulterjuri fl-azzjoni tal-Kunsill se jammonta għal ksur tal-prinċipju tal-istat tad-dritt mill-Kunsill innifsu,***	45. Jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-Istat tad-Dritt aktar trasparenti, interattiv u orjentat lejn l-eżiti, inkluż billi joħroġ konklużjonijiet dettaljati u jipprovdi feedback dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni u tal-Parlament; jiddeplora l-inkapaċità tal-Kunsill li jagħmel progress sinifikattiv fil-proċedura li għaddejja skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE***;***

Or. en

Emenda 750
Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Sophie Wilmès, Klára Dobrev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-Istat tad-Dritt ***aktar*** trasparenti, interattiv u orjentat lejn l-eżiti, inkluż billi joħroġ konklużjonijiet dettaljati u jipprovdi feedback dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni u tal-Parlament; jiddeplora l-inkapaċità tal-Kunsill li jagħmel progress sinifikattiv fil-proċedura li għaddejja skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE u jemmen li kwalunkwe dewmien ulterjuri fl-azzjoni tal-Kunsill se jammonta għal ksur tal-prinċipju tal-istat tad-dritt mill-Kunsill innifsu**,**	45. Jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-Istat tad-Dritt***, il-proċess tal-Artikolu 7, kif ukoll l-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt kompletament*** trasparenti, interattiv u orjentat lejn l-eżiti, inkluż billi joħroġ konklużjonijiet dettaljati u jipprovdi feedback dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni u tal-Parlament; jiddeplora l-inkapaċità tal-Kunsill li jagħmel progress sinifikattiv fil-proċedura li għaddejja skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE u jemmen li kwalunkwe dewmien ulterjuri fl-azzjoni tal-Kunsill se jammonta għal ksur tal-prinċipju tal-istat

tad-dritt mill-Kunsill innifsu***;***

Or. en

Emenda 751
Sebastian Tynkkynen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-Istat tad-Dritt aktar trasparenti, interattiv u orjentat lejn l-eżiti, inkluż billi joħroġ konklużjonijiet dettaljati u jipprovdi feedback dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni u tal-Parlament; jiddeplora l-inkapaċità tal-Kunsill li jagħmel progress sinifikattiv fil-proċedura li għaddejja skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE ***u jemmen li kwalunkwe dewmien ulterjuri fl-azzjoni tal-Kunsill se jammonta għal ksur tal-prinċipju tal-istat tad-dritt mill-Kunsill innifsu,***	45. Jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-Istat tad-Dritt aktar trasparenti, interattiv u orjentat lejn l-eżiti, inkluż billi joħroġ konklużjonijiet dettaljati u jipprovdi feedback dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni u tal-Parlament; jiddeplora l-inkapaċità tal-Kunsill li jagħmel progress sinifikattiv fil-proċedura li għaddejja skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE***;***

Or. fi

Emenda 752
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. ***Jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-Istat*** tad-Dritt ***aktar trasparenti, interattiv u orjentat lejn l-eżiti, inkluż billi joħroġ konklużjonijiet dettaljati u jipprovdi feedback dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni u tal-Parlament; jiddeplora l-inkapaċità tal-Kunsill li jagħmel progress sinifikattiv fil-proċedura***	45. ***Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kunsill jonqos milli jiżgura t-trasparenza jew l-effettività fit-twettiq tal-proċeduri tal-istat*** tad-dritt***; jisħaq li n-nuqqas ta' kriterji ċari għall-azzjoni u dewmien fil-proċeduri jistgħu jiġu interpretati bħala*** ksur tal-prinċipju tal-istat tad-dritt mill-Kunsill innifsu***; jistieden lill-Kunsill***

li għaddejja skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE u jemmen li kwalunkwe dewmien ulterjuri fl-azzjoni tal-Kunsill se jammonta għal ksur tal-prinċipju tal-istat tad-dritt mill-Kunsill innifsu,	***iwettaq id-dmirijiet tiegħu b'mod li huwa ġust u f'konformità mat-Trattati****,* ***mingħajr ma jimponi rekwiżiti addizzjonali fuq l-Istati Membri;***

Or. pl

Emenda 753
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
45. Jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-Istat tad-Dritt aktar trasparenti***,*** interattiv ***u orjentat lejn l-eżiti, inkluż billi joħroġ konklużjonijiet dettaljati u jipprovdi feedback dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni u tal-Parlament; jiddeplora l-inkapaċità*** tal-Kunsill ***li jagħmel progress sinifikattiv fil-proċedura li għaddejja skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE u jemmen li kwalunkwe dewmien ulterjuri fl-azzjoni tal-Kunsill se jammonta għal ksur tal-prinċipju*** tal-istat tad-dritt ***mill-Kunsill innifsu,***	45. Jistieden lill-Kunsill jagħmel id-djalogu tiegħu dwar l-Istat tad-Dritt aktar trasparenti ***u*** interattiv***; iqis li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qafas*** tal-Kunsill ***hija ta' rilevanza partikolari għall-avvanz tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrispetta r-regoli tagħha stess fl-oqsma tat-trasparenza, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ġustizzja, u b'hekk tiżgura l-kredibbiltà u l-koerenza interna tal-qafas*** tal-istat tad-dritt***;***

Or. en

Emenda 754
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45a. Jikkundanna l-użu sfaċċatament politiku tal-Artikolu 7 tat-TUE bħala għodda biex isiru pressjoni u rikatt fuq

Stati Membri sabiex jintlaħqu l-għanijiet politiċi ta' ċerti gvernijiet u gruppi, kif ukoll biex jiġu estiżi l-kompetenzi tal-Unjoni lil hinn mill-ambitu stabbilit fit-Trattati; jiddeplora l-bidu mhux ġustifikat tal-proċedura tal-Artikolu 7 tat-TUE kontra l-Polonja u l-istrumentalizzazzjoni sussegwenti ta' dan il-mekkaniżmu għal skopijiet politiċi; jinnota b'rabja li l-proċedimenti kontra l-Polonja ġew konklużi immedjatament wara l-elezzjonijiet parlamentari fil-Polonja u eżatt qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, minkejja l-fatt li l-ebda bidla leġiżlattiva ma ġiet adottata, li juri b'mod ċar in-natura politika tal-allegazzjonijiet tal-allegat ksur tal-istat tad-dritt;

Or. pl

Emenda 755
Petra Steger, Marieke Ehlers, Roberto Vannacci, Tom Vandendriessche, Jorge Buxadé Villalba, Matthieu Valet, Alexandre Varaut, Fabrice Leggeri, Nikola Bartůšek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45a. Jesprimi tħassib serju li hemm riskju li l-mekkaniżmi tal-istat tad-dritt, inklużi l-proċedimenti tal-Artikolu 7 u r-regolament dwar il-kundizzjonalità, jiġu strumentalizzati biex jeżerċitaw pressjoni politika fuq l-Istati Membri li l-politiki tagħhom ivarjaw minn preferenzi politiċi jew ideoloġiċi partikolari, aktar milli jiġu applikati b'mod oġġettiv abbażi ta' ksur ġenwin tal-valuri tal-Artikolu 2 tat-TUE; jistieden lill-Kummissjoni żżomm lura milli tuża l-qafas tal-istat tad-dritt bħala skuża biex tinterferixxi f'oqsma ta' politika li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri; jisħaq li l-kredibbiltà tal-qafas tal-istat tad-dritt tiddependi mill-applikazzjoni konsistenti, oġġettiva u mhux partiġġjana tiegħu fl-Istati Membri

kollha;

Or. en

Emenda 756
Juan Fernando López Aguilar, Krzysztof Śmiszek, Marco Tarquinio, Chloé Ridel, Emma Rafowicz, Murielle Laurent, Francisco Assis, Matjaž Nemec, Elio Di Rupo, Javier Moreno Sánchez, Ana Catarina Mendes, Alessandro Zan, Pina Picierno, Katarina Barley, Kristian Vigenin, Sophie Wilmès, Cecilia Strada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45a. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa rabta diretta bejn l-istrumenti preventivi u reattivi u tniedi proċeduri ta' ksur permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tat-TUE, il-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità ġenerali u l-kundizzjonijiet abilitanti orizzontali fil-Karta;

Or. en

Emenda 757
Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45a. Jilqa' l-Lista ta' Kontroll Aġġornata tal-Istat tad-Dritt adottata mill-Kummissjoni ta' Venezja u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jintegrawha bis-sħiħ fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom;

Or. en

Emenda 758
Mariusz Kamiński, Maciej Wąsik, Jadwiga Wiśniewska, Jacek Ozdoba, Joachim Stanisław Brudziński

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45b. Jistieden lill-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen tiddivulga bis-sħiħ l-informazzjoni dwar il-komunikazzjonijiet tagħha mal-kumpaniji farmaċewtiċi matul in-negozjati dwar il-kuntratti għax-xiri tal-vaċċini tal-COVID-19, inklużi skambji ta' messaġġi li għadhom mhux iddivulgati u jqajmu dubji serji dwar it-trasparenza, l-integrità u l-imġiba kemm tal-President kif ukoll tal-Kummissjoni b'mod ġenerali;

Or. pl

Emenda 759
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek, Michał Wawrykiewicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45n (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45n. Ċiklu annwali integrat dwar l-istat tad-dritt
	Jilqa' d-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2025 mogħti mill-President tal-Kummissjoni Ewropea, li afferma mill-ġdid li d-demokrazija u l-istat tad-dritt huma l-garanti tal-libertajiet fl-Unjoni; jissottolinja li l-President enfasizzat l-isforzi sinifikanti li saru biex jissaħħu l-istrumenti tal-Unjoni u l-mekkaniżmi ta' infurzar, inkluż l-istabbiliment ta' ċiklu ġdid tal-istat tad-dritt imfassal biex jiżgura l-identifikazzjoni bikrija ta' kwistjonijiet u jippromwovi soluzzjonijiet

permezz tal-involviment; jilqa' s-sejħa għal ċiklu annwali integrat dwar l-istat tad-dritt, ibbażat fuq ritmu komuni, stadji importanti ċari u kontributi mill-istituzzjonijiet kollha, bħala pass importanti lejn l-għeluq tal-lakuni eżistenti; jisħaq li t-tisħiħ tar-rabta bejn il-fondi tal-UE u l-konformità mal-istat tad-dritt, flimkien mal-impenn li jsir saħansitra aktar taħt il-baġit fit-tul li jmiss, jikkonferma li r-rispett għall-istat tad-dritt huwa, u jrid jibqa', kundizzjoni fundamentali għall-aċċess għall-finanzjament tal-UE, kemm issa kif ukoll fil-futur;

jissottolinja li matul dawn l-aħħar snin is-sett ta' għodod tal-Unjoni dwar l-istat tad-dritt ġie arrikkit progressivament b'firxa ta' strumenti ġodda, li jirriflettu sforzi sostnuti biex jiġu ssalvagwardjati l-valuri demokratiċi; jenfasizza li issa wasal iż-żmien li ssir enfasi fuq l-artikolazzjoni effettiva ta' dawn l-għodod, filwaqt li jiġu żgurati l-koordinazzjoni u l-koerenza strateġiċi tagħhom; jinsisti li komplementarjetà akbar bejn il-ħidma ta' kull istituzzjoni tal-UE hija essenzjali biex tiġi evitata d-duplikazzjoni u jiġi massimizzat l-impatt; u jitlob obbligu ta' rendikont imsaħħaħ għall-implimentazzjoni ta' dawn l-istrumenti peress li huwa kruċjali biex l-impenji eżistenti jissarrfu f'azzjoni konkreta u f'waqtha fuq il-post;

jisħaq li, filwaqt li l-Unjoni żviluppat sett dejjem jikber ta' strumenti biex tissalvagwardja l-istat tad-dritt, il-prijorità issa trid tkun li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva u konsistenti tagħhom; jissottolinja li l-invokazzjoni ripetuta tal-ħtieġa ta' għodod ġodda jew elementi proċedurali addizzjonali ma tridx isservi bħala pretest għan-nuqqas ta' azzjoni jew bħala distrazzjoni mill-varar sħiħ tal-istrumenti diġà disponibbli; jenfasizza li l-kredibbiltà tal-qafas tal-istat tad-dritt tal-Unjoni tiddependi mhux mill-proliferazzjoni tal-mekkaniżmi, iżda mir-

rieda politika u l-kapaċità operazzjonali li dawk eżistenti jintużaw sal-potenzjal sħiħ tagħhom;

jipproponi l-istabbiliment ta' ċiklu annwali dwar l-istat tad-dritt ibbażat fuq tliet stadji ewlenin, li jsaħħaħ il-kontinwità, il-koordinazzjoni u l-impatt fl-istituzzjonijiet kollha: l-ewwel nett, tiġi fornuta valutazzjoni oġġettiva tas-sitwazzjoni permezz tal-pubblikazzjoni tar-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Istat tad-Dritt f'Ġunju; it-tieni, il-Parlament Ewropew jitħalla joħroġ gwida strateġika lill-Kummissjoni, jivvaluta l-istat ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti, jikkomplementa l-analiżi b'sorsi addizzjonali u jifformula rakkomandazzjonijiet ulterjuri lill-Kummissjoni permezz ta' riżoluzzjoni f'Marzu; u t-tielet, jiġi skattat mument ta' implimentazzjoni u obbligu ta' rendikont f'Mejju li matulu l-Kummissjoni jeħtiġilha tislet konklużjonijiet mill-valutazzjonijiet u, meta xieraq, tattiva l-istrumenti rilevanti jekk tkun għadha ma tteħditx azzjoni;

Or. en

Emenda 760
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek, Michał Wawrykiewicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45o (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45o. Fażi 1 - Valutazzjoni tas-sitwazzjoni
	Jenfasizza li l-ewwel fażi tibni fuq eżerċizzju diġà eżistenti, jiġifieri l-pubblikazzjoni annwali tar-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Istat tad-

Dritt, iżda jipproponi sensiela ta' miżuri ta' titjib biex tissaħħaħ l-effettività tiegħu, inkluż:

(a) titressaq 'il quddiem id-data tal-pubblikazzjoni b'xahar, għall-bidu ta' Ġunju, sabiex tiġi allinjata mal-iskeda ta' żmien tas-Semestru Ewropew - li tinkludi rakkomandazzjonijiet baġitarji relatati mal-istat tad-dritt - u tiġi żgurata viżibbiltà akbar fi żmien meta l-attenzjoni ma titnaqqasx sal-waqfa tas-sajf;

(b) jiġu inkorporati fl-analiżi tiegħu tal-istat tad-dritt — kemm fil-komunikazzjoni ġenerali tiegħu kif ukoll fil-valutazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż — referenzi għal indikaturi rikonoxxuti internazzjonalment, inkluż, fost l-oħrajn, l-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa (rapportar dwar il-libertà tal-media), il-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tal-Ġurnaliżmu u s-Sikurezza tal-Ġurnalisti (monitoraġġ tat-theddid kontra l-ġurnalisti), l-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-Kummissjoni Ewropea, u r-Rapport ta' sinteżi annwali tal-OECD li jivvaluta l-kwalità tal-governanza, kif ukoll kwalunkwe sors awtorevoli komparabbli ieħor li jippermetti evalwazzjoni aktar kwantitattiva u mmexxija mid-data; f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni tintalab tistabbilixxi u tippubblika lista ta' indikaturi li jistgħu jintużaw b'mod sistematiku fil-valutazzjoni tiegħu filwaqt li jitqies li tali indikaturi huma maħsuba biex jappoġġjaw l-analiżi ġenerali u ma għandhomx, waħedhom, jitqiesu li jagħtu konklużjonijiet definittivi; jiġi propost li l-analiżi tinkludi taqsima ddedikata dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-direttivi tal-UE meta dawn ikunu relatati mas-salvagwardja tal-istat tad-dritt, bħad-Direttiva kontra s-SLAPP u l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA);

(c) jitfakkar li l-Komunikazzjoni tal-2025 dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE

tibbaża b'mod sistematiku fuq sett wiesa' ta' indikaturi rikonoxxuti internazzjonalment dwar il-governanza, id-demokrazija u l-istat tad-dritt meta jiġu vvalutati l-pajjiżi kandidati, inkluż: Nazzjonijiet fi Tranżitu 2024 - Punteġġi tad-Demokrazija (Freedom House); Libertà fid-Dinja 2025 - Punteġġ Globali tal-Libertà (Freedom House); Indiċi tad-Demokrazija 2024 (Economist Intelligence Unit); Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa 2025 (Reporters without Borders); Indiċi tal-Istat tad-Dritt 2024 (World Justice Project) Indikaturi tal-Governanza Dinjija 2023 – Stat tad-Dritt, Effettività tal-Gvern, u Kontroll tal-Korruzzjoni (Grupp tal-Bank Dinji); u l-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni 2024 (Transparency International). jiġi enfasizzat li, minħabba l-użu formali tagħhom fil-qafas tat-tkabbir, huwa kompletament leġittimu u xieraq li d-DĠ Ġustizzja jinkludi tabella komparattiva simili, immudellata fuq l-anness għar-Rapport dwar it-Tkabbir, li tiġbor dawn l-indikaturi għall-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati kollha; jiġi ssottolinjat li tali tabella tikkontribwixxi għal trasparenza, komparabbiltà u konsistenza metodoloġika akbar fl-istrumenti ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt tal-Unjoni;

(d) tiġi nnotata r-rilevanza tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE bħala sors ta' data komparattiva, iżda jiġi enfasizzat li din trid tippermetti li jinsiltu konklużjonijiet operazzjonali b'rabta mas-sejbiet tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt; tiġi indikata wkoll li r-referenza rikorrenti għal "sfidi" f'dan il-kuntest hija nieqsa miċ-ċarezza, u jiġi enfasizzat li d-data u x-xejriet enfasizzati fit-Tabella ta' Valutazzjoni għandhom iwasslu għal rakkomandazzjonijiet konkreti u li jistgħu jitkejlu fiċ-ċiklu tal-istat tad-dritt;

(e) jiġi rikjest li kull kapitolu tal-pajjiż tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt jinkludi taqsima ddedikata dwar l-implimentazzjoni tas-sentenzi kemm tal-

Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) kif ukoll tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB); jiġi ssottolinjat li dawn iċ-ċifri huma sempliċi biex jiġu rrapportati u jikkostitwixxu element essenzjali tal-monitoraġġ tal-istat tad-dritt, peress li l-infurzar effettiv tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji jirrifletti r-rispett għall-awtorità ġudizzjarja u l-prinċipju fundamentali tal-konformità ma' sentenzi vinkolanti tal-qorti;

(f) jiġi rikjest li, f'kull kapitolu tar-rapport dwar il-pajjiż, ir-rakkomandazzjonijiet relatati ma' tħassib serju u sistemiku jkunu distinti b'mod ċar mill-osservazzjonijiet l-oħra, sabiex jiġu enfasizzati dawk is-sitwazzjonijiet li fihom ikun hemm riskju potenzjali ta' ksur serju u sistemiku tal-istat tad-dritt;

(g) il-Kummissjoni tiġi mistiedna tiċċara jekk l-għadd ta' rakkomandazzjonijiet indirizzati lil Stat Membru jirriflettix il-gravità jew is-serjetà tas-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'dak il-pajjiż; jiġi nnotat bi tħassib li din is-sena żewġ Stati Membri biss irċevew rakkomandazzjoni addizzjonali meta mqabbla maċ-ċiklu ta' rapportar preċedenti, minkejja l-fatt li s-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt iddeterjorat b'mod oġġettiv f'diversi Stati Membri oħra;

(h) jitqies li r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport, attwalment ifformulati f'termini usa', għandhom sussegwentement jinqalbu fi stadji importanti preċiżi, marbuta biż-żmien u li jistgħu jitkejlu f'oqfsa ta' sħubija nazzjonali u reġjonali futuri; jiġi enfasizzat li r-rakkomandazzjonijiet identifikati bħala serji u sistemiċi għandhom jiġu ttrattati bħala superstadji importanti, li jfisser li l-ebda fond ma għandu jiġi żborżat sakemm tinkiseb konformità sħiħa ma' dawn il-kundizzjonijiet; jiġi nnotat ukoll li, għar-rakkomandazzjonijiet li fadal, il-livell ta' progress li sar għandu jiddetermina l-

konsegwenzi applikati għall-finanzjament, f'konformità ma' approċċ ta' kundizzjonalità gradwata; jiġi ssottolinjat li r-rakkomandazzjonijiet b'impatt fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu wkoll jiġu identifikati b'mod ċar, integrati fil-proċess tas-Semestru Ewropew, u mmonitorjati kif xieraq skont ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt; jiġi enfasizzat li, peress li s-Semestru Ewropew u r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt se jiġu ppubblikati simultanjament, dawn iridu jitfasslu biex jikkomplementaw lil xulxin; tintalab koordinazzjoni msaħħa bejn il-proċessi rispettivi biex jiġu żgurati l-konsistenza, it-tishiħ reċiproku u l-koerenza politika, u tiġi ssottolinjata l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet responsabbli jaħdmu b'mod konġunt meta jħejju l-analiżijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom;

(i) jitqies is-suġġeriment imressaq minn Liberties biex jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet jiġu fformulati skont il-prinċipji "SMART" — li jinkludu formulazzjoni ċara u preċiża, azzjoni mistennija definita, identifikazzjoni tal-awtorità responsabbli, punti ta' riferiment li jistgħu jitkejlu u limitu ta' żmien konkret għall-implimentazzjoni — bħala proposta importanti u ta' valur; jiġi enfasizzat li l-adozzjoni ta' tali approċċ ittejjeb iċ-ċarezza, il-komparabbiltà u l-infurzabbiltà tar-rakkomandazzjonijiet u ssaħħaħ l-effettività ġenerali taċ-ċiklu ta' monitoraġġ tal-istat tad-dritt;

(j) jitqies li għandha ssir aktar riflessjoni dwar l-introduzzjoni ta' subpilastri fil-qafas tal-valutazzjoni tal-istat tad-dritt, sabiex jinqabdu dimensjonijiet addizzjonali bħall-monitoraġġ tar-reati ta' mibegħda u s-salvagwardja tal-integrità tal-proċessi elettorali, u b'hekk tiġi żgurata evalwazzjoni aktar komprensiva u li tħares 'il quddiem;

(k) il-Kummissjoni tiġi mistiedna mhux biss tivvaluta l-grad ta' implimentazzjoni

tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti iżda wkoll, meta meħtieġ, toħroġ rakkomandazzjonijiet ġodda; jiġi enfasizzat li l-evalwazzjoni ma għandhiex tkun limitata għall-kejl tal-progress biss fir-rigward tas-sena ta' rapportar preċedenti, iżda minflok għandha tirrifletti l-evoluzzjoni ġenerali mill-pubblikazzjoni tar-rakkomandazzjoni inizjali sabiex tipprovdi linja bażi ċara għall-implimentazzjoni; jiġi ssottolinjat li l-formulazzjoni attwali użata fir-rapport ma tippermettix fehim preċiż ta' jekk inkisibx progress konkret, peress li d-definizzjoni ta' "progress" u l-kriterji biex rakkomandazzjoni titqies bħala parzjalment jew kompletament implimentata jibqgħu mhux ċari biżżejjed; għalhekk, il-Kummissjoni titħeġġeġ biex tadotta lingwaġġ aktar preċiż, li jista' jitkejjel u marbut biż-żmien meta tivvaluta l-implimentazzjoni;

(l) il-Kummissjoni tiġi mistiedna tiċċara l-metodoloġija tagħha li tirregola l-formulazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, inklużi l-kriterji użati biex jiġi ddeterminat jekk inħarġitx rakkomandazzjoni, u tispeċifika l-indikaturi u l-punti ta' riferiment applikati meta tivvaluta jekk rakkomandazzjoni ġietx implimentata bis-shiħ, parzjalment jew le;

Or. en

Emenda 761
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek, Michał Wawrykiewicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45a. Fażi 2: Riżoluzzjoni tal-Parlament

Ewropew

Jisħaq li, f'dan l-istadju, il-Parlament Ewropew kull sena joħroġ rapport fuq inizjattiva proprja b'reazzjoni għar-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt; jesprimi dispjaċir għall-fatt li, minħabba ż-żmien attwali u d-data tal-għeluq tal-ħruġ tar-rapport il-ġdid tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni tal-Parlament sa issa ma setgħetx tikkontribwixxi b'mod sinifikattiv għall-proċess; jafferma li l-Parlament jeħtieġlu jkun jista' jeżerċita bis-sħiħ ir-rwol tiegħu billi jiżgura li l-fehmiet tiegħu jitqiesu kif xieraq fiċ-ċiklu tal-istat tad-dritt; jitlob li dan ir-rapport annwali jipprovdi valur miżjud tanġibbli fil-qafas taċ-ċiklu u, għal dan l-għan, jipproponi li:

(a) jinħareġ f'mument aktar xieraq sabiex tiġi pprevenuta d-duplikazzjoni mal-pubblikazzjoni tar-rapport annwali li jmiss mill-Kummissjoni, u b'hekk tissaħħaħ il-kapaċità tal-Parlament li jirreaġixxi fil-ħin u jiġi żgurat li l-kontribut tiegħu jkun jista' jitqies kif xieraq; jipproponi, f'dan ir-rigward, li fil-futur ir-riżoluzzjoni tiġi adottata sa mhux aktar tard minn Marzu, u jisħaq li l-adozzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni f'perjodu ta' żmien aktar xieraq turi li aġġustament bħal dan huwa kemm realistiku kif ukoll jista' jinkiseb bis-sħiħ;

(b) jagħmel użu aktar sħiħ mill-istrutturi eżistenti, b'mod partikolari l-Grupp ta' Monitoraġġ tad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali (DRFMG), biex jorganizza seduti ta' smigħ u missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni bbażati fuq il-kwistjonijiet identifikati mill-Kummissjoni, li mbagħad jistgħu jikkontribwixxu għal proċess ta' konsultazzjoni strutturat u jinfurmaw l-abbozzar tar-rapport sussegwenti tagħha; jissottolinja li d-DRFMG għandu jiġi rikonoxxut b'mod espliċitu u inkluż fost il-partijiet ikkonċernati kkonsultati mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċess

ta' kontribut tal-partijiet ikkonċernati, u b'hekk tiġi żgurata l-kontinwità istituzzjonali u l-Grupp ta' Monitoraġġ ikun jista' jikkontribwixxi formalment għat-tħejjija ta' kull valutazzjoni tal-pajjiż li għaliha jkun wettaq ħidma ddedikata;

(c) jiġbor flimkien is-sejbiet l-aktar rilevanti li jirriżultaw mir-rapport tal-Kummissjoni, l-attivitajiet ta' monitoraġġ tad-DRFMG, id-djalogi annwali tal-Kunsill u l-kontributi mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jenfasizza kwalunkwe aspett li seta' ma ġiex indirizzat biżżejjed jew li tħalla barra fir-rapport preċedenti tal-Kummissjoni u jipprovdi sommarju konċiż tal-iżviluppi l-aktar sinifikanti li seħħew mill-pubblikazzjoni tal-aħħar rapport inkluża indikazzjoni ċara tat-trajettorja, b'mod partikolari għal dawk il-pajjiżi fejn ġiet osservata evoluzzjoni negattiva jew rigress, sabiex dawn l-elementi jkunu jistgħu jitqiesu kif xieraq fil-valutazzjoni sussegwenti;

(d) jenfasizza l-aħjar prattiki identifikati matul il-Laqgħa annwali tal-Kumitat Interparlamentari dwar l-Istat tad-Dritt mal-parlamenti nazzjonali, bil-ħsieb li jappoġġja lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi;

(e) jivvaluta l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet annwali preċedenti tal-Kummissjoni, filwaqt li jipprovdi perspettiva pluriennali u jidentifika jekk jistgħux jiġu osservati żviluppi pożittivi jew negattivi meta mqabbla ma' osservazzjonijiet preċedenti sabiex jiġu pprovduti xejriet;

(f) jifformula rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar każijiet li fihom tqis li parti mill-pagamenti jew il-pagamenti kollha ta' Stat Membru għandhom jiġu sospiżi f'sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri tal-UE, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-prinċipji tal-istat tad-dritt, u jesplora l-użu

possibbli ta' għodod ta' infurzar addizzjonali meta xieraq;

(g) jinkludi analiżi fil-fond tal-pajjiżi kollha li għalihom tkun ġiet attivata proċedura tal-Artikolu 7, li għalihom ikun fis-seħħ strument ta' kundizzjonalità finanzjarja, jew li għalihom ikun ġie identifikat theddid serju u sistemiku dwar l-istat tad-dritt fir-rapportar tal-Kummissjoni; jishaq li tali valutazzjoni bir-reqqa għandha titwettaq mid-DRFMG, appoġġjat jew minn grupp ta' esperti rikonoxxuti tal-istat tad-dritt li jipprovdu perspettiva esterna indipendenti, jew mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS), li l-għarfien espert indipendenti tiegħu jkompli jsaħħaħ il-bażi analitika tal-ħidma tal-Parlament u jikkontribwixxi kontribut siewi għall-isforzi ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni;

(h) jidentifika l-oqsma kollha tad-dritt tal-UE u d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi speċifiċi li għalihom ma tnediet l-ebda proċedura ta' ksur minkejja l-eżistenza ta' theddid serju dwar l-istat tad-dritt, u jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi spjegazzjoni ċara għal tali lakuni fl-infurzar; jissottolinja li l-iżgurar ta' skattar f'waqtu u konsistenti tal-proċeduri ta' ksur huwa essenzjali biex tiġi rispettata l-primazija tad-dritt tal-Unjoni u jiġi ggarantit it-trattament ugwali tal-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 762
Sophie Wilmès, Moritz Körner, Hilde Vautmans, Malik Azmani, Irena Joveva, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Nikola Minchev, Krzysztof Śmiszek, Michał Wawrykiewicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 45k (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	45k. Fażi 3: Segwitu tal-Kummissjoni
	Jenfasizza li din il-fażi tikkostitwixxi l-"mument rendez-vous" għall-Kummissjoni biex tirrieżamina r-rakkomandazzjonijiet preċedenti, tivvaluta l-livell ta' implimentazzjoni tagħhom u tqis kif xieraq ir-rapport tal-Parlament Ewropew; jisħaq li dak li bħalissa huwa nieqes huwa punt ċar ta' responsabbiltà politika fiċ-ċiklu; ifakkar li filwaqt li l-Kummissjoni tista' u jeħtiġilha taġixxi fi kwalunkwe mument f'każijiet ta' ksur tal-valuri tal-Unjoni, għandu jkun hemm mill-anqas okkażjoni annwali waħda biex jitqiesu l-konsegwenzi tas-sejbiet fir-rapport u jiġi evalwat kif intużaw l-istrumenti disponibbli; jenfasizza li l-kredibbiltà tal-Unjoni tiddependi mhux biss mill-pussess ta' sett ta' għodod robust biex jiġi ssalvagwardjat l-istat tad-dritt, iżda wkoll fuq l-iżgurar tal-applikazzjoni konsistenti u f'waqtha tiegħu; jitlob li, minbarra l-preżentazzjoni tar-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt fil-plenarja ta' Ġunju, il-Kummissjoni tipprovdi wkoll f'mument separat segwitu strutturat dwar kif ir-riżoluzzjoni u r-rakkomandazzjonijiet preċedenti tal-Parlament Ewropew ġew ikkunsidrati, filwaqt li tindika, meta xieraq, liema elementi ġew ikkunsidrati jew le, bir-raġunijiet u tispjega għaliex iddeċidiet li tattiva - jew li ma tattivax - strument finanzjarju jew strument ieħor; jappella wkoll għal skambju ddedikat mal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) tal-Parlament Ewropew dwar dan is-segwitu, bil-ħsieb li jissaħħu r-responsabbiltà politika, id-djalogu interistituzzjonali u l-koerenza u l-kredibbiltà ġenerali taċ-ċiklu tal-Istat tad-Dritt;
	ifakkar li kull strument disponibbli għandu l-ispeċifiċitajiet tiegħu stess u li l-Kummissjoni jeħtiġilha żżomm biżżejjed flessibbiltà biex tiddetermina liema

	għodda hija l-aktar xierqa fi kwalunkwe sitwazzjoni partikolari; jissottolinja madankollu li tali użu jrid ikun koerenti u kkoordinat, u jisħaq li l-Kummissjoni ma għandhiex tieħu approċċ minimalista iżda pjuttost tagħmel użu sħiħ mill-istrumenti għad-dispożizzjoni tagħha; jenfasizza f'dan ir-rigward li l-Artikolu 7 tat-TUE spiss jiġi deskritt b'mod żbaljat bħala "għażla nukleari", filwaqt li jinnota li fil-fatt jipprevedi mekkaniżmi preventivi u passi intermedji, u li tali tqabbil huwa qarrieqi, peress li l-għan tal-mekkaniżmu mhuwiex li "jeqred", iżda li jipproteġi u jippreżerva l-valuri fundamentali tal-Unjoni;
	Or. en

Emenda 763
Diana Riba i Giner

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 46

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill ***u*** lill-Kummissjoni.	46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill***,*** lill-Kummissjoni***, lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-OSKE, lin-Nazzjonijiet Uniti u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membris***.
	Or. en